LEĠISLAZZJONI SUSSIDJARJA 601.03

REGOLAMENTI DWAR L-AKKWIST PUBBLIKU

28 ta' Ottubru, 2016

L-AVVIŻ LEGALI 352 tal-2016, kif emendat bl-Avviż Legali 155 tal-2017, 233 tal-2017, 26 tal-2018, 176 tal-2018 u 263 tal-2018 u 195 u 301 tal-2019 u 196, 413 u 446 tal-2020, 56 tal-2021 u 26 u 360 tal-2022 u 212 u 227 tal-2023 u 112 tal-2024; bl-Att XXVIII tal-2018, XXI tal-2020 u X tal-2023 u XVII tal-2024 u bl-Avviżi Legali 361 tal-2024, 47 u 110 tal-2025.

ARRANĠAMENT TAR-REGOLAMENTI

		Regolamenti
Taqsima I	Dispożizzjonijiet Ġenerali	
	Interpretazzjoni u Skop	2 - 3
	Applikabbiltà	4 - 9
	Il-Kariga tad-Direttur tal-Kuntratti	10 - 15
	L-Awtorità Kontraenti	16 - 20
	Attivitajiet ta' Akkwist Ċentralizzat u Akkwist Konġunt	21 - 25
	Akkwist Imħallat	26 - 27
	Il-Valur tal-Kuntratt	28 - 32
	Kuntratti f'Lottijiet	33 - 37
	Prinċipji li jirreferu għall-Proċess tal-Akkwist	38 -40
	Pubblikazzjoni	41 - 46
	Konsultazzjonijiet Preliminari mas-Suq	47
	Komunikazzjoni	48 - 51
	Limitu ta' Żmien u Speċifikazzjonijiet Tekniċi	52 - 55
	L-Offerent	56 - 60
	L-Offerta Magħżula	61 - 63
Taqsima II	Bordijiet, Kumitati u Tribunali	
	Kumitat Ġenerali tal-Kuntratti	64 - 72
	Kumitat Dipartimentali tal-Kuntratti	73 - 75
	Kumitati *ad hoc* u l-Kumitat Speċjali tal-Kuntratti	76 - 78
	L-Uffiċċju tad-Direttur tal-Akkwist Settorjali	79
	Bord ta' Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi	80 - 94
	Tribunal għas-Sanzjonijiet Kummerċjali	95 - 99
Taqsima III	Regoli li japplikaw għal Offerti Dipartimentali	
	Metodi ta' Akkwist skont il-Valur tal-Kuntratt	100 - 104
	Funzjonijiet tal-Awtoritajiet Kontraenti	105 - 113
Taqsima IV	Tipi ta' Proċeduri ta' Akkwist	
	Metodi Varji ta' Akkwist	114
	Proċedura Miftuħa	115 - 117
	Proċedura Ristretta	118 - 122
	Proċedura Kompetittiva b'Negozjar	119 - 127
	Sħubija għall-Innovazzjoni	128 - 139
	Djalogu Kompetittiv	140 - 149
	Proċedura Negozjata	150 - 156
	Kompetizzjonijiet ta' Disinn	157 - 160

	Kuntratti Riżervati u Kuntratti għal Servizzi Soċjali u Servizzi Speċifiċi Oħrajn	161 - 165
	Akkwist minn Entitajiet	166
Taqsima V	Aggregazzjoni ta' Akkwist	
	Ftehim Qafas	167 - 173
	Sistemi Dinamiċi ta' Xiri	174 - 180
	Irkanti Elettroniċi	181 - 190
Taqsima VI	Esklużjoni u *Black Listing* ta' Operaturi Ekonomiċi	
	Projbizzjoni Ġenerali	191
	Esklużjoni ta' Operaturi Ekonomiċi	192 - 198
	Black Listing mid-Direttur	199 - 206
	Black Listing mid-Direttur għall-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali	207 - 215
	Reati	216
Taqsima VII	Għażla ta' Parteċipanti u Għoti ta' Kuntratti	
	Kriterji ta' Selezzjoni	217 - 236
	Tnaqqis ta' Numru ta' Kandidati, Offerenti u Soluzzjoni	237 - 238
	Għoti ta' Kuntratt	239 - 242
	Offerti Baxxi b'mod Mhux Normali u Soluzzjonijiet Varjanti	243 - 244
Taqsima VIII	Twettiq tal-Kuntratti	
	Twettiq tal-Kuntratti u Modifiki	245 - 260
	Terminazzjoni ta' Kuntratti	261
Taqsima IX	Rimedji	
	Rimedji qabel id-Data tal-Għeluq ta' Sejħa għal Kompetizzjoni	262 - 269
	Appelli minn Deċiżjonijiet li jkunu ttieħdu wara d-Data tal-Għeluq għas-Sottomissjoni ta' Offerta	270 - 276
	Ineffettività ta' Kuntratt	277 - 282
	Appelli minn Terminazzjoni ta' Kuntratt	283
	Qorti tal-Appell	284 - 290

SKEDI

Skeda 1	Lista ta' Awtoritajiet Kontraenti
Skeda 2	Awtoritajiet Kontraenti li jaqgħu taħt il-Kompetenza tad-Dipartiment tal-Kuntratti
Skeda 3	Lista ta' Awtoritajiet Kontraenti li jamministraw l-akkwist pubbbliku tagħhom skont id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-Regolamenti
Skeda 4	Lista ta' Korpi ta' Xiri Ċentrali
Skeda 5	Valuri ta' limiti
Skeda 6	Awtoritajiet tal-Gvern Ċentrali
Skeda 7	Lista ta' Prodotti
Skeda 8	Rekwiżiti relatati mal-Għodod u l-Istrumenti għar-Riċevuta Elettronika ta' Offerti, Talbiet għal Parteċipazzjoni kif ukoll Pjanijiet u Proġetti f'Kompetizzjonijiet tad-Disinn
Skeda 9	Informazzjoni li għandha tiġi inkluża fl-Avviżi
Skeda 10	Informazzjoni li għandha tiġi inkluża fid-Dokumenti tal-Akkwist li għandhom x'jaqsmu ma' Irkanti Elettroniċi
Skeda 11	Karatteristiċi li jikkonċernaw il-Pubblikazzjoni

Skeda 12	Kontenuti tal-Istediniet għas-sottomissjoni ta' Offerta, għal Parteċipazzjoni fid-Djalogu jew għal Konferma tal-Interess
Skeda 13	Lista ta' Konvenzjonijiet Internazzjonali Soċjali u Ambjentali
Skeda 14	Servizzi
Skeda 15	Lista ta' Attivitajiet
Skeda 16	Lista ta' Awtoritajiet Kontraenti li jamministraw l-akkwist pubbliku tagħhom skont id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti

Titolu u skop.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku.

(2) Dawn ir-regolamenti jimplimentaw id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar, 2016, dwar l-akkwist pubbliku u li tħassar id-Direttiva 2004/18/KE.

Taqsima I
Dispożizzjonijet Ġenerali

Interpretazzjoni u Skop

Interpretazzjoni.
Emendat: A.L. 195 tal-2019; A.L. 56 tal-2021.

2. Għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti:

"akkwist" tfisser akkwist permezz ta' kuntratt pubbliku ta' xogħlijiet, provvisti jew servizzi minn awtorità kontraenti waħda jew aktar minn operaturi ekonomiċi, magħżula minn dawk l-awtoritajiet kontraenti, kemm jekk il-provvisti, xogħlijiet jew servizzi huma maħsuba għal għan pubbliku sew jekk le;

"attivitajiet ta' akkwist anċillari" tfisser attivitajiet li jikkonsistu fl-għoti ta' appoġġ għal attivitajiet ta' akkwist, b'mod partikolari fil-forom li ġejjin:

(*a*) infrastruttura teknika li tippermetti lill-awtoritajiet kontraenti jagħtu kuntratti pubbliċi jew jikkonkludu ftehim qafas għal xogħlijiet, provvisti jew servizzi;

(*b*) pariri dwar it-tmexxija jew it-tfassil tal-proċeduri ta' akkwist pubbliku;

(*ċ*) tħejjija u ġestjoni ta' proċeduri ta' akkwist f'isem u akkont tal-awtorità kontraenti kkonċernata;

"attivitajiet ta' akkwist ċentralizzat" tfisser attivitajiet imwettqa fuq bażi permanenti, f'waħda mill-forom li ġejjin:

(*a*) l-akkwist ta' provvisti u, jew servizzi maħsuba għal awtoritajiet kontraenti;

(*b*) l-għoti ta' kuntratti pubbliċi jew il-konklużjoni ta' ftehim qafas għal xogħlijiet, provvisti jew servizzi maħsuba għal awtoritajiet kontraenti;

"avviż" tfisser avviż ippubblikat fil-Gazzetta;

"avviż dwar l-għoti ta' kuntratt" tfisser avviż li għandu jiġi ppubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea;

"avviż ta' kuntratt" tfisser avviż li għandu jiġi ppubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea;

"avviżi informattivi minn qabel" tfisser avviż ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali skont dak li hemm speċifikat fit-Taqsima I;

"awtoritajiet kontraenti" tfisser l-awtoritajiet Statali, reġjonali jew lokali, korpi regolati mil-liġi pubblika, jew assoċjazzjonijiet maħluqa minn dawn l-awtoritajiet jew korpi regolati mil-liġi pubblika;

"awtoritajiet reġjonali" tinkludi awtoritajiet elenkati b'mod mhux eżawrjenti fil-Nomenclature of Territorial Units for Statistics

(NUTS) 1 u 2, kif imsemmi fir-Regolament (KE) Nru 1059/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, waqt li "awtoritajiet lokali" tinkludi l-awtoritajiet kollha tal-unitajiet amministrattivi li jaqgħu taħt NUTS 3 u unitajiet amministrattivi iżgħar, kif imsemmi fir-Regolament (KE) Nru 1059/2003;

"awtoritajiet tal-gvern ċentrali" tfisser l-awtoritajiet kontraenti elenkati fl-Iskeda 6 u, f'dak li jirrigwarda l-korrezzjonijiet jew l-emendi li saru fil-livell nazzjonali, l-entitajiet suċċessuri tagħhom;

"Bord ta' Reviżjoni" tfisser il-Bord ta' Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi;

"ċiklu tal-ħajja" tfisser l-istadji konsekuttivi u, jew marbutin bejniethom kollha, inklużi r-riċerka u l-iżvilupp li għad iridu jsiru, il-produzzjoni, il-kummerċ u l-kondizzjonijiet tiegħu, it-trasport, l-użu u l-manutenzjoni, matul l-eżistenza kollha tal-prodott jew tax-xogħlijiet jew tal-forniment tas-servizz, mix-xiri ta' materja prima jew il-ġenerazzjoni ta' riżorsi sar-rimi, l-approvazzjoni u sa tmiem is-servizz jew l-użu;

"CPV" tfisser il-Vokabolarju Komuni dwar l-Akkwisti Pubbliċi kif adottat bir-Regolament (KE) Nru. 2195/2002 kif emendat minn żmien għal żmien;

"Direttorat għall-Akkwist Settorjali" tfisser direttorat responsabbli għall-amministrazzjoni, evalwazzjoni u rakkomandazzjoni, f'isem l-awtoritajiet kontraenti imniżżla taħt l-Iskeda 16, tas-sejħiet għall-offerti pubblikati taħt proċedura miftuħa jew ristretta fejn l-stima tas-sejħa li taqbeż l-għaxart elef euro (€10,000) iżda ma taqbiżx is-seba' mija u ħamsin elf euro (€750,000);

"Direttur" tfisser id-Direttur tal-Kuntratti li jmexxi d-Dipartiment tal-Kuntratti;

"Direttur għall-Akkwist Settorjali" tfisser il-persuna responsabbli għall-amministrazzjoni u l-immaniġġjar tad-Direttorat għall-Akkwist Settorjali;

"Direttur għall-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali" għandu jkollha l-istess tifsira mogħtija lilha fl-Att dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali. Kap. 452.

"dokument ta' akkwist" tfisser kwalunkwe dokument maħluq jew li ssir referenza għalih mill-awtorità kontraenti sabiex tiddeskrivi jew tiddetermina elementi tal-akkwist jew tal-proċedura, inkluż l-avviż dwar kuntratt, l-avviż informattiv minn qabel fejn dan jintuża bħala mezz ta' sejħa għall-kompetizzjoni, l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi, id-dokument deskrittiv, il-kondizzjonijiet proposti tal-kuntratt, il-formati għall-preżentazzjoni tad-dokumenti minn kandidati u offerenti, l-informazzjoni dwar obbligi applikabbli b'mod ġenerali u kull dokument addizzjonali, inklużi kjarifiki;

"fornitur ta' servizzi ta' akkwist" tfisser korp pubbliku jew privat li joffri attivitajiet anċillari ta' xiri fis-suq;

"ftehim qafas" tfisser ftehim bejn xi waħda jew aktar mill-awtoritajiet kontraenti u xi wieħed jew aktar mill-operaturi ekonomiċi, li jkollu l-għan li jistabbilixxi l-pattijiet li jirregolaw kuntratti li għandhom jingħataw matul xi żmien partikolari, b'mod

partikolari dwar il-prezzijiet u, meta jkun adatt, il-kwantità prevista;

"ineffettività" tfisser kuntratti mogħtija illegalment jew meta l-proċedura tal-akkwist ma' ġietx osservata b'mod korrett;

"innovazzjoni" tfisser l-implimentazzjoni ta' prodott, servizz jew proċess ġdid jew prodott, servizz jew proċess imtejjeb b'mod sinifikattiv, inklużi iżda mhux limitati għal proċessi ta' produzzjoni, bini jew kostruzzjoni, metodu ġdid ta' kummerċjalizzazzjoni, jew metodu ġdid ta' organizzazzjoni fi prattiċi tan-negozju, l-organizzazzjoni tal-post tax-xogħol jew relazzjonijiet esterni, fost oħrajn sabiex jgħinu biex jiġu solvuti l-isfidi tas-soċjetà jew sabiex jappoġġjaw l-istrateġija ta' Ewropa 2020 għal tkabbir inteliġenti, sostenibbli u inklussiv;

"kandidat" tfisser operatur ekonomiku li fittex stedina biex jipparteċipa jew ġie mistieden jipparteċipa fi proċedura ristretta, fi proċedura kompetittiva b'negozjar, fi proċedura negozjata mingħajr pubblikazzjoni minn qabel, fi djalogu kompetittiv jew fi sħubija għall-innovazzjoni;

"kandidat konċernat" tfisser kandidat li għadu ma rċeviex informazzjoni minn awtorità kontraenti dwar ir-rifjut għall-applikazzjoni tiegħu qabel in-notifika tad-deċiżjoni tal-għoti tal-kuntratt lill-offerent involut;

"kompetizzjonijiet ta' disinn" tfisser dawk il-proċeduri li jippermettu lill-awtorità kontraenti biex takkwista, prinċipalment fl-oqsma tal-ippjanar tal-ibliet u l-kampanja, l-arkitettura u l-inġinerija jew l-ipproċessar ta' *data*, pjan jew disinn magħżul minn ġurija wara li jkun ġie sottomess għall-kompetizzjoni bl-għoti ta' premji jew mingħajr;

"korp għall-evalwazzjoni tal-konformità" għandu jkun korp li jwettaq attivitajiet ta' evalwazzjoni tal-konformità inklużi l-kalibrazzjoni, l-ittestjar, iċ-ċertifikazzjoni u l-ispezzjon akkreditati skont ir-Regoloament (KE) Nru. 765/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 li tistabbilixxi l-ħtiġiet għall-akkreditazzjoni u sorveljanza fuq is-suq fir-rigward tat-tqegħid fis-suq ta' prodotti;

"korp ta' xiri ċentrali" tfisser awtorità kontraenti li tipprovdi attivitajiet ta' akkwist ċentralizzat u, possibbilment, attivitajiet ta' akkwist anċillari;

"korpi regolati bid-dritt pubbliku" tfisser korpi li jkollhom il-karatteristiċi li ġejjin:

(*a*) huma stabbiliti għall-għan speċifiku li jilħqu l-esiġenzi li jinqalgħu fl-interess ġenerali, mingħajr ma jkollhom ebda xeħta industrijali jew kummerċjali;

(*b*) ikollhom personalità ġuridika; u

(*ċ*) huma finanzjati, mill-biċċa l-kbira, mill-Istat, jew awtoritajiet reġjonali jew lokali, jew korpi oħra regolati bid-dritt pubbliku; jew huma soġġetti għas-superviżjoni maniġerjali minn dawk l-awtoritajiet jew korpi; jew ikollhom bord amministrattiv, maniġerjali

jew superviżorju, li aktar minn nofs il-membri tiegħu jkunu maħtura mill-Istat, awtoritajiet reġjonali jew lokali, jew minn korpi oħra regolati bid-dritt pubbliku;

"Kumitat ta' Evalwazzjoni" tfisser bordijiet jew kumitati maħtura mill-awtoritajiet kontraenti sabiex jagħmlu evalwazzjoni tal-offerti riċevuti u biex jagħmlu rakkomandazzjonijiet dwarhom;

"Kumitati tal-Kuntratti" tfisser il-Kumitat Ġenerali tal-Kuntratti u, jew il-Kumitat Speċjali tal-Kuntratti;

"Kummissjoni" tfisser il-Kummissjoni tal-Unjoni Ewropea;

"kunflitti ta' interess" għall-inqas tfisser kull sitwazzjoni fejn persuna, inklużi membri tal-persunal tal-awtorità kontraenti jew ta' fornitur ta' servizzi li jaġixxu f'isem l-awtorità kontraenti, li huma involuti fit-tmexxija tal-proċedura ta' akkwist jew jistgħu jinfluwenzaw ir-riżultat ta' dik il-proċedura, li għandhom, direttament jew indirettament, interess finanzjarju, ekonomiku jew interess personali ieħor li jista' jitqies li jikkomprometti l-imparzjalità u l-indipendenza tagħhom fil-kuntest tal-proċedura ta' akkwist;

"kuntratti diretti" tfisser kuntratti li jingħataw mingħajr il-ħtieġa ta' sejħa minn qabel għal kompetizzjoni;

"kuntratti pubbliċi" tfisser kuntratti b'titolu oneruż konklużi bil-miktub bejn operatur ekonomiku wieħed jew aktar u awtorità kontraenti waħda jew aktar u li għandhom bħala s-suġġett tagħhom l-eżekuzzjoni tax-xogħlijiet, il-provvista ta' prodotti jew il-provvista ta' servizzi;

"kuntratti pubbliċi ta' provvisti" tfisser kuntratti pubbliċi li għandhom bħala s-suġġett tagħhom ix-xiri, il-kera jew ix-xiri binnifs, bi jew mingħajr fakultà ta' xiri, ta' prodott li jistgħu jinkludu, b'mod inċidentali, operazzjonijiet ta' tqegħid fil-post u installazzjoni;

"kuntratti pubbliċi ta' servizzi" tfisser kuntratti pubbliċi li l-għan tagħhom hu l-akkwist ta' servizzi għajr dawk li hemm referenza għalihom fit-tifsira ta' kuntratti ta' xogħlijiet pubbliċi;

"kuntratti pubbliċi ta' xogħlijiet" tfisser kuntratti pubbliċi li għandhom bħala għan wieħed minn dawn li ġejjin:

(*a*) l-eżekuzzjoni, jew kemm id-disinn kif ukoll l-eżekuzzjoni, ta' xogħlijiet relatati ma' waħda mill-attivitajiet skont it-tifsira tal-Iskeda 15;

(*b*) l-eżekuzzjoni, jew kemm id-disinn kif ukoll l-eżekuzzjoni, ta' xogħol;

(*ċ*) it-twettiq, bi kwalunkwe mezz, ta' xogħol li jikkorrispondi għar-rekwiżiti speċifikati mill-awtorità kontraenti li teżerċita influwenza deċiżiva fuq it-tip jew id-disinn tax-xogħol;

"mezzi elettroniċi" tfisser l-użu ta' tagħmir elettroniku għall-ipproċessar (inkluż kompressar diġitali) u l-ħażna ta' informazzjoni li tiġi trasmessa, mwassla u riċevuta bil-fili, bir-radju, b'mezzi ottiċi jew b'mezzi oħra elettromanjetiċi;

"miktub" jew "bil-miktub" tfisser kwalunkwe espressjoni li tikkonsisti fi kliem jew figuri li jistgħu jinqraw, jiġu riprodotti jew ikkommunikati wara, inkluż informazzjoni trasmessa u maħżuna permezz ta' mezzi elettroniċi;

"Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għall-finanzi;

"modifika" tfisser kull bidla, varjazzjoni jew emenda għall-pattijiet oriġinali ta' kuntratt inkluż iżda mhux limitat għall-introduzzjoni ta' kondizzjonijiet ġodda u għat-tneħħija jew sostituzzjoni ta' kondizzjonijiet eżistenti;

"offerent" tfisser operatur ekonomiku li jkun issottometta offerta;

"offerenti involuti" tfisser offerenti li jkunu għadhom ma ġewx eskluži definittivament. Esklużjoni tkun waħda definittiva jekk din tkun ġiet avżata lill-offerenti involuti u jew tkun ġiet ikkunsidrata bħala waħda leġittima mill-Bord ta' Reviżjoni jew din ma tkunx tista' tibqa' soġġetta għal reviżjoni quddiem il-Qorti tal-Appell;

"offerta dipartimentali" tfisser offerti maħruġin minn awtoritajiet kontraenti b'valur stmat li jaqa' taħt il-limitu stabbilit bir-regolament 9(1)(*a*);

"offerti inaċċettabbli" tfisser offerti sottomessi minn offerenti li ma għandhomx il-kwalifiki meħtieġa, u offerti li l-prezz tagħhom jeċċedi l-baġit tal-awtorità kontraenti kif determinat qabel il-ħruġ tal-proċedura ta' akkwist;

"offerti mhux konformi" tfisser offerti li mhumiex konformi mad-dokumenti dwar l-akkwist, li jiġu riċevuti tard, offerti fejn ikun hemm evidenza ta' kollużjoni jew korruzzjoni, jew li jinstabu li huma baxxi b'mod mhux normali mill-awtorità kontraenti;

"operatur ekonomiku" tfisser kull persuna fiżika jew ġuridika jew entità pubblika jew grupp ta' persuni u, jew entitajiet bħal dawn, inkluża kwalunkwe assoċjazzjoni temporanja ta' impriżi, u għandha tkopri b'mod ugwali l-kunċetti ta' kuntrattur, fornitur ta' prodotti jew fornitur ta' servizzi;

"persuna *black listed*" tfisser kwalunkwe persuna kemm jekk ġuridika kif ukoll fiżika, li magħha l-awtorità kontraenti u kull korp regolat bil-liġi pubblika huma projbiti milli jwettqu xi kuntratt pubbliku kemm jekk direttament jew bħala subkuntrattur jew bħala membru ta' konsorzju u, jew impriża konġunta;

"pjattaforma tal-akkwist elettroniku tal-gvern" tfisser pjattaforma tal-akkwist elettroniku kif stabbilita mid-Direttur;

"proċeduri negozjati" tfisser dawk il-proċeduri li bihom l-awtoritajiet kontraenti jikkonsultaw mal-operaturi ekonomiċi li jagħżlu huma stess u jinnegozjaw il-pattijiet ta' kuntratt ma' xi wieħed jew aktar minnhom;

"proċeduri ristretti" tfisser dawk il-proċeduri li operatur ekonomiku jista' jitlob li jipparteċipa fihom u li permezz tagħhom ikunu biss dawk l-operaturi ekonomiċi li jiġu mistednin mill-awtoritajiet kontraenti li jkunu jistgħu jagħmlu l-offerti tagħhom;

"referenza teknika" tfisser kull ħaġa li tista' tingħata minn korpi ta' standardizzazzjoni Ewropej, ħlief *standards* Ewropej, skont

proċeduri adattati għall-iżvilupp ta' ħtiġiet tas-suq;

"rekwiżiti tat-tikketti" tfisser ir-rekwiżiti li għandhom jintlaħqu mix-xogħlijiet, il-prodotti, is-servizzi, il-proċessi jew il-proċeduri inkwistjoni sabiex tinkiseb it-tikketta kkonċernata;

"SME" għandha l-istess tifsira bħal dik mogħtija lilha bir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE;

"speċifikazzjoni teknika" tfisser jew:

(*a*) fil-każ ta' kuntratti pubbliċi ta' xogħlijiet, it-totalità ta' preskrizzjonijiet tekniċi b'mod partikolari fid-dokumenti tal-akkwist, li jiddefinixxu l-karatteristiċi meħtieġa ta' materjal, prodott jew provvista, sabiex dawk jipprovdu l-użu li huma maħsuba għalih mill-awtorità kontraenti; dawk il-karatteristiċi jinkludu livelli ta' prestazzjoni ambjentali u klimatika, disinn għar-rekwiżiti kollha (inkluża aċċessibbiltà għal persuni b'diżabbiltà) u evalwazzjoni tal-konformità, prestazzjoni, sikurezza jew dimensjonijiet, inklużi l-proċeduri li jikkonċernaw il-garanzija tal-kwalità, it-terminoloġija, is-simboli, l-ittestjar u l-metodi ta' ttestjar, l-imballaġġ, l-immarkar u t-tikkettar, l-istruzzjonijiet għall-utenti u l-proċessi u l-metodi ta' produzzjoni f'kull stadju taċ-ċiklu tal-ħajja tax-xogħlijiet; barra minn hekk, dawk il-karatteristiċi jinkludu regoli relatati mad-disinn u l-ispejjeż, it-test, il-kondizzjonijiet ta' spezzjoni u aċċettabbiltà għax-xogħlijiet u l-metodi jew tekniċi ta' kostruzzjoni u l-kondizzjonijiet tekniċi kollha l-oħrajn li l-awtorità kontraenti qiegħda f'pożizzjoni li tippreskrivi, skont regolamenti ġenerali jew speċifiċi, fir-rigward tax-xogħlijiet kompluti u fir-rigward tal-materjali jew komponenti li dawn jinvolvu; jew

(*b*) fil-każ ta' provvista pubblika jew kuntratti ta' servizzi, speċifikazzjoni f'dokument li jiddefinixxi l-karatteristiċi meħtieġa ta' prodott jew servizz, bħal-livelli ta' kwalità, il-livelli ta' prestazzjoni ambjentali u klimatika, id-disinn għar-rekwiżiti kollha (inkluża l-aċċessibilità għal persuni b'diżabbiltà) u evalwazzjoni tal-konformtià, il-prestazzjoni, l-użu tal-prodott, is-sikurezza jew id-dimensjonijiet, inklużi rekwiżiti rilevanti għall-prodott fir-rigward tal-isem li taħtu jinbiegħ il-prodott, it-terminoloġija, is-simboli, l-ittestjar u l-metodi ta' ttestjar, l-imballaġġ, l-immarkar u t-tikkettar, l-istruzzjonijiet għall-utenti, il-proċessi u l-metodi ta' produzzjoni f'kull satdju taċ-ċiklu tal-ħajja tal-provvista jew servizz u l-proċeduri ta' evalwazzjoni tal-konformità;

"speċifikazzjoni teknika komuni" tfisser speċifikazzjoni teknika fil-qasam tal-ICT stabbilita skont l-Artikoli 13 u 14 tar-Regolament (UE) 1025/2012;

"Stat Membru" tfisser stat membru tal-Unjoni Ewropea;

"*standard*" tfisser speċifikazzjoni teknika, adottata minn korp ta' standardizzazzjoni rikonoxxut, għal applikazzjoni ripetuta jew

kontinwa, li l-osservanza tiegħu mhijiex obbligatorja, u li jkun wieħed minn dawn li ġejjin:

(*a*) "*standard* internazzjonali" tfisser *standard* adottat minn korp ta' standardizzazzjoni rikonoxxut u magħmul disponibbli għall-pubbliku b'mod ġenerali;

(*b*) "*standard* Ewropew" tfisser *standard* adottat minn organizzazzjoni ta' standardizzazzjoni Ewropea u magħmul disponibbli għall-pubbliku b'mod ġenerali;

(*ċ*) "*standard* nazzjonali" tfisser *standard* adottat minn organizzazzjoni ta' standardizzazzjoni nazzjonali u magħmul disponibbli għall-pubbliku b'mod ġenerali;

"TFUE" tfisser it-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;

"tikketta" tfisser kwalunkwe dokument, ċertifikat jew attestazzjoni uffiċjali li tikkonferma li x-xogħlijiet, il-prodotti, is-servizzi, il-proċessi jew il-proċeduri inkwistjoni jilħqu ċerti rekwiżiti;

"Valutazzjoni Teknika Ewropea" tfisser il-valutazzjoni dokumentata tal-prestazzjoni ta' prodott tal-kostruzzjoni, fir-rigward tal-karatteristiċi essenzjali tiegħu, skont id-Dokument ta' Valutazzjoni Ewropew, kif imfisser fil-punt 12 tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) Nru 305/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;

Kap. 406. "VAT" tfisser taxxa fuq il-valur miżjud skont l-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud;

"xogħol" tfisser l-eżitu ta' xogħlijiet ta' kostruzzjoni jew inġinerija ċivili meħudin bħala ħaġa waħda li hija suffiċjenti fiha nnifisha biex taqdi funzjoni ekonomika jew teknika.

Skop. **3.** L-iskop ta' dawn ir-regolamenti hu li jirregola l-akkwisti kollha li jsiru mill-Gvern ta' Malta.

Applikabilità

Applikabilità. **4.** (1) Dawn ir-regolamenti għandhom jirregolaw il-proċeduri kollha dwar akkwist li jinbdew wara li jidħlu fis-seħħ dawn ir-regolamenti.

(2) L-applikazzjoni ta' dawn ir-regolamenti hi suġġetta għall-Artikolu 346 tat-TFEU.

Dispożizzjonijiet transitorji. **5.** Kull proċedura dwar akkwisti li kienet ġiet maħruġa qabel il-bidu fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti għandha tkompli tkun irregolata bil-liġijiet li kienu fis-seħħ qabel il-bidu fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti, inkluża kull reviżjoni ta' xi deċiżjoni dwarhom.

Kuntratti sussidjati. **6.** (1) Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw ukoll għal kuntratti ta' xogħlijiet u servizzi li huma sussidjati direttament mill-awtoritajiet kontraenti b'aktar minn 50%, fejn dawn il-kuntratti jkunu jinvolvu waħda mill-attivitajiet li ġejjin:

(*a*) attivitajiet ta' inġinerija ċivili kif elenkati fl-Iskeda 15;

(*b*) xogħol ta' bini għal sptarijiet, faċilitajiet maħsuba għall-isport, rikreazzjoni u divertiment, bini ta' skejjel u universitajiet u bini użat għal skopijiet amministrattivi.

(2) L-awtoritajiet kontraenti li jipprovdu sussidji msemmija fis-subregolament (1) għandhom jiżguraw l-osservanza ta' dawn ir-regolamenti meta ma jkunux huma stess li jagħtu l-kuntratt sussidjat jew fejn huma jagħtu dak il-kuntratt f'isem u għan-nom ta' entitajiet oħra.

Regolamenti mhumiex applikabbli. *Emendat: A.L. 155 tal-2017.* L.S. 601.05

7. (1) Dawn ir-regolamenti ma għandhomx japplikaw għal dawn li ġejjin:

(*a*) kuntratti pubbliċi u l-kompetizzjonijiet ta' disinn li, skont ir-Regolamenti dwar Akkwist Pubbliku ta' Entitajiet li joperaw fis-Setturi tas-Servizzi tal-Ilma, l-Enerġija, it-Trasport u Postali, huma mogħtija jew organizzati minn awtoritajiet kontraenti li jeżerċitaw waħda jew iżjed mill-attivitajiet imsemmija fir-regolamenti 8 sa 14 ta' dawk ir-Regolamenti u li jingħataw għat-twettiq ta' dawk l-attivitajiet;

(*b*) kuntratti pubbliċi eskluži mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolamenti dwar Akkwist Pubbliku ta' Entitajiet li joperaw fis-Setturi tas-Servizzi tal-Ilma, l-Enerġija, it-Trasport u Postali taħt ir-regolamenti 18, 23 u 34 tagħhom; L.S. 601.05

(*ċ*) kuntratti pubbliċi li jingħataw minn awtorità kontraenti li tipprovdi servizzi postali skont it-tifsira tal-paragrafu (*b*) tar-regolament 13(2) tar-Regolamenti dwar Akkwist Pubbliku ta' Entitajiet li joperaw fis-Setturi tas-Servizzi tal-Ilma, l-Enerġija, it-Trasport u Postali, għal kuntratti mogħtija għat-twettiq tal-attivitajiet li ġejjin: L.S. 601.05

(i) servizzi b'valur miżjud marbuta ma' u mogħtija għal kollox permezz ta' mezzi elettroniċi inklużi t-trasmissjoni sigura ta' dokumenti kodifikati permezz ta' mezzi elettroniċi, servizzi ta' ġestjoni tal-indirizzi u trasmissjoni ta' posta elettronika rreġistrata;

(ii) servizzi finanzjarji li huma koperti mill-kodiċi CPV 66100000-1 sa 66720000-3 u mill-punt (d) tal-Artikolu 21 tad-Direttiva 2014/25/UE u inkluż b'mod partikolari servizz ta' ordnijiet postali ta' flus u trasferimenti postali tal-kontijiet ġiro;

(iii) servizzi filateliċi; jew

(iv) servizzi loġistiki (servizzi li jikkombinaw twassil fiżiku u, jew magazzinaġġ ma' funzjonijiet oħra mhux postali);

(*d*) kuntratti pubbliċi u l-kompetizzjonijiet ta' disinn għall-iskop ewlieni li tippermetti lill-awtoritajiet kontraenti jipprovdu jew jagħmlu użu min-netwerks pubbliċi ta' komunikazzjonijiet jew biex jipprovdu

wieħed jew aktar servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi lill-pubbliku;

(*e*) kuntratti pubbliċi u l-kompetizzjonijiet ta' disinn li l-awtorità kontraenti hija obbligata li tagħti jew torganizza f'konformità mal-proċeduri ta' akkwist differenti minn dawk stipulati f'dawn ir-regolamenti stabbiliti minn kwalunkwe waħda minn dawn li ġejjin:

(i) strument legali li joħloq obbligi legali internazzjonali, bħal ftehim internazzjonali konkluż b'konformità mat-Trattati bejn Stat Membru u pajjiż terz wieħed jew aktar jew suddiviżjonijiet tiegħu jew tagħhom u li jkopri xogħlijiet, provvisti jew servizzi maħsuba għall-implimentazzjoni jew l-esplojtazzjoni konġunta ta' proġett mill-firmatarji tagħhom;

(ii) organizzazzjoni internazzjonali:

Iżda qabel ma tagħmel użu mill-esklużjoni identifikata fis-subparagrafu (i), awtorità kontraenti għandha tikkomunika l-istrumenti legali kollha hemm imsemmija lill-Kummissjoni;

(*f*) kuntratti pubbliċi jew kompetizzjonijiet ta' disinn li l-awtorità kontraenti tagħti jew torganizza skont regoli ta' akkwist pprovduti minn organizzazzjoni internazzjonali jew istituzzjoni finanzjarja internazzjonali, fejn il-kuntratti pubbliċi jew il-kompetizzjonijiet ta' disinn kkonċernati huma kompletament iffinanzjati minn dik l-organizzazzjoni jew istituzzjoni. Fil-każ ta' kuntratti pubbliċi u kompetizzjonijiet ta' disinn li huma ko-finanzjati fil-parti l-kbira minn organizzazzjoni internazzjonali jew istituzzjoni finanzjarja internazzjonali, il-partijiet għandhom jaqblu dwar il-proċeduri ta' akkwist applikabbli;

(*g*) kuntratti pubbliċi għall-akkwist jew il-kiri, permezz ta' mezzi finanzjarji, ikunu x'ikunu, ta' art, bini eżistenti, jew proprjetà immobbli oħra jew drittijiet konċernati fuqhom;

(*h*) kuntratti pubbliċi għall-akkwist, l-iżvilupp, il-produzzjoni jew il-koproduzzjoni ta' materjal għall-programm maħsuba għas-servizzi tal-midja awdjoviżiva jew servizzi tal-midja radjofoniċi, li huma mogħtija minn fornituri ta' servizzi tal-midja awdjoviżivi jew radjofoniċi, jew kuntratti għal ħin ta' xandir jew il-forniment ta' programmi li jingħataw lill-fornituri tas-servizz tal-midja awdjoviżivi jew radjofoniċi;

(*i*) servizzi ta' arbitraġġ u ta' konċiljazzjoni;

(*j*) rappreżentanza legali ta' klijent minn avukat fis-sens tat-tifsira tal-Artikolu 1 tad-Direttiva tal-Kunsill 77/249/KEE biex jiġi ffaċilitat l-eżerċizzju effettiv tal-libertà biex jiġu pprovduti servizzi minn avukati:

(i) f'arbitraġġ jew f'konċiljazzjoni li ssir fi Stat

Membru, pajjiż terz jew quddiem istanza internazzjonali ta' arbitraġġ jew konċiljazzjoni;

(ii) proċedimenti ġudizzjarji quddiem il-qrati nazzjonali, tribunali jew awtoritajiet pubbliċi ta' Stat Membru jew, pajjiż terz jew quddiem qrati, tribunali jew istituzzjonijiet internazzjonali;

(*k*) parir legali mogħti bi tħejjija għal kwalunkwe wieħed mill-proċedimenti msemmija fil-paragrafu (*j*) ta' dan is-subregolament jew meta jkun hemm indikazzjoni tanġibbli u probabbiltà għolja li l-kwistjoni li dwarha jingħata l-parir issir is-suġġett ta' tali proċedimenti, dment li l-parir jingħata minn avukat fis-sens tal-Artikolu 1 tad-Direttiva 77/249/KEE biex jiġi ffaċilitat l-eżerċizzju effettiv tal-libertà biex jiġu pprovduti servizzi minn avukati;

(*l*) servizzi ta' ċertifikazzjoni u awtentifikazzjoni ta' dokumenti li għandhom jingħataw minn nutara;

(*m*) servizzi legali mogħtija minn *trustees* jew, gwardjani maħturin jew servizzi legali oħrajn li fornituri tagħhom huma nnominati minn qorti jew tribunal fl-Istat Membru kkonċernat jew huma mfassla minn liġi biex twettaq kompiti speċifiċi taħt is-superviżjoni ta' tali tribunali u qrati;

(*n*) servizzi legali oħrajn li huma konnessi, ukoll b'mod okkażjonali, mal-eżerċizzju tal-awtorità uffiċjali;

(*o*) is-servizzi finanzjarji marbuta mal-ħruġ, il-bejgħ, ix-xiri jew it-trasferiment ta' titoli jew strumenti finanzjarji oħra skont it-tifsira tad-Direttiva 2004/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji li temenda is-servizzi tal-bank ċentrali u l-operazzjonijiet imwettqa mal-Faċilità Ewropea ta' Stabbiltà Finanzjarja u l-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà;

(*p*) self, sew jekk marbut mal-ħruġ, il-bejgħ, ix-xiri jew it-trasferiment ta' titoli jew strumenti finanzjarji oħra kif ukoll jekk le;

(*q*) kuntratti ta' impjieg;

(*r*) id-difiża ċivili, il-protezzjoni ċivili, u s-servizzi ta' prevenzjoni tal-perikli li huma pprovduti minn organizzazzjonijiet jew assoċjazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ u li huma koperti mill-kodiċi CPV 75250000-3, 75251000-0, 75251100-1, 75251110-4, 75251120-7, 75252000-7, 75222000-8, 98113100-9 u 85143000-3 ħlief is-servizzi tat-trasport tal-pazjenti bl-ambulanzi;

(*s*) servizzi pubbliċi tat-trasport tal-passiġġieri bil-ferrovija jew bil-metro;

(*t*) servizzi ta' kampanji politiċi, koperti mill-kodiċi CPV 79341400-0, 92111230-3 u 92111240-6, meta mogħtija

minn partit politiku fil-kuntest ta' kampanja elettorali;

(*u*) kuntratti pubbliċi ta' servizzi mogħtija minn awtorità kontraenti lil awtorità kontraenti oħra jew li xi assoċjazzjoni ta' awtoritajiet kontraenti fuq il-bażi ta' dritt esklussiv li huma jgawdu skont liġi, regolament amministrattiv jew dispożizzjoni amministrattiva ppubblikata li tkun kompatibbli mat-TFUE;

(*v*) kuntratti pubbliċi ta' servizzi għal servizzi ta' riċerka u żvilupp, ħlief dawk li huma koperti bil-kodiċi CPV (Vokabolarju Komuni dwar l-Akkwisti Pubbliċi) 73000000-2 sa 73120000-9, 73300000-5, 73420000-2 u 73430000-5 u li l-benefiċċji tagħhom ikunu dovuti esklussivament lill-awtorità kontraenti għall-użu tagħha fit-twettiq tan-negozju proprju, bil-kundizzjoni li s-servizz ipprovdut huwa kompletament remunerat mill-awtorità kontraenti;

(*w*) kuntratti pubbliċi li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolamenti dwar l-Għoti ta' Kuntratti Pubbliċi minn Awtoritajiet jew Entitajiet Kontraenti fl-Oqsma tad-Difiża u s-Sigurtà u dawk il-kuntratti li huma eskluži skont ir-regolamenti 9(1), 12 u 13 tar-Regolamenti dwar l-Għoti ta' Kuntratti Pubbliċi minn Awtoritajiet jew Entitajiet Kontraenti fl-Oqsma tad-Difiża u s-Sigurtà;

L.S. 601.07

(*x*) kuntratti pubbliċi u kompetizzjonijiet ta' disinn li mhumiex eżentati skont il-paragrafu (*w*) sal-punt li l-protezzjoni tal-interessi essenzjali tas-sigurtà ta' Malta ma tkunx tista' tiġi ggarantita permezz ta' miżuri inqas intrużivi, pereżempju bl-impożizjoni ta' rekwiżiti mmirati għall-protezzjoni tan-natura kunfidenzjali ta' informazzjoni li l-awtorità kontraenti tagħmel disponibbli fi proċedura ta' għoti ta' kuntratt kif previst f'dawn ir-regolamenti;

(*y*) kuntratti pubbliċi u kompetizzjonijiet ta' disinni li mhumiex eżentati taħt il-paragrafu (*w*) sa fejn l-applikazzjoni ta' dawn ir-regolamenti tobbliga lil Malta biex tagħti informazzjoni li hi tqis l-iżvelar tagħha bħala jmur kontra l-interessi essenzjali tas-sigurtà tagħha;

(*z*) l-akkwist u t-twettiq tal-kuntratt pubbliku jew kompetizzjoni ta' disinn huma ddikjarati bħala sigrieti jew huma akkumpanjati minn miżuri ta' sigurtà speċjali skont il-liġijiet, ir-regolamenti jew id-dispożizzjonijiet amministrattivi fis-seħħ f'Malta, dment li l-interessi essenzjali kkonċernati ma jistgħux jiġu ggarantiti minn miżuri inqas intrużivi, bħal dawk imsemmija fil-paragrafi (*x*) u (*y*);

(*aa*) kuntratti pubbliċi u kompetizzjonijiet ta' disinn li jinvolvu aspetti ta' difiża jew sigurtà li l-awtorità kontraenti hija obbligata li tagħti jew torganizza f'konformità mal-proċeduri ta' akkwist differenti minn dawk stipulati f'dawn ir-regolamenti stabbiliti minn kwalunkwe waħda minn dawn li ġejjin:

(i) ftehim jew arranġament internazzjonali konkluż b'konformità mat-Trattati, bejn Stat Membru u pajjiż terz wieħed jew aktar jew suddiviżjonijiet tiegħu jew tagħhom u li jkopri xogħlijiet, provvisti jew servizzi maħsuba għall-implimentazzjoni jew l-esplojtazzjoni konġunti ta' proġett mill-firmatarji tagħhom;

(ii) ftehim jew arranġament internazzjonali dwar l-istazzjonar ta' truppi u li jikkonċernaw l-impriżi ta' Stat Membru jew pajjiż terz;

(iii) organizzazzjoni internazzjonali:

Iżda l-ftehim jew l-arranġamenti kollha msemmija fis-subparagrafu (i) għandhom jiġu komunikati lill-Kummissjoni, li tista' tikkonsulta lill-Kumitat Konsultattiv dwar Akkwisti Pubbliċi;

(*bb*) kuntratti pubbliċi jew kompetizzjonijiet ta' disinn li jinvolvu aspetti ta' difiża jew sigurtà li l-awtorità kontraenti tagħti skont regoli ta' akkwist pprovduti minn organizzazzjoni internazzjonali jew istituzzjoni finanzjarja internazzjonali, fejn il-kuntratti pubbliċi jew il-kompetizzjonijiet ta' disinn kkonċernati huma kompletament ffinanzjati minn din l-organizzazzjoni jew istituzzjoni. Fil-każ ta' kuntratti pubbliċi u kompetizzjonijiet ta' disinn li huma ko-finanzjati fil-parti l-kbira minn organizzazzjoni internazzjonali jew istituzzjoni finanzjarja internazzjonali, il-partijiet għandhom jaqblu dwar il-proċeduri ta' akkwist applikabbli;

(*ċċ*) l-organizzazzjoni ta' sistema ta' sigurtà soċjali;

(*dd*) akkwist pubbliku mwettaq skont ir-Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku b'Emerġenza. L.S. 601.08

(2) Għall-finijiet ta' dan ir-regolament:

"servizzi tal-midja awdjoviżiva" għandu jkollha l-istess tifsira skont il-punt (a) tal-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 2010/13/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2010 dwar il-koordinazzjoni ta' certi dispozizzjonijiet stabbiliti bil-ligi, b'regolament jew b'azzjoni amministrattiva fi Stati Membri dwar il-forniment ta' servizzi tal-media awdjoviziva;

"servizz ta' komunikazzjonijiet elettroniċi" għandu jkollha l-istess tifsira bħal fid-Direttiva 2002/21/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2002 dwar kwadru regolatorju komuni għan-networks ta' komunikazzjonijiet u servizzi elettroniċi;

"fornituri ta' servizzi tal-media" għandu jkollha l-istess tifsira bħal dik fil-punt (d) tal-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 2010/13/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2010 dwar il-koordinazzjoni ta' certi dispozizzjonijiet stabbiliti bil-ligi, b'regolament jew b'azzjoni amministrattiva fi Stati Membri dwar il-forniment ta' servizzi tal-media awdjoviziva;

"programm" għandu jkollha l-istess tifsira bħal dik skont il-punt (b) tal-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 2010/13/UE tal-Parlament Ewropew u

tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2010 dwar il-koordinazzjoni ta' certi dispozizzjonijiet stabbiliti bil-ligi, b'regolament jew b'azzjoni amministrattiva fi Stati Membri dwar il-forniment ta' servizzi tal-media awdjoviziva, u għandha tinkludi wkoll programmi tar-radju u materjal tal-programm;

"materjal tal-programm" għandu jkollha l-istess tifsira bħall-kelma "programm";

"netwerk pubbliku ta' komunikazzjonijiet" għandu jkollha l-istess tifsira bħal fid-Direttiva 2002/21/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2002 dwar kwadru regolatorju komuni għan-networks ta' komunikazzjonijiet u servizzi elettroniċi.

(3) Kuntratti u kompetizzjonijiet ta' disinn li jinvolvu aspetti ta' difiża jew sigurtà li jingħataw jew huma organizzati skont regoli internazzjonali għandhom jiġu regolati bis-subregolament (1)(*aa*) and (*bb*).

Kuntratti pubbliċi bejn entitajiet fis-settur pubbliku.

8. (1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tar-regolament 111(3), kuntratt pubbliku li jkollu valur stmat li jaqa' taħt ir-regolament 9(1)(*b*), mogħti minn awtorità kontraenti lil persuna ġuridika regolata mid-dritt privat jew mid-dritt pubbliku għandu jaqa' 'l barra mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dawn ir-regolamenti meta jkunu ssodisfati l-kondizzjonijiet kollha li ġejjin:

(*a*) l-awtorità kontraenti teżerċita kontroll fuq il-persuna ġuridika kkonċernata li huwa simili għal dak li teżerċita fuq id-dipartimenti tagħha stess;

(*b*) aktar minn 80% tal-attivitajiet ta' dik il-persuna ġuridika kkontrollata jitwettqu fi prestazzjoni tal-kompiti fdati lilha mill-awtorità kontraenti ta' kontroll jew minn persuni ġuridiċi oħra kkontrollati minn dik l-awtorità kontraenti; u

(*ċ*) ma jkunx hemm il-parteċipazzjoni diretta ta' kapital privat fil-persuna ġuridika kkontrollata bl-eċċezzjoni ta' forom ta' parteċipazzjoni ta' kapital privat li ma jkunux kontrollati jew blokkati mid-dispożizzjonijiet leġislattivi nazzjonali, f'konformità mat-Trattati, li ma jeżerċitawx influwenza deċisiva fuq il-persuna ġuridika kkkontrollata.

Iżda awtorità kontraenti għandha titqies li teżerċita kontroll fuq persuna ġuridika li huwa simili għal dak li hija teżerċita fuq id-dipartimenti tagħha stess skont it-tifisira tal-paragrafu (*a*) meta din teżerċita influwenza deċiżiva fuq iż-żewġ objettivi strateġiċi u deċiżjonijiet sinifikanti tal-persuna ġuridika kkontrollata. Tali kontroll jista' jkun ukoll eżerċitat minn persuna ġuridika oħra, li hija stess tkun ikkontrollata bl-istess mod mill-awtorità kontraenti.

(2) Id-dispożizzjonijiet tas-subregolament (1) japplikaw ukoll fejn persuna ġuridika kkontrollata, li hija awtorità kontraenti, tagħti kuntratt lill-awtorità kontraenti li tikkontrollaha, jew lil xi persuna ġuridika kkontrollata mill-istess awtorità kontraenti, sakemm ma jkun hemm l-ebda parteċipazzjoni diretta ta' kapital privat fil-persuna ġuridika li tingħatalha l-kuntratt pubbliku bl-eċċezzjoni ta' forom ta' parteċipazzjoni ta' kapital privat li ma jkunux kontrollati

jew blokkati rikjesti mid-dispożizzjonijiet leġislattivi nazzjonali, f'konformità mat-Trattati, li ma jeżerċitawx influwenza deċisiva dwar il-persuna ġuridika.

(3) Awtorità kontraenti, li ma teżerċitax kontroll fuq persuna ġuridika regolata mid-dritt privat jew pubbliku skont it-tifsira tas-subregolament (1), xorta waħda tista' tagħti kuntratt pubbliku lil dik il-persuna ġuridika mingħajr ma tapplika dawn ir-regolamenti meta jiġu sodisfatti il-kondizzjonijiet kollha li ġejjin:

(*a*) l-awtorità kontraenti teżerċita b'mod konġunt ma' awtoritajiet kontraenti oħrajn kontroll fuq dik il-persuna ġuridika li huwa simili għal dak li jeżerċitaw fuq id-dipartimenti tagħhom stess;

(*b*) aktar minn 80% tal-attivitajiet ta' dik il-persuna ġuridika jitwettqu fi prestazzjoni tal-kompiti fdati lilha mill-awtoritajiet kontraenti ta' kontroll jew minn persuni ġuridiċi oħra kkontrollati mill-istess awtoritajiet kontraenti; u

(*ċ*) ma jkunx hemm il-parteċipazzjoni diretta ta' kapital privat fil-persuna ġuridika kkontrollata bl-eċċezzjoni ta' forom ta' parteċipazzjoni ta' kapital privat li ma jkunux kontrollati jew blokkati mid-dispożizzjonijiet leġislattivi nazzjonali applikabbli, f'konformità mat-Trattati, li ma jeżerċitawx influwenza deċisiva fuq il-persuna ġuridika kkkontrollata.

(4) Għall-finijiet tas-subregolament (3)(*a*), l-awtoritajiet kontraenti jeżerċitaw kontroll konġunt fuq persuna ġuridika meta jiġu sodisfatti l-kondizzjonijiet kolha li ġejjin:

(*a*) il-korpi li jieħdu d-deċiżjonijiet tal-persuna ġuridika kkontrollata huma magħmula minn rappreżentanti ta' kull awtorità kontraenti parteċipanti. Rappreżentanti individwali jistgħu jirrappreżentaw l-awtoritajiet kontraenti parteċipanti kollha, jew diversi minnhom;

(*b*) dawk l-awtoritajiet kontraenti huma kapaċi jeżerċitaw flimkien influwenza deċiżiva fuq l-objettivi strateġiċi u d-deċiżjonijiet sinifikanti tal-persuna ġuridika kkontrollata; u

(*ċ*) il-persuna ġuridika kkontrollata ma ssegwi l-ebda interess li jmur kontra minn dak tal-awtoritajiet kontraenti ta' kontroll.

(5) Kuntratt konkluż b'mod esklussiv bejn żewġ awtoritajiet kontraenti jew aktar għandu jaqa' barra mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dawn ir-regolamenti, meta jiġu sodisfati l-kondizzjonijiet kollha li ġejjin:

(*a*) il-kuntratt jistabbilixxi jew jimplimenta kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet kontraenti parteċipanti bil-għan li jiżgura li s-servizzi pubbliċi li għandhom iwettqu huma mogħtija biex jiksbu l-objettivi li għandhom komuni bejniethom;

(*b*) l-implimentazzjoni ta' dik il-kooperazzjoni hi regolata unikament minn konsiderazzjonijiet li jirrigwardaw l-interess pubbliku; u

(*ċ*) l-awtoritajiet kontraenti parteċipanti jwettqu fis-suq miftuħ inqas minn 20% tal-attivitajiet ikkonċernati mill-kooperazzjoni.

(6) Għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-perċentwali ta' attivitajiet imsemmija fis-subregolamenti (1)(*b*), (3)(*b*) u (5)(*ċ*), għandu jittieħed kont tal-fatturat totali medju, jew miżura bbażata fuq attività alternattiva adatta bħal kostijiet mġarrba minn persuna ġuridika rilevanti jew awtorità kontraenti fir-rigward ta' servizzi, provvisti u xogħlijiet għat-tliet snin li jippreċedu l-għoti tal-kuntratt.

(7) Fejn, minħabba d-data li fiha nħolqot il-persuna ġuridika rilevanti jew l-awtorità kontraenti jew meta bdew l-attivitajiet jew minħabba riorganizzazzjoni tal-attivitajiet tagħha, il-fatturat, jew miżura bbażata fuq attività alternattiva adatta bħal kostijiet, jew ma humiex disponibbli għat-tliet snin preċedenti jew m'għadhomx aktar rilevanti, ikun biżżejjed li jintwera li l-kejl ta' attività hu kredibbli, b'mod partikolari permezz ta' projezzjonijiet tan-negozju.

Amministrazzjoni tal-proċess.
Emendat:
A.L. 26 tal-2018;
A.L. 196 tal-2020;
A.L. 56 tal-2021;
A.L. 26 tal-2022;
A.L. 361 tal-2024.

9. (1) Mingħajr preġudizzju għall-applikabilità tad-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dawn ir-regolamenti, il-proċess ta' akkwisti għal kuntratti pubbliċi:

Emendat:
A.L. 26 tal-2018.

(*a*) li l-valur stmat tagħhom hu inqas minn mija tlieta u erbgħin elf euro (€143,000), għandhom jinħarġu, jiġu amministrati u determinati mill-awtoritajiet kontraenti waħidhom mingħajr il-ħtieġa li jiġi involut id-Direttur;

Emendat:
A.L. 26 tal-2018.

(*b*) li l-valur stmat tagħhom hu daqs jew jeċċedi l-limitu ta' mija tlieta u erbgħin elf euro (€143,000), għandhom jinħarġu, jiġu amministrati u determinati mid-Direttur f'isem l-awtorità kontraenti;

(*ċ*) li ġew ippubblikati mid-Direttorat għall-Akkwist Settorjali f'isem awtorità mniżżla taħt l-Iskeda 16, fejn il-valur stmat tagħhom jaqbeż l-għaxart elef euro (€10,000) iżda ma jaqbiżx is-seba' mija u ħamsin elf euro (€750,000) għandhom jiġu pubblikati, amministrati u determinati mid-Direttorat għall-Akkwist Settorjali waħidhom mingħajr il-ħtieġa li jiġi involut id-Direttur.

Iżda fejn il-valur stmat tal-akkwist pubbliku ma jaqbiżx l-għaxart elef euro (€10,000) dan għandu jibqa' jiġi mmexxi skont it-Taqsima III.

(2) Kuntratti pubbliċi meħtieġa minn dawk l-awtoritajiet kontraenti elenkati fl-Iskeda 3 għandhom jinħarġu, jiġu amministrati u determinati minn dawn l-awtoritajiet kontraenti waħidhom mingħajr il-ħtieġa tal-involviment tad-Direttur, mingħajr ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti inkluż iżda mhux limitat għad-dritt ta' appell.

(3) Il-Ministru għandu, minn żmien għal żmien, permezz ta' regolamenti jiddetermina l-limiti applikabbli taħt dawn ir-

regolamenti. Dawn il-limiti għandhom ikunu ugwali għal, u kategorizzati bl-istess mod, bħal-limiti stabbiliti skont id-Direttivi rilevanti tal-Unjoini Ewropea kif pubblikati minn żmien għal żmien fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Il-Kariga tad-Direttur tal-Kuntratti

Direttu tal-Kuntratti.

10. Għadu jkun hemm Direttur tal-Kuntratti li jkun responsabbli għat-tmexxija tad-Dipartiment tal-Kuntratti u b'mod ġenerali għall-amministrazzjoni tal-proċeduri ta' akkwist kif stipulati f'dawn ir-regolamenti.

Responsabbiltà.

11. Fil-qadi tal-funzjonijiet tiegħu, id-Direttur u l-familja tiegħu l-aktar qrib ma jkunux ikkunsidrati responsabbli personalment għal xi att jew ommissjoni li jsiru bonafidi. Għall-finijiet ta' dan ir-regolament, "il-familja l-aktar qrib" tfisser il-konjuġi u t-tfal tad-Direttur.

Funzjonijiet tad-Direttur.
Emendat: A.L. 56 tal-2021.

12. (1) Kemm-il darba ma jiġix provdut xort'oħra f'dawn ir-regolamenti, id-Direttur tal-Kuntratti jkollu l-funzjoni:

(*a*) li jwettaq monitoraġġ fuq l-attivitajiet ta' akkwisti pubbliċi bil-għan li jiżgura li dawn ir-regolamenti jiġu osservati u li jiżgura li r-riżultati ta' dawn l-attivitajiet ta' sorveljanza jkunu disponibbli għall-pubbliku permezz ta' mezzi xierqa ta' informazzjoni;

(*b*) li jistabbilixxi u jirregola l-proċedura li għandha tiġi segwita matul il-laqgħat tal-Kumitat Ġenerali tal-Kuntratti, tal-Kumitat Speċjali tal-Kuntratti, tal-Kumitat tal-Kuntratti Dipartimentali u tal-Kumitat tal-Evalwazzjoni, u waqt il-ħruġ u l-pubblikazzjoni ta' sejħiet għal offerti, id-dħul tal-offerti, il-ftuħ tal-offerti, l-eżami tal-offerti u l-għoti ta' kuntratti skont ir-regoli stabbiliti f'dawn ir-regolamenti;

(*ċ*) jikseb informazzjoni mingħand l-awtoritajiet elenkati fl-Iskeda 1 dwar l-għoti ta' kuntratti li huwa jista' jqis li jkun meħtieġ sabiex ikun jista' jiżgura konformità ma' dawn ir-regolamenti;

(*d*) li jipprovdi informazzjoni u gwida dwar l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni ta' dawn ir-regolamenti, li jassisti awtoritajiet kontraenti u operaturi ekonimiċi, b'mod partikolari SMEs, fl-applikazzjoni korretta ta' dawn ir-regolamenti;

(*e*) li jipprovdi appoġġ lil awtoritajiet kontraenti fir-rigward tal-ippjanar u t-twettiq ta' proċeduri dwar akkwisti pubbliċi;

(*f*) li jagħti aċċess għal kuntratti pubbliċi ta' provvisti jew kuntratti pubbliċi ta' servizzi b'valur li jkun daqs jew jeċċedi miljun euro (€1,000,000) u kuntratti għal xogħlijiet pubbliċi b'valur li jkun daqs jew jeċċedi għaxar miljun euro (€10,000,000) skont ir-regoli nazzjonali operattivi għall-aċċess tad-dokumenti u protezzjoni ta' *data*:

Iżda d-Direttur għandu jżomm dawn il-kuntratti mill-inqas għal kemm idumu fis-seħħ;

(*g*) li jippermetti koperazzjoni effettiva lil Stati Membri oħra li twassal għall-iskambju ta' informazzjoni li d-Direttur ikun ġabar fit-twettiq tad-dmirijiet tiegħu sakemm dik l-informazzjoni tiġi skambjata bl-osservanza tal-leġislazzjoni ta' Malta li tirregola dak l-iskambju ta' informazzjoni;

(*h*) li jagħmel disponibbli lil Stati Membri oħra , fuq talba, kull informazzjoni li għandha x'taqsam mal-evidenza u dokumenti sottomessi skont ir-regolamenti 53(4) u (5), 54 u 55;

(*i*) li jħejji u jżomm lista ta' persuni li jkunu ġew *blacklisted*; u

(*j*) li jagħmel disponibbli għal Stat Membru, meta din tkun ġiet mitluba, kull informazzjoni msemmija fit-Taqsimiet VI u VII.

(2) Meta d-Direttur jew id-delegat tiegħu jidentifikaw, b'inizjattiva tagħhom stess jew wara li jirċievu informazzjoni, ksur speċifiku jew problemi sistematiċi, huma jkollhom id-dritt jirrappurtaw dan lill-awtorità xierqa.

(3) Sabiex tiġi assigurata l-osservanza ta' dawn ir-regolamenti, id-Direttur jista' joħroġ ordnijiet amministrattivi fejn jistabbilixxi kif il-proċeduri għall-akkwist, jew kuntratti pubbliċi, għandhom jiġu ppubblikati, amministrati, determinati u implimentati, skont kif jkun il-każ. *Inter alia* dawn l-ordnijiet amministrattivi jistgħu jinkludu istruzzjonijiet lid-Direttorat għall-Akkwist Settorjali u l-obbligu fuq l-awtoritajiet kontraenti li jissottomettu pjanijiet annwali għall-akkwist.

Funzjonijiet addizzjonali fir-rigward ta' akkwisti pubbliċi 'l fuq minn ċerti limiti.

13. Fir-rigward ta' proċedura dwar akkwisti pubbliċi mwettqa mid-Direttur f'isem awtorità kontraenti b'valur stmat li jaqa' taħt ir-regolament 9(1)(*b*) id-Direttur ikollu wkoll il-funzjoni:

(*a*) li jistabbilixxi u japprova l-kondizzjonijiet ġenerali tad-dokumenti tal-offerta;

(*b*) li jawtorizza diverġenzi minn patti u kondizzjonijiet *standard* skont ir-regolamenti hawn stabbiliti u li jistgħu jiddaħħlu fid-dokumenti tal-offerti;

(*ċ*) li japprova estensjonijiet fil-perijodu jew il-kanċellament ta' proċedura ta' offerti;

(*d*) li jordna li jittawwal il-perijodu għall-għemil ta' offerti fil-każ ta' xi sejħa għal offerti msemmija f'dawn ir-regolamenti jekk huwa jqis li dik l-estensjoni tkun ġustifikata fiċ-ċirkustanzi tal-każ;

(*e*) li jifli u japprova, b'xi tibdil jew mingħajru, dokumenti tal-offerti, qabel ma dawn jinħarġu u jiġu pubblikati;

(*f*) li japprova, meta jkun meħtieġ skont dawn ir-regolamenti, modifiki li jkunu jeċċedu l-ammont stabbilit fir-regolament 246(3);

(*g*) li japprova talbiet magħmula minn awtoritajiet kontraenti għal estensjonijiet fil-perijodu kemm idumu l-kuntratti jekk huwa jqis li ċ-ċirkustanzi jkunu hekk jitolbu fl-interess pubbliku u jsiru dispożizzjoniiet speċifiċi dwar dawk l-estensjonijiet fid-dokument tal-offerta;

(*h*) li jidentifika u jimplimenta mezzi adatti biex ikun jista' jissorvelja l-eżekuzzjoni kif suppost ta' kuntratti;

(*i*) li jagħmel regolamenti biex jingħataw kuntratti f'isem u għan-nom ta' awtoritajiet kontraenti elenkati fl-Iskeda 2, inkluż il-każ ta' assoċjazzjoni ta' awtoritajiet li tagħhom l-awtorità kontraenti tkun membru;

(*j*) li jistabbilixxi l-proċedura li taffettwa l-għoti ta' kuntratti regolati bil-proċeduri li jkunu diverġenti minn dawn ir-regolamenti sakemm dawn il-proċeduri jiġu ppubblikati b'avviż fil-Gazzetta;

(*k*) li jippubblika fil-Gazzetta avviż dwar l-għotjiet kollha ta' offerti inklużi l-varjazzjonijiet barra mil-limiti tal-kondizzjonijiet tal-offerta, fi żmien sitt xhur mill-għoti tagħhom;

(*l*) li jaġġudika offerti u jiffirma kuntratti f'isem u għan-nom ta' awtoritajiet kontraenti skont kif jipprovdu dawn ir-regolamenti;

(*m*) li jieħu miżuri xierqa biex jiżgura li fit-twettiq ta' kuntratti pubbliċi operaturi ekonomiċi josservaw l-obbligi applikabbli fl-oqsma tal-ambjent, id-dritt soċjali u dwar ix-xogħol stabbilit bil-liġi tal-Unjoni. il-liġi nazzjonali, ftehim kollettivi jew b'dispożizzjonijiet dwar liġi internazzjonali dwar l-ambjent u liġi soċjali u dwar ix-xogħol elenkati fl-Iskeda 13; u

(*n*) jħejji u jibgħat lill-Ministru rapport, mhux iktar tard minn sitt xhur wara l-għeluq ta' kull sena finanzjarja, dwar l-prestazzjoni tal-Kumitat Ġenerali tal-Kuntratti, u tal-Kumitat Speċjali tal-Kuntratti matul is-sena finanzjarja li dwarha jsir ir-rapport, liema rapport għandu, b'mod partikolari, jipprovdi dettalji dwar ir-riżultati tal-attivitajiet ta' monitoraġġ:

Iżda, wara li r-rapport jintbagħat lill-Ministru, id-Direttur għandu jiżgura li r-rapport jiġi ppubblikat.

Rapport lill-Kummissjoni.

14. Sat-18 ta' April 2017 u kull tliet snin wara dik id-data, id-Direttur għandu jibgħat lill-Kummissjoni rapport bi statistika dwar akkwisti kif imfisser fid-Direttiva tal-UE 2014/24.

Kanċellament ta' proċedura ta'offerti. *Emendat: A.L. 233 tal-2017; A.L.*

15. (1) Id-Direttur tal-Kuntratti għandu d-dritt li jħassar għotja ta' kuntratt f'kull waqt tal-proċess tas-sejħa jew kwotazzjonijiet ukoll wara li jkun ġie mħabbar l-offerent magħżul u jkun ukoll għadda ż-żmien biex jitressqu lmenti quddiem il-Bord ta' Reviżjoni jew Qorti, jekk jinstab illi l-għotja ta' dak il-kuntratt tkun saret bi ksur ta' dawn ir-regolamenti jew tkun ingħatat b'mod li jiddiskrimina bejn l-operaturi ekonomiċi.

(2) (*a*) Id-Direttur jista' jiddeċiedi wkoll li jikkanċella xi proċedura tal-offerti jekk proċess ta' evalwazzjoni ma jkunx intemm sat-tmiem tal-perijodu ta' validità tal-offerti sottomessi.

(*b*) Jekk id-Direttur jiddeċiedi li jikkanċella l-offerti, hu għandu jikkonsulta mal-Kumitat Ġenerali tal-Kuntratti jew mal-Kumitat Speċjali tal-Kuntratti kif ikun il-każ, għall-opinjoni tiegħu.

(*ċ*) Jekk il-Kumitat Ġenerali tal-Kuntratti jew il-Kumitat Speċjali tal-Kuntratti, kif ikun il-każ, ma jaqblux mar-rakkomandazzjoni tad-Direttur, id-deċiżjoni tad-Direttur tista' tiġi riferita lill-Ministru għall-approvazzjoni tiegħu.

(*d*) Fil-każ ta-sejħiet għall-offerti amministrati mid-Direttorat għall-Akkwist Settorjali, id-Direttur għall-Akkwist Settorjali għandu id-dritt li jeżerċita l-istess drittijiet tad-Direttur, hekk kif stabbilit taħt dan is-subregolament, bl-eċċezzjoni li minflok jikkonsulta l-Kumitat Ġenerali tal-Kuntratti huwa jrid jikkonsulta mal-Kumitat Dipartimentali tal-Kuntratti responsabbli għall-awtorità kontraenti li f'isimha d-Direttorat għall-Akkwist Settorjalqed jamministra s-sejħa.

(*e*) Jekk il-Kumitat Dipartimentali tal-Kuntratti ma jaqbilx mar-rakkomandazzjoni tad-Direttorat għall-Akkwist Settorjali, id-deċiżjoni ta' dan tal-aħħar tista' tiġi riferita lill-Ministru responsabbli għall-Kumitat Dipartimentali tal-Kuntratti inkwistjoni biex ikun hu li jagħti deċiżjoni finali.

(3) Id-deċiżjoni li twassal għall-kanċellament tas-sejħa trid issir bil-miktub u jrid ikun fiha s-sejbiet u r-raġunijiet li wasslu biex din tkun inħarġet.

(4) Kopja ta' din id-deċiżjoni trid tiġi notifikata għand kull min ħa sehem fis-sejħa, li jkollu d-dritt li jwaqqagħha billi jressaq ilment quddiem il-Bord ta' Reviżjoni. L-istess proċedura msemmija fir-regolament 276 għandha tapplika *mutatis mutandis* ukoll għal din il-proċedura.

(5) Id-deċiżjoni tal-Bord ta' Reviżjoni tista' tiġi appellata quddiem il-Qorti tal-Appell skont il-proċedura mfissra f'dawn ir-regolamenti.

L-Awtorità Kontraenti

Dmirijiet ta' awtorità kontraenti. *Emendat: A.L.155 tal-2017; A.L. 56 tal-2021.*

16. (1) Safejn mhux inkonsistenti mad-dmirijiet imsemmija fis-subregolament (2) u r-regolament 79, l-awtoritajiet kontraenti kollha għandhom id-dmir:

(*a*) li josservaw u jħarsu dawn ir-regolamenti;

(*b*) li jamministraw l-akkwisti pubbliċi tagħhom stess meta l-valuri stmati ta' dak l-akkwist pubbliku jaqa' taħt il-limitu stabbilit fir-regolament 9(1)(*a*):

Iżda għal entitajiet elenkati fl-Iskeda 3 dan l-obbligu jestendi wkoll għal akkwist pubbliku tagħhom li jkun

daqs jew jeċċedi l-limitu stabbilit taħt ir-regolament 9(1)(*b*);

(*ċ*) li jħejju dokumenti tal-offerti u kull dokumentazzjoni rilevanti oħra li tagħamel magħha:

Iżda meta awtorità kontraenti elenkata taħt l-Iskeda 2 teħtieġ li tippubblika proċess tal-offerti b'valur stmat li jaqa' taħt il-limitu stabbilit bir-regolament 9(1)(*b*) l-istess awtorità kontraenti għandha tibgħat id-dokument tal-offerti u kull dokumentazzjoni rilevanti li tappoġġja lid-Direttur sabiex dawn jiġu miflija, pubblikati u amministrati minn dan tal-aħħar;

(*d*) li jiżguraw li kull referenza għal nomenklaturi fil-kuntest ta' akkwisti pubbliċi ssir bl-użu tal-Vokabolarju Komuni dwar l-Akkwisti Pubbliċi;

(*e*) li jippubblikaw is-sejħiet kollha għal offerti u kwotazzjonijiet, permezz tal-pjattaforma tal-akkwist elettroniku tal-gvern, sakemm ma jkunx previst xort'oħra f'dawn ir-regolamenti;

(*f*) li jissorveljaw l-implimentazzjoni tal-proċess tal-offerti;

(*g*) li jieħdu miżuri xierqa biex b'mod effettiv jipprevjenu, jidentifikaw u jirrimedjaw kunflitti ta' interess li joħorġu mit-twettiq ta' proċeduri tal-offerti sabiex tiġi evitata kull tagħwiġ ta' kompetizzjoni u jiġi żgurat trattament ugwali tal-operaturi ekonomiċi kollha;

(*h*) li jindikaw fid-dokumenti tal-offerti tagħhom li l-għoti tal-kuntratt hu suġġett għal reviżjoni kif previst f'dawn ir-regolamenti u li jinkludu estratt tal-parti rilevanti tal-proċess tal-appelli f'dawk id-dokumenti biex ikunu ta' gwida għal operaturi ekonomiċi;

(*i*) li jamministraw u jimplimentaw il-kuntratti kollha li jingħataw wara l-offerti u li jiddefendu quddiem qorti jew tribunal kull tilwima li tista' tqum fl-eżekuzzjoni tal-kuntratt;

(*j*) li jagħmlu l-pagamenti kollha li jirriżultaw mill-eżekuzzjoni tal-kuntratt;

(*k*) li jieħdu l-miżuri xierqa biex jiżguraw li fil-waqt tal-eżekuzzjoni ta' kuntratt, operaturi ekonomiċi josservaw l-obbligi applikabbli fl-oqsma tad-dritt dwar l-ambjent, soċjali u dwar ix-xogħol stabbilit mil-liġi tal-Unjoni, liġi nazzjonali, ftehim kollettivi jew minn dispożizzjonijiet dwar liġi internazzjonali dwar l-ambjent, soċjali jew dwar ix-xogħol elenkati fl-Iskeda 13;

(*l*) li jibgħatu kopja tal-kuntratti identifikati fir-regolament 12(1)(*f*) lid-Direttur meta dan tal-aħħar hekk jitlob; u

(*m*) li jibdew u li jiddefendu proċeduri ġudizzjarji jew ta' arbitraġġ fir-rigward ta' xi kuntratt iffirmat minnhom jew f'isimhom.

(2) (*a*) L-awtoritajiet kontraenti li huma imniżżla taħt l-Iskeda 16 għandhom id-dmir li, meta l-istima ta' sejħa għall-offerti li tkun ser tiġi ppubblikata taħt il-proċedura miftuħa jkollha stima ta' li taqbeż l-għaxart elef euro (€10,000) iżda ma taqbiżx is-seba' mija w ħamsin elf euro (€750,000), iħejju dokumenti tal-offerti u kull dokumentazzjoni rilevanti oħra li tagħmel magħha u jgħaddu dawn id-dokumenti lid-Direttorat għall-Akkwist Settorjali.

Meta l-istima taqbeż il-valur ta' iżda ma taqbiżx is-seba' mija w ħamsin elf euro (€750,000) dawn id-dokumenti għandhom jintbagħtu lid-Direttur sabiex jwettaq l-obbligi tiegħu skont ir-regolamenti 12 u 13.

(*b*) L-awtoritajiet kontraenti li huma mniżżla taħt l-Iskeda 16 għandhom id-dmir ukoll li jiftħu fil-pubbliku offerti mitfugħa minn operaturi ekonomiċi għall-kwotazzjonijiet b'valur stmat li jaqbeż il-ħamest elef euro (€5,000) iżda ma jaqbiżx l-għaxart elef euro (€10,000).

Ħatra ta' Kumitat ta' Evalwazzjoni. *Emendat: A.L. 56 tal-2021.*

17. (1) Meta jinħatar Kumitat ta' Evalwazzjoni minn awtorità kontraenti elenkata fl-Iskeda 2, il-Kumitat ta' Evalwazzjoni għandu jevalwa l-offerti mitfugħa mill-operatur ekonomiku u jagħmel rakkomandazzjonijiet permezz ta' rapport ta' evalwazzjoni u jikkomunika r-rapport kif ġej:

(*a*) jekk il-valur stmat tal-offerta jaqa' taħt il-limitu stabbilit bir-regolament 9(1)(*a*) ir-rapport individwali għandu jintbagħat lill-Kumitat Dipartimentali tal-Kuntratti u għandu jiġi mħejji skont ir-regolament 113;

(*b*) jekk il-valur stmat tal-offerta jaqa' taħt il-limitu stabbilit bir-regolament 9(1)(*b*) ir-rapport individwali għandu jintbagħat lid-Direttur u għandu jiġi mħejji skont ir-regolament 241.

(2) Meta Kumitat ta' Evalwazzjoni jiġi maħtur minn awtorità kontraenti elenkata fl-Iskeda 3, il-Kumitat ta' Evalwazzjoni għandu jħejji rapport ta' evalwazzjoni u jikkomunika r-rapport lill-awtorità kontraenti.

(3) Meta Kumitat ta' Evalwazzjoni jiġi maħtur mid-Direttorat għall-Akkwist Settorjali, dan għandu jħejji rapport ta' evalwazzjoni u jikkomunika r-rapport lill-imsemmija Unità.

Awtoritajiet kontraenti mhux elenkati taħt skeda. *Emendat: A.L. 56 tal-2021.*

18. Meta awtorità kontraenti jew korp regolat bid-dritt pubbliku ma jkunx elenkat taħt xi Skeda, dan għandu jkollu l-istess obbligi ta' awtorità elenkata taħt l-Iskeda 16.

Sussidji pprovduti minn awtoritajiet kontraenti.

19. Awtoritajiet kontraenti li jipprovdu s-sussidji msemmija fir-regolament 6 għandhom jiżguraw l-osservanza ta' dawn ir-regolamenti ukoll meta ma jagħtux il-kuntratt sussidjat huma stess jew meta jagħtu l-kuntratt f'isem u għan-nom ta' entitajiet oħra.

Penalitajiet. *Emendat: A.L. 56 tal-2021.*

20. (1) Għal offerti b'valur stmat li jaqa' fi ħdan il-limitu stabbilit fir-regolament 9(1)(b) awtorità kontraenti tista' biss

timponi jew taħfer penalitajiet wara li tkun kisbet il-permess tad-Direttur.

(2) Meta awtorità kontraenti li tkun imniżżla taħt l-Iskeda 16 tiġi biex taħfer jew timponi penali għall-kuntratti li jkollhom stima li ma taqbiżx il-valur ta' seba'mija u ħamsin elf euro (€750,000) hija tkun trid tikseb il-permess tas-Segretarju Permanenti responsabbli għaliha minflok dak tad-Direttur.

(3) Jekk tinqala' xi tilwima dwar penali li tiġi mressqa quddiem qorti jew tribunal, id-Direttur u s-Segretarju Permanenti, minkejja li jkunu taw il-permess tagħhom, m'għandhomx jiġu mħarrka fil-proċeduri iżda huwa biżżejjed għal għanijiet ta' integrità ta' ġudizzju li t-tilwima tiġi indirizzata kontra l-awtorità kontraenti.

Attivitajiet ta' Akkwist Ċentralizzat u Akkwist Konġunt

Korpi ta' akkwist ċentralizzat.

21. (1) Awtoritajiet kontraenti elenkati fl-Iskeda 4 huma awtorizzati li jaġixxu wkoll bħala korp ta' xiri ċentrali.

(2) Il-korpi ta' xiri ċentrali għandu jkollhom il-funżjoni li perijodikament javżaw lill-Kapijiet ta' Dipartimenti dwar il-prezzijiet u kondizzjonijiet applikabbli għal, u l-proċedura li għandha tiġi segwita fl-akkwist pubbliku ta' tagħmir, ħażniet, xogħlijiet jew servizzi.

Attivitajiet ta' akkwist ċentralizzat.

22. (1) Awtorità kontraenti tista' takkwista provvisti u, jew servizzi maħsuba għal awtoritajiet kontraenti, minn korp ċentrali għall-akkwisti.

(2) Awtoritajiet kontraenti jistgħu jakkwistaw xogħlijiet, provvisti u servizzi billi jużaw kuntratti mogħtija minn korp ċentrali għall-akkwisti, billi jużaw sistemi dinamiċi ta' xiri operati minn korp ċentrali għall-akkwisti jew, sal-limitu stipulat fir-regolament 170, billi jużaw ftehim qafas konkluż minn korp ċentrali għall-akkwisti li joffri l-attività ċentralizzata tal-akkwisti msemmija fil-paragrafu (*b*) tat-tifsira "attivitajiet ta' akkwist ċentralizzat". Fejn sistema dinamika tax-xiri li tkun operata minn korp ċentrali għall-akkwisti tista' tintuża minn awtoritajiet kontraenti oħrajn, dan għandu jiġi indikat fis-sejħa għall-kompetizzjoni li tistabbilixxi dik is-sistema dinamika tax-xiri.

Obbligi.

23. (1) Meta awtorità kontraenti tagħmel l-akkwisti tagħha skont ir-regolament 22, din għandha titqies li ssodisfat l-obbligi tagħha skont dawn ir-regolamenti.

(2) Awtorità kontraenti tissodisfa wkoll l-obbligi tagħha skont dawn ir-regolamenti meta takkwista xogħlijiet, provvisti jew servizzi:

(*a*) billi tuża kuntratt mogħti minn korp ċentrali għall-akkwisti;

(*b*) billi tuża sistemi dinamiċi ta' xiri operati minn korp ċentrali għall-akkwisti, jew sal-limitu stabbilit fir-regolament 169;

(*ċ*) billi tuża ftehim qafas li jkun ġie konkluż minn korp ċentrali għall-akkwisti li joffri attività ta' akkwist

ċentralizzat kif imfisser fil-paragrafu (*b*) tat-tifsira "attivitajiet ta' akkwist ċentralizzat";

(3) Minkejja d-dispożizzjonijiet tas-subregolament (2), l-awtorità kontraenti kkonċernata għandha tkun responsabbli li tissodisfa l-obbligi tagħha skont dawn ir-regolamenti fir-rigward tal-partijiet li tmexxi hija stess, bħal:

(*a*) l-għoti ta' kuntratt taħt sistema dinamika tax-xiri, li tkun operata minn korp ċentrali għall-akkwisti;

(*b*) it-tmexxija tal-ftuħ mill-ġdid ta' kompetizzjoni taħt ftehim qafas li jkun ġie konkluż minn korp ċentrali għall-akkwisti;

(*ċ*) skont il-paragrafi (*a*) jew (*b*) tar-regolament 173(1), id-determinazzjoni ta' liema mill-operaturi ekonomiċi, li huma partijiet fil-ftehim qafas, għandu jwettaq kompitu partikolari taħt ftehim qafas li jkun ġie konkluż minn korp ċentrali għall-akkwisti.

(4) Il-proċeduri kollha ta' akkwist mmexxija minn korp ċentrali għall-akkwisti għandhom jitwettqu bl-użu ta' mezzi elettroniċi ta' komunikazzjoni, skont ir-rekwiżiti stipulati fir-regolament 48.

(5) Mingħajr ma japplikaw il-proċeduri stabbiliti f'dawn ir-regolamenti, l-awtoritajiet kontraenti jistgħu jagħtu kuntratt pubbliku ta' servizzi għall-provvista ta' attivitajiet ċentralizzati ta' akkwist lil korp ċentrali ta' akkwist.

(6) Il-kuntratti pubbliċi ta' servizzi identifikati taħt is-subregolament (5) jistgħu jinkludu wkoll il-provvista ta' attivitajiet anċillari ta' akkwist.

Akkwisti konġunti okkażjonali.

24. (1) Bl-approvazzjoni tad-Direttur u bla ħsara għall-kondizzjonijiet li dan tal-aħħar jista' jimponi, awtorità kontraenti jew aktar jistgħu jaqblu li jwettqu ċerti akkwisti speċifiċi b'mod konġunt.

(2) Meta l-valur stmat tal-akkwist b'mod konġunt jaqa' taħt il-limitu stabbilit skont r-regolament 9(1)(*b*), u sakemm id-Direttur ma jaqbilx mod ieħor, il-proċedura ta' akkwist għandha tiġi amministrata mid-Direttur.

(3) Fejn it-tmexxija ta' proċedura ta' akkwist titwettaq kollha kemm hi konġuntament f'isem u għan-nom tal-awtoritajiet kontraenti kollha kkonċernati, huma għandhom ikunu responsabbli konġuntament li jissodisfaw l-obbligi tagħhom skont id-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist pubbliku u li tħassar id-Direttiva 2004/18/KE. Dan japplika wkoll f'każijiet fejn awtorità kontraenti waħda tamministra l-proċedura, meta taġixxi f'isimha u f'isem l-awtoritajiet kontranti l-oħra kkonċernati.

(4) Fejn it-tmexxija ta' proċedura ta' akkwist ma tkunx kollha kemm hi mwettqa f'isem u għan-nom tal-awtoritajiet kontraenti kkonċernati, huma għandhom ikunu responsabbli konġntament biss għal dawk il-partijiet imwettqin konġuntament. Kull awtorità kontraenti għandha jkollha r-responsabbiltà unika li tissodisfa l-obbligi tagħha skont id-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament

Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist pubbliku u li tħassar id-Direttiva 2004/18/KE fir-rigward tal-partijiet li hija tmexxi f'isimha u għan-nom tagħha.

Akkwisti pubbliċi li jinvolvu awtoritajiet kontraenti minn Stati Membri differenti.

25. (1) Awtorità kontraenti tista', bl-approvazzjoni tad-Direttur u bla ħsara għall-kondizzjonijiet li dan tal-aħħar jista' jimponi, tieħu sehem fi proċeduri ta' akkwist pubbliku li jinvolvi awtoritajiet kontraenti minn Stati Membri differenti.

(2) Meta l-valur stmat tal-akkwist pubbliku konġunt jaqa' taħt il-limitu stabbilit fir-regolament 9(1)(*b*) l-applikazzjoni ta' dan ir-regolament tkun soġġetta għal dak li hu stabbilit bir-regolament 8.

(3) Awtorità kontraenti tista' tagħmel użu minn attivitajiet ta' akkwist ċentralizzat offereti minn korpi ta' akkwist ċentralizzat li jinsabu fi Stat Membru ieħor:

Iżda awtoritajiet kontraenti ma għandhomx jużaw il-mezzi previsti f'dan ir-regolament għall-fini li tkun evitata l-applikazzjoni ta' dispożizzjonijiet obbligatorji tad-dritt pubbliku f'konformità mad-dritt tal-Unjoni li għalih ikunu soġġetti fl-Istat Membru tagħhom.

(4) Il-provvista tal-attivitajiet ċentralizzati ta' akkwisti minn korp ċentrali għall-akkwisti li jinsab fi Stat Membru ieħor għandha titmexxa skont id-dispożizzjonijiet nazzjonali tal-Istat Membru fejn jinsab il-korp ċentrali għall-akkwisti.

(5) Id-dispożizzjonijiet nazzjonali tal-Istat Membru fejn jinsab il-korp ċentrali għall-akkwisti għandhom japplikaw ukoll għal dan li ġej:

(*a*) l-għoti ta' kuntratt taħt sistema dinamika tax-xiri;

(*b*) it-tmexxija ta' ftuħ mill-ġdid ta' kompetizzjoni taħt ftehim qafas;

(*ċ*) id-determinazzjoni, skont il-paragrafi (*a*) jew (*b*) tar-regolament 173(2), ta' liema mill-operaturi ekonomiċi, li huma partijiet fil-ftehim qafas, għandu jwettaq kompitu partikolari.

(6) Diversi awtoritajiet kontraenti minn Stati Membri differenti jistgħu jagħtu kuntratt pubbliku, jikkonkludu ftehim qafas jew joperaw sistema dinamika tal-akkwist b'mod konġunt.

(7) Diversi awtoritajiet kontraenti minn Stati Membri differenti jistgħu wkoll, sal-punt stipulat fir-regolament 170, jagħtu kuntratti fuq il-bażi tal-ftehim qafas jew tas-sistema dinamika tal-akkwist.

(8) Sakemm l-elementi neċessarji ma jkunux ġew regolati minn ftehim internazzjonali konkluż bejn l-Istati Membri kkonċernati, l-awtoritajiet kontraenti parteċipanti għandhom jikkonkludu ftehim li jiddetermina:

(*a*) ir-responsabbiltajiet tal-partijiet u d-dispożizzjonijiet nazzjonali applikabbli rilevanti;

(*b*) l-organizzazzjoni interna tal-proċedura ta' akkwist, inklużi l-ġestjoni tal-proċedura, it-tqassim tax-xogħlijiet, il-provvisti jew is-servizzi li jridu jiġu akkwistati, u l-konklużjoni tal-kuntratti.

(9) Awtorità kontraenti parteċipanti tissodisfa l-obbligi tagħha skont dawn ir-regolamenti meta tixtri xogħlijiet, provvisti u servizzi mingħand awtorità kontraenti li tkun responsabbli mill-proċedura ta' akkwist.

(10) Fid-determinazzjoni tar-responsabbiltajiet u tal-liġi nazzjonali applikabbli kif imsemmi fis-subregolament (8)(*a*), l-awtoritajiet kontraenti parteċipanti jistgħu jallokaw responsabbiltajiet speċifiċi beiniethom u jiddeterminaw id-dispożizzjonijiet applikabbli tal-liġi nazzjonali rispettiva tagħhom.

(11) L-allokazzjoni tar-responsabbiltajiet u l-liġi nazzjonali applikabbli għandhom jissemmew fid-dokumenti ta' akkwist għall-kuntratti pubbliċi li jingħataw b'mod konġunt.

(12) Fejn diversi awtoritajiet kontraenti minn Stati Membri differenti waqqfu entità konġunta, inklużi r-Raggruppamenti Ewropej ta' kooperazzjoni territorjali taħt ir-Regolament (KE) Nru 1082/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2006 dwar raggruppament Ewropew ta' koperazzjoni territorjali (REKT) jew entitajiet oħra stabbilti skont il-liġi tal-Unjoni, l-awtoritajiet kontraenti parteċipanti għandhom, permezz ta' deċiżjoni tal-korp kompetenti tal-entità konġunta, jaqblu dwar ir-regoli tal-akkwisti nazzjonali applikabbli ta' wieħed mill-Istati Membri li ġejjin:

(*a*) id-dispożizzjonijiet nazzjonali tal-Istat Membru fejn l-entità konġunta għandha l-uffiċċju reġistrat tagħha;

(*b*) id-dispożizzjonijiet nazzjonali tal-Istat Membru fejn l-entità konġunta qed twettaq l-attivitajiet tagħha.

(13) Il-ftehim imsemmi fis-subregolament (12) jista' jew japplika għal perjodu indeterminat, fejn dan ikun stabbilit fl-att kostituttiv tal-entità konġunta, jew jista' jiġi limitat għal ċertu perijodu ta' żmien, għal ċerti tipi ta' kuntratti jew għal għotja ta' kuntratt individwali waħda jew aktar.

(14) Għall-finijiet ta' din it-Taqsima, awtoritajiet kontraenti elenkati fl-Iskeda 3 ma għandhomx bżonn tal-approvazzjoni minn qabel tad-Direttur imma l-kunsens bil-miktub tal-kap ta' dik l-istess awtorità kontraenti jkun biżżejjed.

Akkwist Imħallat

Akkwist imħallat.

26. (1) Kuntratti li jirrigwardaw żewġ tipi ta' akkwisti jew iżjed, kemm jekk ikunu xogħlijiet, servizzi jew provvisti, li lkoll huma koperti b'dawn ir-regolamenti, għandhom jingħataw f'konformità mad-dispożizzjonijiet applikabbli għat-tip ta' akkwist li jikkaratterizza s-suġġett ewlieni tal-kuntratt inkwistjoni.

(2) Fil-każ ta' kuntratti mħallta li jirrigwardaw tipi differenti ta' akkwisti, li lkoll huma koperti b'dawn ir-regolamenti, li jikkonsistu parzjalment f'servizzi fis-sens tar-regolament 162 u parzjalment f'servizzi oħra jew f'kuntratti mħallta li jikkonsistu parzjalment f'servizzi u parzjalment fi provvisti, is-suġġett prinċipali tal-akkwisti jiġi determinat skont liema mill-valuri stmati tas-servizzi jew provvisti rispettivi, hu l-ogħla.

(3) F'każijiet ta' kuntratti mħallta li jirrigwardaw akkwisti

koperti b'dawn ir-regolamenti u akkwisti koperti minn reġimi legali oħra u fejn il-partijiet differenti ta' kuntratt partikolari jistgħu jiġu separati oġġettivament għandu japplika dan li ġej:

(*a*) awtoritajiet kontraenti jistgħu jagħżlu li jagħtu kuntratti separati għall-partijiet separati jew jagħtu kuntratt uniku. Fejn l-awtoritajiet kontraenti jagħżlu li jagħtu kuntratti separati għal partijiet separati, id-deċiżjoni dwar liema reġim legali japplika għal kwalunkwe wieħed minn tali kuntratti separati għandha tittieħed abbażi tal-karatteristiċi tal-parti separata kkonċernata;

(*b*) fejn l-awtoritajiet kontraenti jagħżlu li jagħtu kuntratt uniku, dawn ir-regolamenti għandhom, dment li ma jkunx previst mod ieħor fir-regolament 27, japplikaw għall-kuntratt imħallat li jirriżulta, irrispettivament mill-valur tal-partijiet li kieku jaqgħu taħt reġim legali differenti u irrispettivament mil-liema reġim legali li dawk il-partijiet kienu jkunu soġġetti għalihom;

(*ċ*) f'każ ta' kuntratti mħallta li jkun fihom elementi ta' kuntratti ta' provvista, xogħlijiet u servizzi u ta' konċessjonijiet, il-kuntratt imħallat għandu jingħata skont dawn ir-regolamenti, sakemm il-valur stmat tal-parti tal-kuntratt li tikkostitwixxi kuntratt kopert b'dawn ir-regolamenti, ikkalkulat skont ir-regolamenti 28, 29, 30, 31 u 32, hu ugwali jew akbar mil-limitu rilevanti stipulat fl-Iskeda 5.

(4) Fil-każ ta' kuntratti li għandhom bħala s-suġġett tagħhom kemm l-akkwist kopert b'dawn ir-regolamenti kif ukoll l-akkwist għall-eżerċitar ta' attività li hija soġġetta għar-Regolamenti dwar Akkwist Pubbliku ta' Entitajiet li joperaw fis-Setturi tas-Servizzi tal-Ilma, l-Enerġija, it-Trasport u Postali, ir-regoli applikabbli għandhom, minkejja d-dispożizzjonijiet tas-subregolament (3) ta' dan ir-regolament, jiġu determinati skont ir-regolamenti 5 u 6 tar-Regolamenti tal-2016 dwar Akkwist Pubbliku ta' Entitajiet li joperaw fis-Setturi tas-Servizzi tal-Ilma, l-Enerġija, it-Trasport u Postali. L.S. 601.05

(5) Meta l-partijiet differenti ta' kuntratt partikolari huma oġġettivament mhux separabbli, ir-reġim legali applikabbli għandu jkun iddeterminat abbażi tas-suġġett ewlieni ta' dak il-kuntratt.

Akkwist imħallat li jinvolvi aspetti ta' difiża jew sigurtà. L.S. 601.07

27. (1) Dan ir-regolament għandu japplika fil-każ ta' kuntratti mħallta li għandhom, bħala suġġett, akkwist kopert mill-Artikolu 346 tat-TFUE jew mir-Regolamenti dwar l-Għoti ta' Kuntratti Pubbliċi minn Awtoritajiet jew Entitajiet Kontraenti fl-Oqsma tad-Difiża u s-Sigurtà.

(2) Fejn partijiet differenti ta' kuntratt pubbliku partikolari huma oġġettivament separabbli, l-awtoritajiet kontraenti jistgħu jagħżlu li jagħtu kuntratti separati għal partijiet separati jew jagħtu kuntratt uniku.

(3) Fejn l-awtoritajiet kontraenti jagħżlu li jagħtu kuntratti separati għal partijiet separati, id-deċiżjoni dwar liema reġim legali

japplika għal kwalunkwe wieħed minn tali kuntratti separati għandha tittieħed abbażi tal-karatteristiċi tal-parti separata kkonċernata.

(4) Fejn l-awtoritajiet kontraenti jagħżlu li jagħtu kuntratt uniku, il-kriterji li ġejjin għandhom japplikaw biex jiddeterminaw ir-reġim legali applikabbli:

(*a*) fejn parti minn kuntratt partikolari hija koperta mill-Artikolu 346 tat-TFUE, il-kuntratt jista' jingħata mingħajr l-applikazzjoni ta' dawn ir-regolamenti, dment li l-għoti ta' kuntratt uniku huwa ġustifikat għal raġunijiet oġġettivi;

(*b*) fejn parti minn kuntratt partikolari hija koperta bir-Regolamenti dwar l-Għoti ta' Kuntratti Pubbliċi minn Awtoritajiet jew Entitajiet Kontraenti fl-Oqsma tad-Difiża u s-Sigurtà, il-kuntratt jista' jingħata f'konformità ma' dawk ir-regolamenti dment li l-għoti ta' kuntratt uniku jkun ġustifikat għal raġunijiet oġġettivi: L.S. 601.07

Iżda dan il-paragrafu għandu jkun mingħajr preġudizzju għal-limiti u l-esklużjonijiet previsti fir-Regolamenti dwar l-Għoti ta' Kuntratti Pubbliċi minn Awtoritajiet jew Entitajiet Kontraenti fl-Oqsma tad-Difiża u s-Sigurtà. L.S. 601.07

(5) Id-deċiżjoni li jingħata kuntratt uniku m'għandhiex, madankollu, tittieħed bl-iskop li teskludi kuntratti mill-applikazzjoni jew ta' dawn ir-regolamenti jew tar-Regolamenti dwar l-Għoti ta' Kuntratti Pubbliċi minn Awtoritajiet jew Entitajiet Kontraenti fl-Oqsma tad-Difiża u s-Sigurtà. S.L. 601.07

(6) Id-dispożizzjonijiet tas-subregolament (4)(*a*) għandhom japplikaw għal kuntratti mħallta li għalihom kieku japplikaw iż-żewġ paragrafi (*a*) u (*b*) tas-subregolament (4).

(7) Fejn partijiet differenti ta' kuntratt partikolari mhumiex oġġettivament separabbli, il-kuntratt jista' jingħata mingħajr l-applikazzjoni ta' dawn ir-regolamenti fejn jinkludi l-elementi li għalihom japplika l-Artikolu 346 ta-TFUE; inkella jista' jingħata f'konformità mar-Regolamenti dwar l-Għoti ta' Kuntratti Pubbliċi minn Awtoritajiet jew Entitajiet Kontraenti fl-Oqsma tad-Difiża u s-Sigurtà. L.S. 601.07

Il-Valur tal-Kuntratt

Regolament għall-kalkolu tal-valur stmat tal-akkwist.

28. (1) Il-kalkolu tal-valur stmat ta' akkwist għandu jkun ibbażat fuq l-ammont totali pagabbli, mingħajr il-VAT, kif stmat mill-awtorità kontraenti, inkluż kull forma ta' għażla u kull tiġdid tal-kuntratti kif stipulat b'mod espliċitu fid-dokumenti ta' akkwist.

(2) Awtorità kontraenti, meta tipprovdi għal għotjiet jew pagamenti lil kandidati jew offerenti, għandha tqis dan meta tikkalkula l-valur stmat tal-akkwist.

(3) Meta awtorità kontraenti tkun magħmula minn unitajiet operazzjonali separati, għandu jittieħed kont tal-valur totali stmat għal kull unità operazzjonali individwali.

(4) Minkejja d-dispożizzjonijiet tas-subregolamenti (1) u (2), fejn unità operazzjonali separata hija indipendentament responsabbli mill-akkwist tagħha jew ċerti kategoriji tagħha, il-valuri jistgħu jkunu stmati fil-livell tal-unità inkwistjoni.

(5) L-għażla tal-metodu għall-kalkolu tal-valur stmat ta' akkwist ma għandhiex issir bl-intenzjoni li tiġi eskluża mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dawn ir-regolamenti. Akkwist ma għandux ikun suddiviż bl-effett li ma jitħalliex jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dawn ir-regolamenti, sakemm dan ma jkunx ġustifikat b'raġunijiet oġġettivi.

(6) Il-valur stmat għandu jkun validu fil-mument li fih tintbagħat is-sejħa għall-kompetizzjoni, jew, fil-każijiet fejn mhijiex prevista sejħa għall-kompetizzjoni, fil-mument li fih l-awtorità kontraenti tibda l-proċedura ta' akkwist, pereżempju, fejn adatt, billi tikkuntattja operaturi ekonomiċi fir-rigward tal-akkwist.

Valur ta' ftehim qafas.

29. Fir-rigward ta' ftehim qafas u sistemi dinamiċi ta' xiri, il-valur li għandu jiġi kkunsidrat għandu jkun il-valur massimu stmat, mingħajr il-VAT, tal-kuntratti kollha previsti għat-terminu totali tal-ftehim qafas jew is-sistema dinamika ta' xiri.

Valur ta' sħubija f'innovazzjoni.

30. Fil-każ ta' sħubijiet tal-innovazzjoni, il-valur li għandu jiġi kkunsidrat għandu jkun il-valur massimu stmat, mingħajr il-VAT, tal-attivitajiet ta' riċerka u żvilupp li għandhom isiru matul l-istadji kollha tas-sħubija prevista kif ukoll tal-provvisti, is-servizzi jew ix-xogħlijiet li għandhom jiġu żviluppati u akkwistati fl-aħħar tas-sħubija prevista.

Valur ta' xogħlijiet pubbliċi.

31. (1) Għall-kuntratti pubbliċi ta' xogħlijiet, il-kalkolu tal-valur stmat għandu jqis kemm l-ispiża tax-xogħlijiet kif ukoll il-valur totali stmat tal-provvisti u s-servizzi li huma disponibbli għall-kuntrattur mill-awtorità kontraenti, sakemm dawn ikunu meħtieġa għall-eżekuzzjoni tax-xogħlijiet.

(2) Fejn xogħol propost jew il-forniment propost ta' servizzi jista' jirriżulta fl-għoti ta' kuntratti fil-forma ta' lottijiet separati, għandu jitqies il-valur totali stmat tat-totalità ta' dawn il-lottijiet.

(3) Meta l-valur aggregat tal-lottijiet huwa daqs jew aktar mil-limitu stabbilit fis-subregolament (2), dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw għall-għoti ta' kull lott.

(4) Meta proposta għall-akkwist ta' provvisti simili tista' tirriżulta f'kuntratti mogħtija fil-forma ta' lottijiet separati, għandu jiġi kkunsidrat il-valur totali stmat tal-lottijiet kollha bħal dawn meta jiġu applikati l-punti (*b*) u (*ċ*) tal-Iskeda 5.

(5) Meta l-valur aggregat tal-lottijiet fis-subregolament (4) huwa daqs jew aktar mil-limitu stabbilit fl-Iskeda 5, dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw għall-għoti ta' kull lott.

(6) Minkejja d-dispożizzjonijiet tas-subregolamenti (2), (3), (4) u (5), l-awtoritajiet kontraenti jistgħu jagħtu kuntratti ta' lottijiet individwali mingħajr ma japplikaw il-proċeduri previsti skont dawn ir-regolamenti, sakemm il-valur stmat tal-lott ikkonċernat, mingħajr il-VAT, ikun inqas minn tmenin elf euro (€80,000) għal

provvisti jew servizzi jew miljun euro (€1,000,000) għal xogħlijiet. Madankollu, il-valur aggregat tal-lottijiet, mogħtija b'dan il-mod, mingħajr ma jiġu applikati dawn ir-regolamenti, ma għandux ikun aktar minn 20% tal-valur aggregat tal-lottijiet kollha li fihom jinqasam ix-xogħol propost, l-akkwist propost ta' provvisti simili jew il-forniment propost ta' servizzi.

Valur ta' kuntratti pubbliċi ta' provvisti jew servizzi.

32. (1) Fil-każ ta' kuntratti ta' servizzi u provvisti pubbliċi li huma ta' natura regolari jew li hemm il-ħsieb li jiġġeddu f'perijodu partikolari, il-kalkolu tal-valur stmat tal-kuntratt għandu jiġi bbażat fuq dan li ġej:

(*a*) jew il-valur totali attwali tal-kuntratti suċċessivi tal-istess tip mogħtija matul it-tnax-il xahar preċedenti jew is-sena finanzjarja aġġustata, meta jkun possibbli, biex jitqiesu t-tibdiliet fil-kwantità jew il-valur li jistgħu jseħħu fil-kors tat-tnax-il xahar wara l-kuntratt inizjali; jew

(*b*) il-valur totali stmat tal-kuntratti suċċessivi mogħtija matul it-tnax-il xahar wara l-ewwel kunsinna, jew matul is-sena finanzjarja jekk din tkun itwal minn tnax-il xahar.

(2) Rigward kuntratti ta' provvista pubblika li għandhom x'jaqsmu ma' kiri b'self, kiri jew xiri bin-nifs ta' prodotti, il-valur li jrid jittieħed bħala bażi għall-kalkolu tal-valur stmat tal-kuntratt għandu jkun kif ġej:

(*a*) fil-każ ta' kuntratti pubbliċi fuq terminu fiss, meta dak t-terminu jkun inqas minn jew ugwali għal tnax-il xahar, il-valur totali stmat għat-terminu tal-kuntratt jew, meta t-terminu tal-kuntratt huwa aktar minn tnax-il xahar, il-valur totali inkluż il-valur residwu stmat;

(*b*) fil-każ ta' kuntratti pubbliċi mingħajr terminu fiss jew li t-terminu tagħhom ma jistax jiġi definit, il-valur ta' kull xahar imultiplikat bi 48.

(3) Rigward kuntratti pubbliċi ta' servizzi, il-valur li jrid jintuża bħala l-bażi għall-kalkolu tal-valur stmat tal-kuntratt, fejn xieraq, għandu jkun kif ġej:

(*a*) servizzi ta' assigurazzjoni: il-primjum pagabbli, u forom oħra ta' remunerazzjoni;

(*b*) servizzi bankarji u servizzi finanzjarji oħrajn: il-miżati, il-kummissjonijiet pagabbli, l-imgħax u forom oħra ta' remunerazzjoni;

(*ċ*) kuntratti ta' disinn: il-miżati, il-kummissjonijiet pagabbli u forom oħra ta' remunerazzjoni.

(4) Rigward kuntratti pubbliċi ta' servizzi li ma jindikawx prezz totali, il-valur li jrid jintuża bħala l-bażi għall-kalkolu tal-valur stmat tal-kuntratt għandu jkun kif ġej:

(*a*) fil-każ ta' kuntratti li għandhom perijodu determinat, sakemm dan huwa ugwali jew inqas minn 48 xahar: il-valur totali għat-terminu sħiħ tagħhom;

(*b*) fil-każ ta' kuntratti mingħajr skont fiss jew bi skont aktar minn 48 xahar: il-valur ta' kull xahar immultiplikat bi 48.

Kuntratti f'Lottijiet

Diviżjoni ta' kuntratti f'lottijiet.

33. L-awtoritajiet kontraenti jistgħu jiddeċiedu li jagħtu kuntratt fil-forma ta' lottijiet separati u jistgħu jiddeterminaw id-daqs u s-suġġett ta' tali lottijiet.

Informazzjoni dwar deċiżjoini li kuntratti ma jiġux maqsuma f'lottijiet.

34. Meta offerta jkollha valur stmat li jaqa' taħt ir-regolament 9(1)(*b*), l-awtoritajiet kontraenti għandhom jipprovdu indikazzjoni tar-raġunijiet prinċipali għad-deċiżjoni tagħhom li ma jqassmux f'lottijiet, u dawn għandhom jiġu inklużi fid-dokumenti tal-akkwist jew fir-rapport individwali msemmi fir-regolament 113.

Żvelar.

35. Fl-avviż dwar il-kuntratt jew fl-istedina għall-konferma tal-interess, l-awtoritajiet kontraenti għandhom jindikaw jekk l-offerti jistgħux jiġu ppreżentati għal lot wieħed, għal diversi lottijiet jew għal-lottijiet kollha.

Limitazzjoni ta' lottijiet.

36. L-awtoritajiet kontraenti jistgħu, ukoll fejn jistgħu jiġu ppreżentati offerti għal diversi lottijiet jew għal-lottijiet kollha, jillimitaw in-numru ta' lottijiet li jistgħu jingħataw lil offerent wieħed, sakemm in-numru massimu ta' lottijiet għal kull offerent ikun iddikkjarat fl-avviż dwar il-kuntratt jew fl-istedina għall-konferma tal-interess. Fid-dokumenti tal-akkwist, l-awtoritajiet kontraenti għandhom jindikaw l-objettiv u l-kriterji jew ir-regoli mhux diskriminatorji li huma għandhom l-intenzjoni li japplikaw biex jiddeterminaw liema lottijiet ser jingħataw fejn l-applikazzjoni tal-kriterji tal-għoti tirriżulta fl-għoti lil offerent wieħed ta' aktar lottijiet min-numru massimu.

Lottijiet kombinati.

37. Fejn jista' jingħata aktar minn lott wieħed lill-istess offerent, l-awtoritajiet kontraenti jistgħu jagħtu kuntratti li jikkombinaw diversi lottijiet jew il-lottijiet kollha fejn ikunu speċifikaw fl-avviż tal-kuntratt jew fl-istendina għall-konferma tal-interess li huma jirriservaw il-possibbiltà li jagħmlu dan u jindikaw il-lottijiet jew il-gruppi li jistgħu jiġu kkombinati.

Prinċipji li jirreferu għall-Proċess tal-Akkwist

Ċarezza tad-dokumenti tal-akkwist.

38. (1) Id-dokument tal-akkwist għandu jkun miktub b'termini ċari u mhux ambigwi sabiex il-partijiet kollha interessati jkunu jistgħu jifmu sew il-patti u l-kondizzjonijiet tal-proċess.

(2) Jekk mitluba biżżejjed qabel, l-awtoritajiet kontraenti għandhom jipprovdu lill-offerenti kollha li jieħdu sehem fil-proċedura ta' akkwist informazzjoni addizzjonali li tirrigwarda speċifikazzjonijiet u kull dokument ta' sostenn mhux aktar tard minn sitt ijiem qabel it-terminu perentorju stabbilit biex jiġu riċevuti l-offerti.

(3) Fil-każ ta' proċedura aċċellerata kif imsemmi fir-regolament 116(3) u fir-regolament 122, il-perijodu stabbilit b'dan ir-regolament għandu jkun ta' erbat ijiem.

(4) L-awtorità kontraenti jew l-awtorità governattiva ċentrali

jistgħu joħorġu noti ta' kjarifika biex jispjegaw ċerti materji, biex jagħtu informazzjoni addizzjonali, biex ineħħu jew jemendaw ċerti inkonsistenzi jew żbalji u biex jimlew informazzjoni nieqsa li jkun hemm fid-dokument tal-akkwist.

(5) Meta tkun maħruġa fit-noti ta' kjarifika, l-informazzjoni addizzjonali u d-dokument ta' sostenn għandhom jiffurmaw parti integrali tad-dokument tal-akkwist.

Trattament ugwali, trasparenza u proporzjonalità.

39. (1) Awtoritajiet kontraenti għandhom jittrattaw operaturi ekonomiċi b'mod ugwali u mingħajr diskriminazzjoni u għandhom jaġixxu b'mod trasparenti u proporzjonali.

(2) L-offerent għandu jiġi magħżul b'mod trasparenti u skont il-proċedura preskritta.

(3) Id-disinn tal-akkwist pubbliku ma għandux isir bl-intenzjoni li jeskludi mill-kamp tiegħu ta' applikazzjoni dawn ir-regolamenti jew li b'mod artifiċjali jnaqqas il-kompetizzjoni. Il-kompetizzjoni titqies li ġiet imnaqqsa b'mod artifiċjali meta d-disinn tal-akkwist pubbliku jsir bl-intenzjoni li jiffavorixxi b'mod inġustifikat jew ikun ta' żvantaġġ għal ċerti operaturi ekonomiċi.

(4) Sakemm huma koperti mill-Annessi 1, 2, 4 u 5 u n-Noti Ġenerali għall-Appendiċi I tal-Unjoni Ewropea għall-FAP u minn ftehim internazzjonali oħrajn li l-Unjon hija marbuta bihom, l-awtoritajiet kontraenti għandhom jagħtu lix-xogħlijiet, provvisti, servizzi u operaturi ekonomiċi tal-firmatarji għal dawk il-ftehim trattament li ma jkunx inqas favorevoli mit-trattament mogħti lix-xogħlijiet, provvisti, servizzi u operaturi ekonomiċi tal-Unjoni.

Kunfidenzjalità. *Emendat: A.L. 56 tal-2021.*

40. (1) Mingħajr ħsara għall-obbligi stabbiliti f'dawn ir-regolamenti u, jew xi liġi oħra li tobbliga lid-Direttur, lill-awtorità kontraenti u lid-Direttorat għall-Akkwist Settorjali biex jiżvelaw informazzjoni, awtorità kontraenti, id-Direttur jew id-Direttorat għall-Akkwist Settorjali ma għandhomx ixandru informazzjoni mgħoddija lilhom minn operaturi ekonomiċi li hija mniżżla bħala kunfidenzjali, inklużi, iżda mhux limitati għal, sigrieti tekniċi jew kummerċjali u l-aspetti kunfidenzjali tal-offerti.

(2) Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dawn ir-regolamenti, l-informazzjoni li ġejja ma għandhiex titqies bħala kunfidenzjali:

(*a*) l-isem tal-offerent u l-ismijiet individwali ta' grupp ta' operaturi ekonomiċi li jissottomettu offerta partikolari;

(*b*) l-isem tas-subkuntratturi;

(*ċ*) dokumentazzjoni sottomessa minn operaturi ekonomiċi li tiċċertifika li osservaw il-kriterji tal-għażla; u

(*d*) informazzjoni teknika li diġà tkun pubblika.

(3) L-awtoritajiet jistgħu jimponu, fuq l-operaturi ekonomiċi, ħtiġiet immirati biex tiġi protetta n-natura konfidenzjali ta' informazzjoni li l-operaturi ekonomiċi jkunu għamlu disponibbli matul il-proċedura tal-akkwist.

Pubblikazzjoni

Avviżi ta' informazzjoni minn qabel.

41. L-awtorità responsabbli għat-tmexxija tas-sejħa tista' tħabbar l-intenzjoni tagħha dwar akkwisti ppjanati permezz ta' pubblikazzjoni ta' avviż informattiv minn qabel. Dawk l-avviżi għandu jkun fihom l-informazzjoni stipulata fl-Iskeda 9 taqsima B sezzjoni I. Huma għandhom ikunu ppubblikati jew mill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea jew mill-awtorità responsabbli għat-tmexxija tas-sejħa fuq il-profili ta' xerrejja tagħhom skont il-paragrafu 2(*b*) tal-Iskeda 11. Meta l-avviż ta' informazzjoni minn qabel ikun ippubblikat mill-awtorità responsabbli għat-tmexxija tas-sejħa fuq il-profil ta' xerrejja tagħha għandha tibgħat avviż tal-pubblikazzjoni fuq il-profil ta' xerrejja lill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea tagħhom f'konformità mal-Iskeda 11. Dawk l-avviżi għandu jkun fihom l-informazzjoni stipulata fl-Iskeda 9 taqsima A.

Avviżi dwar kuntratti.

42. (1) L-avviżi dwar kuntratti għandhom jintużaw bħala mezz ta' sejħa għall-kompetizzjoni fir-rigward tal-proċeduri kollha, mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tar-regolament 150.

(2) L-avviżi dwar kuntratti għandu jkun fihom l-informazzjoni stipulata fl-Iskeda 9 taqsima Ċ u għandhom jiġu ppubblikati skont ir-regolament 44.

Avviżi dwar l-għoti ta' kuntratti.

43. (1) Mhux aktar tard minn tletin jum wara l-konklużjoni ta' kuntratt jew ta' ftehim qafas, li huwa sussegwenti għad-deċiżjoni dwar l-għoti jew il-konklużjoni tiegħu, l-awtorità responsabbli għat-tmexxija tas-sejħa għandha tibgħat avviż dwar kuntratt bir-riżultati tal-proċedura tal-akkwist.

(2) L-avviż għandu jkun fih l-informazzjoni stabbilita fl-Iskeda 9 taqsima D u għandu jiġi ppubblikat skont ir-regolament 44.

(3) Fil-każ ta' ftehim qafas konklużi skont ir-regolamenti 167 sa 173, l-awtorità responsabbli għat-tmexxija tas-sejħa ma għandhiex tkun marbuta li tibgħat avviż bir-riżultati tal-proċedura ta' akkwist għal kull kuntratt ibbażat fuq dak il-ftehim:

Iżda l-awtorità responsabbli għat-tmexxija tas-sejħa għandha tirraggruppa l-avviżi tar-riżultati tal-proċedura tal-akkwist għall-kuntratti bbażati fuq il-ftehim qafas fuq bażi trimestrali. F'dak il-każ, l-awtorità responsabbli għat-tmexxija tas-sejħa għandha tibgħat l-avviżi raggruppati fi żmien tletin jum minn tmiem kull trimestru.

(4) L-awtorità responsabbli għat-tmexxija tas-sejħa għandha tibgħat avviż tal-għotja ta' kuntratti fi żmien tletin jum mill-għoti ta' kull kuntratt ibbażat fuq sistema dinamika ta' xiri. Madanakollu, jistgħu jiġbru dawn l-avviżi fi gruppi fuq bażi trimestrali. F'dak il-każ, hija għandha tibgħat l-avviżi miġburin flimkien fi żmien tletin jum mit-tmiem ta' kull trimestru.

(5) Ċerta informazzjoni dwar l-għoti ta' kuntratt jew il-konklużjoni tal-ftehim qafas tista' ma titħalliex tiġi ppubblikata fejn il-pubblikazzjoni tkun ta' xkiel għall-infurzar tal-liġi jew inkella tmur kontra l-interess pubbliku, tkun ta' ħsara għall-

interessi kummerċjali leġittimi ta' operatur ekonomiku, pubbliku jew privat partikolari, jew fejn din tista' tippreġudika l-kompetizzjoni leali bejn l-operaturi ekonomiċi.

Forma u mod ta' pubblikazzjoni ta' avviżi.

44. (1) L-avviżi msemmija fir-regolamenti 41, 42 u 43 huma obbligatorji biss fir-rigward ta' offerti li l-valur stmat tagħhom hu daqs jew jeċċedi l-limiti stabbiliti fl-Iskeda 9 fil-format ta' forom *standard*, inklużi forom *standard* għal rettifiki.

(2) Dawn l-avviżi għandhom jitfasslu, jintbagħtu b'mezzi elettroniċi lill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea u ppubblikati u ppubblikati skont l-Iskeda 10.

(3) L-awtorità responsabbli għat-tmexxija tas-sejħa għandha tkun tista' tipprovdi provi tad-dati li fihom jintbagħtu l-avviżi.

(4) Il-konferma dwar ir-riċevuta tal-avviż u tal-pubblikazzjoni tal-informazzjoni mibgħuta lill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea tikkostitwixxi prova tal-pubblikazzjoni.

Pubblikazzjoni fuq livell nazzjonali.

45. (1) Sakemm ma jkunx ġie awtorizzat mod ieħor mid-Direttur, offerti maħruġa b'valur stmat li jaqa' taħt r-regolament 9(1)(*b*) għandhom jiġu ppubblikati fuq il-pjattaforma tal-akkwist elettroniku tal-gvern:

Iżda jekk l-awtorità responsabbli għat-tmexxija tas-sejħa ma tagħmilx użu mill-pjattaforma tal-akkwist elettroniku tal-gvern, hi għandha tirreklama l-offerta fuq il-Gazzetta.

(2) L-avviżi msemmija fir-regolamenti 41, 42 u 43 u l-informazzjoni li tinstab fihom ma għandhomx jiġu ppubblikati fil-livell nazzjonali qabel il-pubblikazzjoni skont ir-regolament 44:

Iżda, fi kwalunkwe eventwalità l-pubblikazzjoni tista' ssir fil-livell nazzjonali meta l-awtorità responsabbli għat-tmexxija tas-sejħa ma tkunx ġiet notifikata bil-pubblikazzjoni fi żmien tmienja u erbgħin siegħa wara l-konferma tar-riċevuta tal-avviż skont ir-regolament 44.

(3) L-avviżi u reklami ppubblikati fil-livell nazzjonali ma għandux ikun fihom informazzjoni għajr dik li jkun hemm fl-avviżi mibgħuta lill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea jew dik ippubblikata fuq profil ta' xerrej, iżda għandhom jindikaw id-data li fiha ntbagħat l-avviż lill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea jew id-data tal-pubblikazzjoni tagħhom fuq il-profil ta' xerrej.

(4) L-avviżi informattivi minn qabel ma għandhomx jiġu ppubblikati fuq profil ta' xerrej qabel ma jintbagħat lill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea l-avviż tal-pubblikazzjoni tagħhom f'dik il-forma. Għandhom jindikaw dik id-data ta' meta ntbagħtu.

Avviż ta' kompetizzjoni.

46. (1) L-awtorità responsabbli għat-tmexxija tas-sejħa li bi ħsiebha torganizza kompetizzjoni ta' disinn b'valur stmat li tilħaq jew teċċedi l-limitu stabbilit fl-Iskeda 5 għandha tħabbar l-intenzjoni tagħha permezz ta' avviż ta' kompetizzjoni.

(2) Fejn tkun bi ħsiebha tagħti kuntratt ta' servizz sussegwenti

skont ir-regolament 154(1)(*b*), dan għandu jkun indikat fl-avviż ta' kompetizzjoni. Fil-każ fejn ma jkunx hemm bżonn li jiġi ppubblikat avviż ta' kompetizzjoni, l-awtorità kontraenti trid tagħmel l-intenzjoni tagħha ċara fid-dokumenti tal-akkwist.

(3) L-awtorità li organizzat il-kompetizzjoni ta' disinn għandha tibgħat avviż bir-riżultati tal-kompetizzjoni skont ir-regolament 44 u għandha tkun tista' tagħti prova tad-data ta' meta tkun bagħtet l-avviż.

(4) Fejn l-għoti ta' informazzjoni dwar ir-riżultat tal-kompetizzjoni jxekkel l-infurzar tal-liġi, imur kontra l-interess pubbliku jew jippreġudika l-interessi kummerċjali leġittimi ta' impriża partikolari, kemm jekk pubblika jew privata, jew jista' jippreġudika kompetizzjoni leali bejn fornituri ta' servizzi, din l-informazzjoni tista' tinżamm milli tiġi ppubblikata.

(5) L-avviżi msemmija fis-subregolamenti (1) sa (4) għandhom jiġu ppubblikati skont ir-regolamenti 44 u 45. Dawn għandhom jinkludu l-informazzjoni stabbilita rispettivament fl-Iskeda 9 taqsimiet E u F fil-format tal-formoli *standard*.

Konsultazzjonijiet Preliminari mas-Suq

Konsultazzjonijiet preliminari mas-suq.

47. (1) Qabel ma jniedu proċedura ta' akkwist, l-awtoritajiet kontraenti jistgħu jwettqu konsultazzjonijiet dwar is-suq bil-ħsieb li jitħejja l-akkwist u jiġu infurmatil-operaturi ekonomiċi dwar il-pjanijiet tagħhom dwar l-akkwist u r-rekwiżiti.

(2) L-awtoritajiet kontraenti jistgħu, pereżempju, jfittxu jew jaċċettaw konsulenza minn esperti indipendenti jew awtoritajiet jew minn parteċipanti fis-suq. Dik il-konsulenza tista' tintuża fl-ippjanar u t-tmexxija tal-proċedura ta' akkwist, sakemm din il-konsulenza ma jkollhiex l-effett ta' distorsjoni tal-kompetizzjoni u ma tirriżultax fi ksur tal-prinċipji ta' nondiskriminazzjoni u ta' trasparenza.

Komunikazzjoni

Regoli li japplikaw dwar il-komunikazzjoni

48. (1) Il-komunikazzjoni u skambju ta' informazzjoni kollu taħt dawn ir-regolamenti, inkluża l-preżentazzjoni elettronika, jitwettqu bl-użu ta' mezzi elettroniċi ta' komunikazzjoni skont ir-rekwiżiti ta' dawn ir-regolamenti.

(2) L-għodod u l-mezzi li għandhom jintużaw għall-komunikazzjoni b'mezzi elettroniċi, kif ukoll il-karatteristiċi tekniċi tagħhom, ma għandhomx ikunu diskriminatorji, iridu jkunu ġeneralment għad-dispożizzjoni u interoperabbli mal-prodotti tal-ICT fl-użu ġenerali u ma għandhomx jillimitaw l-aċċess tal-operaturi ekonomiċi għall-proċedura ta' akkwist.

(3) Minkejja d-dispożizzjonijiet tas-subregolamenti (1) u (2), l-awtoritajiet kontraenti m'għandhomx ikunu obbligati jitolbu mezzi elettroniċi ta' komunikazzjoni fil-proċess ta' sottomissjoni fis-sitwazzjonijiet li ġejjin:

(*a*) minħabba n-natura speċjalizzata tal-akkwist, l-użu ta' mezzi ta' komunikazzjoni elettroniċi jitlob għodod

speċifiċi, mezzi jew formati ta' fajl li ġeneralment mhumiex disponibbli jew aċċettati minn applikazzjonijiet li jkunu ġeneralment disponibbli;

(*b*) l-applikazzjonijiet li jaċċettaw il-formati ta' fajls li huma adatti għad-deskrizzjoni tal-offerti jużaw *file formats* li ma jistgħux jinqraw minn ebda applikazzjoni oħra miftuħa jew ġeneralment disponibbli jew li huma taħt skema ta' liċenzjar proprjetarju u ma jistgħux isiru disponibbli għat-tniżżil jew għall-użu mill-bogħod mill-awtorità kontraenti;

(*ċ*) l-użu ta' mezzi ta' komunikazzjoni elettronika jkun jitlob tagħmir ta' uffiċċju speċjalizzat li ma jkunx ġeneralment disponibbli għall-awtoritajiet kontraenti;

(*d*) id-dokumenti ta' akkwist jirrikjedu s-sottomissjoni ta' mudelli fiżiċi jew fuq skala li ma jkunux jistgħu jintbagħtu bl-użu ta' mezzi elettroniċi.

(4) Fir-rigward ta' komunikazzjonijiet li għalihom ma jintużawx mezzi elettroniċi ta' komunikazzjoni skont is-subregolament (3), il-komunikazzjoni għandha ssir permezz tal-posta jew b'mezz ta' ġarr adatt ieħor jew b'taħlita ta' posta jew mezz ta' ġarr adatt ieħor u mezzi elettroniċi.

(5) L-awtorità responsabbli għat-tmexxija tas-sejħa mhijiex obbligata li tesiġi mezzi elettroniċi ta' komunikazzjoni fil-proċess ta' preżentazzjoni elettronika safejn l-użu ta' mezzi ta' komunikazzjoni li mhijiex elettronika tkun meħtieġa minħabba ksur ta' sigurtà ta' dawn il-mezzi elettroniċi ta' komunikazzjoni jew għall-protezzjoni ta' informazzjoni ta' natura sensittiva li titlob livell għoli ta' protezzjoni li ma jistax ikun żgurat kif suppost bl-użu ta' għodod u mezzi elettroniċi li jkunu ġeneralment disponibbli għall-operaturi ekonomiċi jew li jistgħu jsiru disponibbli għalihom permezz ta' mezzi alternattivi ta' aċċess fis-sens tas-subregolamenti (5) u (6).

(6) Hija fir-responsabbiltà tal-awtorità responsabbli għat-tmexxija tas-sejħa li titolb, f'konformità mas-subregolament (2), mezzi ta' komunikazzjoni li mhumiex mezzi elettroniċi fil-proċess ta' preżentazzjoni biex tindika fir-rapporti individwali msemmija fir-regolamenti 29 jew 241, kif ikun il-każ, ir-raġunijiet għal dan ir-rekwiżit. Fejn applikabbli, l-awtorità responsabbli għat-tmexxija tas-sejħa għandha tindika fir-rapport individwali r-raġunijiet għaliex l-użu ta' mezzi ta' komunikazzjoni li mhumiex elettroniċi ġew ikkunsidrati neċessarji fl-applikazzjoni tas-subregolament (5).

(7) Il-komunikazzjoni verbali tista' tintuża fir-rigward ta' komunikazzjonijiet li ma jikkonċernawx l-elementi essenzjali ta' proċedura ta' akkwist, sakemm il-kontenut tal-komunikazzjoni verbali tkun dokumentata b'mod suffiċjenti. Għal dan il-għan, l-elementi essenzjali ta' proċedura ta' akkwist jinkludu d-dokumenti tal-akkwist, talbiet għall-parteċipazzjoni, konfermi ta' interess u offerti. B'mod partikolari, komunikazzjonijiet verbali mal-offerenti li jista' jkollhom impatt sostanzjali fuq il-kontenut u l-evalwazzjoni tal-offerti għandhom ikunu ddokumentati b'mod

suffiċjenti u b'mezzi adatti, bħal reġistrazzjonijiet bil-miktub jew bl-awdjo jew sommarji tal-elementi prinċipali tal-komunikazzjoni.

(8) F'kull komunikazzjoni, skambju u ħżin ta' informazzjoni, l-awtorità responsabbli għat-tmexxija tas-sejħa għandha tiżgura li l-integrità tad-*data* u l-kunfidenzjalità tal-offerti jew tat-talbiet għall-parteċipazzjoni huma konservati. Hija għandha teżamina l-kontenut tal-offerti u t-talbiet għall-parteċipazzjoni biss wara li jkun skada l-limitu ta' żmien għas-sottomissjoni tagħhom.

(9) Għal kuntratti ta' xogħlijiet pubbliċi u kompetizzjonijiet tad-disinni, l-awtorità responsabbli għat-tmexxija tas-sejħa tista' titlob l-użu ta' għodod elettroniċi speċifiċi, bħal għodod ta' mmudellar elettroniku ta' informazzjoni jew simili. F'tali każijiet l-awtorità responsabbli għat-tmexxija tas-sejħa għandha toffri mezzi alternattivi ta' aċċess, kif previst fis-subregolamenti (10) u (11), sa meta dawk l-għodod isiru disponibbli b'mod ġenerali fis-sens tas-subregolament (2).

(10) Fejn dan ikun meħtieġ, l-awtorità responsabbli għat-tmexxija tas-sejħa tista' teħtieġ l-użu ta' għodod u mezzi li mhumiex ġeneralment disponibbli, sakemm l-awtorità responsabbli għat-tmexxija tas-sejħa toffri mezzi alternattivi ta' aċċess.

(11) L-awtorità responsabbli għat-tmexxija tas-sejħa għandha titqies li toffri mezzi alternattivi xierqa ta' aċċess fi kwalunkwe waħda mis-sitwazzjonijiet li ġejjin, meta hija:

(*a*) toffri mingħajr ħlas aċċess mingħajr restrizzjonijiet, sħiħ u dirett b'mezzi elettroniċi għal dawk l-għodod u mezzi mid-data ta' pubblikazzjoni tal-avviż skont l-Iskeda 11 jew mid-data li fiha tintbagħat l-istedina għall-konferma tal-interess. It-test tal-avviż jew l-stedina għall-konferma tal-interess għandu jispeċifika l-indirizz fuq l-internet li fuqu jkunu disponibbli dawk l-għodod u apparat;

(*b*) tiżgura li l-offerenti li ma jkollhomx aċċess għall-għodod u mezzi kkonċernati, jew l-ebda possibbiltà li jiksbuhom fil-limiti taż-zmien rilevanti, sakemm innuqqas ta' aċċess ma jkunx attribwibbli għall-offerent ikkonċernat, ikollhom aċċess għall-proċedura ta' akkwist permezz tal-użu ta' *tokens* li jkunu disponibbli mingħajr ħlas *online*; jew

(*ċ*) tappoġġa kanal alternattiv għall-preżentazzjoni elettronika tal-offerti.

(12) Minbarra r-rekwiżiti stabbiliti fl-Iskeda 8, għandhom japplikaw ir-regoli li ġejjin għal strumenti u mezzi għat-trasmissjoni elettronika u r-riċevuta ta' offerti u għar-riċevuta b'mezzi elettroniċi ta' talbiet għal parteċipazzjoni:

(*a*) informazzjoni dwar speċifikazzjonijiet għas-sottomissjoni elettronika tal-offerti u t-talbiet għal parteċipazzjoni, inklużi l-qlib ta' *data* f'kodiċi u l-istampar tal-ħin, għandha tkun għad-dispożizzjoni ta' partijiet interessati;

(*b*) l-awtorità responsabbli għat-tmexxija tas-sejħa għandha tispeċifika l-livell ta' sigurtà meħtieġ għall-

mezzi elettroniċi ta' komunikazzjoni fil-varji stadji tal-proċedura speċifika ta' akkwist; dak il-livell għandu jkun proporzjonat għar-riskji involuti:

Iżda r-rekwiżit stabbilit taħt dan il-paragrafu għandu jitqies li jkun ġie sodisfatt meta l-komunikazzjoni permezz ta' mezzi elettroniċi ssir permezz tal-pjattaforma tal-akkwist elettroniku tal-gvern;

(*ċ*) fejn l-awtorità responsabbli għat-tmexxija tas-sejħa li taġixxi fi ħdan qafas ġenerali tikkonkludi li l-livell tar-riskji, ivvalutat skont il-paragrafu (*b*), ikun tali li huma meħtieġa firem elettroniċi avvanzati kif imfissra fid-Direttiva 1999/93/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, l-awtoritajiet kontraenti għandhom jaċċettaw firem elettroniċi avvanzati appoġġati minn ċertifikat elettroniku kwalifikat, filwaqt li jieħdu kont ta' jekk dawk il-firem humiex ipprovduti minn fornitur ta' servizzi ta' ċertifikazzjoni li jinsab f'lista ta' fiduċja kif previst fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/767/KE, maħluqa bi jew mingħajr tagħmir għall-ħolqien tal-firem sikuri, soġġetti għall-konformità mal-kondizzjonijiet li ġejjin:

(i) l-awtorità responsabbli għat-tmexxija tas-sejħa għandha tistabbilixxi l-format tal-firma avvanzata meħtieġ fuq il-bażi tal-*formats* stabbiliti fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/130/UE u għandha timplimenta l-miżuri meħtieġa sabiex tkun tista' tipproċessa dawn il-*formats* b'mod tekniku; fil-każ li jkun intuża format differenti tal-firma elettronika, il-firma elettronika jew it-trasportatur tad-dokument elettroniku għandu jinkludi informazzjoni dwar possibbiltajiet ta' validazzjoni eżistenti, li jkunu taħt ir-responsabbiltà tal-Istat Membru. Il-possibbiltajiet ta' validazzjoni għandhom jippermettu lill-awtorità responsabbli għat-tmexxija tas-sejħa li tivvalida *online*, mingħajr ħlas u b'mod li jinftiehem minn dawk b'lingwa materna differenti, l-firem elettroniċi li jkunu rċevew bħala firma elettronika avvanzata bis-sostenn ta' ċertifikat kwalifikat;

(ii) fejn offerta tkun iffirmata b'sostenn ta' ċertifikat kwalifikat li huwa inkluż f'lista ta' fiduċja, l-awtorità responsabbli għat-tmexxija tas-sejħa ma għandhiex tapplika rekwiżiti addizzjonali li jistgħu jxekklu l-użu ta' dawk il-firem mill-offerenti.

(13) Rigward dokumenti li jintużaw fi proċedura ta' akkwist li jkunu ffirmati minn awtorità kompetenti jew minn entità emittenti oħra, l-awtorità jew entità emittenti kompetenti tista' tistabbilixxi l-format avvanzat dwar il-firma rikjest skont ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 1(2) tad-Deċiżjoni 2011/130/UE.

(14) Għall-finijiet tas-subregolament (13), awtoritajiet kompetenti għandhom jimplimentaw l-miżuri neċessarji sabiex

dawk il-*formats* ikunu jistgħu jiġu proċessati teknikament billi tkun inkluża l-informazzjoni rikjesta għall-finijiet tal-ipproċessar tal-firma fid-dokument ikkonċernat. Tali dokumenti għandu jkun fihom, fil-firma elettronika jew fid-dokument elettroniku, informazzjoni tat-trasportatur dwar possibbiltajiet ta' validazzjoni eżistenti li jippermettu l-validazzjoni *online* tal-firma elettronika rċevuta, mingħajr ħlas u b'mod li jinftiehem minn dawk b'lingwa materna differenti.

(15) Għall-finijiet ta' din it-Taqsima, awtoritajiet kontraenti elenkati fl-Iskeda 3 ma għandhomx bżonn tal-apprivazzjoni minn qabel tad-Direttur imma l-kunsens bil-miktub tal-kap ta' dik l-awtorità kontrenti jkun biżżejjed.

Disponibilità ta' dokumenti tal-akkwisti b'mod elettroniku.

49. (1) Fir-rigward ta' offerti li l-valur stmat tagħhom jaqa' taħt l-Iskeda 5, l-awtorità responsabbli għat-tmexxija tas-sejħa għandha, b'mezzi elettroniċi, toffri aċċess mingħajr restrizzjonijiet, sħiħ u mingħajr ħlas għad-dokumenti tal-akkwist mid-data ta' pubblikazzjoni ta' avviż skont ir-regolament 44 jew mid-data li fiha ntbagħtet l-istedina għall-konferma tal-interess. It-test tal-avviż jew tal-istedina għall-konferma tal-interess għandu jispeċifika l-indirizz fuq l-Internet li fuqu hija aċċessibbli d-dokumentazzjoni.

(2) Fir-rigward ta' offerti li l-valur stmat tagħhom jaqa' taħt l-Iskeda 5, fejn ma jistax jiġi offrut l-aċċess mingħajr restrizzjonijiet, sħiħ u mingħajr ħlas b'mezzi elettroniċi għad-dokument tal-akkwist minħabba waħda mir-raġunijiet stiplulati fir-regolament 48(2), l-awtorità responsabbli għat-tmexxija tas-sejħa tista' tindika fl-avviż jew fl-istedina għall-konferma tal-interess li d-dokumenti tal-akkwist ikkonċernati ser jintbagħtu b'mezzi oħra mhux elettroniċi:

Iżda f'dan il-każ, il-limitu ta' żmien għas-sottomissjoni tal-offerti għandu jiġi estiż b'ħamest ijiem, ħlief fil-każijiet ta' urġenza debitament issostanzjata msemmija fir-regolamenti 116(3), 122 u 125.

(3) Fir-rigward ta' offerti li l-valur stmat tagħhom jaqa' taħt l-Iskeda 5, fejn ma jistax jiġu offrut l-aċċess mingħajr restrizzjonijiet, sħiħ u mingħajr ħlas b'mezzi elettroniċi għad-dokument tal-akkwist minħabba l-fatt li l-awtorità responsabbli għat-tmexxija tas-sejħa għandha l-intenzjoni li tapplika d-dispożizzjoinijiet tar-regolament 40(3), hija għandha tindika fl-avviż jew fl-istedina għall-konferma tal-interess liema miżuri maħsuba għall-protezzjoni tan-natura kunfidenzjali tal-informazzjoni hija tesiġi u kif għandu jinkiseb l-aċċess għad-dokumenti kkonċernati:

Iżda f'dan il-każ, il-limitu ta' żmien għas-sottomissjoni tal-offerti għandu jiġi estiż b'ħamest ijiem, ħlief fil-każijiet ta' urġenza debitament issostanzjata msemmija fir-regolamenti 116(3), 122 u 125.

Stedina lil kandidati.

50. (1) Fi proċeduri ristretti, proċeduri ta' djalogu kompetittiv, sħubijiet għall-innovazzjoni u proċeduri kompetittivi permezz tan-negozjar, b'mod simultanju u bil-miktub, l-awtoritajiet kontraenti għandhom jistiednu lill-kandidati magħżula sabiex jissottomettu l-offerti tagħhom jew, fil-każ ta' djalogu kompetittiv, sabiex jieħdu sehem fid-djalogu.

(2) L-istediniet għandhom jinkludu referenza għal indirizz

elettroniku li fih id-dokumenti tal-akkwist tqiegħdu għad-dispożizzjoni diretta b'mezzi elettroniċi. L-istediniet għandhom ikunu akkumpanjati mid-dokumenti tal-akkwist, fejn dawk id-dokumenti ma jkunux is-suġġett ta' aċċess mingħajr restrizzjonijiet, sħiħ u mingħajr ħlas, għar-raġunijiet stipulati fir-regolament 49(1) u (2) u li ma jkunux saru disponibbli b'xi mod ieħor. Barra minn hekk, l-istediniet imsemmijin fis-subregolament (1) għandhom jinkludu l-informazzjoni stipulata fl-Iskeda 12.

Katalogi elettroniċi.

51. (1) Fejn ikun rikjest l-użu ta' mezzi elettroniċi ta' komunikazzjoni, l-awtorità responsabbli għat-tmexxija tas-sejħa tista' tesiġi li l-offerti jiġu ppreżentati fil-format ta' katalogu elettroniku jew li jiġi inkluż katalogu elettroniku.

(2) L-offerti ppreżentati fil-forma ta' katalogu elettroniku jistgħu jiġu ppreżentati flimkien ma' dokumenti ohra, li jiffurmaw l-offerta sħiħa.

(3) Il-katalogi elettroniċi għandhom jiġu stabbiliti mill-kandidati jew mill-offerenti bil-għan li jipparteċipaw fi proċedura partikolari ta' akkwist skont l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi u l-format stabbiliti mill-awtorità kontraenti.

(4) Il-katalogi elettroniċi għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti għall-għodod ta' komunikazzjoni elettronika kif ukoll ma' kwalunkwe rekwiżiti addizzjonali stabbiliti mill-awtorità kontraenti b'konformità mar-regolament 48.

(5) Fejn il-preżentazzjoni ta' offerti fil-forma ta' katalogi elettroniċi hija aċċettata jew rikjesta, l-awtorità responsabbli għat-tmexxija tas-sejħa għandha:

(*a*) tiddikkjara dan fl-avviż dwar kuntratt;

(*b*) tindika fid-dokumenti ta' akkwist l-informazzjoni neċessarja kollha skont ir-regolament 48(2) rigward il-format, it-tagħmir elettroniku użat u l-arranġamenti u l-ispeċifikazzjonijiet ta' konnessjonijiet tekniċi għall-katalogu.

(6) Fejn ġie konkluż ftehim qafas ma' aktar minn operatur ekonomiku wieħed wara s-sottomissjoni ta' offerti fil-forma ta' katalogi elettroniċi, l-awtoritajiet responsabbli għat-tmexxija tas-sejħa jistgħu jistabbilixxu li l-ftuħ mill-ġdid tal-kompetizzjoni għal kuntratti speċifiċi jseħħ fuq il-bażi tal-katalogi aġġornati. F'dan il-każ, l-awtoritajiet responsabbli għat-tmexxija tas-sejħa għandhom jużaw wieħed mill-metodi li ġejjin:

(*a*) jistiednu lill-offerenti sabiex jissottomettu mill-ġdid il-katalogi elettroniċi tagħhom, adattati għar-rekwiżiti tal-kuntratt inkwistjoni; jew

(*b*) jinnotifikaw lill-offerenti li għandhom il-ħsieb li jiġbru mill-katalogi elettroniċi li diġà ġew ppreżentati l-informazzjoni meħtieġa sabiex jiġu kostitwiti offerti adattati għar-rekwiżiti tal-kuntratt inkwistjoni; dejjem jekk l-użu ta' dak il-metodu jkun ġie mħabbar fid-dokumenti tal-akkwist tal-ftehim qafas.

(7) Fejn l-awtoritajiet responsabbli għat-tmexxija tas-sejħa

jerġgħu jifthu l-kompetizzjoni għal kuntratti speċifiċi b'konformità mas-subregolament (6)(*b*), dawn għandhom jinnotifikaw lill-offerenti bid-data u l-ħin li fihom għandhom il-ħsieb li jiġbru l-informazzjoni meħtieġa sabiex jiġu kostitwiti offerti adattati għar-rekwiżiti tal-kuntratt speċifiku inkwistjoni u għandhom jagħtu lill-offerenti l-possibilità li jiċħdu dan il-ġbir tal-informazzjoni.

(8) L-awtoritajiet responsabbli għat-tmexxija tas-sejħa għandhom jagħtu perijodu ta' żmien adegwat bejn in-notifika u l-ġbir attwali tal-informazzjoni.

(9) Qabel ma jagħtu l-kuntratt, l-awtoritajiet responsabbli għat-tmexxija tas-sejħa għandhom jippreżentaw l-informazzjoni miġbura lill-offerent ikkonċernat, sabiex b'hekk jagħtuh l-opportunità li jikkontesta jew jikkonferma li l-offerta hekk ikkostitwita ma fiha l-ebda żball materjali.

(10) L-awtoritajiet responsabbli għat-tmexxija tas-sejħa jistgħu jagħtu kuntratti fuq il-bażi ta' sistema dinamika tax-xiri billi jeżiġu li offerti għal kuntratt speċifiku jiġu ppreżentati fil-format ta' katalogu elettroniku.

(11) L-awtoritajiet responsabbli għat-tmexxija tas-sejħa jistgħu wkoll jagħtu kuntratti bbażati fuq sistema dinamika tax-xiri skont is-subregolament (6)(*b*) u s-subregolamenti (7), (8) u (9) dejjem jekk it-talba għal parteċipazzjoni fis-sistema dinamika ta' xiri tkun akkumpanjata minn katalogu elettroniku skont l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi u l-format stabbiliti mill-awtorità kontraenti.

(12) Għall-finijiet tas-subregolament (11), dak il-katalogu għandu jimtela' mill-kandidati, meta dawn ikunu ġew mgħarrfa bl-intenzjoni tal-awtorità kontraenti li tikkostitwixxi l-offerti permezz tal-proċedura stipulata fis-subregolament (6)(*b*).

Limiti ta' Żmien u Speċifikazzjonijiet Tekniċi

Determinazzjoni ta' limiti ta' żmien.

52. (1) Meta jiffissaw il-limiti taż-żmien għar-riċevuta ta' offerti u talbiet għal parteċipazzjoni, l-awtoritajiet responsabbli għat-tmexxija tas-sejħa għandhom jikkunsidraw il-kumplessità tal-kuntratt u ż-żmien meħtieġ għat-tfassil tal-offerti, mingħajr ħsara għal-limiti ta' żmien minimi stabbiliti fir-regolamenti 116, 121, 122, 125, 142 u 132.

(2) Fejn l-offerti jistgħu jsiru biss wara żjara fuq il-post jew wara spezzjoni fuq il-post tad-dokumenti ta' prova għad-dokumenti tal-akkwist, il-limiti ta' żmien għar-riċevuta ta' offerti, li għandhom ikunu itwal mil-limiti ta' żmien minimi stabbiliti fir-regolamenti 116, 121, 122, 125, 142 u 132, għandhom jiġu stipulati sabiex l-operaturi ekonomiċi kollha kkonċernati jkunu jistgħu jsiru jafu dwar l-informazzjoni kollha meħtieġa sabiex jinħolqu l-offerti.

(3) L-awtoritajiet kontraenti għandhom jestendu l-limiti taż-żmien għar-riċevuta ta' offerti sabiex l-operaturi ekonomiċi kollha kkonċernati jkunu jistgħu jsiru jafu dwar l-informazzjoni kollha meħtieġa sabiex jinħolqu l-offerti fil-każijiet li ġejjin:

(*a*) fejn, għal kwalunkwe raġuni, l-informazzjoni addizzjonali, għalkemm mitluba mill-operatur ekonomiku fi żmien adegwat, ma tiġix ipprovduta sa mhux aktar tard minn sitt

ijiem qabel l-iskadenza ffissata għar-riċevuta tal-offerti. Fil-każ ta' proċedura aċċellerata kif imsemmija fir-regolamenti 116(3) u 122, dak il-perijodu għandu jkun ta' erbat ijiem;

(*b*) fejn isiru tibdiliet sinifikanti lid-dokumenti ta' akkwist.

(4) It-tul tal-estensjoni għandu jkun proporzjonat għall-importanza tal-informazzjoni jew tal-bidla.

(5) Fejn l-informazzjoni addizzjonali ma ġietx mitluba fi żmien adegwat jew l-importanza tagħha mhix sinifikanti fid-dawl tat-tħejjija ta' offerti reattivi, l-awtoritajiet responsabbli għat-tmexxija tas-sejħa m'għandhomx ikunu meħtieġa li jestendu l-limiti ta' żmien.

(6) Sottomissjonijiet ta' offerti li jaslu tardgħandhom jiġu skwalifikati mill-proċess.

Speċifikazzjonijiet tekniċi.

53. (1) L-ispeċifikazzjonijiet tekniċi kif stabbiliti fid-dokumenti ta' akkwist għandhom jistipulaw il-karatteristiċi meħtiega ta' xogħol, servizz jew provvista.

(2) Dawk il-karatteristiċi jistgħu jirreferu wkoll għall-proċess jew metodu speċifiku tal-produzzjoni jew il-provvista tax-xogħlijiet, provvisti jew servizzi mitluba jew għal proċess speċifiku għal stadju ieħor taċ-ċiklu tal-ħajja tiegħu anke fejn tali fatturi ma jiffurmawx parti mis-sustanza materjali tagħhom dment li huma marbuta mas-suġġett tal-kuntratt u proporzjonali għall-valur u l-objettivi tiegħu.

(3) L-ispeċifikazzjonijiet tekniċi jistgħu jispeċifikaw ukoll jekk hux ser ikun meħtieġ it-trasferiment tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali.

(4) Għall-akkwist kollu li hu maħsub għall-użu minn persuni fiżiċi, kemm jekk il-pubbliku ġenerali kif ukoll jekk il-persunal tal-awtorità kontraenti, dawk l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għandhom jitfasslu b'mod li jikkunsidraw il-kriterji ta' aċċessibbiltà għall-persuni b'diżabbiltà jew ta' disinn għall-utenti kollha.

(5) Fejn ir-rekwiżiti obbligatorji ta' aċċessibbiltà huma adottati permezz ta' att legali tal-Unjoni, l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għandhom, sa fejn ikunu kkonċernati l-kriterji ta' aċċessibbiltà għal persuni b'diżabbiltà jew ta' disinn għall-utenti kollha, jiġu definiti b'referenza għalihom.

(6) L-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għandhom joffru aċċess ugwali tal-operaturi ekonomiċi għall-proċedura ta' akkwist u ma għandux ikollhom l-effett li joħolqu xkiel mingħajr ġustifikazzjoni għall-ftuħ tal-akkwist pubbliku għall-kompetizzjoni.

(7) Mingħajr preġudizzju għar-regoli tekniċi nazzjonali obbligatorji, sa fejn ikunu kompatibbli mal-liġi tal-Unjoni, l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għandhom jiġu formulati b'wieħed minn dawn il-modi li ġejjin:

(*a*) f'termini tar-rekwiżiti ta' rendiment jew ta' funzjoni, inklużi l-karatteristiċi ambjentali, dejjem jekk il-parametri jkunu preċiżi biżżejjed sabiex jippermettu

lill-offerenti jiddeterminaw is-suġġett tal-kuntratt u l-awtoritajiet kontraenti jitħallew jagħtu l-kuntratt;

(*b*) permezz ta' referenza għall-ispeċifikazzjonijiet tekniċi u, fl-ordni ta' preferenza, għall-i*standards* nazzjonali li jittrasponu l-i*standards* Ewropej, il-Valutazzjonijiet Tekniċi Ewropej, l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi komuni, l-i*standards* internazzjonali, sistemi ta' referenzi tekniċi oħrajn stabbiliti mill-korpi ta' standardizzazzjoni Ewropej jew - fejn xi waħda minn dawk ma teżistix - l-i*standards* nazzjonali, l-approvazzjonijiet tekniċi nazzjonali jew l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi nazzjonali relatati mad-disinn, il-kalkolu u t-twettiq ta' xogħlijiet u l-użu tal-provvisti; kull referenza għabdu jkollha fiha l-kliem 'jew ekwivalenti';

(*ċ*) f'termini ta' rekwiżiti ta' rendiment jew ta' funzjoni kif imsemmi fil-paragrafu (*a*), b'referenza għall-ispeċifikazzjonijiet tekniċi msemmija fil-paragrafu (*b*) bħala mezz ta' suppożizzjoni ta' konformità ma' dawn ir-rekwiżiti ta' rendiment jew ta' funzjoni;

(*d*) permezz ta' referenza għall-ispeċifikazzjonijiet tekniċi msemmija fil-paragrafu (*b*) għal ċerti karatteristiċi, u b'referenza għar-rekwiżiti ta' rendiment jew ta' funzjoni msemmija fil-paragrafu (*a*) għal karatteristiċi oħrajn.

(8) Sakemm dan ma jkunx ġustifikat mis-suġġett tal-kuntratt, l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi ma għandhomx jirreferu għal isem ta' ditta jew provenjenza speċifiċi, jew proċess partikolari li jikkaratterizza l-prodotti jew servizzi fornuti minn operatur ekonomiku speċifiku, jew għal marki kummerċjali, privattivi, tipi jew oriġini jew produzzjoni speċifika bl-effett li jiġu favoriti jew eliminati ċerti impriżi jew ċerti prodotti. Din ir-referenza għandha tkun permessa fuq bażi eċċezzjonali, fejn ma tkunx possibbli deskrizzjoni preċiża u leġibbli biżżejjed tas-suġġett tal-kuntratt skont is-subregolament (3). Din ir-referenza għandha tkun akkumpanjata mill-kliem 'jew ekwivalenti'.

(9) Fejn awtorità kontraenti tuża l-għażla li tirreferi għall-ispeċifikazzjonijiet tekniċi msemmija fis-subregolament (7)(*b*), ma għandhiex tiċħad offerta minħabba r-raġuni li x-xogħlijiet, il-provvisti jew is-servizzi li għalihom ġiet sottomessa l-offerta ma jikkonformawx mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi li hi rreferiet għalihom, ladarba l-offerent jagħti prova fl-offerta tiegħu bi kwalunkwe mezz adegwat, inkluż il-mezz ta' prova msemmi fir-regolament 232, li s-soluzzjonijiet proposti jissodisfaw ir-rekwiżiti definiti mill-ispeċifikazzjonijiet tekniċi b'mod ekwivalenti.

(10) Fejn awtorità kontraenti tuża l-għażla stabbilita fis-subregolament (7)(*a*) li tifformula speċifikazzjonijiet tekniċi f'termini ta' rekwiżiti ta' rendiment jew ta' funzjoni, ma għandhiex tiċħad offerta għal xogħlijiet, provvisti jew servizzi li jikkonformaw ma' *standard* nazzjonali li jittrasponi *standard* Ewropew, approvazzjoni teknika Ewropea, speċifikazzjoni teknika komuni, *standard* internazzjonali jew sistema ta' referenza teknika stabbilita minn entità ta' standardizzazzjoni Ewropew, fejn dawk l-

ispeċifikazzjonijiet jindirizzaw ir-rekwiżiti ta' rendiment jew ta' funzjoni li hi tkun stabbilixxiet.

(11) Fl-offerta tiegħu, l-offerent għandu juri bi kwalunkwe mezz adegwat, inkluż dawk imsemmija fir-regolament 232, li x-xogħol, il-provvista jew is-servizz konformi mal-i*standard* jilħqu r-rekwiżiti rendiment jew ta' funzjoni tal-awtorità kontraenti.

Tikketti.

54. (1) Fejn awtoritajiet kontraenti u, jew l-awtoritajiet responsabbli għat-tmexxija tas-sejħa jkollhom l-intenzjoni jixtru xogħlijiet, provvisti jew servizzi b'karatteristiċi speċifiċi ambjentali, soċjali jew oħrajn huma jistgħu, fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi, fil-kriterji tal-għoti tal-kuntratt jew fil-kondizzjonijiet tal-prestazzjoni tal-kuntratt, jitolbu tikketta speċifika bħala mezz ta' prova li x-xogħlijiet, is-servizzi jew il-provvisti jikkorrispondu għall-karatteristiċi rekwiżiti, dment li l-kondizzjonijiet kollha li ġejjin jiġu sodisfatti:

(*a*) ir-rekwiżiti tat-tikketta jikkonċernaw biss kriterji li huma marbutin mas-suġġett tal-kuntratt u huma adegwati sabiex jiddefinixxu l-karatteristiċi tax-xogħlijiet, provvisti jew servizzi li huma s-suġġett tal-kuntratt;

(*b*) ir-rekwiżiti tat-tikketta huma bbażati fuq kriterji oġġettivi verifikabbli u mhux diskriminatorji;

(*ċ*) it-tikketti huma stabbiliti fi proċedura miftuħa u trasparenti li fiha jistgħu jipparteċipaw il-partijiet interessati rilevanti kollha, inklużi l-korpi pubbliċi, il-konsumaturi, l-imsieħba soċjali, il-manifatturi, id-distributuri u l-organizzazzjonijiet mhux governattivi;

(*d*) it-tikketti huma aċċessibbli għall-partijiet interessati kollha;

(*e*) ir-rekwiżiti tat-tikketta huma stipulati minn parti terza li fuqha l-operatur ekonomiku li jkun qed japplika għat-tikketta ma jistax jeżerċita influwenza deċiżiva.

(2) Fejn awtoritajiet kontraenti u, jew l-awtoritajiet responsabbli għat-tmexxija tas-sejħa ma jeħtiġux li x-xogħlijiet, provvisti jew servizzi jissodisfaw ir-rekwiżiti kollha tat-tikketta, huma għandhom jindikaw ir-rekwiżiti tat-tikketta li qed issir referenza għalihom.

(3) L-awtoritajiet kontraenti u, jew l-awtoritajiet responsabbli għat-tmexxija tas-sejħa li jeħtieġu tikketta speċifika għandhom jaċċettaw it-tikketti kollha li jikkonfermaw li x-xogħlijiet, provvisti jew servizzi jissodisfaw rekwiżiti tat-tikketta ekwivalenti.

(4) Fejn operatur ekonomiku seta' juri li ma għandux il-possibbiltà li jikseb it-tikketta speċifika indikata mill-awtorità kontraenti jew tikketta ekwivalenti fil-limiti taż-żmien rilevanti għal raġunijiet li mhumiex attribwibbli lil dak l-operatur ekonomiku, l-awtorità kontraenti għandha taċċetta mezzi adatti oħrajn ta' prova, li jistgħu jinkludu *dossier* tekniku mill-manifattur, dment li l-operatur ekonomiku konċernat jagħti prova li x-xogħlijiet, provvisti jew servizzi li huwa għandu jipprovdi jissodisfaw ir-rekwiżiti tat-tikketta speċifika jew ir-rekwiżiti

speċifiċi indikati mill-awtorità kontraenti.

(5) Fejn tikketta tissodisfa l-kondizzjonijiet speċifikati fis-subregolament (1)(*b*), (*ċ*), (*d*) u (*e*) iżda tistabbilixxi wkoll rekwiżiti mhux marbutin mas-suġġett tal-kuntratt, l-awtoritajiet kontraenti ma għandhomx jesiġu t-tikketta bħala tali iżda jistgħu jiddefinixxu l-ispeċifikazzjoni teknika b'referenza għal dawk tal-ispeċifikazzjonijiet dettaljati ta' dik it-tikketta, jew inkella, fejn dan ikun neċessarju, partijiet minnha li huma marbutin mas-suġġett tal-kuntratt u li jkunu adegwati sabiex jiddefinixxu l-karatteristiċi ta' dan is-suġġett.

Rapporti dwar testijiet, ċertifikazzjoni u mezzi oħra ta' prova.

55. (1) L-awtoritajiet responsabbli għat-tmexxija tas-sejħa jistgħu jesiġu li l-operaturi ekonomiċi jissottomettu rapport tat-test minn korp għall-evalwazzjoni tal-konformità jew ċertifikat maħruġ minn tali korp bħala mezz ta' prova ta' konformità mar-rekwiżiti jew kriterji stipulati fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi, fil-kriterji tal-għoti jew fil-kondizzjonijiet kuntrattwali rigward il-prestazzjoni.

(2) Fejn l-awtoritajiet responsabbli għat-tmexxija tas-sejħa jeħtieġu l-produzzjoni ta' ċertifikati mħejjijin minn korp għall-evalwazzjoni tal-konformità speċifiku, l-awtoritajiet kontraenti għandhom jaċċettaw ukoll ċertifikati minn korpi għall-evalwazzjoni tal-konformità ekwivalenti oħrajn.

(3) L-awtoritajiet responsabbli għat-tmexxija tas-sejħa għandhom jaċċettaw mezzi adatti oħra ta' prova li huma differenti minn dawk imsemmija fis-subregolamenti (1) u (2), bħal *dossier* tekniku tal-manifattur, fejn l-operatur ekonomiku konċernat ma kellux aċċess għaċ-ċertifikati jew għar-rapporti dwar l-ittestjar imsemmija fis-subregolamenti (1) u (2), jew l-ebda possibilità li jiksibhom fil-limiti taż-żmien rilevanti, sakemm in-nuqqas ta' aċċess mhuwiex attribwibbli għall-operatur ekonomiku konċernat u sakemm l-operatur ekonomiku jagħti prova li x-xogħlijiet, provvisti jew servizzi li huwa jipprovdi jissodisfaw ir-rekwiżiti jew il-kriterji stipulati fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi, fil-kriterji tal-għoti jew fil-kondizzjonijiet kuntrattwali rigward il-prestazzjoni.

L-Offerent/Il-Kandidat

Tipi ta' offerenti.

56. Offerent jista' jkun jew persuna fiżika jew persuna ġuridika jew entità pubblika jew grupp ta' tali persuni u, jew entitajiet.

Operaturi ekonomiċi stabbiliti fi Stat Membru ieħor.

57. L-operaturi ekonomiċi li, skont il-liġi tal-Istat Membru li huma stabbiliti fih, huma intitolati li jipprovdu s-servizz relevanti, ma għandhomx jiġu mwarrba minħabba r-raġuni unika li, skont il-liġi tal-Istat Membru li fih jingħata l-kuntratt, dawn meħtieġa jkunu jew persuni fiżiċi jew persuni ġuridiċi:

Iżda, fil-każ ta' kuntratti pubbliċi ta' servizzi u ta' xogħlijiet kif ukoll kuntratti pubbliċi ta' provvista li jkopru servizzi addizzjonali jew operazzjonijiet ta' tqegħid fil-post u installazzjoni, il-persuni ġuridiċi jistgħu jkunu meħtieġa jindikaw, fl-offerta jew fit-talba għal parteċipazzjoni, l-ismijiet u l-kwalifiki professjonali relevanti tal-persunal li għandu jkun responsabbli mit-twettiq tal-kuntratt inkwistjoni.

Gruppi ta' operaturi ekonomiċi.

58. (1) Gruppi ta' operaturi ekonomiċi, inklużi assoċjazzjonijiet temporanji, jistgħu jipparteċipaw fil-proċeduri tal-akkwist. Dawn m'għandhomx jintalbu li jkollhom forma legali speċifika mill-awtoritajiet kontraenti sabiex jippreżentaw offerta jew talba ta' parteċipazzjoni.

(2) Fejn meħtieġ, l-awtoritajiet responsabbli għat-tmexxija tas-sejħa jistgħu jiċċaraw fid-dokumenti tal-akkwist kif gruppi ta' operaturi ekonomiċi għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti dwar is-sitwazzjoni ekonomika u finanzjarja jew l-ħila teknika u professjonali msemmija fir-regolament 217 dment li dan ikun ġustifikat minn raġunijiet oġġettivi u proporzjonat.

(3) Kwalunkwe kondizzjonijiet għat-twettiq ta' kuntratt minn tali gruppi ta' operaturi ekonomiċi, li huma differenti minn dawk imposti fuq parteċipanti individwali, għandhom ukoll ikunu ġustifikati b'raġunijiet oġġettivi u għandhom ikunu proporzjonati.

(4) L-awtoritajiet responsabbli għat-tmexxija tas-sejħa jistgħu jeħtieġu lil gruppi ta' operaturi ekonomiċi li jassumu forma ġuridika speċifika meta jkunu ingħataw il-kuntratt, kemm-il darba tali bidla tkun meħtieġa għat-twettiq sodisfaċenti tal-kuntratt.

Involviment minn qabel ta' kandidati jew offerenti.

59. (1) Fejn kandidat jew offerent jew impriża relatata ma' kandidat jew offerent ta' parir lill-awtorità kontraenti jew l-awtorità responsabbli għat-tmexxija tas-sejħa, sew fil-kuntest tar-regolament 47 kif ukoll jekk le, jew kien involut b'xi mod ieħor fit-tħejjija tal-proċedura ta' akkwist, l-awtorità kontraenti jew l-awtorità responsabbli għat-tmexxija tas-sejħa għandha tieħu l-miżuri adegwati sabiex tiżgura li l-kompetizzjoni ma tiġix imfixkla minħabba fil-parteċipazzjoni ta' dak il-kandidat jew l-offerent.

(2) Dawn il-miżuri għandhom jinkludu l-komunikazzjoni lill-kandidati u l-offerenti l-oħra ta' informazzjoni rilevanti skambjata fil-kuntest ta' jew li tirriżulta mill-involviment tal-kandidat jew l-offerent fit-tħejjija tal-proċedura ta' akkwist u l-iffissar ta' limiti ta' żmien adegwati għar-riċevuta ta' offerti. Il-kandidat jew l-offerent ikkonċernat għandu jiġi eskluż biss minn dik il-proċedura fejn ma hemm l-ebda mod ieħor sabiex tiġi żgurata l-konformità mad-dmir ta' osservanza tal-prinċipju ta' trattament ugwali.

(3) Qabel kull esklużjoni bħal din, il-kandidati jew l-offerenti għandhom jingħataw l-opportuntià li juru li l-involviment tagħhom fit-tħejjija tal-proċedura ta' akkwist ma jistax joħloq tfixkil tal-kompetizzjoni. Il-miżuri meħuda għandhom jiġu dokumentati fir-rapport individwali meħtieġ mir-regolamenti 113 jew 241, kif ikun il-każ.

Subkuntratt.

60. (1) Fid-dokumenti tal-akkwist, l-awtorità responsabbli għat-tmexxija tas-sejħa tista' titlob lill-offerent sabiex fl-offerta tiegħu jindika kwalunkwe sehem mill-kuntratt li hu jista' jkollu l-ħsieb li jagħti bħala subkuntratt lil partijiet terzi u jindika wkoll kwalunkwe subkuntrattur propost.

(2) L-offerent, bħala l-kuntrattur prinċipali, hu responsabbli għall-atti jew omissjonijiet kollha mwettqa mis-subkuntratturi tiegħu.

(3) Fil-każ ta' kuntratti ta' xogħlijiet u fir-rigward ta' servizzi li għandhom jiġu provduti f'faċilità taħt is-superviżjoni diretta tal-awtorità kontraenti, wara l-għoti tal-kuntratt u mhux aktar tard minn meta jibda t-twettiq tal-kuntratt, l-awtorità kontraenti għandha tesiġi lill-kuntrattur prinċipali jindika lill-awtorità kontraenti l-isem, id-dettalji ta' kuntatt u r-rappreżentanti legali tas-subkuntratturi tiegħu, li huma involuti fit-tali xogħlijiet jew servizzi, kif magħrufa f'dan il-punt ta' żmien. L-awtorità kontraenti għandha tesiġi lill-kuntrattur prinċipali javża lill-awtorità kontraenti bi kwalunkwe tibdil f'din l-informazzjoni waqt il-perijodu tal-kuntratt kif ukoll bl-informazzjoni meħtieġa dwar kwalunkwe subkuntrattur ġdid li jinvolvi sussegwentement fit-tali xogħlijiet jew servizzi:

Iżda dan is-subregolament ma japplikax għal forniturі.

(4) Fejn meħtieġ għall-finijiet tar-regolament 191(2) u (3), l-informazzjoni meħtieġa rigward subkuntratturi għandha tkun akkumpanjata mill-awtodikjarazzjonijiet tas-subkuntratturi kif previst fir-regolament 226.

(5) L-awtoritajiet kontraenti jistgħu jestendu l-obbligi previsti fis-subregolament (3) għal:

(*a*) kuntratti ta' provvista, għal kuntratti ta' servizzi minbarra dawk li jikkonċernaw servizzi li jiġu provduti fil-faċilitajiet taħt is-superviżjoni diretta tal-awtorità kontraenti jew għal forniturі involuti f'kuntratti ta' xogħlijiet jew servizzi;

(*b*) subkuntrattur tas-subkuntratturi tal-kuntrattur prinċipali jew aktar 'l isfel fil-katina ta' subkuntratti.

(6) Subkuntratturi għandhom josservaw l-obbligi stabbiliti taħt ir-regolament 13(*m*) waqi l-eżekuzzjoni tal-kuntratti.

(7) L-awtorità kontraenti jkollha d-dritt li tissospendi pagamenti u, jew ukoll tagħżel li tħassar il-kuntratt jekk il-kuntrattur prinċipali jonqos milli josserva l-obbligi tiegħu taħt dan ir-regolament.

L-Offerta Magħżula

Għotja.

61. (1) Kuntratti li l-valur stmat tagħhom jaqa' taħt ir-regolament 9(1)(*a*) għandhom jingħataw fuq il-bażi ta' kriterji stabbiliti skont ir-regolamenti 239 u 240 sakemm l-awtorità responsabbli għat-tmexxija tas-sejħa tkun ivverifikat skont ir-regolamenti 230, 231, 232 u 233 li l-kondizzjonijiet kollha li ġejjin ikunu ġew osservati:

(*a*) l-offerta hi konformi mar-rekwiżiti, kondizzjonijiet u kriterji stabbiliti fid-dokumenti tal-akkwist; u

(*b*) l-offerta hi sottomessa minn offerent li mhuwiex eskluż skont it-Taqsima VI u li hu konformi mal-kriterji tal-għażla stabbiliti mill-awtorità kontraenti skont ir-regolament 217.

(2) Il-kuntratti li l-valur stmat tagħhom jaqa' taħt ir-regolament 9(1)(*a*) għandhom jingħataw fuq il-bażi ta' kriterji stipulati skont ir-regolamenti 239, 240 u 243, sakemm l-awtorità responsabbli

għat-tmexxija tas-sejħa tkun ivverifikat f'konformità mar-regolamenti 230, 231, 232 u 233 li l-kondizzjonijiet kollha li ġejjin huma sodisfatti:

(*a*) l-offerta tħares ir-rekwiżiti, il-kondizzjonijiet u l-kriterji stabbiliti fl-avviż dwar kuntratt jew fl-istedina għall-konferma tal-interess u fid-dokumenti tal-akkwist, billi jittieħdu f'kunsiderazzjoni, fejn applikabbli, ir-regolamenti 33 sa 37;

(*b*) l-offerta ġejja minn offerent li mhuwiex eskluż skont it-Taqsima VI u li jissodisfa l-kriterji ta' għażla stipulati mill-awtorità kontraenti skont ir-regolament 217 u, fejn applikabbli, ir-regoli dwar nuqqas ta' diskriminazzjoni u l-kriterji msemmija fir-regolament 237.

Offerta valida.

62. (1) Mingħajr preġudizzju għat-Taqsima VI u għar-regolament 235(2), l-awtorità responsabbli għat-tmexxija tas-sejħa għandha tiżgura li operatur ekonomiku jkun mill-bidunett eliġibbli li jikkwalifika għal offerta u għalhekk għandu jkun fil-pussess tal-ħtiġiet kollha stipulati fid-dokumenti tal-akkwist sad-data tal-għeluq għas-sottomissjoni tagħhom.

(2) Fejn l-informazzjoni jew id-dokumentazzjoni li għandha tiġi sottomessa mill-operaturi ekonomiċi tkun jew tidher li tkun mhux kompleta jew żbaljata jew fejn dokumenti speċifiċi huma nieqsa, l-awtoritajiet kontraenti jistgħu, skont il-klawżoli tad-dokument tal-akkwist, jesiġu lill-operaturi ekonomiċi kkonċernati li jissottomettu, jissupplementaw, jikkjarifikaw jew jimlew l-informazzjoni jew id-dokumentazzjoni rilevanti f'limitu ta' żmien adatt:

Iżda dawn l-esiġenzi għandhom isiru b'konformità sħiħa mal-prinċipji ta' trattament ugwali u ta' trasparenza.

(3) L-offerta finanzjarja ma tistax tinbidel ħlief għal korrezzjoni ta' żbalji evidenti fl-aritmetika kif jista' jkun permess fid-dokument tal-akkwist.

Informazzjoni dwar għażla selettiva.

63. L-offerta sottomessa għandha tkun akkumpanjata bl-informazzjoni dwar għażla kwalitattiva li tkun mitluba mill-awtorità kontraenti.

Taqsima II

Bordijiet, Kumitati u Tribunali

Kumitat Ġenerali tal-Kuntratti

Twaqqif tal-Kumitat Ġenerali tal-Kuntratti.

64. Għandu jkun hemm Kumitat Ġenerali tal-Kuntratti li l-membri tiegħu jiġu maħtura mill-Prim Ministru b'dawk il-pattijiet u kondizzjonijiet li jistgħu jiġu speċifikati fl-ittra tal-ħatra tagħhom.

Għamla.

65. (1) Il-Kumitat Ġenerali tal-Kuntratti jkun magħmul mid-Direttur tal-Kuntratti, li jkun *ex officio chairman*, flimkien ma' membri oħra li m'għandhomx ikunu inqas minn erbgħa iżda mhux aktar minn għaxra, li l-Prim Ministru jidhirlu li għandhom il-

kwalifiki u l-esperjenza rilevanti.

(2) Matul l-assenza taċ-*chairman* jew l-inabilità taċ-*chairman* li jaġixxi, jew meta jkun hemm vakanza fil-kariga ta' *chairman*, il-Prim Ministru jista' jaħtar uffiċjal minn fost l-aktar uffiċjali anzjani fid-Dipartiment tal-Kuntratti biex jaġixxi bħala *chairman* tal-Kumitat Ġenerali tal-Kuntratti, biex jeżerċita s-setgħat kollha u jwettaq l-funzjonijiet kollha taċ-*chairman*.

Tul ta' żmien tal-ħatra.

66. Il-membri tal-Kumitat Ġenerali tal-Kuntratti jinħatru għal żmien stipulat ta' mhux aktar minn tliet snin.

Tneħħija jew temm tal-kariga.

67. (1) Kull membru tal-Kumitat Ġenerali tal-Kuntratti jista' waqt li jkun fil-kariga jitneħħa mill-Prim Ministru meta dan ikun sodisfatt li jkun hemm każ ċar ta' mġiba ħażina tal-membru jew inabilità li l-membru jwettaq il-funzjonijiet tiegħu jew meta jkunu jeżistu ċirkustanzi li jiskwalifikaw dak il-membru milli jibqa' bħala membru tal-Kumitat Ġenerali tal-Kuntratti.

(2) Persuna tkun skwalifikata milli tinħatar jew milli tibqa' membru Kumitat Ġenerali tal-Kuntratti jekk:

(*a*) tkun membru tal-Kamra tad-Deputati, jew tal-Parlament Ewropew jew ta' Kunsill Lokali;

(*b*) jkollha tali interess finanzjarju jew interess ieħor li x'aktarx jippreġudika t-twettiq tal-funzjonijiet tagħha bħala membru tal-Kumitat Ġenerali tal-Kuntratti;

(*ċ*) tkun legalment inkapaċitata jew interdetta;

(*d*) tkun ġiet dikjarata falluta jew tkun għamlet komposizzjoni jew arranġament mal-krediturі tagħha; jew

(*e*) tkun instabet ħatja ta' xi reat kontra l-fiduċja pubblika jew ta' serq jew frodi, jew tkun xjentement laqgħet għandha proprjetà li tkun ġejja minn serq jew frodi.

(3) Membru tal-Kumitat Ġenerali tal-Kuntratti jista' jirriżenja mill-kariga b'ittra indirizzata lill-Prim Ministru.

Żvelar ta' interess.

68. Membru tal-Kumitat Ġenerali tal-Kuntratti li jkollu interess dirett jew indirett f'xi kuntratt ittrattat minn dak il-kumitat għandu jiżvela n-natura tal-interess tiegħu fl-ewwel laqgħa tal-kumitat wara li l-fatti rilevanti jkunu ġew għall-għarfien tiegħu u dak l-iżvelar għandu jiġi reġistrat fil-minuti ta' dik il-laqgħa tal-kumitat u l-membru li jkollu interess kif intqal qabel għandu jirtira minn dawk il-laqgħat fejn jiġi diskuss dak il-kuntratt.

Deċiżjonijiet.

69. (1) Id-deċiżjonijiet tal-Kumitat Ġenerali tal-Kuntratti jittieħdu preferibbilment fuq bażi ta' unanimità. Iżda deċiżjonijiet b'maġġoranza jkunu finali u vinkolanti fir-rigward tal-għoti ta' kuntratt. Iċ-*chairman* ikollu vot deċiżiv f'każ ta' paritá ta' voti.

Kap. 249.

(2) Mingħajr preġudizzju għall-Att dwar l-Interpretazzjoni u għal kull ordni jew direzzjoni mogħtija mill-Ministru:

(*a*) id-Direttur jista', fid-diskrezzjoni tiegħu, jaċċetta jew jirrifjuta r-rakkomandazzjonijiet tal-maġġoranza tal-membri tal-Kumitat Ġenerali tal-Kuntratti għall-

aċċettazzjoni jew ir-rifjut ta' offerta;

(*b*) meta:

(i) id-Direttur ma jaqbilx ma' xi rakkomandazzjoni tal-maġġoranza tal-membri tal-Kumitat Ġenerali tal-Kuntratti; jew

(ii) xi rakkomandazzjoni tal-Kumitat Ġenerali tal-Kuntratti ma tkunx taqbel ma' dik mogħtija mid-Dipartiment jew korp ieħor li minnu jsir l-akkwist pubbliku,

id-Direttur jista' jirreferi l-kwistjoni għal deċiżjoni mill-Ministru:

Iżda d-Direttur għandu dejjem jirreferi kull kwistjoni li fiha ma jaqbilx mal-maġġoranza tal-membri ta' Kumitat Ġenerali tal-Kuntratti jew ta' Kumitat tal-Kuntratti Speċjali, kif imfisser fir-regolament 78, għad-deċiżjoni tal-Ministru;

(ċ) id-Direttur jista', fid-diskrezzjoni tiegħu, jirreferi kull kwistjoni għad-deċiżjoni tal-Ministru sakemm kull kwistjoni meħuda mill-Ministru taħt l-Att dwar l-Interpretazzjoni jew wara li tkun saret referenza lilu mid-Direttur u u li jkollha influwenza diretta fuq l-għoti ta' xi kuntratt mid-Direttur lil xi offerent partikolari ma tostakolax bl-ebda mod id-dritt ta' xi kandidat jew offerent u ta' xi persuna li jkollha jew li kellha interess li takkwista kuntratt pubbliku partikolari li tgħaddi għall-proċeduri ta' appell previsti fir-regolamenti.

Kap. 249.

(3) Kull kwistjoni riferita għad-deċiżjoni tal-Ministru għandha tkun hekk riferita bil-miktub u d-deċiżjoni tal-Ministru tkun bl-istess mod komunikata bil-miktub.

Segretarji.

70. Il-Prim Ministru għandu wkoll jaħtar persuni minn fost il-persunal tad-Dipartiment tal-Kuntratti biex jagħmulha ta' segretarji tal-Kumitat Ġenerali tal-Kuntratti u ta' kumitati oħra, kif imsemmi f'din it-Taqsima, kif jista' jkun ordnat mid-Direttur. Is-segretarji ma jkunux membri ta' dawn il-kumitati u ma jkollhomx vot.

Laqgħat.

71. (1) Il-laqgħat tal-Kumitat Ġenerali tal-Kuntratti għandhom jissejħu miċ-*chairman* li għandu jippresjedi f'dawn il-laqgħat. Tliet membri tal-Kumitat Ġenerali tal-Kuntratti jikkostitwixxu *quorum* fil-laqgħa tal-kumitat.

(2) Il-laqgħat tal-Kumitat Ġenerali tal-Kuntratti jkunu miftuħa għall-pubbliku waqt li jinfetħu l-offerti. Il-lista ta' offerti li jkunu ġew milqugħa, flimkien mal-prezzijiet rispettivi, jingħataw pubblikament mid-Direttur minnufih wara li jinfetħu u jiġu skedati.

(3) Il-Kumitat Ġenerali tal-Kuntratti u l-Kumitat tal-Kuntratti Speċjali, stabbiliti skont dawn ir-regolamenti, għandhom jirregolaw il-proċeduri tagħhom, sakemm ma jkunx previst mod ieħor f'dawn ir-regolamenti.

Funzjonijiet.

72. Il-Kumitat Ġenerali tal-Kuntratti għandu:

(*a*) jagħti pariri fuq kull kwistjoni li tirrigwarda kuntratti pubbliċi, kif ukoll fuq l-akkwist pubbliku ta' materjali, xogħlijiet u servizzi jew fuq inizjattiva tiegħu stess jew fuq kwistjonijiet speċifiċi li jistgħu minn żmien għal żmien jintbagħtu lilu għal parir mingħandu;

(*b*) jagħrbel rapporti u rakkomandazzjonijiet mogħtija minn awtoritajiet kontraenti u jagħmel rakkomandazzjonijiet definittivi għall-għoti ta' kuntratti waqt li jiżgura li jintlaħaq l-aħjar valur għall-flus li jitħallsu bl-anqas prezz possibbli. Għal dan il-għan għandha tingħata konsiderazzjoni dovuta lil:

(i) in-nefqa finali inklużi spejjeż finanzjarji għall-awtorità kontraenti; u

(ii) l-impatt ta' kull offerta fuq l-ispiża rikorrenti ta' awtorità kontraenti;

(*ċ*) jirrapporta kull irregolarità li tista' tinġieb għall-għarfien tiegħu jew li tista' tiġi osservata fil-proċess ta' offerti u jagħmel rakkomandazzjonijiet fuqhom lill-Ministru li taħtu taqa' r-responsabbiltà għall-awtorità kontraenti konċernata;

(*d*) jittratta kwistjonijiet li, skont il-kuntratt, għandhom jiġu riferiti lilu, u jisma' u jwettaq medjazzjoni fuq tilwim bejn awtoritajiet kontraenti, kif ikun il-każ, u kuntratturi, li jinqalgħu minn kuntratti pubbliċi;

(*e*) formalment jinvestiga lmenti li jirrigwardaw kuntratti pubbliċi u akkwisti pubbliċi u jagħmel rakkomandazzjonijiet dwarhom; u

(*f*) jassisti lid-Direttur fl-eżekuzzjoni tad-dmirijiet tiegħu skont dawn ir-regolamenti.

Kumitat Dipartimentali tal-Kuntratti

Twaqqif tal-Kumitat Dipartimentali tal-Kuntratti
Emendat: A.L.155 tal-2017; A.L. 56 tal-2021.

73. Għandu jkun hemm Kumitat Dipartimentali tal-Kuntratti għall-awtoritajiet kontraenti elenkati fl-Iskeda 2 u fl-Iskeda 16, li għandu jkun responsabbli għall-proċessi ta' akkwisti pubbliċi b'valur stmat li jibda' minn €10,000 sal-limitu stabbilit taħt ir-regolament 9(1)(*a*):

Iżda fil-każ ta' sejħiet għall-offerti ppubblikati mid-Direttorat għall-Akkwist Settorjali ir-responsabbiltà tal-proċess għandu jiżdied għall-akkwisti pubbliċi li għandhom valur stmat li iżda ma taqbiżx is-seba' mija w ħamsin elf euro (€750,000).

Għamla.
Emendat: A.L. 233 tal-2017.

74. Il-Kumitat Dipartimentali tal-Kuntratti għandu jkun magħmul minn tliet membri, kif ġej:

(*a*) *chairman*, li jkun Il-Kap tad-Dipartiment responsabbli għas-Servizzi Korporattivi, jew ir-rappreżentant tiegħu;

(*b*) membru maħtur mis-Segretarju Permanenti tal-ministeru konċernat; u

(*ċ*) membru li jirrappreżenta lid-Direttur tal-Kuntratti.

Funzjoni.

75. Il-Kumitat Dipartimentali tal-Kuntratti għandu jagħmel

rakkomandazzjonijiet definittivi għall-għoti ta' kuntratt, u kopja tar-rakkomandazzjonijiet tiegħu għandha tintbagħat lid-Direttur.

Kumitati *ad hoc* u l-Kumitat Speċjali tal-Kuntratti

Kumitati *ad hoc*.

76. Il-Ministru jista' jawtorizza t-twaqqif ta' kumitati, li jkunu magħrufa bħala Kumitati *ad hoc*, fir-rigward ta' offerti li l-valur stmat tagħhom ikun daqs jew jeċċedi l-limiti stabbiliti fir-regolament 9(1)(*b*).

Għamla u *modus operandi*.

77. (1) Kull Kumitat *ad hoc* ikun magħmul mill-kap tad-dipartiment, jew, fl-assenza tiegħu, uffiċjal maħtur mill-Ministru minn fost l-aktar uffiċjali anzjani fl-awtorità kontraenti li twettaq l-akkwist. Din il-persuna nominata tkun, *ex officio*, iċ-*chairman* tal-Kumitat flimkien ma' mhux inqas minn erba' membri oħra maħtura mill-Ministru, li ebda wieħed minnhom ma għandu jkun qed iwettaq dmirijiet fi, jew ikun membru tal-persunal tad-dipartiment li jeffettwa l-akkwist pubbliku.

(2) Il-funzjoni tal-Kumitat *ad hoc* tiġi indikata mill-Ministru fl-ittra tal-ħatra tagħhom.

Twaqqif tal-Kumitat Speċjali tal-Kuntratti, għamla u *modus operandi*.

78. (1) Meta l-Prim Ministru jiddetermina li l-aġġudikazzjoni ta' offerti għall-għoti ta' kuntratt partikolari teħtieġ kompetenza speċjali, abbiltà jew għarfien ieħor speċjalizzat, hu jista' jaħtar Kumitat Speċjali tal-Kuntratti għall-għoti ta' dak il-kuntratt pubbliku.

(2) Il-membri tal-Kumitat Speċjali tal-Kuntratti għandhom jinħatru għall-perijodu tal-proċess ta' aġġudikazzjoni tas-sejħa partikolari għal offerti.

(3) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tar-regolament 17(1)(*b*) id-dispożizzjonijiet tar-regolamenti 64 sa 72 għandhom *mutatis mutandis* japplikaw għall-Kumitat Speċjali tal-Kuntratti.

L-Uffiċċju tad-Direttur għall-Akkwist Settorjali

Miżjud: A.L. 56 tal-2021.

Twaqqif tal-Unità Ministerjali għall-Akkwist.
Emendat: A.L. 155 tal-2017; A.L.195 tal-2019; XXI tal-2020; A.L.196 tal-2020; A.L. 56 tal-2021; A.L. 26 tal-2022; A.L. 361 tal-2024.

79. (1) Għandu jkun hemm Direttur għall-Akkwist Settorjali li jkun responsabbli għall-amministrazzjoni u l-immaniġġjar tad-Direttorat għall-Akkwist Settorjali.

(2) Il-funzjonijiet tad-Direttur għall-Akkwist Settorjali għandhom jkunu:

(*a*) josserva u jħares dawn ir-regolamenti;

(*b*) josserva u jħares kull istruzzjoni maħruġa mid-Direttur tal-Kuntratti;

(*ċ*) jassigura li kull awtorità kontraenti imniżżla taħt l-Iskeda 16 hija mgħejuna fil-pubblikazzjoni ta' sejħa għall-offerti pubblikata taħt il-proċedura miftuħa jew ristretta;

(*d*) jimmaniġġja u jamministra d-Direttorat għall-Akkwist Settorjali;

(*e*) jissorvelja l-attivitajiet ta' akkwist pubbliku ta'

awtoritajiet imniżżla taħt l-Iskeda 16, hekk kif amministrata u immaniġġjata mid-Direttorat għall-Akkwist Settorjali, bil-għan li jassigura l-ipproċessar u għoti tas-sejħiet f'qasir żmien;

(*f*) jipprovdi informazzjoni u gwida lill-awtoritajiet imniżżla taħt l-Iskeda 16, filwaqt li jassigura li l-informazzjoni u gwida mogħtija huma allinjat mad-direzzjoni, il-politiki u l-istruzzjonijiet mogħtija mid-Direttur tal-Kuntratti;

(*g*) jippubblikaw, sakemm ma jkunx previst mod ieħor f'dawn ir-regolamenti, permezz tal-pjattaforma tal-akkwist elettroniku tal-gvern, kif ukoll jiftħu fil-pubbliku, is-sejħiet għall-offerti kollha b'valur stmat li ma jaqbiżx is-seba' mija u ħamsin elf euro (€750,000);

(*h*) jieħdu miżuri xierqa biex b'mod effettiv jipprevjenu, jidentifikaw u jirrimedjaw konflitti ta' interess li joħorġu mit-twettiq ta' proċeduri tal-offerti sabiex jiġi evitat kull tagħwiġ ta' kompetizzjoni u jiġi żgurat trattament ugwali tal-operaturi ekonomiċi kollha;

(*i*) jindikaw fid-dokumenti tal-offerti ppubblikati minnhom li l-għoti tal-kuntratt hu suġġett għal reviżjoni kif previst f'dawn ir-regolamenti u li jinkludu estratt tal-parti rilevanti tal-proċess tal-appelli f'dawk id-dokumenti biex ikunu ta' gwida għall-operaturi ekonomiċi;

(*j*) jiflu u japprovaw, b'xi tibdil jew mingħajru, dokumenti tal-offerti, qabel ma dawn jinħarġu u jiġu pubblikati;

(*k*) jippubblika kull sitt (6) xhur fil-Gazzetta s-segwenti:

(i) lista ta' kuntratti mogħtija mid-Direttorat għall-Akkwist Settorjali;

(ii) lista ta' modifiki tal-kuntratti li jeċċedu l-valur tal-kuntratt b'aktar minn ħamsa fil-mija (5%) sakemm is-sejħa jkollha valur stmat ta' iżjed minn għaxart elef euro (€10,000) iżda inqas minn mija tlieta u erbgħin elf euro (€143,000);

(iii) lista tal-modifiki kollha għal-kuntratti li kellhom valur stmat li jilħaq jew jeċċedi mija tlieta u erbgħin elf euro (€143,000) iżda ma jeċċedix is-seba' mija u ħamsin elf euro (€750,000);

(*l*) jibgħat ir-rakkomandazzjonijiet għall-għotja tal-kuntratti lill-Kumitat Dipartimentali tal-Kuntratti;

(*m*) jagħmel rakkomandazzjonijiet dwar l-offerti f'isem awtoritajiet kontraenti skont kif jipprovdu dawn ir-regolamenti;

(*n*) japprova estensjonijiet fil-perijodu jew il-kanċellament ta' proċedura ta' offerti; u

(*o*) jibgħat kopja tal-kuntratti lid-Direttur tal-kuntratti meta dan tal-aħħar hekk jitlob.

(3) Minkejja dak li hemm imniżżel f'dawn ir-regolamenti l-Ministru jista' jordna li awtorità kontraenti mniżżla fl-Iskeda 16 għandha tgħaddi s-sejħiet għal offerti lid-Direttur sabiex dawn jiġu amministrati minnu skont ir-regolament 12 u 13 u dan irrispettivament mill-valur stmat tal-kuntratt.

(4) Il-kuntratti li jirriżultaw minn sejħa għall-offerti ppubblikata mid-Direttorat għall-Akkwist Settorjali għandhom jiġu ffirmati mill-kap tal-awtorità kontraenti, jew minn persuna oħra delegata minnha bil-miktub, li f'isimha ġiet ippubblikata s-sejħa.

(5) *Imħassar bl-Avviż Legali 56 tal-2021.*

Bord ta' Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi

Twaqqif tal-Bord ta' Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi.

80. Għandu jkun hemm Bord ta' Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi, hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ "il-Bord ta' Reviżjoni", biex jiddetermina kwistjonijiet kif kontemplati taħt dawn ir-regolamenti.

Għamla. *Emendat: A.L. 47 tal-2025.*

81. (1) Il-Bord ta' Reviżjoni jkun magħmul minn *chairman* u żewġ membri permanenti, li wieħed minnhom jaġixxi bħala Deputat *chairman*, kollha maħtura mill-Prim Ministru fuq il-parir tal-Ministru għal perijodu ta' tliet snin bil-possibbiltà li jerġgħu jinħatru.

(2) Il-Prim Ministru jista' jaħtar persuna, jew tali numru ta' persuni, bħala membri permanenti addizzjonali tal-Bord ta' Reviżjoni li għandhom jinħatru għal perjodi ta' żmien determinati minn qabel, li għandhom jaġixxu minflok membru permanenti wieħed jew aktar, jew il-membri permanenti kollha li jiffurmaw il-Bord ta' Reviżjoni skont is-subregolament (1), kull meta ċ-ċirkostanzi hekk jeħtieġu.

(3) *Imħassar bl-Avviż Legali 47 tal-2025.*

Tneħħija.

82. Il-membri tal-Bord ta' Reviżjoni jistgħu jiġu individwalment imneħħija mill-kariga mill-Prim Ministru meta jkun hemm raġunijiet u provi ċari ta' inabilità li wieħed jaqdi l-funzjonijiet ta' dik il-kariga minħabba mard tal-ġisem jew tal-moħħ jew għal xi kawża oħra jew minħabba mġiba ħażina.

Rimunerazzjoni.

83. Il-membri tal-Bord ta' Reviżjoni għandhom jirċievu dik ir-rimunerazzjoni li l-Prim Ministru jista' jiddetermina.

Segretarju. *Sostitwit: A.L. 47 tal-2025.*

84. Il-Bord ta' Reviżjoni għandu jkun assistit minn segretarju li għandu jwettaq ukoll tali dmirijiet addizzjonali skont l-istruzzjonijiet taċ-chairman:

Iżda meta ċ-ċirkostanzi hekk jeħtieġu kwalunkwe wieħed mill-membri permanenti addizzjonali maħtura skont ir-regolament 81(2) jista' wkoll jaġixxi bħala segretarju.

Skwalifika

85. (1) Iċ-*chairman* jew il-membri l-oħra tal-Bord ta' Reviżjoni jkunu skwalifikati milli jittrattaw kawża f'dawk iċ-ċirkustanzi li jiskwalifikaw imħallef f'kawża ċivili, u f'każ bħal dan iċ-*chairman* jew membru għandu jiġi mibdul minn membru ieħor mill-elenku.

(2) Persuna tkun skwalifikata milli tinħatar jew tkompli sservi bħala membru tal-Bord ta' Reviżjoni jekk tkun membru tal-Kamra tad-Deputati, jew tal-Parlament Ewropew jew ta' Kunsill Lokali jew ta' xi bord amministrattiv ieħor jew tribunal jew jekk ikollha xi interess finanzjarju jew interess ieħor li x'aktarx jippreġudika t-twettiq tal-funzjonijiet tagħha bħala membru tal-Bord ta' Reviżjoni.

(3) Kull membru tal-Bord ta' Reviżjoni li jista' jkollu interess dirett jew indirett f'xi kuntratt li jsir is-suġġett ta' lment għandu jinforma liċ-*chairman* bil-miktub dwar dak l-interess, f'liema każ il-membru jkun preklużż milli jieħu aktar sehem fis-smigħ tal-ilment.

Eżerċizzju tal-professjoni privata.

86. Il-membri tal-Bord ta' Reviżjoni ma jkunux preklużi mill-eżerċizzju tal-professjoni rispettiva tagħhom, iżda, waqt il-perijodu tal-ħatra, ikunu preklużi mill-eżerċizzju tal-professjoni tagħhom f'każijiet quddiem il-Bord ta' Reviżjoni.

Funzjonijiet.

87. Tkun il-funzjoni tal-Bord ta' Reviżjoni li jindirizza b'mod partikolari:

(*a*) tħassib jew ilmenti li jitqajmu, qabel ma jagħlaq iż-żmien għas-sottomissjoni ta' offerta, minn kandidati jew persuni li għandhom interess jakkwistaw kuntratt pubbliku partikolari;

(*b*) ilmenti mressqa minn offerenti jew kandidati fir-rigward ta' esklużjonijiet, offerti mhux konformi, deċiżjonijiet dwar għoti ta' kuntratti jew kanċellament ta' proċeduri ta' akkwisti wara l-aħħar data u ħin stabbiliti għas-sottomissjoni tas-sejħa għall-offerta;

(*ċ*) talbiet għall-ineffettività ta' kuntratt pubbliku kif stabbilit f'dawn ir-regolamenti;

(*d*) li jisma' u jiddetermina kull każ assenjat lilu taħt dawn ir-regolamenti jew taħt xi liġi oħra; u

(*e*) li jisma' u jiddetermina kull każ assenjat lilu f'sejħa pubblika għal offerti jew kwotazzjonijiet, ukoll jekk dik is-sejħa ma tinvolvix akkwisti pubbliċi.

Responsabbiltà.

88. Il-membri tal-Bord ta' Reviżjoni ma jkunux personalment responsabbli għal xi att jew omissjoni magħmula *bona fide* waqt it-twettiq tal-funzjonijiet tagħhom bħala membri tal-imsemmi bord.

Sessjonijiet.

89. (1) Is-sessjonijiet tal-Bord ta' Reviżjoni li fihom jinstema lment isiru fil-miftuħ u kemm il-persuna li tilmenta kif ukoll kull persuna interessata għandhom id-dritt li jkunu preżenti u jkollhom magħhom xi persuna, professjonista jew xort'oħra, li huma jqisu xierqa biex tiddefendi l-interessi tagħhom.

(2) Is-segretarju tal-Bord ta' Reviżjoni għandu jżomm verbal ta' kull ħaġa li ssir waqt kull sessjoni.

(3) Il-Bord ta' Reviżjoni jista' jaġġorna sessjoni jekk ikun sodisfatt li xi waħda mill-partijiet jew xi xhud ma setax jidher quddiemu minħabba mard jew assenza minn Malta.

Setgħat.
Emendat:
A.L. 233 tal-2017
A.L. 26 tal-2018.

90. (1) Il-Bord ta' Reviżjoni jkollu s-setgħa li jordna jew jippermetti emendi ta' atti bil-miktub u li jinnomina xi espert biex jassistih fl-investigazzjonijiet tiegħu.

(2) Ikollu wkoll id-dritt li jiddetermina l-proċedura għas-smigħ tal-ilmenti kollha mressqa quddiemu u għandu jiżgura li waqt is-smigħ pubbliku l-partijiet interessati kollha jingħataw l-opportunità li jressqu il-każ tagħhom.

(3) Fid-deċiżjoni tiegħu l-Bord ta' Reviżjoni jkollu s-setgħa li jħassar il-proċess tas-sejħa jekk huwa jidhirlu li din tkun l-aqwa soluzzjoni fiċ-ċirkostanzi tal-każ; f'dan il-każ l-ebda parti ma jkollha ebda jedd li titlob għad-danni minħabba f'tali deċiżjoni li tiġi mħassra s-sejħa.

(4) Il-Bord ta' Reviżjoni jkollu d-dritt jieħu dawk il-miżuri temporanji kif jidhirlu xieraq.

(5) Il-komunikazzjonijiet kollha, inklużi dawk li għandhom x'jaqsmu mal-appuntament ta' każijiet, jistgħu jiġu mgħoddija mill-Bord ta' Reviżjoni permezz ta' mezzi elettroniċi.

Miżjud:
A.L. 26 tal-2018.

(6) Il-Bord ikollu s-setgħat kollha li huma vestiti fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili bil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

Esperti.

91. (1) Meta l-Bord ta' Reviżjoni jaħtar espert biex jassistih, dan tal-aħħar għandu jħejji rapport ffirmat li jkun fih s-sejbiet kollha magħmulin u l-konklużjonijiet tiegħu, flimkien mar-raġunijiet għal dawk il-konklużjonijiet.

(2) Il-Bord ta' Reviżjoni għandu jagħti lill-partijiet żmien biex jikkunsidraw ir-rapport u jagħmlu s-sottomissjonijiet tagħhom fuqu.

(3) L-esperti jistgħu jiġu eżaminati u kontro-eżaminati dwar ir-rapport tagħhom bl-istess mod bħal xhieda.

(4) Il-Bord ta' Reviżjoni mhuwiex marbut iħaddan ir-rapport tal-espert jekk imur kontra l-konvinzjoni tiegħu.

Taħrik ta' xhieda.

92. (1) Fuq talba ta' waħda mill-partijiet, il-Bord ta' Reviżjoni għandu d-dritt iħarrek xhieda u jagħti l-ġurament lil kull persuna li tidher quddiemu. Jekk xhud debitament notifikat permezz ta' avviż iffirmat miċ-*chairman* tal-Bord ta' Reviżjoni jonqos milli jidher, dik il-persuna tkun ħatja ta' reat u teħel, meta tinstab ħatja, multa ta' mhux inqas minn ħames mitt euro (€500) u mhux iżjed minn ħamest elef euro (€5,000).

(2) In-notifika ta' kull taħrika, ordni jew att ieħor tal-Bord ta' Reviżjoni titwettaq permezz ta' posta reġistrata mill-inqas ħamest ijiem qabel id-data tas-seduta.

(3) Ix-xiehda kollha li tingħata minn xhud li jidher quddiem il-Bord ta' Reviżjoni għandha tiġi traskritta u titqiegħed bil-miktub fl-atti tal-proċedimenti.

Deċiżjonijiet.

93. (1) Wara li jappunta r-rikors għas-smigħ, u wara li jisma' s-sottomissjonijiet verbali magħmula mill-partijiet kollha, il-Bord ta' Reviżjoni għandu jistabbilixxi data li fiha jagħti d-deċiżjoni tiegħu f'sessjoni pubblika.

(2) Id-deċiżjonijiet tal-Bord ta' Reviżjoni jittieħdu preferibbilment fuq bażi ta' unanimità. Iżda deċiżjonijiet b'maġġoranza jitqiesu bħala d-deċiżjoni finali tal-Bord ta' Reviżjoni. Iċ-*chairman* u ż-żewġ membri l-oħra jkollhom vot kull wieħed.

(3) Id-deċiżjoni tal-Bord ta' Reviżjoni għandha tiġi miktuba, tiġi ffirmata mill-membri kollha u tkun datata. Fid-deċiżjoni tiegħu l-Bord ta' Reviżjoni għandu jindika r-raġunijiet li għalihom ittieħdet id-deċiżjoni.

(4) Fid-deċiżjoni tiegħu l-Bord ta' Reviżjoni għandu jirrakkomanda jekk depożitu magħmul minn xi parti għandux jiġi mrodd lura, kollu jew parzjalment, jew le.

(5) Sakemm ma jsirx appell, id-deċiżjoni tal-Bord ta' Reviżjoni tkun finali u tikkostitwixxi titolu eżekuttiv u tista' tiġi infurzata skont l-artikolu 273 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Kap. 12.

Rapport.

94. Il-Bord ta' Reviżjoni għandu, mhux aktar tard minn sitt xhur wara t-tmiem ta' sena finanzjarja, jħejji u jissottometti lill-Ministru rapport li jittratta l-prestazzjoni tal-Bord matul is-sena finanzjarja li dwarha jsir ir-rapport. Ir-rapport għandu, b'mod partikolari, jipprovdi dettalji dwar appelli magħmulin minn kandidati u offerenti u kull persuna li għandha jew li kellha interess li tikseb kuntratt pubbliku partikolari skont dawn ir-regolamenti u d-deċiżjonijiet li wasal għalihom il-Bord ta' Reviżjoni.

Tribunal għas-Sanzjonijiet Kummerċjali

Twaqqif tat-Tribunal għas-Sanzjonijiet Kummerċjali.

95. Għandu jkun hemm Tribunal għas-Sanzjonijiet Kummerċjali li jkollu l-funzjoni li jisma' u jiddetermina kwistjonijiet dwar il-*black listing* ta' persuni.

Għamla.

96. (1) It-Tribunal għas-Sanzjonijiet Kummerċjali jkun magħmul minn *chairman* u żewġ membri permanenti, li wieħed minnhom jaġixxi bħala Deputat *chairman*, kollha maħtura mill-Prim Ministru fuq il-parir tal-Ministru għal perijodu ta' tliet snin bil-possibbiltà ta' ħatra mill-ġdid.

(2) Il-Prim Ministru għandu wkoll jaħtar għal perijodu ta' tliet snin bil-possibbiltà ta' ħatra mill-ġdid, elenku ta' tliet membri sostituti biex jissostitwixxu l-membri permanenti, fl-eventwalità li wieħed jew aktar mill-membri permanenti ma jistgħux jisimgħu każ partikolari.

Regolamenti oħra applikabbli. *Emendat: A.L.176 tal-2018.*

97. (1) L-atti ġudizzjarji, atti bil-miktub u dokumenti oħra li għandhom jiġu preżentati mas-Segretarju tat-Tribunal għas-Sanzjonijiet Kummerċjali jistgħu jiġu preżentati fir-Reġistru tal-Qrati Ċivili u Tribunali ta' Malta.

(2) Id-dispożizzjonijiet tar-regolamenti 82, 83, 84, 85, 86, 88, 89, 90, 91 u 92 applikabbli għall-Bord ta' Reviżjoni għandhom japplikaw *mutatis mutandis* ukoll għat-Tribunal għas-Sanzjonijiet Kummerċjali.

Kopja lid-Direttur tal-Kuntratti.

98. Id-deċiżjonijiet tat-Tribunal għas-Sanzjonijiet Kummerċjali għandhom jintbagħtu mis-Segretarju lid-Direttur tal-Kuntratti fl-istess data meta tingħata d-deċiżjoni.

Rapport.

99. It-Tribunal għas-Sanzjonijiet Kummerċjali għandu, mhux aktar tard minn sitt xhur wara t-tmiem ta' sena finanzjarja, jħejji u jissottometti lill-Ministru rapport li jittratta l-prestazzjoni matul is-sena finanzjarja li dwarha jsir ir-rapport. Ir-rapport għandu, b'mod partikolari, jipprovdi dettalji dwar id-deċiżjonijiet tiegħu.

Taqsima III

Regoli li japplikaw għal Offerti Dipartimentali

Metodi ta' Akkwist skont il-Valur tal-Kuntratt

Valur tal-kuntratt taħt €10,000.
Emendat:
A.L. 155 tal-2017
A.L. 233 tal-2017.

100. (1)(1) Meta l-istima tal-valur ma tkunx iżjed minn ħamest elef euro (€5,000) il-provvisti, xogħlijiet jew servizzi jistgħu jiġu akkwistati mid-dipartiment nnifs u jew wara li jkun kiseb għall-inqas tliet (3) kwotazzjonijiet jew wara pubblikazzjoni fil-pjattaforma tal-akkwist elettroniku tal-gvern jew direttament mis-suq liberu fid-diskrezzjoni tal-Kap tal-Awtorità Kontraenti, wara li jqis x'ikun l-ammont involut, l-urġenza li biha jkun irid isir l-akkwist u r-restrizzjonijiet tal-għażla u d-disponibbilità:

Iżda l-Kap ta' Awtorità Kontraenti, elenkata fl-Iskeda 1, jista' jiddelega l-awtorità tiegħu bil-miktub, waqt li jagħti r-raġunijiet għal dik id-delega, lil uffiċjal anzjan ta' entità li tifforma parti mill-Awtorità Kontraenti, għall-akkwist pubbliku permezz ta' kuntratt dirett għal provvisti, xogħlijiet jew servizzi, fejn il-valur ma jeċċedix ħames mitt euro (€500). Iżda l-akkwist pubbliku skont dak li hu msemmi hawn qabel ma għandux jeċċedi valur totali ta' ħamest elef euro (€5,000) matul perjodu ta' sena kalendarja:

Iżda wkoll kull sitt xhur, l-uffiċjal anzjan, li jirċievi dik id-delega mill-Kap tal-Awtorità Kontraenti, għandu jagħti lill-Kap lista sħiħa tal-akkwisti pubbliċi kollha li jkunu saru skont dan is-subregolament. Din il-lista għandha tinkludi d-data tax-xiri, isem l-operatur ekonomiku, it-tip t'akkwist, in-numru tal-fattura, ir-referenza dwar il-pagament, u l-valur tal-provvisti, xogħlijiet jew servizzi:

Iżda fl-aħħarnett il-Kap tal-Awtorità Kontraenti jista' jirtira din id-delega fi kwalunkwe żmien fid-diskrezzjoni tiegħu.

(2) Meta l-istima tal-valur tkun teċċedi ħamest elef euro (€5,000), iżda ma tkunx iżjed minn għaxart elef euro (€10,000), il-provvisti, xogħlijiet jew servizzi jistgħu jiġu akkwistati mid-dipartiment nnifsu jew wara li jkun kiseb kwotazzjonijiet permezz tal-pjattaforma tal-akkwist elettroniku tal-gvern jew direttament mis-suq liberu fid-diskrezzjoni tal-Kap tal-Awtorità Kontraenti jew xi persuna delegata minnu bil-miktub, wara li jqis x'jkun l-ammont involut, l-urġenza li biha jkun irid isir l-akkwist u r-restrizzjonijiet tal-għażla u d-disponibbilità.

101. Meta l-valur stmat jeċċedi għaxart elef euro (€10,000), iżda ma jeċċedix il-limitu stabbilit taħt ir-regolament 9(1)(*a*), il-provvisti, xogħlijiet jew servizzi jistgħu jiġu akkwistati wara sejħa dipartimentali għal offerti.

Valur tal-kuntratt iżjed minn €10,000 li ma jeċċedix il-limitu. *Emendat: A.L. 195 tal-2019.*

102. (1) Sakemm ma tingħatax awtorizzazzjoni bil-miktub mid-Direttur, sejħiet għal kwotazzjonijiet li jeċċedu ħamest elef euro (€5,000) u sejħiet dipartimentali għal offerti għandhom jiġu ppubblikati fil-pjattaforma tal-akkwist elettroniku tal-gvern.

Sejħa għal kwotazzjonijiet.

(2) Jekk l-awtorità responsabbli għat-tmexxija tas-sejħa ma tużax il-pjattaforma tal-akkwist elettroniku tal-gvern għal kwotazzjonijiet jew għal sejħiet dipartimentali għal offerti, li l-valur stmat tagħhom jaqbeż il-hamest elef euro (€5,000), hija għandha tavza bil-pubblikazzjoni tagħhom permezz ta' avviż fil-Gazzetta.

103. Provvisti, xogħlijiet jew servizzi li l-valur tagħhom jeċċedi għaxart elef euro (€10,000) jistgħu, f'każijiet eċċezzjonali, jiġu akkwistati permezz ta' kuntratt dirett minn xi awtorità kontraenti wara li tinkiseb l-approvazzjoni bil-miktub minn qabel tal-Ministru li jista' jiddelega l-awtorità tiegħu bil-miktub lis-Segretarju Permanenti jew xi uffiċjal anzjan ieħor fil-Ministeru tiegħu:

Kuntratt dirett f'każijiet eċċezzjonali. *Emendat: A.L. 233 tal-2017.*

Iżda awtoritajiet kontraenti elenkati fl-Iskeda 3 għandhom jiksbu l-approvazzjoni minn qabel tal-Ministru responsabbli għal dik l-awtorità kontraenti, li jista' jiddelega l-awtorità tiegħu bil-miktub lis-Segretarju Permanenti, lil xi uffiċjal anzjan ieħor fil-Ministeru tiegħu jew lill-Kap tal-awtorità kontraenti minflok il-Ministru.

104. Bla ħsara għar-regolamenti rilevanti taħt it-Taqsima VI, Kunsilli Lokali għandhom josservaw r-regolamenti magħmulin taħt l-Att dwar Gvern Lokali.

Kunsilli Lokali.

Kap. 363.

Dmirijiet tal-Awtoritajiet Kontraenti

105. Qabel ma titwettaq proċedura ta' akkwist pubbliku, awtoritajiet kontraenti jistgħu jagħmlu konsultazzjonijiet fis-suq kif imsemmi fir-regolament 47.

Konsultazzjonijiet fis-suq.

106. Sejħa għal offerti għandha, sakemm ma tkunx ġiet approvata skont dawn ir-regolamenti, issir permezz ta' proċedura miftuħa.

Sejħa għal offerti.

107. L-approvazzjoni bil-miktub tad-Direttur tkun meħtieġa kull darba li awtorità responsabbli għat-tmexxija tas-sejħa tixtieq twettaq proċess ta' akkwist pubbliku permezz ta' kompetizzjoni ta' disinn, ftehim qafas, sħubija għall-innovazzjoni jew proċedura ristretta. Waqt li japprova l-użu ta' dawn il-proċeduri, id-Direttur jista' jimponi kull kondizzjoni li jqis xierqa għall-eżekuzzjoni korretta tal-imsemmija proċedura.

Approvazzjoni tad-Direttur.

108. Proċeduri ta' akkwisti pubbliċi li jinvolvu djalogu kompetittiv, proċedura kompetittiva b'negozjar, sistemi dinamiċi ta' xiri, bejgħ bl-irkant elettroniku u proċedura negozjata mingħajr avviż pubbliku mhumiex permessi.

Proċeduri li ma jistgħux jintużaw.

Aċċess għal dokumenti tal-akkwist.

109. Sakemm mhux previst mod ieħor f'dawn ir-regolamenti, l-awtoritajiet responsabbli għat-tmexxija tas-sejħa għandhom, permezz tal-pjattaforma tal-akkwist elettroniku tal-gvern, joffru mingħajr ħlas aċċess mingħajr restrizzjonijiet, sħiħ u dirett b'mezzi elettroniċi għad-dokumenti tal-akkwisti, mid-data ta' pubblikazzjoni tal-proċedura ta' akkwist.

Ftuħ u aġġudikazzjoni ta' offerti.

110. (1) L-offerti jinfetħu pubblikament minn żewġ uffiċjali tal-awtorità kontraenti. L-ismijiet tal-offerenti u l-prezzijiet ikkwotati għandhom ukoll isiru pubbliċi jew permezz tal-pjattaforma tal-akkwist elettroniku tal-gvern jew permezz tan-*notice board* fil-bini tal-awtorità kontraenti.

(2) Id-dispożizzjonijiet tat-Taqsima VI għandhom japplikaw għall-aġġudikazzjoni tal-offerti u kwotazzjonijiet sottomessi.

Varjazzjonijiet u penalitajiet. *Emendat: A.L. 195 tal-2019.*

111. (1) Il-Ministru jista' jippermetti li varjazzjonijiet u l-impożizzjoni jew il-maħfra ta' penalitajiet rigward dawk il-kuntratti jiġu approvati mill-Ministru responsabbli għal dik l-awtorità kontraenti, li jista' jiddelega l-awtorità tiegħu bil-miktub lis-Segretarju Parlamentari, lis-Segretarju Permanenti jew lill-Kap tal-awtorità kontraenti.

(2) Kull sitt xhur il-Kap tal-awtorità kontraenti għandu jippubblika fil-Gazzetta lista sħiħa tal-kuntratti dipartimentali kollha li jkunu ngħataw minnu b'valur li jeċċedi ħamest elef euro (€5,000) u lista tal-każijiet kollha li jinvolvu varjazzjonijiet li jeċċedu l-valuri tal-kuntratt oriġinali b'iżjed minn ħamsa fil-mija. Dawn iż-żewġ listi għandhom jinkludu l-isem tal-operatur ekonomiku, in-natura tal-kuntratti, il-valuri oriġinali tal-kuntratti u l-valuri finali tal-kuntratti jekk ikun il-każ:

Iżda mingħajr ħsara għar-regolament 79, fil-każ ta' awtoritajiet kontraenti elenkati fl-Iskeda 16, l-obbligu stabbilit f'dan is-subregolament għandu japplika meta dawn l-awtoritajiet kontraenti jippubblikaw sejħiet li mhux regolati bħala proċedura miftuħa.

(3) Dawn ir-regolamenti taħt din it-Taqsima m'għandhomx japplikaw meta awtorità kontraenti tkun qed tagħti kuntratt pubbliku lill-awtorità kontraenti oħra jew lil korp ta' akkwist ċentralizzat sakemm l-awtoritajiet kontraenti msemmija ma jkollhomx parteċipazzjoni ta' kapital privat.

Kondizzjonijiet tal-kuntratt.

112. L-awtorità responsabbli għat-tmexxija tas-sejħa tista' tfassal kundizzjonijiet dwar it-twettiq ta' kuntratti, iżda għandha tindika dawn fis-sejħa għall-kompetizzjoni jew fid-dokumenti tal-akkwist.

Rapporti individwali dwar proċeduri għall-għoti ta' kuntratti.

113. Għal kull sejħa jew ftehim qafas maħruġa taħt din it-Taqsima, l-awtoritajiet kontraenti għandhom iħejju rapport bil-miktub li jkun fih għall-inqas dan li ġej:

(*a*) l-isem u l-indirizz tal-awtorità kontraenti, is-suġġett u l-valur tal-kuntratt pubbliku jew tal-ftehim qafas;

(*b*) fejn applikabbli, ir-riżultati tal-għażla kwalitattiva;

(*ċ*) l-ismijiet tal-kandidati jew offerenti ammessi u r-raġunijiet għall-għażla;

(*d*) l-ismijiet tal-kandidati jew tal-offerenti miċħuda jew esklużi u r-raġunijiet għal dak ir-rifjut jew dik l-esklużjoni;

(*e*) l-isem tal-offerent li jirnexxi u r-raġunijiet għaliex tkun intgħażlet l-offerta tiegħu u, jekk ikun magħruf, kull parti mill-kuntratt jew mill-ftehim qafas li l-offerent li jirnexxi jista' jkollu ħsieb li jagħti b'subkuntratt lil terzi; u, jekk ikunu magħrufa f'dak il-ħin, l-ismijiet tas-subkuntratturi tal-kuntrattur prinċipali, jekk ikun hemm; u

(*f*) fejn ikun applikabbli, ir-raġunijiet għaliex l-awtorità kontraenti tkun iddeċidiet li ma tagħtix kuntratt jew ftehim qafas.

Taqsima IV
Tipi ta' Proċeduri ta' Akkwist

Metodi Varji ta' Akkwist

Proċeduri tal-akkwisti pubbliċi.

114. Kuntratti jistgħu jingħataw billi tintuża l-proċedura miftuħa, il-proċedura ristretta, il-proċedura kompetittiva b'negozjar, bi sħubija għall-innovazzjoni, djalogu kompetittiv, il-proċedura negozjata mingħajr avviż ta' kuntratt u kompetizzjonijiet ta' disinn.

Proċedura Miftuħa

Proċedura miftuħa.

115. Fil-proċeduri miftuha, kwalunkwe operatur ekonomiku interessat jista' jissottometti offerta fir-rigward ta' sejħa għall-kompetizzjoni.

Avviż dwar kuntratt u limitu ta' żmien.
Emendat: A.L. 195 tal-2019.

116.(1)(*a*) Sejħa għall-kompetizzjoni b'valur stmat li jaqa' taħt il-limitu stabbilit fir-regolament 9(1)(*b*) ikollha limitu ta' żmien minimu għar-riċevuta ta' offerti ta' ħamsa u tletin jum mid-data tal-pubblikazzjoni tagħha.

(*b*) Meta l-valur stmat ta' sejħa għall-offerti jkun daqs jew jeċċedi l-valur fl-Iskeda 5 din is-sejħa għandha ssir permezz ta' avviż ta' kuntratt u l-limitu ta' żmien imsemmi fil-paragrafu (*a*) għandu jibda' mid-data li fiha l-avviż ta' kuntratt ikun intbagħat lill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea.

(*ċ*) L-offerta għandha tkun akkumpanjata mill-informazzjoni għas-selezzjoni kwalitattiva li tkun mitluba mill-awtorità responsabbli għat-tmexxija tas-sejħa.

(2) Meta awtoritajiet responsabbli għat-tmexxija tas-sejħa jkunu diġà ppubblikaw avviż informattiv minn qabel, il-limitu ta' żmien minimu għar-riċevuta tal-offerti jista' jitqassar għal ħmistax-il jum, dejjem jekk jiġu sodisfatti l-kondizzjonijiet kollha li ġejjin:

(*a*) l-avviż informattiv minn qabel inkluda l-informazzjoni kollha meħtieġa għall-avviż dwar kuntratt fis-sezzjoini I tat-taqsima B tal-Iskeda 9, sa fejn dik l-informazzjoni kienet disponibbli fiż-żmien li ġie ppubblikat l-avviż informattiv minn qabel;

(*b*) l-avviż informattiv minn qabel intbagħat għall-pubblikazzjoni bejn ħamsa u tletin jum u tnax-il xahar qabel id-data li fiha ntbagħat l-avviż dwar kuntratt.

(3) Fejn stat ta' urġenza debitament sostanzjat jirrendi bħala imprattikabbli l-limitu ta' żmien stabbilit fis-subregolament (1), l-awtorità responsabbli għat-tmexxija tas-sejħa tista', tistabbilixxi limitu ta' żmien li ma għandux ikun inqas minn ħmistax (15)-il ġurnata mid-data li fiha l-avviż tal-kuntratt intbagħat lill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea jew mid-data ta' meta l-offerta tkun ġiet pubblikata kif ikun il-każ.

(4) L-awtorità responsabbli għat-tmexxija tas-sejħa tista' wkoll tnaqqas b'ħamest ijiem il-limitu ta' żmien għall-wasla ta' offerti stabbiliti fis-subregolament (1) meta hi taċċetta li l-offerti jistgħu jiġu sottomessi b'mezzi elettroniċi f'konformità mar-regolament 48(1), (2) u (10).

(5) Fil-każ ta' kuntratt b'valur stmat li hu inqas mil-limitu stabbilit taħt ir-regolament 9(1)(*a*), il-limitu ta' żmien minimu biex jiġu riċevuti offerti għandu jkun ta' għoxrin jum mid-data ta' meta l-offerta ġiet pubblikata:

Iżda l-awtorità responsabbli għat-tmexxija tas-sejħa tista' tnaqqas dan il-limitu ta' żmien għal ħmistax (15)-il ġurnata f'każijiet ta' urġenza estrema.

Eżami ta' offerti fi proċeduri miftuħa.

117. Fil-proċeduri miftuħa, l-awtoritajiet responsabbli għat-tmexxija tas-sejħa jistgħu jiddeċiedu li jeżaminaw l-offerti qabel ma jiġu vverifikati n-nuqqas ta' raġunijiet għall-esklużjoni u l-issodisfar tal-kriterji ta' għażla skont it-Taqsima VI u r-regolamenti 217, 226, 230, 231, 232, 233, 234 u 235. Fejn jagħmlu użu minn dik il-possibbiltà, huma għandhom jiżguraw li l-verifika tan-nuqqas ta' raġunijiet għall-esklużjoni u l-issodisfar tal-kriterji ta' għażla titwettaq b'mod imparzjali u trasparenti sabiex l-ebda kuntratt ma jingħata lil offerent li kellu jiġi eskluż skont it-Taqsima VI jew li ma jissodisfax il-kriterji ta' għażla stipulati mill-awtoriità kontraenti.

Proċedura Ristretta

Proċedura ristretta.

118. (1) Fi proċeduri ristretti, kwalunkwe operatur ekonomiku jista' jisottometti talba sabiex jieħu sehem b'rispons għal sejħa għall-kompetizzjoni billi jipprovdi l-informazzjoni rikjesta mill-awtorità kontraenti fid-dokument tal-akkwist.

(2) Meta il-valur stmat tal-proċedura ristretta hu daqs jew jeċċedi l-valuri stabbiliti taħt l-Iskeda 5, is-sejħa għall-kompetizzjoni għandha tinkludi l-informazzjoni imniżżla fl-Iskeda 9, taqsimiet B jew Ċ, kif ikun il-każ, billi jipprovdi l-informazzjoni għall-għażla kwalitattiva li tħun rikjesta mill-awtorità kontraenti.

Pubblikazzjoni.

119. (1) Il-limitu minimu ta' żmien għar-riċevuta ta' talbiet għal parteċipazzjoni għandu jkun ta' tletin jum mid-data li fiha ġiet ippubblikata s-sejħa għal offerti.

(2) Meta il-valur stmat tal-proċedura ristretta hu daqs jew jeċċedi l-valuri stabbiliti taħt l-Iskeda 5, il-limiti ta' żmien

stabbiliti hawn qabel għandhom jibdew jgħoddi mid-data meta l-avviż ta' kuntratt jintbagħat lill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea.

Operaturi ekonomiċi eliġibbli.

120. Huma biss dawk l-operaturi ekonomiċi mistiedna jagħmlu dan mill-awtorità kontraenti wara l-evalwazzjoni tagħha tal-informazzjoni mogħtija li jistgħu jissottomettu offerta. L-awtoritajiet kontraenti jistgħu jillimitaw in-numru ta' kandidati xierqa li għandhom jiġu mistiedna jieħdu sehem fil-proċedura f'konformità mar-regolament 237.

Riċevuta tal-offerti.

121. (1) Il-limitu minimu ta' żmien għar-riċevuta tal-offerti minn kandidati xierqa għandu jkun ta' tletin jum mid-data li fiha tintbagħat l-istedina għall-offerta.

(2) Meta awtoritajiet kontraenti jkunu ppubblikaw avviż informattiv minn qabel, il-limitu ta' żmien minimu għar-riċevuta tal-offerti kif imfisser fis-subregolament (1) jista' jitqassar għal għaxart ijiem, dejjem jekk jiġu sodisfatti l-kondizzjonijiet kollha li ġejjin:

(*a*) l-avviż informattiv minn qabel inkluda l-informazzjoni kollha rikjesta fis-sezzjoni I tat-taqsima B tal-Iskeda 9, sa fejn dik l-informazzjoni kienet disponibbli fiż-żmien li ġie ppubblikat l-avviż informattiv minn qabel;

(*b*) l-avviż informattiv minn qabel intbagħat għall-pubblikazzjoni bejn ħamsa u tletin jum u tnax-il xahar qabel id-data li fiha ntbagħat l-avviż dwar kuntratt.

(3) Il-limitu ta' żmien għar-riċevuta ta' offerti speċifikat fis-subregolament (1) jista' jitnaqqas b'ħamest ijiem fejn l-awtorità kontraenti taċċetta li l-offerti jistgħu jiġu sottomessi b'mezzi elettroniċi f'konformità mar-regolament 48(1) sa (6), (10), (11) u (12) sa (14).

Proċess aċċellerat.

122. Fejn stat ta' urġenza sostanzjat sew mill-awtoritajiet kontraenti jirrendi impraktikabbli l-limiti ta' żmien stabbiliti fir-regoolament qabel dan, dawn jistgħu jistabbilixxu:

(*a*) limitu ta' żmien għar-riċevuta ta' talbiet għal parteċipazzjoni li ma għandux ikun inqas minn ħmistax-il jum mid-data li fiha ntbagħat l-avviż dwar kuntratt;

(*b*) limitu ta' żmien għar-riċevuta ta' offerti li ma għandux ikun inqas minn għaxart ijiem mid-data li fiha ntbagħtet l-istedina għall-offerti.

Proċedura Kompetittiva permezz ta' Negozjar

Proċedura kompetittiva b'negozjar.

123. (1) Meta mitlub minn awtorità kontraenti, id-Direttur jista' bla ħsara għal kull kondizzjoni li jidhirlu xieraq li jimponi, japprova bil-miktub l-użu ta' proċedura kompetittiva permezz tan-negozjar fis-sitwazzjonijiet li ġejjin:

(*a*) fir-rigward ta' xogħlijiet, provvisti jew servizzi li jissodisfaw wieħed jew aktar mill-kriterji li ġejjin:

(i) il-ħtigiet tal-awtorità kontraenti ma jistgħux jiġu ssodisfati mingħajr l-adattament ta'

soluzzjonijiet faċilment disponibbli;

(ii) jinkludu disinn jew soluzzjonijiet innovattivi;

(iii) il-kuntratt ma jistax jingħata mingħajr negozjati minn qabel minħabba ċirkustanzi speċifiċi relatati man-natura, il-kumplessità jew il-forma legali jew finanzjarja jew minħabba r-riskji marbuta magħhom;

(iv) l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi ma jistgħux ikunu stabbiliti bi preċiżjoni suffiċjenti mill-awtorità kontraenti b'referenza għal xi *standard*, il-Valutazzjoni Teknika Ewropea, speċifikazzjoni teknika komuni jew referenza teknika skont it-tifsirjiet fir-regolament 2;

(*b*) fir-rigward ta' xogħlijiet, provvisti jew servizzi fejn, b'risposta għal proċedura miftuħa jew ristretta, ġew ippreżentati biss offerti irregolari jew mhux aċċettabbli. F'tali sitwazzjonijiet, m'għandux ikun meħtieġ li l-awtoritajiet kontraenti jippublikaw avviż ta' kuntratt fejn huma jinkludu l-offerenti kollha, u dawk biss, li jkunu ssodisfaw il-kriterji tat-Taqsima VI u tar-regolamenti 217 sa 235 u li, matul il-proċedura miftuħa jew ristretta ta' qabel, ikunu ssottomettew offerti skont ir-rekwiżiti formali tal-proċedura ta' akkwist.

(2) Sejħa għall-kompetizzjoni għal proċedura kompetittiva b'negozjar għandha ssir permezz ta' avviż dwar kuntratt u kull operatur ekonomiku jista' jissottometti talba biex jieħu sehem f'rispons għal sejħa għall-kompetizzjoni li jkun fiha l-informazzjoni stabbiolita fl-Iskeda 9 taqsimiet B u Ċ billi jipprovdi l-informazzjoni għal għażka kwalitattiva li ġiet mitluba mill-awtorità kontraenti.

Suġġett tal-akkwist.

124. (1) Fid-dokumenti ta' akkwist, l-awtoritajiet kontraenti għandhom jidentifikaw is-suġġett tal-akkwist billi jipprovdu deskrizzjoni tal-ħtiġijiet tagħhom u l-karatteristiċi mitluba mill-provvisti, xogħlijiet jew servizzi li ser jiġu akkwistati u jispeċifikaw il-kriterji għall-għoti tal-kuntratt. Huma għandhom jindikaw ukoll liema elementi tad-deskrizzjoni jiddefinixxu r-rekwiżiti minimi li għandhom jintlaħqu mill-offerenti kollha.

(2) L-informazzjoni mogħtija għandha tkun preċiża biżżejjed sabiex l-operaturi ekonomiċi jkunu jistgħu jidentifikaw in-natura u l-ambitu tal-akkwist u jistgħu jiddeċiedu jekk jitolbux li jieħdu sehem fil-proċedura.

Limiti ta' żmien.

125. (1) Il-limitu minimu ta' żmien biex jintlaqgħu talbiet għal parteċipazzjoni għandu jkun ta' tletin jum mid-data li fiha l-avviż dwar kuntratt ntbagħat lill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea jew minn meta tiġi pubblikata s-sejħa għall-kompetizzjoni, kif ikun il-każ, waqt li l-limitu ta' żmien minimu biex jintlaqgħu offerti inizjali għandu jkun ta' tletin jum mid-data li fiha intbagħtet l-istedina.

(2) Id-dispożizzjonijiet tar-regolamenti 121 u 122 għandhom japplikaw *mutatis mutandis* ukoll għall-proċedura tal-

kompetizzjoni b'negozjar.

Eliġibilità.

126. Huma biss dawk l-operaturi ekonomiċi li ġew mistiedna mill-awtorità kontraenti wara l-evalwazzjoni tagħha tal-informazzjoni mogħtija li jistgħu jissottomettu offerta inizjali li għandha tkun il-bażi għan-negozjati sussegwenti. L-awtoritajiet kontraenti jistgħu jillimitaw in-numru ta' kandidati xierqa li għandhom jiġu mistiedna jieħdu sehem fil-proċedura f'konformità mar-regolament 237.

Negozjar.

127. (1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subregolament (3), l-awtoritajiet kontraenti għandhom jinnegozjaw mal-offerenti dawk l-offerti inizjali u dawk kollha sussegwenti sottomessi minnhom, għajr l-offerti finali fis-sens tas-subregolament (7), sabiex itejbu l-kontenut tagħhom.

(2) Ir-rekwiżiti minimi u l-kriterji tal-għoti ma għandhomx ikunu soġġetti għal negozjati.

(3) L-awtoritajiet kontraenti jistgħu jagħtu kuntratti abbażi tal-offerti inizjali mingħajr negozjar meta jkunu indikaw fl-avviż tal-kuntratt jew fl-istedina għall-konferma tal-interess, kif ikun il-każ, li huma jirriservaw il-possibbiltà li jagħmlu dan.

(4) Matul in-negozjati, l-awtoritajiet kontraenti għandhom jiżguraw it-trattament ugwali lill-offerenti kollha. Għal dak il-għan, ma għandhomx jipprovdu informazzjoni b'mod diskriminatorju li tista' tagħti vantaġġ lil xi offerenti fuq oħrajn. Huma għandhom jinfurmaw lill-offerenti kollha, li l-offerti tagħhom ma ġewx eliminati skont is-subregolament (6), bil-miktub dwar kwalunkwe bidla għall-ispeċifikazzjonijiet tekniċi jew dokumenti oħra ta' akkwist, minbarra dawk li jistabbilixxu r-rekwiżiti minimi. Wara dawn il-bidliet, l-awtoritajiet kontraenti għandhom jagħtu biżżejjed ħin lill-offerenti biex jimmodifikaw u jerġgħu jippreżentaw l-offerti emendati, kif adatt.

(5) F'konformità mar-regolament 40, l-awtoritajiet kontraenti ma għandhomx jiżvelaw lill-parteċipanti l-oħra informazzjoni kunfidenzjali kkomunikata minn kandidat jew offerent li jkun qed jieħu sehem fin-negozjati mingħajr il-qbil tiegħu. Tali qbil ma għandux jieħu l-forma ta' eżenzjoni ġenerali iżda għandu jsir b'referenza għall-komunikazzjoni intenzjonata tal-informazzjoni speċifika.

(6) Il-proċeduri kompetittivi permezz tan-negozjar jistgħu jsiru fi stadji suċċessivi sabiex jonqos in-numru ta' offerti li jridu jiġu negozjati billi jiġu applikati l-kriterji tal-għoti speċifikati fl-avviż dwar kuntratt, fl-istedina għall-konferma tal-interess jew f'dokument ieħor ta' akkwist. Fl-avviż tal-kuntratt, fl-istedina għall-konferma tal-interess jew f'dokument ieħor ta' akkwist, l-awtorità kontraenti għandha tindika jekk hi rrikorrietx għal dik l-alternattiva.

(7) Fejn l-awtorità kontraenti għandha l-intenzjoni li tikkonkludi n-negozjati, għandha tinforma lill-offerenti li jkun baqa' u tistabbilixxi

data ta' skadenza komuni għas-sottomissjoni ta' kwalunkwe offerta ġdida jew riveduta. Hija għandha tivverifika li l-offerti finali huma f'konformità mar-rekwiżiti minimi u jikkonformaw mar-regolament 61(2), tivvaluta l-offerti finali fuq il-bażi tal-kriterji tal-għoti inizjalment indikati u tagħti l-kuntratt skont ir-regolamenti 238, 239, 240 u 243.

Sħubija għall-Innovazzjoni

Sħubija għall-innovazzjoni.

128. (1) Meta mitlub mill-awtorità kontraenti d-Direttur jista', bla ħsara għal kull kondizzjoni li jidhirlu xieraq li jimponi, japprova bil-miktub l-użu tal-proċedura tas-sħubija għall-innovazzjoni.

(2) Din it-talba għandha tkun sostnuta minn dokumenti li juru li l-ħtieġa tal-awtorità kontraenti ma tistax tintlaħaq billi jinkisbu provvisti, servizzi jew xogħlijiet diġà disponibbli fis-suq.

Talba biex wieħed jieħu sehem.

129. Fi proċedura ta' sħubija ta' innovazzjoni, kwalunkwe operatur ekonomiku jista' jissottometti talba sabiex jieħu sehem b'rispons għal avviż ta' kuntratt jew sejħa għall-kompetizzjoni billi jipprovdi l-informazzjoni għas-selezzjoni kwalitattiva li ġiet rikjesta mill-awtorità kontraenti.

Kontenut tad-dokument tal-akkwist.

130. Fid-dokumenti ta' akkwist, l-awtorità kontraenti għandha tidentifika l-ħtieġa għal prodott, servizz jew xogħlijiet innovattivi li ma jistgħux jiġu sodisfatti billi jinxtraw prodotti, servizzi jew xogħlijiet li diġà huma disponibbli fis-suq. Hija għandha tindika wkoll liema elementi tad-deskrizzjoni jiddefinixxu r-rekwiżiti minimi li għandhom jintlaħqu mill-offerenti kollha. L-informazzjoni prevista għandha tkunu preċiża biżżejjed sabiex l-operaturi ekonomiċi jkun jistgħu jidentifikaw in-natura u l-ambitu tas-soluzzjoni meħtieġa u jistgħu jiddeċiedu jekk jitolbux li jieħdu sehem fil-proċedura.

Numru ta' msieħba.

131. L-awtorità kontraenti tista' tiddeċiedi li tistabbilixxi s-sħubija ta' innovazzjoni ma' sieħeb wieħed jew aktar li jwettqu attivitajiet separati ta' riċerka u żvilupp.

Limiti ta' żmien.

132. Il-limitu ta' żmien minimu għar-riċevuta ta' talbiet għal parteċipazzjoni għandu jkun ta' tletin jum mid-data li fiha jintbagħat l-avviż għal kuntratt jew meta tiġi pubblikata s-sejħa għall-kompetizzjoni, kif ikun il-każ. Huma biss dawk l-operaturi ekonomiċi li huma mistiedna mill-awtorità kontraenti wara l-evalwazzjoni tal-informazzjoni pprovduta li jistgħu jieħdu sehem fil-proċedura. L-awtoritajiet kontraenti jistgħu jillimitaw in-numru ta' kandidati xierqa li għandhom jiġu mistiedna jieħdu sehem fil-proċedura f'konformità mar-regolament 237. Il-kuntratti għandhom jingħataw fuq il-bażi unika tal-kriterju ta' għoti tal-offerta li tippreżenta l-aqwa bilanċ bejn il-prezz u l-kwalità skont ir-regolament 239(2).

Għan.

133. L-għan tas-sħubija għall-innovazzjoni għandu jkun l-iżvilupp ta' prodott, servizz jew xogħlijiet innovattivi u x-xiri sussegwenti tal-fornimenti, provvisti jew xogħlijiet li jirriżultaw, dment li dawn jikkorrispondu mal-livelli ta' prestazzjoni maqbula u l-ispejjeż massimi miftiehma bejn l-awtoritajiet kontraenti u l-

parteċipanti.

Struttura.

134. Is-sħubija għall-innovazzjoni għandha tiġi strutturata f'fażijiet suċċessivi wara s-sekwenza tal-passi fil-proċess ta' riċerka u innovazzjoni, li tista' tinkludi l-manifattura tal-prodotti, il-forniment tas-servizzi jew it-tlestija tax-xogħlijiet. Is-sħubija għall-innovazzjoni għandha tistabbilixxi miri intermedji li għandhom jinkisbu mis-sħab u tipprovdi għall-ħlas tar-remunerazzjoni f'pagamenti adatti.

Terminazzjoni.

135. Abbażi ta' dawk il-miri, l-awtorità kontraenti tista' tiddeċiedi wara kull fażi li ttemm is-sħubija għall-innovazzjoni jew, f'każ ta' sħubija għall-innovazzjoni b'diversi sħab, li tnaqqas in-numru ta' sħab billi ttemm il-kuntratti individwali, dment li l-awtorità kontraenti tkun indikat fid-dokumenti ta' akkwist dawk il-possibiltajiet u l-kondizzjonijiet għall-użu tagħhom.

Negozjar.

136. (1) Sakemm ma jkunx previst mod ieħor f'dan ir-regolament, l-awtoritajiet kontraenti għandhom jinnegozjaw mal-offerenti dawk l-offerti inizjali u dawk kollha sussegwenti sottomessi minnhom, għajr l-offerta finali, sabiex jittejjeb l-kontenut tagħhom.

(2) Ir-rekwiżiti minimi u l-kriterji tal-għoti ma għandhomx ikunu suġġetti għal negozjati.

(3) Matul in-negozjati, l-awtoritajiet kontraenti għandhom jiżguraw it-trattament ugwali lill-offerenti kollha. Għal dak il-għan, ma għandhomx jipprovdu informazzjoni b'mod diskriminatorju li tista' tagħti vantaġġ lil xi offerenti fuq oħrajn. Huma għandhom jinfurmaw lill-offerenti kollha, li l-offerti tagħhom ma jkunux ġew eliminati, skont is-subregolament (5), bil-miktub, dwar kwalunkwe bidla fl-ispeċifiċitajiet tekniċi jew f'dokumenti tal-akkwist oħra, minbarra dawk li jistabbilixxu r-rekwiżiti minimi. Wara dawk il-bidliet, l-awtoritajiet kontraenti għandhom jagħtu biżżejjed ħin lill-offerenti biex jimmodifikaw u jerġgħu jippreżentaw l-offerti emendati, kif adatt.

(4) F'konformità mar-regolament 40, l-awtoritajiet kontraenti ma għandhomx jiżvelaw lill-parteċipanti l-oħra informazzjoni kunfidenzjali kkomunikata minn kandidat jew offerent li jkun qed jieħu sehem fin-negozjati mingħajr il-qbil tiegħu. Qbil bħal dan ma għandux jieħu l-forma ta' eżenzjoni ġenerali iżda għandu jsir b'referenza għall-komunikazzjoni proposta tal-informazzjoni speċifika.

(5) In-negozjati matul il-proċeduri tas-sħubija għall-innovazzjoni jistgħu jsiru fi stadji suċċessivi sabiex jonqos in-numru ta' offerti li jridu jiġu negozjati billi jiġu applikati l-kriterji tal-għoti speċifikati fl-avviż dwar kuntratt, fl-istedina għall-konferma tal-interess jew fid-dokumenti tal-akkwist. Fl-avviż dwar kuntratt, fl-istedina għall-konferma tal-interess jew fid-dokumenti tal-akkwist, l-awtorità kontraenti għandha tindika jekk hijiex ser tirrikorri għal dik l-għażla.

Għażla.

137. (1) Fl-għażla tal-kandidati, l-awtoritajiet kontraenti għandhom b'mod partikolari japplikaw il-kriterji li jikkonċernaw

il-kapaċità tal-kandidati fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp u fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' soluzzjonijiet innovattivi.

(2) Huma biss dawk l-atturi ekonomiċi mistiedna mill-awtorità kontraenti wara l-evalwazzjoni tagħha tal-informazzjoni mitluba li jistgħu jissottomettu proġetti ta' riċerka u innovazzjoni bil-għan li jissodisfaw il-ħtiġijiet identifikati mill-awtorità kontraenti li ma jistgħux jiġu sodisfatti mis-soluzzjonijiet eżistenti.

Drittijiet ta' proprjetà intellettwali.

138. Fid-dokumenti ta' akkwist, l-awtorità kontraenti għandha tiddefinixxi l-arranġamenti applikabbli għad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali. Fil-każ ta' sħubija għall-innovazzjoni ma' diversi sħab, l-awtorità kontraenti ma għandhiex, f'konformità mar-regolament 40, tiżvela lill-isħab l-oħra s-soluzzjonijiet proposti jew informazzjoni konfidenzjali oħra kkomunikata minn sieħeb fil-qafas tas-sħubija mingħajr il-qbil ta' dak is-sieħeb. Qbil bħal dan ma għandux jieħu l-forma ta' eżenzjoni ġenerali iżda għandu jsir b'referenza għall-komunikazzjoni proposta tal-informazzjoni speċifika.

Eżekuzzjoni.

139. L-awtorità kontraenti għandha tiżgura li l-istruttura tas-sħubija u, b'mod partikolari, il-perijodu u l-valur tal-fażijiet differenti għandhom jirreflettu l-grad ta' innovazzjoni tas-soluzzjoni proposta u s-sekwenza tal-attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni metieġa għall-iżvilupp ta' soluzzjoni innovattiva li għadha mhijiex disponibbli fis-suq. Il-valur stmat tal-provvisti, is-servizzi jew xogħlijiet ma għandux ikun sproporzjonat fir-rigward tal-investiment meħtieġ għall-iżvilupp tagħhom.

Djalogu Kompetittiv

Djalogu kompetittiv.

140. Meta mitlub mill-awtorità kontraenti, id-Direttur tal-Kuntratti jista', bla ħsara għal kull kondizzjoni li jidhirlu li għandu jimponi, japprova bil-miktub l-użu ta' djalogu kompetittiv fis-sitwazzjonijiet li ġejjin:

(*a*) fir-rigward ta' xogħlijiet, provvisti jew servizzi li jissodisfaw wieħed jew aktar mill-kriterji li ġejjin:

(i) il-ħtigiet tal-awtorità kontraenti ma jistgħux jiġu ssodisfati mingħajr l-adattament ta' soluzzjonijiet faċilment disponibbli;

(ii) jinkludu disinn jew soluzzjonijiet innovattivi;

(iii) il-kuntratt ma jistax jingħata mingħajr negozjati minn qabel minħabba ċirkustanzi speċifiċi relatati man-natura, il-kumplessità jew il-forma legali jew finanzjarja jew minħabba r-riskji marbuta magħhom;

(iv) l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi ma jistgħux ikunu stabbiliti bi preċiżjoni suffiċjenti mill-awtorità kontraenti b'referenza għal xi *standard*, il-Valutazzjoni Teknika Ewropea, speċifikazzjoni teknika komuni jew referenza teknika skont kif imfissra fir-regolament 2;

(*b*) fir-rigward ta' xogħlijiet, provvisti jew servizzi fejn, b'risposta għal proċedura miftuħa jew ristretta, ġew

ippreżentati biss offerti irregolari jew mhux aċċettabbli. F'tali sitwazzjonijiet, m'għandux ikun meħtieġ li l-awtoritajiet kontraenti jippublikaw avviż ta' kuntratt fejn huma jinkludu l-offerenti kollha, u dawk biss, li jkunu ssodisfaw il-kriterji stabbiliti taħt it-Taqsima VI u r-regolamenti 217 sa 235 u li, matul il-proċedura miftuħa jew ristretta ta' qabel, ikunu ssottomettew offerti skont ir-rekwiżiti formali tal-proċedura ta' akkwist.

Talba biex wieħed jieħu sehem.

141. F'sejħa għall-konklużjoni ta' djalogi kompetittivi, kwalunkwe operatur ekonomiku jista' jissottometti talba sabiex jieħu sehem b'rispons għal avviż ta' kuntratt jew sejħa għal kompetizzjoni, kif ikun il-każ, billi jipprovdi l-informazzjoni għas-selezzjoni kwalitattiva li ġiet rikjesta mill-awtorità kontraenti.

Limitu ta' żmien.

142. Il-limitu ta' żmien minimu għar-riċevuta ta' talbiet għal parteċipazzjoni għandu jkun ta' tletin jum mid-data li fiha ntbagħat l-avviż ta' kuntratt jew ġiet ippubblikata s-sejħa għal komnpetizzjoni kif ikun il-każ.

Parteċipazzjoni.

143. Huma biss dawk l-operaturi ekonomiċi mistiedna mill-awtorità kontraenti wara l-evalwazzjoni tal-informazzjoni mogħtija li jistgħu jieħdu sehem fid-djalogu. L-awtoritajiet kontraenti jistgħu jillimitaw in-numru ta' kandidati xierqa li għandhom jiġu mistiedna jieħdu sehem fil-proċedura f'konformità mar-regolament 237. Il-kuntratt għandu jingħata fuq il-bażi unika tal-kriterju ta' għoti tal-offerta li tippreżenta l-aqwa bilanċ bejn il-prezz u l-kwalità skont ir-regolament 239(2).

Ħtiġiet u rekwiżiti tal-awtorità kontraenti.

144. L-awtoritajiet kontraenti għandhom jistabbilixxu l-ħtigijiet u r-rekwiżiti tagħhom fl-avviż dwar kuntratt u għandhom jiddefinixxu dawk il-ħtigijiet u r-rekwiżiti f'dak l-avviż u, jew f'dokument deskrittiv. Fl-istess ħin u fl-istess dokumenti, huma għandhom jistabbilixxu u jiddefinixxu l-kriterji tal-għoti magħżula wkoll u jistabbilixxu perijodu ta' żmien indikattiv.

Djalogu.

145. (1) Flimkien mal-parteċipanti magħżulin skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tar-regolament 61(2), it-Taqsima VI u r-regolamenti 217 sa 235, l-awtoritajiet kontraenti għandhom iniedu djalogu bil-għan li jiġu identifikati u definiti l-aktar mezzi xierqa sabiex jiġu sodisfatti l-ħtiġijiet tagħhom. Huma jistgħu jiddiskutu l-aspetti kollha tal-akkwist mal-parteċipanti magħżulin matul dan id-djalogu.

(2) Matul id-djalogu, l-awtoritajiet kontraenti għandhom jiżguraw ugwaljanza tat-trattament fost il-parteċipanti kollha. Għal dak il-għan, ma għandhomx jipprovdu informazzjoni b'mod diskriminatorju li tista' tagħti vantaġġ lil xi parteċipanti fuq oħrajn.

(3) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tar-regolament 40, l-awtoritajiet kontraenti ma għandhomx jiżvelaw lill-parteċipanti l-oħra informazzjoni kunfidenzjali kkomunikata minn kandidat jew offerent parteċipanti li jkun qed jieħu sehem fid-djalogu mingħajr il-qbil tiegħu. Tali qbil ma għandux jieħu l-forma ta' eżenzjoni ġenerali iżda għandu jsir b'referenza għall-komunikazzjoni intenzjonata tal-informazzjoni speċifika.

(4) Id-djalogi kompetittivi jistgħu jseħħu fi stadji suċċessivi sabiex jonqos in-numru ta' soluzzjonijiet li jridu jiġi diskussi fl-istadju ta' djalogu billi jiġu applikati l-kriterji tal-għoti stipulati fl-avviż dwar kuntratt jew fid-dokument deskrittiv. Fl-avviż tal-kuntratt jew fid-dokument deskrittiv, l-awtorità kontraenti għandha tindika jekk hijiex ser tuża dik l-għażla.

(5) L-awtorità kontraenti għandha tkompli bid-djalogu sakemm tkun kapaċi tidentifika s-soluzzjoni jew is-soluzzjonijiet li huma kapaċi jilħqu l-ħtiġiet tagħha.

(6) Wara li jiddikkjaraw li d-djalogu ntemm u wara li jgħarrfu lill-parteċipanti rimanenti dwar dan, l-awtoritajiet kontraenti għandhom jitolbu lil kull wieħed minnhom jissottomettu l-offerti finali tagħhom fuq il-bażi tas-soluzzjoni jew is-soluzzjonijiet ppreżentati u speċifikati matul id-djalogu. Dawk l-offerti għandu jkun fihom l-elementi kollha meħtiega u neċessarji għat-twettiq tal-proġett.

Kjarifika, spjegazzjoni, eċċ.

146. Fuq talba tal-awtorità kontraenti, dawk l-offerti jistgħu jiġu kkjarifikati, speċifikati u ottimizzati. Madankollu, tali kjarifika, speċifikar u ottimizzazzjoni jew informazzjoni addizzjonali ma tistax tinvolvi bidliet fl-aspetti essenzjali tal-offerta jew tal-akkwist pubbliku, inkluz il-ħtiġiet u r-rekwiżiti stipulati fl-avviż tal-kuntratt jew fid-dokument deskrittiv, fejn varjazzjonijiet għal dawk l-aspetti, ħtiġiet u rekwiżiti x'aktarx joħolqu distorsjoni tal-kompetizzjoni jew ikollhom effett diskriminartorju.

Evalwazzjoni.

147. L-awtoritajiet kontraenti għandhom jivvalutaw l-offerti riċevuti fuq il-bażi tal-kriterji tal-għoti stabbiliti fl-avviż dwar kuntratt jew fid-dokument deskrittiv.

Negozjati.

148. Fuq talba tal-awtorità kontraenti, in-negozjati mal-offerent identifikat bħala dak li ssottometta l-offerta li tippreżenta l-aqwa bilanċ bejn prezz u kwalità skont ir-regolament 239 jistgħu jsiru biex jiġu kkonfermati impenji finanzjarji jew termini oħra li jkunu fl-offerta billi jiġu ffinalizzati t-termini tal-kuntratt dment li ma jkollhomx l-effett li materjalment jimmodifikaw l-aspetti essenzjali tal-offerta jew tal-akkwist, inklużi l-ħtiġiet u r-rekwiżiti stabbiliti fl-avviż dwar kuntratt jew fid-dokument deskrittiv u ma jirriskjax li jgħawweġ il-kompetizzjoni jew li jikkawża diskriminazzjoni.

Premji jew ħlasijiet.

149. L-awtoritajiet kontraenti jistgħu jistabbilixxu premji jew ħlasijiet għall-parteċipanti matul id-djalogu.

Proċedura Negozjata

Użu ta' proċedura negozjata mingħajr pubblikazzjoni minn qabel.

150. (1) Meta mitlub bil-miktub mill-awtorità kontraenti d-Direttur jista', bla ħsara għal kull kondizzjoni li jidhirlu xieraq li jimponi, japprova l-użu ta' proċedura negozjata mingħajr pubblikazzjoni minn qabel għal kuntratti pubbliċi ta' xogħlijiet, kuntratti pubbliċi ta' provvisti u kuntratti pubbliċi ta' servizzi kif speċifikat fir-regolamenti li ġejjin.

(2) It-talba magħmula mill-awtorità kontraenti għandħa debitament tissostanzja l-ħtieġa tal-proċedura negozjata.

Kuntratti għal xogħlijiet pubbliċi.

151. Il-proċedura negozjata mingħajr pubblikazzjoni minn qabel tista' tintuża għal kuntratti għal xogħlijiet pubbliċi fil-każijiet li ġejjin:

(*a*) meta ma jkunux ġew sottomessi offerti jew offerti adattati jew talbiet għal parteċipazzjoni jew talbiet għal parteċipazzjoni mhux adattati f'rispons għal proċedura miftuħa jew proċedura ristretta, sakemm il-kondizzjonijiet inizjali tal-kuntratt ma jkunux mibdula sostanzjalment u sakemm jintbagħat rapport lill-Kummissjoni meta hija titlob li jsir dan; jew

(*b*) fejn ix-xogħlijiet jistgħu jiġu fornuti minn operatur ekonomiku partikolari biss minħabba xi waħda mir-raġunijiet li ġejjin:

(i) l-għan tal-akkwist huwa l-ħolqien jew l-akkwist ta' xogħol artistiku uniku jew prestazzjoni artistika unika;

(ii) ma jkunx hemm kompetizzjoni minħabba raġunijiet tekniċi;

(iii) il-protezzjoni ta' drittijiet esklużivi, inkluż drittijiet ta' proprjetà intellettwali:

Iżda l-eċċezzjonijiet stabbiliti fis-subparagrafi (ii) u (iii) għandhom japplikaw biss meta ma teżistix alternattiva jew sostitut raġonevoli u n-nuqqas ta' kompetizzjoni mhijiex konsegwenza ta' limitazzjoni artifiċjali fil-parametri tal-akkwist; jew

(*ċ*) sa fejn huwa strettament neċessarju fejn, għal raġunijiet ta' urġenza kbira dovuti għal avvenimenti li ma setgħux ikunu previsti mill-awtorità kontraenti, il-limiti ta' żmien għal proċeduri miftuħa jew ristretti jew kompetittivi bin-negozjar ma jistgħux jiġu rispettati. Iċ-ċirkustanzi invokati għall-ġustifikazzjoni tal-urġenza estrema qatt ma għandhom ikunu attribwibbli għall-awtorità kontraenti; jew

(*d*) għal xogħlijiet ġodda li jikkonsistu fir-ripetizzjoni ta' xogħlijiet simili fdati lill-operatur ekonomiku li ngħata kuntratt oriġinali mill-istess awtoritajiet kontraenti, jekk dawn ix-xogħlijiet huma konformi ma' proġett bażiku li għalih ingħata l-kuntratt oriġinali skont proċedura li għaliha ġiet ippubblikata sejħa għal kompetizzjoni b'konformità ma' dawn ir-regolamenti.

Ripetizzjoni ta' xogħlijiet simili.

152. (*a*) Jekk il-proċedura negozjata tintuża biex titwettaq ripetizzjoni ta' xogħlijiet simili, il-proġett bażiku għandu jindika sa liema punt jistgħu jaslu x-xogħlijiet addizzjonali possibbli u l-kondizzjonijiet li fihom se jingħataw.

(*b*) Hekk kif l-ewwel proġett jinħareġ għall-offerti, l-użu possibbli ta' din il-proċedura għandu jiġi divulgat u l-awtoritajiet kontraenti għandhom jieħdu f'kunsiderazzjoni l-istima tal-ispiża totali tax-xogħlijiet jew is-servizzi sussegwenti meta japplikaw

il-limiti stabbiliti fl-Iskeda 5.

(*ċ*) Il-proċedura negozjata għal ripetizzjoni ta' xogħlijiet simili tista' tintuża biss matul it-tliet snin wara li jintemm il-kuntratt oriġinali.

Kuntratti pubbliċi ta' provvisti. *Sostitwit: A.L. 155 tal-2017.*

153. Il-proċedura negozjata mingħajr pubblikazzjoni minn qabel tista' tintuża għal kuntratti pubbliċi ta' provvisti fil-każijiet li ġejjin:

(*a*) meta ma jkunux ġew sottomessi offerti jew offerti adatti jew talbiet għal parteċipazzjoni jew talbiet għal parteċipazzjoni mhux adatti f'rispons għal proċedura miftuha jew proċedura ristretta, sakemm il-kondizzjonijiet inizjali tal-kuntratt ma jkunux mibdula sostanzjalment u sakemm jintbagħat rapport lill-Kummissjoni meta hija titlob li jsir dan; jew

(*b*) fejn il-provvisti jistgħu jiġu fornuti minn operatur ekonomiku partikolari biss minħabba xi waħda mir-raġunijiet li ġejjin:

(i) l-għan tal-akkwist huwa l-ħolqien jew l-akkwist ta' xogħol artistiku uniku jew prestazzjoni artistika unika;

(ii) ma jkunx hemm kompetizzjoni minħabba raġunijiet tekniċi;

(iii) il-protezzjoni ta' drittijiet esklużivi, inkluż drittijiet ta' proprjetà intellettwali:

Iżda l-eċċezzjonijiet stabbiliti fis-subparagrafi (ii) u (iii) għandhom japplikaw biss meta ma teżistix alternattiva jew sostitut raġonevoli u n-nuqqas ta' kompetizzjoni mhijiex konsegwenza ta' limitazzjoni artifiċjali fil-parametri tal-akkwist; jew

(*ċ*) sa fejn huwa strettament neċessarju fejn, għal raġunijiet ta' urġenza kbira dovuta għal avvenimenti li ma setgħux ikunu previsti mill-awtorità kontraenti, il-limiti ta' żmien għal proċeduri miftuħa jew ristretti jew kompetittivi bin-negozjar ma jistgħux jiġu rispettati. Iċ-ċirkustanzi invokati għall-ġustifikazzjoni tal-urġenza estrema qatt ma għandhom ikunu attribwibbli għall-awtorità kontraenti; jew

(*d*) fejn il-prodotti involuti jkunu manifatturati purament għall-finijiet ta' riċerka, esperimentazzjoni, studju jew żvilupp; madankollu, kuntratti mogħtija skont dan il-paragrafu ma għandhomx jinkludu l-produzzjoni ta' kwantità sabiex tiġi stabbilita l-vijabbiltà kummerċjali jew sabiex jiġu rkuprati l-ispejjeż tar-riċerka u l-iżvilupp; jew

(*e*) għal konsenji addizzjonali mill-fornitur oriġinali li huma maħsuba jew bħala sostituzzjoni parzjali ta' provvisti jew stallazzjonijiet jew inkella bħala estensjoni ta' provvisti jew stallazzjonijiet eżistenti fejn bidla fil-fornitur tkun tobbliga lill-awtorità kontraenti li tikseb provvisti li għandhom karatteristiċi

tekniċi differenti li jirriżultaw f'inkompatibbiltà jew diffikultajiet tekniċi sproporzjonati fit-tħaddim u l-manutenzjoni; bħala regola ġenerali, il-perjodu ta' dawn il-kuntratti kif ukoll dak tal-kuntratti rikorrenti ma għandux jaqbeż it-tliet snin; jew

(*f*) għal provvisti kkwotati u mixtrija f'suq tal-prodotti bażiċi; jew

(*g*) għax-xiri ta' provvisti b'termini partikolarment vantaġġjuzi, jew mingħand fornitur li qed jagħmel stralċ definittiv tal-attivitajiet ta' negozju tiegħu, jew il-likwidatur fi proċedura ta' insolvenza, arranġament mal-krediturі, jew proċedura simili taħt il-liġijiet jew ir-regolamenti nazzjonali.

Kuntratti pubbliċi ta' servizzi.
Sostitwit:
A.L. 155 tal-2017
A.L. 233 tal-2017

154. (1) Il-proċedura negozjata mingħajr pubblikazzjoni minn qabel tista' tintuża għal kuntratti pubbliċi ta' servizzi fil-każijiet li ġejjin:

(*a*) meta ma jkunux ġew sottomessi offerti jew offerti adatti jew talbiet għal parteċipazzjoni jew talbiet għal parteċipazzjoni mhux adatti f'rispons għal proċedura miftuha jew proċedura ristretta, sakemm il-kondizzjonijiet inizjali tal-kuntratt ma jkunux mibdula sostanzjalment u sakemm jintbagħat rapport lill-Kummissjoni meta hija titlob li jsir dan; jew

(*b*) fejn is-servizzi jistgħu jiġu fornuti minn operatur ekonomiku partikolari biss minħabba xi waħda mir-raġunijiet li ġejjin:

(i) l-għan tal-akkwist huwa l-ħolqien jew l-akkwist ta' xogħol artistiku uniku jew prestazzjoni artistika unika;

(ii) ma jkunx hemm kompetizzjoni minħabba raġunijiet tekniċi;

(iii) il-protezzjoni ta' drittijiet esklużivi, inkluż drittijiet ta' proprjetà intellettwali:

Iżda l-eċċezzjonijiet stabbiliti fis-subparagrafi (ii) u (iii) għandhom japplikaw biss meta ma teżistix alternattiva jew sostitut raġonevoli u n-nuqqas ta' kompetizzjoni mhijiex konsegwenza ta' limitazzjoni artifiċjali fil-parametri tal-akkwist; jew

(*ċ*) sa fejn huwa strettament neċessarju fejn, għal raġunijiet ta' urġenza kbira dovuta għal avvenimenti li ma setgħux ikunu previsti mill-awtorità kontraenti, il-limiti ta' żmien għal proċeduri miftuħa jew ristretti jew kompetittivi bin-negozjar ma jistgħux jiġu rispettati. Iċ-ċirkustanzi invokati għall-ġustifikazzjoni tal-urġenza estrema qatt ma għandhom ikunu attribwibbli għall-awtorità kontraenti; jew

(*d*) għal servizzi ġodda li jikkonsistu fir-ripetizzjoni ta' servizzi simili fdati lill-operatur ekonomiku li ngħata kuntratt oriġinali mill-istess awtoritajiet kontraenti, sakemm dawn ix-xogħlijiet huma konformi ma' proġett bażiku li għalih ingħata l-kuntratt oriġinali

skont proċedura li għaliha ġiet ippubblikata sejħa għal kompetizzjoni b'konformità ma' dawn ir-regolamenti; jew

(*e*) għal kuntratti pubbliċi ta' servizzi, fejn il-kuntratt ikkonċernat jiġi wara kompetizzjoni ta' disinn organizzata skont dawn ir-regolamenti u għandu jingħata, skont ir-regoli previsti fil-kompetizzjoni ta' disinn, lir-rebbieħ jew lil wieħed mir-rebbieħa tal-kompetizzjoni ta' disinn; f'dan l-aħħar każ, ir-rebbieħa kollha għandhom jiġu mistiedna sabiex jieħdu sehem fin-negozjati; jew

(f) għax-xiri ta' servizzi b'termini partikolarment vantaġġjużi, jew mingħand fornitur li qed jagħmel stralċ definittiv tal-attivitajiet ta' negozju tiegħu, jew il-likwidatur fi proċedura ta' insolvenza, arranġament mal-krediturі, jew proċedura simili taħt il-liġijiet jew ir-regolamenti nazzjonali.

(2) (*a*) Jekk il-proċedura negozjata tintuża biex titwettaq ripetizzjoni ta' xogħlijiet simili, il-proġett baziku għandu jindika sa liema punt jistgħu jaslu x-xogħlijiet addizzjonali possibbli u l-kondizzjonijiet li taħthom ser jingħataw.

(*b*) Hekk kif l-ewwel proġett jinħareġ għall-offerti, l-użu possibbli ta' din il-procedura għandu jiġi divulgat u l-awtoritajiet kontraenti għandhom jieħdu f'kunsiderazzjoni l-istima tal-ispiża totali tas-servizzi sussegwenti meta japplikaw il-limiti stabbiliti fl-Iskeda 5.

(*ċ*) Il-proċedura negozjata għal ripetizzjoni ta' xogħlijiet simili tista' tintuża biss matul it-tliet snin wara li jintemm il-kuntratt oriġinali.

Offerta meqjusa mhux adatta.

155. Offerta għandha titqies li ma tkunx adatta meta tkun irrelevanti għall-kuntratt, minħabba li hija ċara li mhijiex kapaċi, mingħajr bidliet sostanzjali, li tissodisfa l-bżonnijiet u r-rekwiżiti tal-awtorità kontraenti kif speċifikati fid-dokumenti ta' akkwist.

Talba għal parteċipazzjoni mhux adatta.

156. Talba għal parteċipazzjoni għandha titqies li ma tkunx adatta meta l-operatur ekonomiku kkonċernat ser ikollu jew jista' jiġi eskluż skont it-Taqsima VI jew ma jissodisfax il-kriterji ta' selezzjoni stabbiliti mill-awtorità kontraenti skont ir-regolament 217.

Kompetizzjonijiet ta' Disinn

Kompetizzjonijiet ta' disinn.

157. (1) Kompetizzjonijiet ta' disinn japplikaw għal:

(*a*) kompetizzjonijiet ta' disinn organizzati bħala parti minn proċedura li twassal għall-għoti ta' kuntratt pubbliku ta' servizz;

(*b*) kompetizzjonijiet ta' disinn bi premji jew ħlasijiet lill-parteċipanti.

(2) Fil-każijiet imsemmija fis-subregolament (1)(*a*), il-limitu msemmi fl-Iskeda 5 huwa kkalkolat fuq il-bażi tal-valur stmat qabel il-

VAT tal-kuntratt pubbliku ta' servizz, inklużi kwalunkwe premji possibbli jew ħlasijiet lill-parteċipanti.

(3) Fil-każijiet imsemmijin fis-subregolament (1)(*b*), il-limitu massimu jirreferi għall-ammont totali ta' premji u ħlasijiet inkluż il-valur stmat qabel il-VAT tal-kuntratt għal servizzi pubbliċi li jista' sussegwentement ikun konklużjekk l-awtorità kontraenti tkun ħabbret l-intenzjoni tagħha li tagħti kuntratt bħal dan.

(4) F'kompetizzjoni ta' disinn li għandha valur stmat li jaqa' taħt ir-regolament 9(1)(*a*), l-intenzjoni li jingħata dan il-kuntratt għandha tissemma fid-dokument tal-akkwist u jekk applikabbli fir-reklam ippubblikat fil-Gazzetta. Fil-każ ta' kompetizzjoni ta' disinn li għandha valur stmat li jaqa' taħt ir-regolament 9(1)(*b*), l-intenzjoni li jingħata dan il-kuntratt għandha titħabbar fl-avviż tal-kompetizzjoni kif stabbilit taħt ir-regolament 46 u fid-dokument tal-akkwist.

Regoli dwar l-organizzazzjoni ta' kompetizzjonijiet ta' disinn u l-għażla tal-parteċipanti.

158. (1) Meta jorganizzaw kompetizzjonijiet ta' disinn, l-awtoritajiet kontraenti għandhom japplikaw ir-regoli msemmija fir-regolamenti 2, 3, 4, 6 sa 8, 13, 16, 26 sa 32, 39, 40, 46, 48, 57, 58, 157 sa 161 u t-Taqsima IX.

(2) Id-dħul ta' parteċipanti għall-kompetizzjonijiet ta' disinn ma għandux ikun limitat:

(*a*) mir-referenza għat-territorju jew parti mit-territorju ta' Stat Membru;

(*b*) minn raġunijiet li jkunu meħtieġa li jkunu persuni fiżiċi jew ġuridiċi.

(3) Fejn il-kompetizzjonijiet ta' disinn huma limitati għal numru limitat ta' parteċipanti, l-awtoritajiet kontraenti għandhom jistabbilixxu kriterji tal-għażla ċari u mhux diskriminatorji. Fi kwalunkwe każ, in-numru ta' kandidati mistiedna jipparteċipaw għandu jkun biżżejjed sabiex tkun żgurata kompetizzjoni ġenwina.

Kompożizzjoni tal-ġurija.

159. Il-ġurija għandha tkun komposta esklussivament minn persuni fiżiċi li huma indipendenti mill-parteċipanti fil-kompetizzjoni. Fejn tkun meħtieġa kwalifika professjonali partikolari mill-parteċipanti f'kompetizzjoni, mill-anqas terz mill-membri tal-ġurija għandu jkollhom dik il-kwalifika jew kwalifika ekwivalenti.

Deċiżjonijiet tal-ġurija.

160. (1) Il-ġurija għandha tkun awtonoma fid-deċiżjonijiet jew l-opinjonijiet tagħha.

(2) Il-ġurija għandha teżamina l-pjanijiet u l-proġetti ppreżentati mill-kandidati b'mod anonimu u fuq il-bażi unika tal-kriterji indikati fl-avviż dwar il-kompetizzjoni.

(3) Il-ġurija għandha tirreġistra l-klassifikazzjoni tal-proġetti f'rapport, iffirmat mill-membri tagħha, magħmul skont il-merti ta' kull proġett, flimkien mal-kummenti dwarha u kwalunkwe punti li jeħtieġ li jiġu ċċarati.

(4) L-anonimità għandha tiġi osservata sakemm il-ġurija tasal għall-opinjoni jew deċiżjoni tagħha.

(5) Jekk ikun hemm bżonn, il-kandidati jistgħu jiġu mistiedna

jwieġbu mistoqsijiet li l-ġurija rreġistrat fil-minuti sabiex jiċċaraw kwalunkwe aspett mill-proġetti.

(6) Għandhom jinżammu minuti sħaħ tad-djalogu bejn il-membri tal-ġurija u l-kandidati.

Kuntratti Riżervati u Kuntratti għal Servizzi Soċjali u Servizzi Speċifiċi Oħrajn

Kuntratti riżervati.

161. (1) Awtorità kontraenti tista' tirriżerva d-dritt li tipparteċipa fi proċeduri ta' akkwist pubbliku għal *workshops* protetti jew operaturi ekonomiċi li l-għan tagħhom huwa l-integrazzjoni soċjali u professjonali ta' persuni li għandhom diżabbiltà jew li huma żvantaġġati jew jistgħu jipprovdu sabiex dawn il-kuntratti jitwettqu fil-kuntest tal-programmi ta' impjiegi protetti, sakemm mill-inqas 30% tal-impjegati ta'dawk il-*workshops*, operaturi ekonomiċi jew programmi ekonomiċi huma persuni b'diżabilità jew ħaddiema żvantaġġati.

(2) Is-sejħa għal kompetizzjoni għal kuntratti riżervati għandha tagħmel referenza għal dan ir-regolament.

Kuntratti għal servizzi soċjali u servizzi speċifiċi oħrajn.

162. Kuntratti għal servizzi soċjali u servizzi speċifiċi oħrajn elenkati fl-Iskeda 14 għandhom jingħataw skont ir-regolamenti li ġejjin ta' din it-Taqsima.

Pubblikazzjoni ta' avviżi.

163. (1) Awtoritajiet kontraenti li biħsiebhom jagħtu kuntratt pubbliku għas-servizzi msemmija fir-regolament 162 jridu jħabbru l-intenzjoni tagħhom permezz ta' kwalunkwe waħda minn dawn il-modi:

(*a*) għal kuntratti pubbliċi b'valur stmat li hu daqs jew jeċċeddi l-limitu stabbilit taħt il-paragrafu (d) tal-Iskeda 5:

(i) permezz ta' avviż dwar kuntratt, li għandu jkun fih l-informazzjoni msemmija fl-Iskeda 9, Taqsima H, f'konformità mal-formoli *standard* imsemmija fir-regolament 44;

Iżda dan is-subparagrafu ma għandux japplika fejn proċedura negozjata mingħajr pubblikazzjoni minn qabel setgħet intużat f'konformità mar-regolament 54 għall-għoti ta' kuntratt pubbliku ta' servizz; jew

(ii) permezz ta' notifika ta' informazzjoni minn qabel, li għandha tiġi ppubblikata kontinwament u li jkun fiha l-informazzjoni stabbilita fl-Iskeda 9, Taqsima I. In-notifika ta' informazzjoni minn qabel għandha tirreferi b'mod speċifiku għat-tipi ta' servizzi li ser ikunu s-suġġett tal-kuntratti li għandhom jingħataw. Hija għandha tindika li l-kuntratti ser jingħataw mingħajr aktar pubblikazzjoni u tistieden lill-operaturi ekonomiċi interessati biex jesprimu l-interess tagħhom bil-miktub.

(*b*) għal kuntratti pubbliċi b'valur stmat li hu inqas mil-

limitu stabbilit taħt il-paragrafu (d) tal-Iskeda 5 billi tiġi pubblikata fis-sistema tal-akkwist elettroniku tal-gvern.

(2) Fir-rigward ta' kuntratti pubbliċi b'valur stmat li hu daqs jew jeċċedi l-limitu stabbilit taħt il-paragrafu (d) tal-Iskeda 5 awtoritajiet kontraenti li taw kuntratt pubbliku għas-servizzi msemmija fir-regolament 162 għandhom iħabbru r-riżultati tal-proċedura tal-akkwist permezz ta' avviż dwar għoti ta' kuntratt, li għandu jkun fih l-informazzjoni msemmija fl-Iskeda 9, Taqsima J, f'konformità mal-formoli *standard* imsemmija fir-regolament 44. Madanakollu jistgħu jiġbru dawn l-avviżi fi gruppi fuq bażi trimestrali. F'dak il-każ, huma għandhom jibagħtu l-avviżi miġbura fi żmien tletin jum mit-tmiem ta' kull trimestru.

(3) L-avviżi msemmijin f'dawn ir-regolamenti għandhom jiġu ppubblikati skont ir-refgolament 44.

Prinċipji dwar l-għoti ta' kuntratti.

164. (1) L-awtoritajiet kontraenti għandhom jiddeterminaw fid-dokumenti tal-akkwist rispettivi r-regoli proċedurali applikabbli fir-rigward ta' sejħa għal offerti bla ħsara għal dak li hu msemmi fir-regolamenti koperti minn din it-Taqsima.

(2) L-awtoritajiet kontraenti għandhom jiżguraw li l-proċeduri msemmija fis-subregolament (1) jikkonformaw adegwatament mal-prinċipji ta' trasparenza u trattament ugwali tal-operaturi ekonomiċi.

(3) Fl-implimentazzjoni tas-subregolamenti (1) u (2) l-awtoritajiet kontraenti jistgħu jqisu l-ispeċifikazzjonijiet tas-servizzi inkwistjoni.

(4) Awtoritajiet kontraenti għandhom jiżguraw li l-proċeduri identifikati fis-subregolament (1) ikunu raġonevoli u proporzjonati, b'mod partikolari li l-limiti ta' żmien permessi għas-sottomissjoni tal-offerta jkunu suffiċjenti biex l-offerenti jkunu jistgħu jagħmlu offerta.

(5) Meta jistabbilixxu l-proċeduri msemmija fis-subregolament (1) l-awtoritajiet kontraenti jistgħu, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet stabbiliti taħt din it-Taqsima, ukoll jiddeċiedu li japplkaw r-regolamenti stabbiliti għal proċeduri ta' akkwist oħrajn.

(6) Fir-rigward tal-għoti ta' kuntratti li huma s-suġġett ta' dawn ir-regolamenti, l-awtoritajiet kontraenti jistgħu jqisu l-ħtieġa li jiżguraw il-kwalità, il-kontinwità, l-aċċessibbiltà, l-aċċessibbiltà tal-prezz, id-disponibbiltà u l-komprensività tas-servizzi, il-ħtiġijiet speċifiċi tal-kategoriji differenti ta' utenti, inklużi l-gruppi żvantaġġati u vulnerabbli, l-involviment u s-setgħa tal-utenti u l-innovazzjoni.

(7) Awtoritajiet kontraenti jistgħu jipprovdu wkoll li l-għażla tal-fornitur tas-servizzi għandha ssir abbażi tal-offerta li toffri l-aqwa bilanċ bejn prezz u kwalità, b'teħid fil-kont tal-kwalità u l-kriterji tas-sostenibbiltà għas-servizzi soċjali.

Kuntratti riżervati għal ċerti servizzi.

165. (1) L-awtoritajiet kontraenti jistgħu jirriżervaw id-dritt li organizzazzjoni tipparteċipa fi proċeduri għall-għoti ta' kuntratti pubbliċi esklussivament għal dawk is-servizzi ta' saħħa, dawk soċjali u

dawk kulturali kif imsemmijin fir-regolament 162, li huma koperti mill-kodiċi CPV 75121000-0, 75122000-7, 75123000-4, 79622000-0, 79624000-4, 79625000-1, 80110000-8, 80300000-7, 80420000-4, 80430000-7, 80511000-9, 80520000-5, 80590000-6, minn 85000000-9 sa 85323000-9, 92500000-6, 92600000-7, 98133000-4, 98133110-8.

(2) Organizzazzjoni msemmija fis-subregolament (1) għandha tissodisfa l-kondizzjonijiet kollha li ġejjin:

(*a*) l-objettiv tagħha huwa t-twettiq ta' missjoni ta' servizz pubbliku marbuta mat-twassil tas-servizzi msemmijin subregolament (1);

(*b*) il-profitti jerġgħu jiġu investiti bil-għan li jinkiseb l-objettiv tal-organizzazzjoni. Fejn il-profitti jkunu mqassma jew jerġgħu jitqassmu, dan għandu jkun ibbażat fuq konsiderazzjonijiet parteċipattivi;

(*ċ*) l-istrutturi tal-ġestjoni jew tas-sjieda tal-organizzazzjoni li qed twettaq il-kuntratt għandhom huma bbażati fuq sjieda mill-impjegati jew prinċipji parteċipattivi, jew jeħtieġu l-parteċipazzjoni attiva tal-impjegati, l-utenti jew il-partijiet interessati; u

(*d*) l-organizzazzjoni ma tkunx ingħatat kuntratt għas-servizzi konċernati mill-awtorità kontraenti konċernata skont dan ir-regolament fl-aħħar tliet snin.

(3) It-tul massimu tal-kuntratt ma għandux ikun aktar minn tliet snin.

(4) Is-sejħa għal kompetizzjoni maħruġa taħt din it-Taqsima għandha tagħmel referenza għal dan ir-regolament.

Akkwist minn Entitajiet imsemmija fl-Iskeda 3

Entitajiet imsemmija fl-Iskeda 3.

166. Għall-finijiet ta' din it-Taqsima, awtoritajiet kontraenti elenkati fl-Iskeda 3 għandhom jamministraw u jiddeterminaw l-proċedura tagħhom dwar akkwisti u għaldaqstant ma għandhomx bżonn tal-approvazzjoni minn qabel tad-Direttur iżda tkun biżżejjed l-approvazzjoni bil-miktub tal-Kap ta' dik l-istess awtorità kontraenti.

Taqsima V
Aggregazzjoni ta' Akkwist

Ftehim Qafas

Ftehim qafas. *Emendat: A.L. 56 tal-2021.*

167. L-awtoritajiet responsabbli għat-tmexxija tas-sejħa jistgħu jikkonkludu ftehim qafas, dment li japplikaw il-proċeduri speċifikati f'dawn ir-regolamenti.

Terminu.

168. It-terminu ta' ftehim qafas ma għandux jaqbeż erba' snin, ħlief f'każijiet eċċezzjonali debitament iġġustifikati, b'mod partikolari mis-suġġett tal-ftehim qafas

Partijiet.

169. Dawn il-proċeduri jistgħu jkunu applikati biss bejn dawk l-awtoritajiet kontraenti identifikati b'mod ċar għal dan l-iskop fis-sejħa għall-kompetizzjoni jew l-istedina għall-konferma tal-interess u dawk l-operaturi ekonomiċi oriġinarjament firmatarji għall-ftehim ta' qafas kif konklużż.

Modifiki.

170. Kuntratti bbazati fuq ftehim qafas ma jistgħux jagħmlu modifiki sostanzjali għat-termini stabbiliti f'dak il-ftehim qafas taħt l-ebda ċirkustanza, b'mod partikolari fil-kaz imsemmi fir-regolamenti 171 u 172.

Ftehim qafas ma' operatur ekonomiku wieħed.

171. Fejn jiġi konkluż ftehim qafas ma' operatur ekonomiku wieħed, kuntratti bbażati fuq dan il-ftehim għandhom jingħataw fi ħdan il-limiti tat-termini stabbiliti fil-ftehim qafas.

Konsultazzjoni.

172. Għall-għoti ta' dawk il-kuntratti, l-awtoritajiet responsabbli għat-tmexxija tas-sejħa jistgħu jikkonsultaw bil-miktub lill-operatur ekonomiku li huwa parti mill-ftehim qafas, fejn jitolbuh jissupplimenta l-offerta tiegħu kif meħtieġ.

Ftehim qafas ma bosta operaturi ekonomiċi.

173. (1) Fejn ftehim qafas jigi konkluż ma' aktar minn operatur ekonomiku wieħed, dak il-ftehim qafas għandu jsir b'wieħed mill-modi li ġejjin:

(*a*) skont it-termini u l-kondizzjonijiet tal-ftehim qafas, mingħajr ma terġa' tinfetaħ il-kompetizzjoni, fejn dan jistabbilixxi t-termini kollha li jirregolaw il-forniment tax-xogħlijiet, servizzi jew provvisti kkonċernati u l-kondizzjonijiet oġġettivi għad-determinazzjoni ta' liema mill-operaturi ekonomiċi, li kienu parti fil-ftehim qafas, għandhom iwettquhom; dawn il-kondizzjonijiet tal-aħħar għandhom jiġu indikati fid-dokumenti ta' akkwist għall-ftehim qafas;

(*b*) fejn il-ftehim qafas jistipula t-termini kollha li jirregolaw il-provvista tax-xogħlijiet, servizzi u provvisti kkonċernati, parzjalment mingħajr ma terġa' tinfetaħ il-kompetizzjoni skont il-paragrafu (*a*) u parzjalment bil-ftuħ mill-ġdid tal-kompetizzjoni fost l-operaturi ekonomiċi li huma parti fil-ftehim qafas skont il-paragrafu (*ċ*), fejn tali possibbiltà ġiet stipulata mill-awtoritajiet kontraenti fid-dokumenti ta' akkwist għall-ftehim qafas:

Iżda l-għażla dwar jekk xogħlijiet, servizzi jew provvisti speċifiċi jiġux akkwistati wara li l-kompetizzjoni tkun infetħet mill-ġdid jew direttament skont it-termini stipulati fil-ftehim qafas għandha ssir skont kriterji oġġettivi, li għandhom ikunu stipulati fid-dokumenti ta' akkwist għall-ftehim qafas. Dawn id-dokumenti ta' akkwist għandhom jispeċifikaw ukoll liema termini jistgħu jkunu soġġetti għall-ftuħ mill-ġdid tal-kompetizzjoni:

Iżda wkoll il-possibbiltajiet previsti taħt il-paragrafu (*b*) għandhom japplikaw ukoll għal kwalunkwe lott ta' ftehim qafas li għalih ikunu stabbiliti t-termini kollha li jirregolaw il-forniment tax-xogħlijiet, is-servizzi u l-provvisti kkonċernati fil-ftehim qafas, irrispettivament minn jekk it-termini kollha li jirregolaw il-forniment tax-xogħlijiet, tas-servizzi u tal-provvisti kkonċernati taħt lottijiet oħrajn ikunux ġew stabbiliti;

(*ċ*) fejn mhux it-termini kollha li jirregolaw il-forniment tax-

xogħlijiet, servizzi jew provvisti huma stabbiliti fil-ftehim qafas, billi terġa' tinfetaħ il-kompetizzjoni bejn il-partijiet ta' operaturi ekonomiċi għall-ftehim qafas.

(2) Il-kompetizzjonijiet msemmijin fis-subregolament (1)(*b*) u (*ċ*) għandhom ikunu bbażati fuq l-istess termini kif applikati għall-għoti tal-ftehim qafas u, fejn neċessarju, fuq termini formulati bi preċiżjoni akbar, u fejn dan ikun xieraq, fuq termini oħra msemmija fid-dokumenti ta' akkwist għall-ftehim qafas, skont il-proċedura li ġejja:

(*a*) għal kull kuntratt li għandu jingħata, l-awtoritajiet kontraenti għandhom jikkonsultaw bil-miktub lill-operaturi ekonomiċi li kapaċi jwettqu l-kuntratt;

(*b*) l-awtoritajiet responsabbli għat-tmexxija tas-sejħa għandhom jiffissaw limitu ta' żmien li huwa twil biżżejjed sabiex ikunu jistgħu jiġu sottomessi offerti għal kull kuntratt speċifiku, billi jieħdu f'kunsiderazzjoni fatturi bħall-kumplessità tas-suġġett tal-kuntratt u ż-żmien meħtieġ sabiex jintbagħtu l-offerti;

(*ċ*) l-offerti għandhom jiġu sottomessi bil-mitkub, u l-kontenut tagħhom ma għandux jinqara qabel ma jkun skada l-limitu ta' żmien stipulat għat-tweġiba;

(*d*) l-awtoritajiet responsabbli għat-tmexxija tas-sejħa għandhom jagħtu kull kuntratt lill-offerent li ssottometta l-aqwa offerta fuq il-bażi tal-kriterji tal-għoti stabbiliti fid-dokumenti ta' akkwist għall-ftehim qafas.

Sistemi Dinamiċi ta' Xiri

Sistemi dinamiċi ta' xiri.
Emendat: A.L. 56 tal-2021.

174. (1) Għal xiri użat b'mod komuni li l-karatteristiċi tiegħu, kif ġeneralment ikunu disponibbli fis-suq, jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-awtoritajiet kontraenti, l-awtoritajiet responsabbli għat-tmexxija tas-sejħa jistgħu jużaw sistema dinamika ta' xiri.

(2) *Imħassar bl-Avviż Legali 56 tal-2021.*

(3) Is-sistema dinamika ta' xiri għandha tiġi operata bħala proċess kompletament elettroniku, u għandha tkun miftuħa matul il-perijodu ta' validità tas-sistema tax-xiri għal kull operatur ekonomiku li jissodisfa l-kriterji tal-għażla.

(4) Din tista' tiġi maqsuma f'kategoriji ta' prodotti, xogħlijiet jew servizzi li huma definiti oġġettivament fuq il-bażi ta' karatteristiċi tal-akkwist li għandu jitwettaq taħt il-kategorija kkonċernata. Tali karatteristiċi jistgħu jinkludu referenza għad-daqs massimu permissibbli ta' kuntratti speċifiċi sussegwenti jew għal żona geografika speċifika li fiha ser jitwettqu kuntratti speċifiċi sussegwenti.

Regoli applikabbli.

175. (1) Sabiex isir akkwist taħt sistema dinamika ta' xiri, l-awtoritajiet responsabbli għat-tmexxija tas-sejħa għandhom isegwu r-regoli tal-proċedura ristretta kif applikabbli.

(2) Il-kandidati kollha li jissodisfaw il-kriterji tal-għażla

għandhom jitħallew jużaw is-sistema, u n-numru ta' kandidati li għandhom jiġu ammessi għas-sistema ma għandux ikun limitat skont ir-regolament 237. Fejn l-awtoritajiet kontraenti jkunu qasmu s-sistema f'kategoriji ta' prodotti, xogħlijiet jew servizzi skont ir-regolament 174(3), huma għandhom jispeċifikaw il-kriterji ta' selezzjoni applikabbli għal kull kategorija.

(3) Minkejja d-dispożizzjonijiet tar-regolamenti 118 sa 122:

(*a*) il-limitu minimu ta' żmien għar-riċevuta ta' talbiet għal parteċipazzjoni għandu jkun ta' tletin jum mid-data li fiha ntbagħat l-avviż dwar kuntratt lill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea jew meta s-sejħa għall-kompetizzjoni tiġi pubblikata, kif ikun il-każ. Ma għandu japplika ebda limitu ta' żmien ieħor għar-riċevuta ta' talbiet għal parteċipazzjoni ladarba l-istedina għal offerti għall-ewwel akkwist speċifiku taħt is-sistema dinamika ta' xiri tkun intbagħtet;

(*b*) il-limitu minimu ta' żmien għar-riċevuta tal-offerti għandu jkun ta' għaxart ijiem mid-data li fiha tintbagħat l-istedina għall-offerta u r-regolament 121(2) u (3) m'għandux japplika.

Komunikazzjoni.

176. Il-komunikazzjonijiet kollha fil-kuntest ta' sistema dinamika ta' xiri għandhom isiru biss b'mezzi elettroniċi skont ir-regolament 48(1) sa (6), (8), (10), (11) u (12).

Obbligi tal-awtoritajiet kontraenti.

177. (1) Għall-finijiet tal-għoti ta' kuntratti taħt sistema dinamika ta' xiri, l-awtoritajiet responsabbli għat-tmexxija tas-sejħa għandhom:

(*a*) jippubblikaw sejħa għall-kompetizzjoni u jagħmluha ċara li hemm involuta sistema dinamika ta' xiri;

(*b*) jindikaw fid-dokumenti ta' akkwist mill-inqas in-natura u l-kwantità stmata tax-xiri previst, kif ukoll l-informazzjoni kollha meħtieġa li tikkonċerna s-sistema dinamika ta' xiri, inkluż kif joperaw sistemi dinamiċi ta' xiri, it-tagħmir elettroniku użat u l-arranġamenti u l-ispeċifikazzjonijiet ta' konnessjonijiet tekniċi;

(*ċ*) jindikaw kwalunkwe diviżjoni f'kategoriji ta' prodotti, xogħlijiet jew servizzi u l-karatteristiċi li jfissruhom;

(*d*) joffru aċċess dirett mingħajr restrizzjonijiet u sħiħ, għaż-żmien kollu li s-sistema tkun valida, għad-dokumenti ta' akkwist f'konformità mar-regolament 49.

(2) L-awtoritajiet responsabbli għat-tmexxija tas-sejħa għandhom jagħtu lil kwalunkwe operatur ekonomiku, matul il-perijodu kollu ta' validità tas-sistema dinamika ta' xiri, il-possibbiltà li jagħmlu talba sabiex jieħdu sehem fis-sistema taħt il-kondizzjonijiet imsemmija fir-regolament 175.

(3) L-awtoritajiet kontraenti għandhom jiffinalizzaw l-evalwazzjoni tagħhom ta' dawn it-talbiet taħt is-subartikolu (2) skont il-kriterji tal-għażla fi żmien għaxart ijiem wara r-riċevuta tagħhom.

(4) Il-limitu ta' żmien jista' jiġi estiż għal 15-il jum tax-xogħol f'każijiet individwali meta jkun iġġustifikat, b'mod partikolari minħabba l-ħtieġa li tiġi eżaminata dokumentazzjoni addizzjonali jew b'xi mod ieħor issir verifika dwar jekk il-kriterji ta' selezzjoni ġewx issodisfati.

(5) Minkejja d-dispożizzjonijiet tas-subregolamenti (2), (3) u (4), sakemm ma tkunx intbagħatet l-istedina għall-offerti għall-ewwel akkwist speċifiku taħt is-sistema dinamika tax-xiri, l-awtoritajiet responsabbli għat-tmexxija tas-sejħa jistgħu jestendu il-perijodu ta' evalwazzjoni sakemm ma tkunx ħarġet l-ebda stedina għall-offerti matul il-perijodu estiż ta' evalwazzjoni. L-awtoritajiet responsabbli għat-tmexxija tas-sejħa għandhom jindikaw fid-dokumenti ta' akkwist it-tul tal-perijodu estiż li huma bi ħsiebhom japplikaw.

(6) L-awtoritjiet responsabbli għat-tmexxija tas-sejħa għandhom jgħarrfu lill-operatur ekonomiku kkonċernat malajr kemm hu possibbli dwar jekk ġiex ammess fis-sistema dinamika ta' xiri jew le.

(7) L-awtoritajiet responsabbli għat-tmexxija tas-sejħa għandhom jistiednu lill-parteċipanti ammessi kollha sabiex jissottomettu offerta għal kull akkwist speċifiku taħt is-sistema dinamika ta' xiri, skont ir-regolament 50. Fejn is-sistema dinamika tax-xiri tkun ġiet maqsuma f'kategoriji ta' xogħlijiet, prodotti jew servizzi, l-awtoritajiet responsabbli għat-tmexxija tas-sejħa għandhom jistiednu lill-parteċipanti kollha li jkun ġew ammessi fil-kategorija li tikkorrispondi għall-akkwist speċifiku kkonċernat sabiex jissottomettu offerta.

(8) Huma għandhom jagħtu l-kuntratt lill-offerent li ssottometta l-aqwa offerta fuq il-bażi tal-kriterji tal-għoti stabbiliti fl-avviż dwar kuntratt għas-sistema dinamika ta' xiri. Fejn adegwat, dawn il-kriterji jistgħu jigu fformulati bi preċiżjoni akbar fl-istedina għall-offerti.

Awtodikjarazzjonijiet aġġornati.

178. (1) L-awtoritajiet responsabbli għat-tmexxija tas-sejħa jistgħu, fi kwalunkwe mument matul il-perijodu ta' validità tas-sistema dinamika tax-xiri, jirrikjedu lill-parteċipanti ammessi jippreżentaw awtodikjarazzjoni riveduta u aġġornata kif previst fir-regolamenti 225, 226 u 227, fi żmien ħamest ijiem tax-xogħol mid-data li fiha tintbagħat dik it-talba.

(2) Id-dispożizzjonijiet tar-regolament 229 għandhom japplikaw matul il-perijodu kollu ta' validità tas-sistema dinamika tax-xiri.

Perijodu ta' validità.

179. L-awtoritajiet responsabbli għat-tmexxija tas-sejħa għandhom jindikaw il-perijodu ta' validità tas-sistema dinamika tax-xiri fis-sejħa għall-kompetizzjoni. Huma għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bi kwalunkwe bidla fil-perijodu ta' validità, billi jużaw il-mudelli *standard* li ġejjin:

(*a*) fejn il-perijodu ta' validità jinbidel mingħajr ma tiġi terminata s-sistema, il-mudell inizjalment użat għas-sejħa għall-kompetizzjoni għas-sistema dinamika tax-xiri;

(*b*) fejn is-sistema tiġi terminata, avviż dwar l-għoti ta' kuntratt imsemmi fir-regolament 43.

Tariffi.

180. Ma għandha tiġi imposta ebda tariffa qabel jew matul il-perijodu ta' validità tas-sistema dinamika tax-xiri fuq l-operaturi ekonomiċi interessati fis-sistema dinamika tax-xiri jew li jkunu partijiet għaliha.

Irkanti Elettroniċi

Irkanti elettroniċi. *Emendat: A.L. 56 tal-2021.*

181. L-awtoritajiet responsabbli għat-tmexxija tas-sejħa jistgħu jużaw irkantijiet elettroniċi li fihom jiġu ppreżentati prezzijiet ġodda, reveduti 'l isfel, u, jew valuri ġodda li jikkonċernaw ċerti elementi tal-offerti.

Struttura.

182. (1) L-irkant elettroniku għandu jiġi strutturat bħala proċess elettroniku ripetittiv, li jseħħ wara evalwazzjoni inizjali sħiħa tal-offerti, li jippermetti sabiex dawn jiġu kklassifikati permezz ta' metodi ta' evalwazzjoni awtomatiċi..

(2) Ċerti kuntratti pubbliċi ta' servizzi u ċerti kuntratti pubbliċi ta' xogħlijiet li għandhom il-prestazzjonijiet intellettwali bħala s-suġġett tagħhom, bħad-disinn ta' xogħlijiet, li ma jistgħux jiġu kklassifikati bl-użu ta' metodi awtomatiċi ta' evalwazzjoni, ma għandhomx ikunu s-suġġett ta' bejgħ bl-irkant elettroniku.

Użu ta' irkant elettroniku f'modi oħra ta' akkwisti.

183. (1) Fi proċeduri miftuħa jew ristretti jew proċeduri kompetittivi permezz tan-negozjar, l-awtoritajiet responsabbli għat-tmexxija tas-sejħa jistgħu jiddeċiedu li qabel l-għoti ta' kuntratt pubbliku l-ewwel għandu jkun hemm irkant elettroniku meta l-kontenut tad-dokumenti ta' akkwist, b'mod partikolari l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi, jistgħu jiġu stabbiliti bi preċiżjoni.

(2) Fl-istess ċirkustanzi, irkant elettroniku jista' jsir fil-ftuħ mill-gdid tal-kompetizzjoni fost il-partijiet għal ftehim qafas kif previst fir-regolament 173(2)(*b*) jew (*ċ*) u fil-ftuħ għal-kompetizzjoni ta' kuntratti li għandhom jingħataw taħt is-sistema dinamika ta' xiri.

Elementi.

184. L-irkant elettroniku għandu jkun ibbażat fuq wieħed mill-elementi tal-offerti li ġejjin:

(*a*) biss fuq prezzijiet fejn il-kuntratt jingħata abbażi tal-prezz biss;

(*b*) fuq prezzijiet u, jew il-valuri l-ġodda tal-karatteristiċi tal-offerti indikati fid-dokumenti ta' akkwist fejn il-kuntratt jingħata abbażi tal-aħjar proporzjon tal-prezz mal-kwalità jew lill- offerta bl-aktar prezz baxx meta jintuża approċċ tal-kosteffikaċja.

Żvelar.

185. L-awtoritajiet responsabbli għat-tmexxija tas-sejħa li jiddeċiedu li jorganizzaw irkant elettroniku għandhom jiddikjaraw dan il-fatt fl-avviż dwar kuntratt jew fl-istedina għall-konferma tal-interess. Bħala minimu, id-dokumenti ta' akkwist għandhom jinkludu l-informazzjoni stipulata fl-Iskeda 10.

Evalwazzjoni inizjali.

186. Qabel ma jipproċedu b'irkant elettroniku, l-awtoritajiet

kontraenti għandhom jagħmlu evalwazzjoni inizjali sħiħa tal-offerti skont il-kriterju jew kriterji ta' għoti stabbiliti u l-piż stabbilit għalihom.

Ammissibbiltà ta' offerti.

187. (1) Offerta għandha tkun meqjusa ammissibbli meta tkun ġiet sottomessa minn offerent, li ma kienx ġie eskluż skont it-Taqsima VI u li jissodisfa l-kriterji ta' għażla, u li l-offerta tiegħu tkun konformi mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi mingħajr ma tkun irregolari jew mhux aċċettabbli jew mhux adatta.

(2) B'mod partikolari, offerti li ma jikkonformawx mad-dokumenti ta' akkwist, li jkunu waslu tard, meta jkun hemm prova ta' kollużjoni jew korruzzjoni, jew li jkunu nstabu mill-awtorità kontraenti bħala baxxi b'mod mhux normali, għandhom jitqiesu irregolari. B'mod partikolari, offerti ppreżentati minn offerenti li ma għandhomx il-kwalifiki mitluba, u offerti li l-prezz tagħhom jeċċedi l-baġit tal-awtorità kontraenti kif determinat u dokumentat qabel it-tnedija tal-proċedura tal-akkwist għandhom jitqiesu inaċċettabbli.

(3) Offerta għandha titqies li ma tkunx adatta meta tkun irrelevanti għall-kuntratt, minħabba li jkun ċar li mhijiex kapaċi, mingħajr bidliet sostanzjali, li tissodisfa l-bżonnijiet u r-rekwiżiti tal-awtorità kontraenti kif speċifikati fid-dokumenti ta' akkwist. Talba għal parteċipazzjoni għandha titqies li ma tkunx adatta meta l-operatur ekonomiku kkonċernat ser ikollu jew jista' jiġi eskluż skont it-Taqsima VI jew ma jissodisfax il-kriterji ta' selezzjoni stabbiliti mill-awtorità kontraenti skont ir-regolament 217.

Stedina tal-offerti ammissibbli.

188. (1) L-offerenti kollha li jkunu ressqu offerti ammissibbli għandhom jiġu mistiedna b'mod simultanju b'mezzi elettroniċi sabiex jieħdu sehem fl-irkant elettroniku billi jintużaw, mid-data u l-ħin speċifikati, il-konnessjonijiet skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fl-istedina. L-irkant elettroniku jista' jseħħ f'għadd ta' fażijiet suċċessivi. L-irkant elettroniku ma għandux jibda' qabel jumejn wara d-data li fiha ntbagħtu l-istedini.

(2) L-istedina għandha tkun akkumpanjata mir-riżultat tal-evalwazzjoni sħiħa tal-offerta rilevanti, imwettqa skont il-piż speċifikat fir-regolament 239(7).

(3) L-istedina għandha tiddikjara wkoll l-istat tal-formula matematika li għandha tintuża fl-irkant elettroniku sabiex jiġu determinati l-klassifikazzjonijiet awtomatiċi l-ġodda fuq il-bażi tal-prezzijiet il-ġodda u, jew il-valuri l-ġodda sottomessi. Ħlief fejn tiġi identifikata l-aktar offerta ekonomikament vantaġġuża abbażi tal-prezz biss, dik il-formula għandha tinkorpora l-piż tal-kriterji kollha stabbiliti sabiex tiġi determinata l-aktar offerta ekonomikament vantaġġuża, kif indikat fl-avviż użat bħala mezz ta' sejħa għall-kompetizzjoni jew f'dokumenti oħrajn ta' akkwist. Madanakollu, għal dan il-għan, kull medda għandha titnaqqas minn qabel għall-valur speċifikat.

(4) Fejn huma awtorizzati varjanti, għandha tingħata formula separata għal kull varjant.

Komunikazzjoni.

189. Matul kull fażi ta' rkant elettroniku l-awtoritajiet

responsabbli għat-tmexxija tas-sejħa għandhom jikkomunikaw minnufih lill-offerenti kollha tal-inqas biżżejjed informazzjoni sabiex ikunu jistgħu jaċċertaw ruħhom mill-klassifikazzjonijiet relattivi f'kull mument. Huma jistgħu, fejn dan ikun ġie indikat minn qabel, jikkomunikaw informazzjoni oħra rigward prezzijiet u valuri oħra sottomessi. Huma jistgħu wkoll iħabbru n-numru ta' parteċipanti fi kwalunkwe fażi speċifika tal-irkant. Madanakollu, fl-ebda każ ma jistgħu jikxfu l-identitiajiet tal-offerenti matul l-ebda fażi tal-irkant elettroniku.

Għeluq.

190. (1) L-awtoritajiet responsabbli għat-tmexxija tas-sejħa għandhom jagħlqu rkant elettroniku f'mod wieħed jew aktar li ġejjin:

(*a*) fid-data u l-ħin li ġew indikati qabel;

(*b*) fejn ma jirċevux aktar prezzijiet jew valuri ġodda li jilħqu r-rekwiżiti rigward id-differenzi minimi, jekk qabel dawn iddikkjaraw iż-żmien li huma jħallu li jgħaddi wara li jirċievu l-aħħar sottomissjoni qabel ma jagħlqu l-irkant elettroniku; jew

(*ċ*) meta jitlestew in-numru ta' fazijiet fl-irkant preċedentement indikati.

(2) Meta l-awtoritajiet responsabbli għat-tmexxija tas-sejħa jkollhom l-intenzjoni li jagħlqu irkant elettroniku skont is-subregolament (1)(*ċ*), possibilment flimkien mal-arranġamenti stabbiliti fis-subregolament (1)(*b*), l-istedina għal parteċipazzjoni fl-irkant għandha tindika l-iskeda ta' żmien għal kull waħda mill-fażijiet tal-irkant.

(3) Wara li jagħlqu xi rkant elettroniku awtoritajiet responsabbli għat-tmexxija tas-sejħa għandhom jagħtu l-kuntratt skont id-dispożizzjoinijiet tar-regolament 239 fuq il-bażi tar-riżultati tal-irkant elettroniku.

Taqsima VI
Esklużjoni u *Black Listing* ta' Operaturi Ekonomiċi

Projbizzjoni Ġenerali

Operaturi ekonimiċi eskluži jew *black listed*.

191. (1) L-ebda operatur ekonomiku jew subkuntrattur ma jista' jingħata kuntratt pubbliku jekk ikun milqut minn xi waħda mir-raġunijiet għal esklużjoni jew *black listing* imsemmija taħt din it-Taqsima.

(2) Jekk, waqt proċess ta' akkwisti pubbliċi, subkuntrattur jiġi eskluż jew *black listed*, l-awtorità responsabbli għat-tmexxija tas-sejħa għandha tesiġi li dak l-operatur ekonomiku jibdel is-subkuntrattur eskluż jew *black listed*.

(3) Jekk l-operatur ekonomiku ma jibdilx is-subkuntrattur fil-limitu ta' żmien mogħti bil-miktub mill-awtorità responsabbli għat-tmexxija tas-sejħa, l-offerta ta' dak l-operatur ekonomiku tiġi awtomatikament eskluża mill-għotja.

Esklużjoni ta' Operaturi Ekonomiċi

Esklużjoni għal raġunijiet ta' kundanna.

192. (1) L-awtorità responsabbli għat-tmexxija tas-sejħa għandha teskludi operatur ekonomiku milli jipparteċipa fi proċedura tal-akkwist fejn tkun stabbilixxiet, jew tkun b'xi mod ieħor konxja li dak l-operatur ekonomiku kien is-suġġett ta' kundanna b'sentenza definittiva għal waħda mir-raġunijiet li ġejjin:

(*a*) parteċipazzjoni f'organizzazzjoni kriminali, kif definita fl-Artikolu 2 tad-Deċiżijoni Qafas tal-Kunsill 2008/841/JHA jew reat ekwivalenti taħt il-liġi ta' Malta jew kif imfisser fil-liġi nazzjonali tal-operatur ekonomiku;

(*b*) korruzzjoni, kif definita fl-Artikolu 3 tal- Konvenzjoni dwar il-ġlieda kontra l-korruzzjoni li tinvolvi uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej jew uffiċjali tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 2(1) tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2003/568/JHA jew reat ekwivalenti taħt il-liġi ta' Malta jew kif imfisser fil-liġi nazzjonali tal-operatur ekonomiku;

(*ċ*) frodi skont it-tifsira tal-Artikolu 1 tal-Konvenzjoni dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej jew reat ekwivalenti taħt il-liġi ta' Malta jew kif imfisser fil-liġi nazzjonali tal-operatur ekonomiku;

(*d*) reati terroristiċi jew reati marbuta ma' attivitajiet terroristiċi, kif definiti fl-Artikoli 1 u 3 tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/475/ĠAI rispettivament, jew inċitament jew għajnuna jew tixwix jew tentattivi għal twettiq ta' reat, kif spjegat fl-Artikolu 4 ta' dik id-Deċiżjoni Qafas jew reat ekwivalenti taħt il-liġi ta' Malta jew kif imfisser fil-liġi nazzjonali tal-operatur ekonomiku;

(*e*) ħasil tal-flus jew finanzjament tat-terroriżmu, kif definit fl-Artikolu 1 tad-Direttiva 2005/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill jew reat ekwivalenti taħt il-liġi ta' Malta jew kif imfisser fil-liġi nazzjonali tal-operatur ekonomiku;

(*f*) it-tħaddim tat-tfal u forom oħra ta' traffikar tal-bnedmin kif definiti fl-Artikolu 2 tad-Direttiva 2011/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill jew reat ekwivalenti taħt il-liġi ta' Malta jew kif imfisser fil-liġi nazzjonali tal-operatur ekonomiku.

(2) L-esklużjoni ta' operatur ekonomiku għandha tapplika wkoll fejn il-persuna kkundannata b'sentenza definittiva hija membru tal-korp amministrattiv, ta' tmexxija jew ta' superviżjoni ta' dak l-operatur ekonomiku jew li għandu setgħat ta' rappreżentanza, deċiżjoni jew kontroll fi ħdanu.

(3) Mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà msemmija fir-regolament 195, il-perijodu ta' esklużjoni għar-raġunijiet identifikati taħt dan ir-regolament għandu jkun ta' ħames snin li jibdew mid-data meta s-sentenza tkun finali.

Esklużjoni għal nuqqas ta' osservanza ta' obbligi li jirrigwardaw taxxi u kontribuzzjonijiet ta' sigurtà soċjali.

193. (1) Operatur ekonomiku għandu bl-istess mod jiġi eskluż milli jipparteċipa fi proċedura ta' akkwist fejn l-awtorità responsabbli għat-tmexxija tas-sejħa tkun konxja li l-operatur ekonomiku qed jikser l-obbligi tiegħu relatati mal-ħlas ta' taxxi jew kontribuzzjonijiet ta' sigurtà soċjali u fejn dan ġie stabbilit b'deċiżjoni ġudizzjarja jew amministrattiva li jkollha effett finali u vinkolanti.

(2) L-awtorità responsabbli għat-tmexxija tas-sejħa tista' wkoll teskludi l-parteċipazzjoni tal-operatur ekonomiku minn proċedura tal-akkwist meta tista' turi bi kwalunkwe mezz xieraq li l-operatur ekonomiku qed jikser l-obbligi tiegħu relatati mal-ħlas tat-taxxi jew kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali ukoll fl-assenza ta' deċiżjoni ġudizzjarja jew amministrattiva lokali jew ta' pajjiż ieħor.

(3) It-terminu "mezz xieraq" taħt dan ir-regolament jinkludi kull ċertifikat, dikjarazzjoni jew dokumentazzjoni maħruġa minn entità kompetenti li juru li dak l-operatur ekonomiku kiser l-obbligi tiegħu dwar il-ħlas ta' taxxi u, jew kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali.

(4) L-esklużjoni msemmija f'dan ir-regolament ma għandhiex tibqa' tapplika meta operatur ekonomiku jkun issodisfa l-obbligi tiegħu billi ħallas jew daħal fi ftehim vinkolanti bil-ħsieb li jitħallsu t-taxxi jew il-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali dovuti, inkluż, fejn applikabbli, kwalunkwe interess akkumulat jew multi.

Raġunijiet oħra għall-esklużjoni.

194. Kuntratt ukoll m'għandux jingħata lil operatur ekonomiku li, waqt il-proċedura ta' akkwist għal dak il-kuntratt:

(*a*) ikun fallut jew ikun għaddej minn proċeduri dwar insolvenza jew stralċ, jew ikollu l-affarijiet tiegħu amministrati minn likwidatur jew minn qorti, ikun għamel arranġament mal-krediturі jew ikun issospenda l-attivitajiet kummerċjali tiegħu jew ikun qiegħed f'sitwazzjoni bħal dik li toriġina minn proċedura simili taħt liġijiet u regolamenti nazzjonali;

(*b*) ikollu konflitt ta' interess, kif imfisser fit-tifsira fir-regolament 2, li ma jistax jiġi rimedjat effettivament b'mezzi inqas intrużivi;

(*ċ*) kien involut fit-tħejjija tal-proċedura tal-akkwist, sakemm din l-esklużjoni ma tistax tiġi rimedjata b'mezzi inqas intrużivi.

Tneħħija tal-esklużjoni.

195. (1) Operatur ekonomiku li qiegħed f'waħda mis-sitwazzjonijiet imsemmija fir-regolamenti 192 u 194 jista' jipprovdi, fl-offerta tiegħu, evidenza, bil-għan li juri li l-miżuri meħudin mill-operatur ekonomiku jkunu biżżejjed biex juru l-affidabbiltà tiegħu minkejja l-eżistenza ta' raġuni rilevanti għall-esklużjoni. Jekk tali evidenza titqies bħala suffiċjenti mill-awtorità responsabbli għat-tmexxija tas-sejħa, l-operatur ekonomiku kkonċernat ma għandux ikun eskluż mill-proċedura tal-akkwist.

(2) L-operatur ekonomiku jitqies li jkun wera l-affidabbiltà tiegħu jekk jagħti prova li hu ħallas jew impenja ruħu li jħallas kumpens fir-rigward ta' kwalunkwe dannu maħluq mir-reat jew

mill-kondotta ħażina tiegħu, li ċċara l-fatti u ċ-ċirkustanzi b'mod komprensiv billi kkollabora b'mod attiv mal-awtoritajiet investigattivi u li ħa b'mod konkret miżuri tekniċi, organizzattivi u fil-persunal tiegħu li huma adegwati sabiex jipprevjenu reati jew kondotta ħażina ulterjuri.

(3) Il-miżuri meħuda mill-operaturi ekonomiċi għandhom ikunu evalwati b'kont meħud tal-gravità u ċ-ċirkustanzi partikolari tar-reat jew tal-kondotta ħażina. Fejn il-miżuri jitqiesu bħala mhux suffiċjenti, l-operatur ekonomiku għandu jirċievi dikjarazzjoni tar-raġunijiet għal dik id-deċiżjoni.

(4) L-operatur ekonomiku ma għandux ikun intitolat li jagħmel użu mill-possibbiltà li titneħħa l-esklużjoni kif previst f'dan ir-regolament jekk il-perijodu ta' esklużjoni milli jipparteċipa fi proċeduri ta' għoti ta akkwisti jkun ġie stabbilit b'sentenza finali.

Esklużjoni waqt l-istadju ta' evalwazzjoni.

196. L-awtorità responsabbli għat-tmexxija tas-sejħa għandha teskludi operatur ekonomiku fi kwalunkwe ħin waqt il-proċedura li twassal għall-għoti ta' kuntratt fejn jinsab li l-operatur huwa, fid-dawl ta' atti li saru jew li ma sarux, qabel jew inkella matul il-proċedura, f'waħda mis-sitwazzjonijiet imsemmija fir-regolamenti 192, 193 u 194.

Deroga.

197. Fuq bażi eċċezzjonali biss, l-awtorità responsabbli għat-tmexxija tas-sejħa tista', bl-approvazzjoni minn qabel bil-miktub tal-Ministru, tidderoga mill-esklużjoni prevista taħt din it-Taqsima għal raġunijiet imperattivi relatati ma' interess pubbliku.

Azzjoni li jista' jieħu operatur ekonomiku eskluż.

198. Kull operatur ekonomiku li ma jkunx sodisfatt bid-deċiżjoni li teskludih milli jipparteċipa fi proċedura tal-akkwist jista' jippreżenta oġġezzjoni quddiem il-Bord ta' Reviżjoni bl-istess mod kif previst fir-regolament 270.

Black Listing mid-Direttur

Black listing mid-Direttur. *Emendat: A.L.195 tal-2019.*

199. Id-Direttur jista' jordna l-*black listing* ta' operatur ekonomiku milli jipparteċipa fi proċedura tal-akkwisti fejn:

(*a*) l-operatur ekonomiku ġie dikjarat ħati ta' reat minn kwalunkwe qorti jew tribunal għal reat li jirrigwarda l-liġi dwar l-impjiegi inklużi dispożizzjonijiet li jinsabu fl-Att dwar l-Impjiegi u Relazzjonijiet Industrijali jew kull leġislazzjoni sussidjarja magħmula taħt dak l-Att; jew

Kap. 452.

(*b*) fejn l-operatur ekonomiku jkun nstab ħati ta' reat li jirrigwarda l-kondotta professjonali tiegħu b'sentenza li jkollha saħħa ta' *res judicata* skont il-liġijiet ta' Malta, li tirrendi l-integrità tiegħu dubjuża; jew

(*ċ*) fejn id-Direttur ikollu indikazzjonijiet plawsibbli biżżejjed biex jikkonkludi li l-operatur ekonomiku ikun daħal fi ftehim ma' operaturi ekonomiċi oħrajn li għandhom l-għan li joħolqu tfixkil tal-kompetizzjoni; jew

(*d*) fejn id-Direttur ġie infurmat bil-miktub minn awtorità

kontraenti li l-operatur ekonomiku jkun wera nuqqasijiet sinifikanti jew persistenti fit-twettiq ta' rekwiżit sostantiv taħt kuntratt pubbliku, jew kuntratt ta' konċessjoni, li wassal għat-terminazzjoni anticipata ta' dak il-kuntratt preċedenti, penali jew sanzjonijiet komparabbli; jew

(*e*) fejn l-operatur ekonomiku jkun instab ħati ta' rappreżentazzjoni qarrieqa serja fl-għoti tal-informazzjoni rikjesta għall-verifika tan-nuqqas ta' raġunijiet għall-esklużjoni jew l-issodisfar tal-kriterji ta' għażla, ikun żamm mistura tali informazzjoni jew ma jistax jissottometti d-dokumenti ta' sostenn meħtieġa skont ir-regolament 226;

(*f*) fejn l-operatur ekonomiku ikun ħa azzjoni biex jinfluwenza b'mod mhux adegwat il-proċess ta' teħid ta' deċiżjoni tal-awtorità kontraenti, biex jakkwista informazzjoni kunfidenzjali li tista' tagħtih vantaġġi mhux xierqa fil-proċedura tal-akkwist jew biex jagħti informazzjoni qarrieqa b'negliġenza li jista' jkollha influwenza materjali fuq deċiżjonijiet li jirrigwardaw l-esklużjoni, l-għażla jew l-għoti;

(*g*) ikun jista' jintwera permezz ta' kwalunkwe mezz adegwat li fit-twettiq tal-kuntratti pubbliċi l-operaturi ekonomiċi jiksru l-obbligi applikabbli fl-oqsma tal-liġi ambjentali, soċjali u tax-xogħol stabbiliti mil-liġi tal-Unjoni, id-dritt nazzjonali, il-ftehimiet kollettivi jew mid-dispożizzjonijiet tal-liġi internazzjonali tal-ambjent, soċjali u tax-xogħol elenkati fl-Iskeda 13.

Tagħrif dwar id-deċiżjoni. *Emendat: A.L. 233 tal-2017.*

200. Id-Direttur għandu jinforma lill-operatur ekonomiku konċernat dwar id-deċiżjoni tiegħu li l-operatur ekonomiku jiġi *black listed* permezz ta' ittra reġistrata jew ittra uffiċjali kif previst fil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili li tagħti r-raġunijiet xierqa.

Rimedju għall-operatur ekonomiku.

201. (1) Kull operatur ekonomiku li ma jkunx sodisfatt b'deċiżjoni jista' jippreżenta oġġezzjoni quddiem it-Tribunal għas-Sanzjonijiet Kummerċjali kif previst fir-regolament 205.

(2) Fin-nuqqas ta' oġġezzjoni mill-operatur ekonomiku id-deċiżjoni tad-Direttur tkun finali u l-perijodu tal-*black listing* ikun effettiv għal sentejn mid-data tad-deċiżjoni. Fil-każ ta' oġġezzjoni, id-deċiżjoni li l-operatur ekonomiku jkun *black listed* issir finali mid-data meta l-oġġezzjoni tkun ġiet finalment deċiża mit-Tribunal għas-Sanzjonijiet Kummerċjali jew mill-Qorti tal-Appell, kif ikun il-każ.

Difiża.

202. (1) Operatur ekonomiku jista', quddiem it-Tribunal għas-Sanzjonijiet Kummerċjali, juża bħala difiża kontra l-*black listing* tiegħu l-argument li jkun ħa miżuri biex juri l-affidabilità tiegħu minkejja r-raġuni rilevanti għall-*black listing*. Jekk dik l-evidenza titqies suffiċjenti, l-operatur ekonomiku konċernat ma għandux jiġi *black listed* mill-proċedura tal-akkwisti.

(2) L-operatur ekonomiku għandu jagħti prova li hu ħallas jew

impenja ruħu li jħallas kumpens fir-rigward ta' kwalunkwe dannu maħluq mir-reat kriminali jew mill-kondotta ħażina tiegħu, li ċċara l-fatti u ċ-ċirkustanzi b'mod komprensiv billi kkollabora b'mod attiv mal-awtoritajiet investigattivi u li ħa miżuri konkreti tekniċi, organizzattivi u tal-persunal li huma xierqa sabiex jipprevjenu reati kriminali jew kondotta ħażina ulterjuri.

(3) Il-miżuri meħudin mill-operaturi ekonomiċi għandhom jiġu meqjusa mit-Tribunal għas-Sanzjonijiet Kummerċjali waqt li jitqiesu l-gravità u ċ-ċirkustanzi partikolari tar-reat kriminali jew imġiba ħażina. Meta t-Tribunal għas-Sanzjonijiet Kummerċjali jidhirlu li l-miżuri huma insuffiċjenti, dan għandu jagħti r-raġunijiet għal dik id-deċiżjoni fis-sentenza tiegħu.

Effetti ta' *black listing*.

203. (1) Operatur ekonomiku li jkun ġie *black listed* b'sentenza finali milli jipparteċipa fi proċeduri ta' akkwisti ma jkunx jista' jagħmel użu mill-possibbiltà prevista taħt ir-regolament 202 matul il-perijodu ta' esklużjoni li tirriżulta minn dik is-sentenza.

(2) Ladarba l-operatur ekonomiku jkun ġie *black listed* hu jkun eskluż mill-għoti ta' kuntratt pubbliku jew xi kuntratt, kwotazzjoni jew kuntratt dirett għall-perijodu tal-*black listing* tiegħu.

Azzjoni quddiem it-Tribunal għas-Sanzjonijiet Kummerċjali.

204. L-operatur ekonomiku li jkun ġie infurmat mid-Direttur li jkun ser jiġi *black listed* jista' jippreżenta appell quddiem it-Tribunal għas-Sanzjonijiet Kummerċjali.

Proċedura. *Emendat: A.L. 26 tal-2018.*

205. (1) L-appell għandu jiġi preżentat fi żmien għaxart ijiem mid-data li fiha tkun ġiet notifikata lill-appellant ittra reġistrata jew ittra uffiċjali msemmija taħt ir-regolament 200.

(2) L-appell ikun validu biss jekk ikollu miegħu depożitu ta' erba' mitt euro (€400).

(3) Is-Segretarju tat-Tribunal għandu minnufih jibgħat kopja tal-appell lid-Direttur biex b'hekk jinforma lil dan tal-aħħar li jkun ġie preżentat appell.

(4) L-appell għandu wkoll jitwaħħal fuq in-*notice-board* tat-Tribunal.

(5) Id-Direttur jista', fi żmien għaxart ijiem mid-data meta l-appell ikun ġie notifikat lilu, jippreżenta risposta bil-miktub. Ir-risposta wkoll għandha titwaħħal fuq in-*notice-board* tat-Tribunal.

(6) Id-Direttur għandu jibgħat liċ-*chairman* tat-Tribunal id-dokumentazzjoni kollha li tirrigwarda l-*black listing* tal-appellant.

(7) It-tribunal imbagħad jiffissa data għas-smigħ verbali.

(8) Meta jintemm is-smigħ orali, il-Bord ta' Reviżjoni, jekk ma jagħtix deċiżjoni fl-istess jum, għandu jirriżerva d-deċiżjoni għal dik id-data li hija l-aktar kmieni li tiġi ffissata għal dan il-għan, iżda mhux aktar tard minn sitt ġimgħat mid-data li fiha t-talbiet bil-miktub jitqiesu li kienu magħluqa:

Iżda, għal raġunijiet serji u ġustifikati espressi bil-miktub permezz ta' ordni notifikat lill-partijiet kollha, il-Bord ta' Reviżjoni jista' jmexxi d-deċiżjoni għal aktar tard.

(9) Is-segretarju tal-bord għandu jżomm verbal tar-raġunijiet ta' kull aġġornament u ta' kull ħaġa li ssir waqt kull seduta.

Black Listing mid-Direttur għall-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali

Black listing għal kondizzjonijiet inġusti ta' impjieġ.

206. (1) Id-Direttur tal-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali għandu jitlob lit-Tribunal għas-Sanzjonijiet Kummerċjali sabiex persuna, kemm jekk fiżika kif ukoll ġuridika, tkun tista' tiġi *black listed* milli tipparteċipa fi proċeduri għall-għoti ta' kuntratti pubbliċi jekk dik il-persuna tkun:

(*a*) naqset milli tipprovdi lill-impjegati tagħha kuntratt bil-miktub tas-servizz; jew

(*b*) naqset milli tipprovdi lill-impjegati tagħha *pay slip* dettaljata li fiha d-dettalji kollha rilevanti inkluż l-ammont imħallas, in-numru normali ta' siegħat li ta' xogħol, siegħat ta' sahra, siegħat ta' xogħol fil-Ħdud u festi pubbliċi, siegħat użati għal *leave* ta' assenza jew *leave* għal mard, spjegazzjoni dettaljata tal-*bonuses* u gratifikazzjonijiet kif ukoll tat-tnaqqis li jkun sar minnhom; jew

(*ċ*) naqset milli tiddepożita l-pagi jew is-salarji bi ħlas dirett fil-kont tal-bank tal-impjegat; jew

(*d*) naqset milli tipprovdi r-rendikonti tal-bank tad-depożiti, tal-pagi jew tas-salarji rilevanti u kopji dettaljati tal-*pay slips* li għandhom ikunu disponibbli kif u meta meħtieġ mid-Direttur tal-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali; jew

(*e*) għaddiet il-kuntratt pubbliku b'titolu ta' subkuntratt lil persuna oħra li timpjega l-istess impjegati tal-kuntrattur prinċipali sabiex twettaq l-istess dmirijiet jew dmirijiet simili għal eżekuzzjoni tal-istess kuntratt pubbliku.

(2) Meta d-Direttur tal-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali jitlob sabiex tiġi *black listed* persuna legali, minbarra il-persuna legali, huwa jista' jitlob ukoll għall-*black listing* tal-persuna naturali li tirrappreżenta dik il-persuna legali.

Rwol u investigazzjoni-jiet tad-Direttur tal-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali

207. Għandha tkun il-funzjoni tad-Direttur tal-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali li jiżgura li l-kundizzjonijiet imsemmija fir-regolament 206 jiġu osservati mill-persuni kollha.

Proċess quddiem it-Tribunal għas-Sanzjonijiet Kummerċjali previst skont ir-regolament 206.

208. Fir-rigward ta' każijiet previsti taħt ir-regolament 206, id-Direttur tal-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali għandu jipproċedi għall-*black listing* ta' persuna quddiem it-Tribunal għas-Sanzjonijiet Kummerċjali permezz ta' rikors.

Talbiet bil-miktub.
Emendat:
A.L. 26 tal-2018.
A.L. 176 tal-2018.

209. (1) Ir-rikors għandu jkun fih stqarrija tal-fatti u r-raġunijiet li wasslu għall-*black listing*. Għandu wkoll ikun fih ukoll kopja tar-rapport dettaljat dwar is-sejbiet tal-investigazzjonijiet imwettqa mid-Direttur tal-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali

jew kopja tad-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti.

Emendat: A.L. 26 tal-2018.

(2) Ir-rikors u d-dokumenti kollha li jsostnu r-rikors għandhom jiġu notifikati lill-konvenut permezz ta' ittra reġistrata jew ittra uffiċjali li għandu fi żmien għoxrin jum jippreżenta r-risposta. Ir-risposta għandu jkollha wkoll depożitu ta' erba' mitt euro (€400) pagabbli lis-Segretarju tat-Tribunal għas-Sanzjonijiet Kummerċjali u għandu jkun fiha d-dokumentazzjoni kollha għas-sostenn tar-risposta.

(3) Jekk l-ittra reġistrata jew l-ittra uffiċjali imsemmija fis-subregolament (2) ma tiġix notifikata lill-konvenut, tkun ir-responsabilità tad-Direttur tal-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali li jieħu ħsieb li kopja tar-rikors u d-dokumenti kollha annessi mar-rikors jiġu notifikati lill-konvenut, u dawn għandhom jiġu notifikati bil-mod ta' kif għandhom isiru n-notifiki skont l-artikolu 187 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

Kap. 12.

Kap. 12.

Id-drittijiet imsemmija fil-paragrafu 6 tat-Tariffa A tal-Iskeda A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, għandhom japplikaw għal dik in-notifika.

(4) Il-konvenut għandu jara li tiġi notifikata kopja tar-risposta lid-Direttur tal-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali.

(5) It-talbiet bil-miktub għandhom jitqiesu bħala magħluqa meta jiskadi ż-żmien imsemmi fis-subregolament (3).

Smigħ.
Emendat: A.L.176 tal-2018.

210. (1) Is-Segretarju tat-Tribunal għas-Sanzjonijiet Kummerċjali għandu jinnotifika lid-Direttur tal-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali u lill-konvenut bid-data li fiha ser isir l-ewwel smigħ. L-avviż tas-smigħ għandu jiġi komunikat mis-Segretarju lill-konvenut flimkien mar-rikors u d-dokumenti imsemmija fis-subregolament (2) tar-regolament 209.

(2) Meta jintemm is-smigħ orali, it-Tribunal għas-Sanzjonijiet Kummerċjali, jekk ma jagħtix deċiżjoni fl-istess jum, għandu jirriżerva d-deċiżjoni għal dik id-data li hija l-aktar kmieni li tiġi ffissata għal dan il-għan, iżda mhux aktar tard minn erba' xhur mid-data li fiha t-talbiet bil-miktub jitqiesu li kienu magħluqa:

Iżda, għal raġunijiet serji u ġustifikati espressi bil-miktub permezz ta' ordni notifikat lill-partijiet kollha, it-Tribunal għas-Sanzjonijiet Kummerċjali jista' jmexxi d-deċiżjoni għal aktar tard.

Evalwazzjoni.

211. Wara li jevalwa l-evidenza kollha u jikkonsidra s-sottomissjonijiet imressqa mill-partijiet, it-Tribunal għas-Sanzjonijiet Kummerċjali għandu jiddeċiedi jekk jaċċettax jew jiċħadx it-talba magħmula mid-Direttur tal-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali għall-*black listing* tal-konvenut:

Iżda t-Tribunal għas-Sanzjonijiet Kummerċjali, wara li jikkunsidra l-miżuri meħuda mill-konvenut sabiex jirrimedja s-sitwazzjoni u wara li jqis l-gravità u ċ-ċirkustanzi partikolari tar-reat jew l-aġir mhux xieraq, jista', minflok ma jwettaq il-*black listing* tal-konvenut, jiddeċiedi li jagħti twiddiba lill-konvenut.

Perijodu tal-*black listing*.

212. Jekk it-Tribunal għas-Sanzjonijiet Kummerċjali jiddeċiedi għall-*black listing* tal-konvenut, il-perijodu ta' black listing għandu jkun bejn sitt xhur u sena:

Iżda fejn il-konvenut huwa reċidiv fil-kondotta ħażina tiegħu l-perijodu ta' *black listing* għandu jkun bejn sena u tlett snin.

Deċiżjoni.

213. Fid-deċiżjoni tiegħu it-Tribunal għas-Sanzjonijiet Kummerċjali għandu jirrakkomanda dwar jekk xi depożitu jew parti minnu sottomess mill-konvenut għandux jiġi mrodd lura.

Appell.

214. Jista' jsir appell mid-deċiżjoni tat-Tribunal għas-Sanzjonijiet Kummerċjali quddiem il-Qorti tal-Appell u dan il-proċess għandu jkun regolat *mutatis mutandis* kif previst fir-regolamenti 284, 285, 286, 288 u 290.

Effetti tal-*black listing*.

215. (1) L-effetti tal-*black listing* għandhom jibdew wara li jgħaddu xahrejn mill-jum minn meta d-deċiżjoni tal-*black listing* tkun saret finali.

(2) Il-kuntratti kollha eżistenti ffirmati mill-awtorita tal-gvern ċentrali, mill-awtoritajiet kontraenti u mill-korpi regolati bil-liġi pubblika ma' persuni li jkunu saru *black listed* skont ir-regolament 206 għandhom *ipso jure* jiġu tterminati mingħajr ebda kumpens għal kull telf attwali jew futur mid-data li fiha d-deċiżjoni rigward il-*black listing* issir finali.

Reati

Reati.

216. Kull persuna li tidħol f'kuntratt, kemm f'isimha jew f'isem ħaddieħor, bi ksur ta' xi waħda mid-dispożizzjonijiet tar-regolamenti taħt din it-Taqsima, u kull persuna li ġġiegħel lil xi persuna oħra biex tidħol fi jew tidher fuq kuntratt bħal dak imsemmi hawn qabel jew fit-tħejjija tiegħu, jew li tgħin jew tħajjar xi wieħed mill-atti hawn qabel imsemmija, tkun ħatja ta' reat u teħel meta tinsab ħatja multa ta' mhux iżjed minn elfejn euro (€2,000).

Taqsima VII
Għażla ta' Parteċipanti u Għoti ta' Kuntratti

Kriterji tal-Għażla

Kriterji tal-għażla.

217. (1) Kriterji ta' għażla jistgħu jirreferu għal:

(*a*) l-adattabilità għat-twettiq tal-attività professjonali;

(*b*) il-pożizzjoni ekonomika u finanzjarja;

(*ċ*) il-kapaċità teknika u professjonali.

(2) Bħala rekwiżiti għall-parteċipazzjoni, l-awtoritajiet kontraenti jistgħu jimponu biss il-kriterji msemmijin f'dan ir-regolament. Huma għandhom jillimitaw kwalunkwe rekwiżit għal dawk li huma addati biex jiġi żgurat li kandidat jew offerent għandu l-kapaċitajiet legali u finanzjarji u l-kapaċitajiet tekniċi u professjonali li jwettaq il-kuntratt li għandu jingħata. Ir-rekwiżiti kollha għandhom ikunu relatati u proporzjonati mas-suġġett tal-kuntratt.

(3) Fir-rigward tal-adattabilità għat-twettiq tal-attività professjonali, l-awtoritajiet kontraenti jistgħu jeħtieġu li l-operaturi ekonomiċi jkunu rreġistrati f'wieħed mir-reġistri professjonali jew

kummerċjali, kif spjegat fl-Anness XI tad-Direttiva 2014/24/UE.

(4) Fil-proċeduri tal-akkwist għal servizzi, sa fejn l-operaturi ekonomiċi jrid ikollhom awtorizzazzjoni partikolari jew ikunu membri ta' organizzazzjoni partikolari sabiex ikunu jistgħu jwettqu s-servizz ikkonċernat fil-pajjiż ta' oriġini tagħhom, l-awtorità kontraenti tista' titlobhom jagħtu prova li għandhom awtorizzazzjoni jew sħubija bħal din.

Pożizzjoni ekonomika u finanzjarja.

218. Fir-rigward tal-pożizzjoni ekonomika u finanzjarja, l-awtoritajiet kontraenti jistgħu jimponu rekwiżiti li jiżguraw li l-operaturi ekonomiċi għandhom il-kapaċità ekonomika u finanzjarja neċessarja biex iwettqu l-kuntratt. Għal dak il-għan, l-awtoritajiet kontraenti jistgħu jesiġu, b'mod partikolari, li l-operaturi ekonomiċi jkollhom ċertu fatturat annwali minimu, inkluż ċertu fatturat minimu fil-qasam kopert mill-kuntratt. Barra minn hekk, l-awtoritajiet kontraenti jistgħu jesiġu li l-operaturi ekonomiċi jipprovdu informazzjoni dwar il-kontijiet annwali tagħhom li turi, pereżempju, il-proporzjon bejn l-attiv u l-passiv. Huma jistgħu wkoll jeżigu livell adegwat ta' assigurazzjoni ta' indennizz għar-riskju professjonali.

Fatturat annwali minimu.

219. (1) Il-fatturat annwali minimu li l-operaturi ekonomiċi huma obbligati li jkollhom ma għandux ikun aktar mid-doppju tal-valur stmat tal-kuntratt, għajr f'każijiet debitament ġustifikati bħal dawk relatati mar-riskji speċjali marbutin man-natura tax-xogħlijiet, is-servizzi jew il-provvisti. L-awtorità kontraenti għandha tindika r-raġunijiet prinċipali għal tali rekwiżit fid-dokumenti tal-akkwist jew fir-rapport individwali msemmi fir-regolamenti 113 jew 241, kif ikun il-każ.

(2) Il-proporzjon, pereżempju, bejn l-attiv u l-passiv tista' tittieħed f'konsiderazzjoni fejn l-awtorità kontraenti tispeċifika l-metodi u l-kriterji għat-tali konsiderazzjoni fid-dokumenti tal-akkwist. Dawn il-metodi u kriterji għandhom ikunu trasparenti, oġġettivi u mhux diskriminatorji.

Kuntratt maqsum f'lottijiet.

220. Meta dokument tal-akkwisti inkluża offerta jkun maqsum f'lottijiet, ir-regolamenti 217 sa 224 għandhom japplikaw b'relazzjoni għal kull lott individwali. Madanakollu, l-awtorità kontraenti tista' tistabbilixxi l-fatturat annwali minimu li l-operaturi ekonomiċi huma obbligati li jkollhom b'referenza għal gruppi ta' lottijiet f'każ li l-offerent li jirbaħ il-kuntratt jingħata diversi lottijiet li għandhom jitwettqu fl-istess żmien.

Ftehim qafas.

221. Fejn kuntratti bbażati fuq ftehim qafas kellhom jingħataw wara ftuħ mill-ġdid ta' kompetizzjoni, ir-rekwiżit ta' fatturat annwali massimu msemmi fir-regolament 219 għandu jiġi kkalkolat fuq il-bażi tad-daqs massimu mistenni tal-kuntratti speċifiċi li ser jitwettqu fl-istess żmien, jew inkella, fejn dan ma jkunx magħruf, fuq il-bażi tal-valur stmat tal-ftehim qafas. Fil-każ ta' sistemi dinamiċi tax-xiri, ir-rekwiżit ta' fatturat annwali massimu msemmi fir-regolament 219(1) għandu jiġi kkalkolat fuq il-bażi tad-daqs massimu previst ta' kuntratti speċifiċi li ser jingħataw taħt dik is-sistema.

Abbiltà teknika u professjonali.

222. (1) Fir-rigward tal-abbiltà teknika u professjonali, l-awtoritajiet kontraenti jistgħu jimponu rekwiżiti li jiżguraw li l-operaturi ekonomiċi jkollhom ir-riżorsi umani u tekniċi u l-esperjenza meħtieġa sabiex iwettqu l-kuntratt bi *standard* adegwat ta' kwalità.

(2) B'mod partikolari, l-awtoritajiet kontraenti jistgħu jesiġu li l-operaturi ekonomiċi jkollhom livell ta' esperjenza suffiċjenti verifikata permezz ta' riferenzi adatti minn kuntratti mwettqa fil-passat. Awtorità kontraenti tista' tassumi li operatur ekonomiku ma għandux l-kapaċitajiet professjonali meħtieġa fejn l-awtorità kontraenti tkun stabbiliet li l-operatur ekonomiku għandu interessi kunfliġġenti li jistgħu jaffettwaw b'mod negattiv it-twettiq tal-kuntratt.

Provvisti li jirrikjedu xogħol ta' tqegħid fil-post jew installazzjoni, servizzi jew xogħlijiet.

223. Fi proċeduri tal-akkwist għal provvisti li jirrikjedu xogħol ta' tqegħid fil-post jew installazzjoni, servizzi jew xogħlijiet, il-kapaċità professjonali tal-operaturi ekonomiċi li jipprovdu s-servizz jew li jwettqu l-installazzjoni jew ix-xogħol tista' tiġi evalwata fir-rigward tal-ħiliet, l-effiċjenza, l-esperjenza u l-affidabbiltà tagħhom.

Il-kondizzjonijiet għandhom jiġu speċifikati.

224. L-awtoritajiet kontraenti għandhom jindikaw il-kondizzjonijiet meħtieġa ta' parteċipazzjoni, li jistgħu jingħataw bħala livelli minimi ta' abbiltà, flimkien mal-mezzi adegwati ta' prova, fl-avviż dwar il-kuntratt jew fl-istedina għall-konferma tal-interess.

Dokument Ewropew ta' Akkwist Uniku.

225. (1) Fil-mument tas-sottomissjoni ta' talbiet għall-parteċipazzjoni jew tal-offerti, li t-tnejn ikollhom valur stmat li jaqa' taħt ir-regolament 9(1)(*b*), l-awtoritajiet kontraenti għandhom jaċċettaw id-Dokument Ewropew ta' Akkwist Uniku (DEAU) li jikkonsisti minn awtodikjarazzjoni aġġornata bħala evidenza preliminari b'sostituzzjoni għal ċertifikati maħruġin minn awtoritajiet pubbliċi jew terzi persuni li jikkonfermaw li l-operatur ekonomiku rilevanti jissodisfa kwalunkwe waħda mill-kondizzjonijiet li ġejjin:

(*a*) mhuwiex f'waħda mis-sitwazzjonijiet imsemmija fit-Taqsima VI li fihom l-operaturi ekonomiċi għandhom jew jistgħu jiġu esklużi;

(*b*) jissodisfa l-kriterji rilevanti ta' għażla li ġew stabbiliti skont ir-regolament 217;

(*ċ*) fejn applikabbli, jissodisfa r-regoli u l-kriterji oġġettivi li ġew stabbiliti skont ir-regolament 237.

(2) Fejn l-operatur ekonomiku jiddependi fuq il-kapaċitajiet ta' entitajiet oħra skont ir-regolament 235, id-Dokument Ewropew ta' Akkwist Uniku għandu jkun fih ukoll l-informazzjoni msemmija fis-subregolament (1)(*a*) fir-rigward tat-tali entitajiet.

X'għandu jkun fih id-Dokument Ewropew ta' Akkwist Uniku.

226. (1) Id-Dokument Ewropew ta' Akkwist Uniku għandu jikkonsisti f'dikjarazzjoni formali mill-operatur ekonomiku li r-raġuni rilevanti għall-esklużjoni ma tapplikax u, jew li l-kriterju rilevanti ta' għażla huwa ssodisfat u għandu jipprovdi l-informazzjoni rilevanti kif meħtieġa mill-awtorità kontraenti. Id-Dokument Ewropew ta' Akkwist

Uniku għandu wkoll jidentifika l-awtorità pubblika jew it-terza persuna responsabbli għall-ħruġ tad-dokumenti ta' sostenn u għandu jkun fih dikjarazzjoni formali li jgħid li l-operatur ekonomiku ser ikun jista', fuq talba u mingħajr dewmien, jipprovdi dawk id-dokumenti ta' sostenn.

(2) Fejn l-awtorità kontraenti tista' takkwista d-dokumenti ta' sostenn direttament permezz ta' aċċess għal *database* skont ir-regolament 229(3), id-Dokument Ewropew ta' Akkwist Uniku għandu wkoll ikun fih l-informazzjoni meħtieġa għal dan l-iskop, bħall-indirizz tal-internet tad-*database*, kwalunkwe *data* ta' identifikazzjoni u, fejn applikabbli, id-dikjarazzjoni neċessarja tal-kunsens.

Użu mill-ġdid.

227. L-operaturi ekonomiċi jistgħu jerġgħu jużaw id-Dokument Ewropew ta' Akkwist Uniku li jkun diġà ntuża f'proċedura ta' akkwist preċedenti, dment li jikkonfermaw li l-informazzjoni li fih għadha korretta.

Formula.

228. Id-Dokument Ewropew ta' Akkwist Uniku għandu jitfassal abbażi ta' formula *standard* u għandu jiġi provdut esklussivament fi format elettroniku.

Dokumenti oħra.

229. (1) Awtorità kontraenti tista', fi kwalunkwe mument matul il-proċedura, titlob lill-offerenti u lill-kandidati jissottomettu d-dokumenti ta' sostenn kollha jew parti minnhom fejn dan huwa meħtieġ sabiex tiġi żgurata t-tmexxija korretta tal-proċedura.

(2) Qabel ma tagħti l-kuntratt, l-awtorità kontraenti għandha, ħlief fir-rigward tal-kuntratti bbażati fuq ftehim qafas meta tali kuntratti jkunu konklużi f'konformità mar-regolamenti 172 u 173, tobbliga lill-offerent li lilu tkun iddeċidiet li tagħti l-kuntratt li jippreżenta dokumenti ta' sostenn aġġornati skont ir-regolamenti 230, 231 u 232 kif applikabbli u, fejn adegwat, ir-regolament 235. L-awtorità kontraenti tista' tistieden lill-operaturi ekonomiċi sabiex jissupplimentaw jew jiċċaraw iċ-ċertifikati riċevuti skont ir-regolamenti 230 sa 234.

(3) Minkejja d-dispożizzjonijiet tas-subregolamenti (1) u (2), l-operaturi ekonomiċi ma għandhomx jiġu obbligati jissottomettu dokumenti ta' sostenn jew informazzjoni dokumentarja oħra fejn u jekk l-awtorità kontraenti għandha l-possibbiltà li tikseb iċ-ċertifikati jew l-informazzjoni rilevanti direttament permezz ta' aċċess għal *database* nazzjonali fi kwalunkwe Stat Membru li jkun disponibbli mingħajr ħlas, bħal reġistru nazzjonali tal-akkwisti, *dossier* tal-kumpanniji virtwali, sistema elettronika għall-ħażna tad-dokumenti jew sistema ta' prekwalifikazzjoni.

(4) Minkejja d-dispożizzjonijiet tas-subregolamenti (1) u (2), l-operaturi ekonomiċi m'għandhomx ikunu meħtieġa li jippreżentaw dokumenti ta' appoġġ, fejn l-awtorità kontraenti li tkun tat il-kuntratt jew li tkun ikkonkludiet il-ftehim qafas, diġà jkollha dawn id-dokumenti.

Mezzi ta' prova fir-rigward tal-esklużjoni jew il-*black listing* ta' operaturi ekonomiċi.

230. (1) L-awtoritajiet kontraenti jistgħu jesiġu ċ-ċertifikati, id-dikjarazzjonijiet u l-mezzi l-oħra ta' prova imsemmijin f'dan ir-regolament kif ukoll fir-regolamenti 231 u 232 bħala evidenza tan-nuqqas ta' raġunijiet għall-esklużjoni kif imsemmi fit-Taqsima VI u għall-issodisfar tal-kriterji ta' għażla skont ir-regolament 217.

(2) L-awtoritajiet kontraenti ma għandhomx jitolbu mezzi ta' prova għajr dawk imsemmija f'dan ir-regolament u fir-regolamenti 231, 232 u 234. Fir-rigward tar-regolament 235, l-atturi ekonomiċi jistgħu jiddependu fuq kwalunkwe mezz adegwat sabiex jagħtu prova lill-awtorità kontraenti li ser jkollhom ir-riżorsi meħtieġa għad-dispożizzjoni tagħhom.

(3) L-awtoritajiet kontraenti għandhom jaċċettaw dan li ġej bħala evidenza suffiċjenti li l-ebda mill-każijiet speċifikati fir-regolamenti l192, 193, 194 u 199 ma japplikaw għall-operatur ekonomiku:

(*a*) fir-rigward tar-regolament 192, tiġi pprovduta silta mir-reġistru relevanti, bħall-kondotta jew, fin-nuqqas ta' din, ta' dokument ekwivalenti maħruġ minn awtorità ġudizzjarja jew amministrattiva kompetenti fl-Istat Membru jew fil-pajjiż ta' oriġini jew fil-pajjiż fejn l-operatur ekonomiku jkun stabbilit billi juri li dawn ir-rekwiżiti ġew sodisfatti;

(*b*) fir-rigward tar-regolamenti 193 u 194(*a*), ċertifikat maħruġ mill-awtorità kompetenti fl-Istat Membru jew fil-pajjiż ikkonċernat.

(4) Fejn l-Istat Membru jew il-pajjiż inkwistjoni ma joħroġx dokumenti jew ċertifikati msemmija fis-subregolament (3), jew fejn dawn ma jkoprux l-każijiet kollha speċifikati fir-regolamenti 192, 193 u 194(a), dawn jistgħu jiġu sostitwiti b'dikjarazzjoni bil-ġurament jew, fi Stati Membri jew pajjiżi fejn ma hemmx dispożizzjoni għal dikjarazzjonijiet bil-ġurament, b'dikjarazzjoni solenni magħmula mill-persuna kkonċernata quddiem awtorità ġudizzjarja jew amministrattiva kompetenti, nutar jew korp professjonali jew kummerċjali kompetenti, fl-Istat Membru jew fil-pajjiż ta' oriġini jew fl-Istat Membru jew fil-pajjiż fejn l-operatur ekonomiku ikun stabbilit.

(5) Fejn ikun rilevanti, id-Direttur għandu jipprovdi dikjarazzjoni uffiċjali li tistqarr li d-dokumenti jew ċertifikati msemmijin f'dan is-subregolament ma jinħarġux jew li huma ma jkoprux il-każijiet kollha speċifikati fir-regolamenti 192, 193 u 194(*a*). Dawn id-dikjarazzjonijiet uffiċjali għandhom ikunu disponibbli permezz tar-repożitorju *online* taċ-ċertifikati (e-Certis).

Mezzi ta' prova dwar qagħda finanzjarja.

231. (1) Bħala regola ġenerali, il-prova tal-qagħda ekonomika u finanzjarja tal-operatur ekonomiku tista' tiġi pprovduta permezz ta' waħda jew aktar mir-referenzi li ġejjin:

(*a*) dikjarazzjonijiet xierqa minn banek, jew, fejn xieraq, prova tal-assigurazzjoni ta' indennizz għar-riskju professjonali rilevanti;

(*b*) il-preżentazzjoni ta' rendikonti finanzjarji jew estratti mir-rendikonti finanzjarji, fejn il-pubblikazzjoni tar-rendikonti finanzjarji tkun meħtieġa skont il-liġi tal-pajjiż li fih l-operatur ekonomiku jkun stabbilit;

(*ċ*) dikjarazzjoni tal-fatturat ġenerali tal-impriża u, fejn xierqa, tal-fatturat fil-qasam kopert mill-kuntratt għal massimu tal-aħħar tliet snin finanzjarji disponibbli, jiddependi mid-

data li fiha ġiet stabbilita l-impriża jew li fiha l-operatur ekonomiku beda l-attività, sa fejn l-informazzjoni dwar dawn il-fatturati tkun disponibbli.

(2) Fejn, għal kwalunkwe raġuni valida, l-operatur ekonomiku ma jkunx jista' jipprovdi r-referenzi mitluba mill-awtorità kontraenti, jista' jagħti prova tal-qagħda ekonomika u finanzjarja permezz ta' kwalunkwe dokument ieħor li l-awtorità kontraenti tqis bħala adatt.

Mezzi ta' prova tal-abbiltajiet tekniċi.

232. Evidenza tal-abbiltajiet tekniċi tal-operaturi ekonomiċi tista' tiġi pprovduta permezz ta' mezz wieħed jew aktar minn dawn li ġejjin, skont in-natura, il-kwantità jew l-importanza, u l-użu tax-xogħlijiet, provvisti jew servizzi:

(*a*) permezz tal-listi li ġejjin:

(i) lista tax-xogħlijiet imwettqa matul massimu ta' ħames snin, flimkien ma' ċertifikati tat-twettiq u r-riżultat sodisfaċenti tal-aktar xogħlijiet importanti; fejn dan ikun meħtieġ sabiex jiġi żgurat livell adegwat ta' kompetizzjoni, l-awtoritajiet kontraenti jistgħu jindikaw li ser jittieħdu f'kunsiderazzjoni provi ta' xogħlijiet rilevanti mwettqa aktar minn ħames snin qabel;

(ii) lista tal-konsenji prinċipali effettwati jew is-servizzi ewlenin ipprovduti matul mhux aktar mill-aħħar tliet snin, bis-somom, dati u riċevituri involuti, kemm jekk pubbliċi kif ukoll jekk privati. Fejn dan ikun meħtieġ sabiex jiġi żgurat livell adegwat ta' kompetizzjoni, l-awtoritajiet kontraenti jistgħu jindikaw li jistgħu jieħdu f'kunsiderazzjoni provi ta' provvisti jew servizzi rilevanti mwassla jew imwettqa aktar minn tliet snin qabel;

(*b*) indikazzjoni tat-tekniċi jew il-korpi tekniċi involuti, kemm jekk jappartjenu jew le b'mod dirett għall-impriża tal-operatur ekonomiku, b'mod partikolari dawk responsabbli mill-kontroll tal-kwalità u, fil-każ ta' kuntratti pubbliċi ta' xogħlijiet, dawk li l-kuntrattur jista' jinkariga sabiex iwettqu x-xogħol;

(*ċ*) deskrizzjoni tal-faċilitajiet u l-miżuri tekniċi użati mill-operatur ekonomiku għall-iżgurar tal-kwalità u l-faċilitajiet ta' studju u riċerka tal-impriża;

(*d*) indikazzjoni ta' sistemi ta' ġestjoni u ta' traċċar tal-katina tal-provvista li l-operatur ekonomiku ser ikun jista' japplika meta jwettaq il-kuntratt;

(*e*) fejn il-prodotti jew is-servizzi li jridu jiġu pprovduti huma kumplessi jew, b'mod eċċezzjonali, huma meħtieġa għal skop speċjali, verifika mwettqa mill-awtoritajiet kontraenti jew f'isimhom minn korp uffiċjali kompetenti tal-pajjiż li fih huwa stabbilit il-fornitur tal-provvista jew il-fornitur tas-servizz, soġġett għall-ftehim ta' dak il-korp, fuq il-kapaċitajiet

tal-produzzjoni tal-fornitur tal-provvista jew il-kapaċità teknika tal-fornitur tas-servizz u, fejn dak ikun meħtieġ, fuq il-mezzi ta' studju u riċerka li huma disponibbli għalih u l-miżuri ta' kontroll tal-kwalità li ser iħaddem;

(*f*) il-kwalifiki edukattivi u professjonali ta' min jipprovdi servizz jew kuntrattur jew dawk tal-persunal maniġerijali tal-impriża u, sakemm ma jiġux ivvalutati bħala kriterju tal-għoti;

(*g*) indikazzjoni tal-miżuri ta' ġestjoni ambjentali li l-operatur ekonomiku ser ikun jista' japplika meta jwettaq il-kuntratt;

(*h*) dikjarazzjoni tal-ammont annwali medju ta' ħaddiema tal-fornitur jew tal-kuntrattur tas-servizz u n-numru ta' persunal amministrattiv għall-aħħar tliet snin;

(*i*) dikjarazzjoni dwar l-għodod, l-impjant u t-tagħmir tekniku għad-dispożizzjoni tal-fornitur jew il-kuntrattur tas-servizz għat-twettiq tal-kuntratt;

(*j*) indikazzjoni tas-sehem tal-kuntratt li l-operatur ekonomiku bi ħsiebu possibilment li jagħtih bħala subkuntratt;

(*k*) fir-rigward tal-prodotti li għandhom jiġu pprovduti:

(i) kampjuni, deskrizzjonijiet jew ritratti, li l-awtenticità tagħhom trid tiġi ċertifikata fejn l-awtorità kontraenti titlob dan;

(ii) ċertifikati mfassla minn istituti jew aġenziji uffiċjali tal-kontroll tal-kwalità b'kompetenza rikonoxxuta li jikkonfermaw il-konformità tal-prodotti identifikati b'mod ċar mir-referenzi għall-ispeċifikazzjonijiet jew *standards* tekniċi.

Repożitorji *online* ta' ċertifikati (e-Certis).

233. (1) Bil-ħsieb li jiġu ffaċilitati l-offerti transkonfinali, il-Gvern ta' Malta għandu jiżgura li l-informazzjoni li tikkonċerna ċertifikati u forom oħra ta' provi dokumentati introdotti fl-e-Certis tibqa' aġġornata kostantement.

(2) L-awtoritajiet kontraenti għandhom ikunu jistgħu jirrikorru għall-e-Certis u jistgħu jesiġu primarjament dawk it-tipi ta' ċertifikati jew forom ta' evidenza dokumentata li jkunu koperti bl-e-Certis.

Standards ta' garanzija tal-kwalità u ta' ġestjoni ambjentali.

234. (1) L-awtoritajiet kontraenti għandhom, fejn jesiġu li jiġu pprovduti ċertifikati maħruġin minn korpi indipendenti li jikkonfermaw li l-operatur ekonomiku jikkonforma ma' ċerti *standards* ta' garanzija tal-kwalità, ukoll dwar l-aċċessibilità għal persuni b'diżabilità, jirreferu għas-sistemi ta' garanzija tal-kwalità bbażati fuq is-serje ta' *standards* Ewropej rilevanti ċċertifikati minn korpi akkreditati. Huma għandhom jirrikonoxxu ċertifikati ekwivalenti minn korpi stabbiliti fi Stati Membri oħrajn. Għandhom ukoll jaċċettaw evidenza oħra ta' miżuri ekwivalenti ta' garanzija tal-kwalità fejn l-operatur ekonomiku kkonċernat ma kellux il-possibbiltà li jikseb tali ċertifikati fil-limiti ta' żmien rilevanti għal raġunijiet li mhumiex attribwibbli lil dak l-operatur

ekonomiku dment li l-operatur ekonomiku jagħti prova li l-miżuri ta' garanziji tal-kwalità jikkonformaw mal-i*standards* ta' garanziji tal-kwalità meħtieġa.

(2) Fejn l-awtoritajiet kontraenti jesiġu li jiġu pprovduti ċertifikati mfassla minn korpi indipendenti li jikkonfermaw li l-operatur ekonomiku jikkonforma ma' ċerti sistemi jew *standards* ta' ġestjoni ambjentali, huma għandhom jirreferu għall-Iskema tal-Unjoni Ewropea għall-Immaniġġjar tal-Ambjent u Verifika (EMAS) tal-Unjoni jew għal sistemi ta' ġestjoni ambjentali oħrajn kif rikonoxxuti skont l-Artikolu 45 tar-Regolament (KE) Nru 1221/2009 jew *standards* oħrajn ta' ġestjoni ambjentali bbażati fuq l-i*standards* Ewropej jew internazzjonali rilevanti minn korpi akkreditati. Huma għandhom jirrikonoxxu ċertifikati ekwivalenti minn korpi stabbiliti fi Stati Membri oħrajn.

(3) Fejn operatur ekonomiku seta' juri li ma għandux aċċess għaċ-ċertifikati msemmija fis-subregoloament (2), jew li ma għandux possibbiltà li jiksibhom fil-limiti ta' żmien rilevanti għal raġunijiet li mhumiex attribwibbli lil dak l-operatur ekonomiku, l-awtorità kontraenti għandha taċċetta wkoll evidenza oħra ta' miżuri ta' ġestjoni ambjentali, dment li l-operatur ekonomiku jagħti prova li dawn il-miżuri huma ekwivalenti għal dawk meħtieġa skont is-sistema jew *standard* ta' ġestjoni ambjentali applikabbli.

Serħan fuq il-ħiliet ta' entitajiet oħra.

235. (1) Fir-rigward tal-kriterji relatati mal-qagħda ekonomika u finanzjarja kif stabbilit skont ir-regolamenti 218 sa 221, u l-kriterji relatati mal-abbiltà teknika jew professjonali kif stabbilit skont ir-regolamenti 222 u 223, operatur ekonomiku jista', fejn dan ikun adegwat u għal kuntratt partikolari, jiddependi fuq il-kapaċitjiet ta' entitajiet oħra, irrilevanti min-natura legali tar-rabtiet li għandu magħhom. Fir-rigward tal-kriterji relatati mal-kwalifiki edukattivi u professjonali kif jinsabu fir-regolament 232(f), jew l-esperjenza professjonali rilevanti, l-operaturi ekonomiċi jistgħu madankollu jiddependu biss fuq il-kapaċitajiet ta' entitajiet oħra meta dawn tal-aħħar ser iwettqu l-ħidmiet jew is-servizzi li għalihom huma meħtieġa dawn il-kapaċitajiet. Meta operatur ekonomiku jkun irid jiddependi fuq il-kapaċitajiet ta' entitajiet oħra, dan għandu jagħti prova lill-awtorità kontraenti li huwa ser ikollu r-riżorsi meħtieġa għad-dispożizzjoni tiegħu, pereżempju, billi jippreżenta impenn minn dawk l-entitajiet għal dan il-għan.

(2) L-awtorità kontraenti għandha, f'konformità mar-regolamenti 225 sa 233, tivverifika jekk l-entitajiet li fuq il-kapaċità tagħhom l-operatur ekonomiku għandu l-intenzjoni li jiddependi, jissodisfawx il-kriterji ta' għażla rilevanti u jekk hemmx raġunijiet għal esklużjoni skont it-Taqsima VI. L-awtorità kontraenti għandha tesiġi li l-operatur ekonomiku jissostitwixxi entità li ma tissodisfax kriterju ta' għażla rilevanti, jew li fir-rigward tagħha hemm raġunijiet obbligatorji għal esklużjon jew li tkun ġiet black listed skont it-Taqsima VI.

(3) Fejn operatur ekonomiku jiddependi fuq il-kapaċitajiet ta' entitajiet oħrajn fir-rigward ta' kriterji relatati mal-pożizzjoni ekonomika u finanzjarja, l-awtorità kontraenti tista' tesiġi li l-operatur ekonomiku u dawk l-entitajiet ikunu responsabbli b'mod

konġunt għall-eżekuzzjoni tal-kuntratt.

(4) Taħt l-istess kondizzjonijiet, grupp ta' operaturi ekonomiċi kif imsemmi fir-regolament 58 jista' jiddependi fuq il-kapaċitajiet ta' parteċipanti fil-grupp jew ta' entitajiet oħra.

(5) Fil-każ ta' kuntratti ta' xogħlijiet, kuntratti ta' servizzi u operazzjonijiet ta' tqegħid fil-post jew ta' istallazzjoni fil-kuntest ta' kuntratt ta' provvista, l-awtoritajiet kontraenti jistgħu jesiġu li ċerti kompiti kritiċi jitwettqu direttament mill-offerent stess jew, fejn l-offerta tkun sottomessa minn grupp ta' operaturi ekonomiċi kif imsemmi fir-regolament 58, minn parteċipant f'dak il-grupp.

Listi uffiċjali.

236. Il-Ministru jkollu l-awtorità li jistabbilixxi regolamenti biex jitħejjew listi uffiċjali ta' operaturi ekonomiċi approvati u ċertifikazzjoni minn korpi stabbiliti taħt id-dritt pubbliku u privat.

Tnaqqis fin-Numru ta' Kandidati, Offerenti u Soluzzjonijiet

Tnaqqis fin-numru ta' kandidati li mod ieħor huma kwalifikati biex jiġu mistiedna jipparteċipaw.

237. (1) Fi proċeduri ristretti, proċeduri kompetittivi permezz tan-negozjar, proċeduri ta' djalogu kompetittiv u sħubijiet għall-innovazzjoni, b'valur stmat li jaqa taħt ir-regolament 9(1)(b), l-awtoritajiet kontraenti jistgħu jillimitaw in-numru ta' kandidati li jissodisfaw il-kriterji tal-għażla li ser jistiednu għall-offerti jew sabiex imexxu djalogu, dment li jkun disponibbli n-numru minimu, f'konformità mas-subregolament (2), ta' kandidati kwalifikati.

(2) Fl-avviż dwar kuntratt jew fl-istedina għall-konferma tal-interess, l-awtoritajiet kontraenti għandhom jindikaw il-kriterji jew ir-regoli oġġettivi u mhux diskriminatorji li beħsiebhom japplikaw, in-numru minimu ta' kandidati li beħsiebhom jistiednu, u fejn dan ikun adegwat, in-numru massimu.

(3) Fil-proċedura ristretta, in-numru minimu ta' kandidati għandu jkun ħamsa. Fil-proċedura kompetittiva permezz tan-negozjar, fil-proċedura ta' djalogu kompetittiv u fis-sħubija għall-innovazzjoni, in-numru minimu ta' kandidati għandu jkun tlieta. Fi kwalunkwe każ, in-numru ta' kandidati mistiedna għandu jkun biżżejjed sabiex tkun żgurata kompetizzjoni ġenwina.

(4) L-awtoritajiet kontraenti għandhom jistiednu numru ta' kandidati tal-inqas daqs in-numru minimu. Madankollu, fejn in-numru ta' kandidati li jissodisfaw il-kriterji tal-għażla u l-livell minimu ta' abbiltà, kif imsemmi fir-regolament 224, ikun inqas min-numru minimu, l-awtorità kontraenti tista' tkompli l-proċedura billi tistieden il-kandidati bil-kapaċitajiet meħtieġa. Fil-kuntest tal-istess proċedura, l-awtorità kontraenti ma għandhiex tinkludi operaturi ekonomiċi li ma talbux li jieħdu sehem, jew kandidati li ma għandhomx il-kapaċitajiet meħtieġa.

Tnaqqis fin-numru ta' offerti u soluzzjonijiet.

238. Fejn l-awtoritajiet kontraenti jirrikorru għall-għażla li jnaqqsu n-numru ta' offerti li għandhom jiġu negozjati kif stipulat fir-regolament 127(4) jew ta' soluzzjonijiet li għandhom jiġu diskussi kif stipulat fir-regolament 146, dawn għandhom jagħmlu dan billi japplikaw il-kriterji tal-għoti ddikjarati fid-dokumenti tal-akkwist. Fl-istadju finali, in-numru finali għandu jkun biżżejjed sabiex tkun żgurata kompetizzjoni ġenwina billi jkun hemm biżżejjed offerti, soluzzjonijiet jew kandidati kwalifikati.

Għoti ta' Kuntratt

Kriterji għall-għotja.

239. (1) Mingħajr ħsara għal-liġijiet, ir-regolamenti jew id-dispożizzjonijiet amministrattivi nazzjonali li jikkonċernaw il-prezz ta' ċerti provvisti jew ir-remunerazzjoni ta' ċerti servizzi, l-awtoritajiet kontraenti għandhom jibbażaw l-għoti ta' kuntratti pubbliċi fuq l-offerta l-aktar ekonomikament vantaġġuża.

(2) Mill-perspettiva tal-awtorità kontraenti, l-offerta l-aktar ekonomikament vantaġġuża għandha tiġi identifikata abbażi tal-prezz jew l-ispiża, bl-użu ta' approċċ kost-effettiv, bħall-kalkolu tal-ispejjeż tul iċ-ċiklu tal-ħajja skont ir-regolament 240, u tista' tinkludi l-aħjar bilanċ bejn il-prezz u l-kwalità, li għandu jiġi vvalutat abbażi ta' kriterji li jinkludu aspetti kwalitattivi, ambjentali u, jew soċjali marbutin mas-suġġett tal-kuntratt pubbliku inkwistjoni. Dawn il-kriterji jistgħu jinkludu, pereżempju:

(*a*) il-kwalità, inklużi l-mertu tekniku, il-karatteristiċi estetiċi u funzjonali, l-aċċessibilità, id-disinjar għall-utenti kollha, il-karatteristiċi soċjali, ambjentali u dawk innovattivi u l-kummerċ u l-kondizzjonijiet tiegħu;

(*b*) l-organizzazzjoni, il-kwalifiki u l-esperjenza tal-persunal assenjat għat-twettiq tal-kuntratt, fejn il-kwalità tal-persunal assenjat tista' tħalli impatt sinifikanti fuq il-livell tal-prestazzjoni tal-kuntratt; jew

(*ċ*) is-servizz ta' wara l-bejgħ u l-assistenza teknika, il-kondizzjonijiet ta' twettiq bħad-data ta' twettiq, il-proċess ta' twettiq u l-perijodu ta' twettiq jew il-perijodu ta' tlestija.

(3) L-element ta' spiża jista' wkoll jieħu l-forma ta' prezz fiss jew spiża fissa li abbażi tagħhom l-operaturi ekonomiċi jikkompetu fuq il-kriterji ta' kwalità biss.

(4) fejn huma relatati max-xogħlijiet, il-provvisti jew is-servizzi li għandhom jingħataw taħt dak il-kuntratt fi kwalunkwe aspett u fi kwalunkwe stadju taċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom, inklużi l-fatturi involuti:

(*a*) il-proċessi speċifiċi tal-produzzjoni, il-provvista jew il-kummerċ ta' dawk ix-xogħlijiet, il-provvisti jew is-servizzi; jew

(*b*) fi proċess speċifiku għal stadju ieħor taċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom.

(5) Il-kriterji tal-għoti għandhom jitqiesu li huma marbutin mas-suġġett tal-kuntratt pubbliku wkoll fejn fatturi stabbiliti fis-subregolament (4) ma jagħmlux parti mis-sustanza materjali tagħhom.

(6) Il-kriterji tal-għoti ma għandux ikollhom l-effett li jagħtu lill-awtorità kontraenti libertà mingħajr restrizzjonijiet għall-għażla. Huma għandhom jiżguraw il-possibbiltà ta' kompetizzjoni effettiva u għandhom jiġu akkumpanjati mill-ispeċifikazzjonijiet li jippermettu li l-informazzjoni mogħtija mill-offerenti tiġi vverifikata b'mod effettiv sabiex jiġi vvalutat kemm l-offerti

jissodisfaw il-kriterji tal-għoti. Fil-każ ta' dubju, l-awtoritajiet kontraenti għandhom jivverifikaw b'mod effettiv il-preċiżjoni tal-informazzjoni u l-evidenza mogħtija mill-offerenti.

(7) L-awtorità kontraenti għandha tispeċifika fid-dokumenti tal-akkwist, il-piż relattiv li hi tagħti lil kull wieħed mill-kriterji magħżula sabiex tiddetermina l-aktar offerta ekonomikament vantaġġuża, għajr meta din tkun identifikata abbażi tal-prezz biss.

(8) Dawk il-proporzjonijiet jistgħu jkunu espressi billi tkun provduta sensiela b'firxa massima adattata.

(9) Fejn għal raġunijiet oġġettivi l-ippeżar mhuwiex possibbli, l-awtorità kontraenti għandha tindika l-kriterji f'ordni li tonqos skont l-importanza.

L-ispejjeż taċ-ċiklu tal-ħajja.

240. (1) L-ispejjeż taċ-ċiklu tal-ħajja għandhom, safejn ikun rilevanti, ikopru l-ispejjeż kollha li ġejjin jew partijiet minnhom matul iċ-ċiklu tal-ħajja ta' prodott, servizz jew xogħlijiet:

(*a*) spejjeż imġarrba mill-awtorità kontraenti jew utenti oħra, bħal:

(i) spejjeż relatati mal-akkwist;

(ii) spejjeż tal-użu, bħal konsum tal-enerġija u riżorsi oħra;

(iii) spejjeż tal-manutenzjoni;

(iv) spejjeż ta' tmiem iċ-ċiklu, bħall-ġbir u l-ispejjeż tar-riċiklaġġ;

(*b*) spejjeż attribwiti lil esternalitajiet ambjentali marbutin mal-prodott, is-servizz jew ix-xogħlijiet matul iċ-ċiklu tal-ħajja tiegħu, dment li l-valur monetarju tagħhom ikun jista' jiġi determinat u verifikat; tali spejjeż jistgħu jinkludu l-ispiża ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra u ta' emissjonijiet ta' sustanzi niġġiesa oħra u spejjeż oħrajn ta' mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima.

(2) Meta l-awtoritajiet kontraenti jivvalutaw l-ispejjeż permezz ta' approċċ tal-ispejjeż tul iċ-ċiklu tal-ħajja, huma għandhom jindikaw fid-dokumenti tal-akkwist id-*data* li għandha tingħata mill-offerenti u l-metodu li ser tuża l-awtorità kontraenti biex tiddetermina l-ispejjeż taċ-ċiklu tal-ħajja abbażi ta' dik id-*data*.

(3) Il-metodu użat għall-valutazzjoni tal-ispejjeż attribwiti lil esternalitajiet ambjentali għandu jissodisfa l-kondizzjonijiet li ġejjin kollha:

(*a*) huwa bbażat fuq kriteriji li jistgħu jkunu verifikati oġġettivament u mingħajr diskriminazzjoni. B'mod partikolari, fejn ma ġiex stabbilit għal applikazzjoni ripetuta jew kontinwa, ma għandux jiffavorixxi jew jiżvantaġġa mingħajr ġustifikazzjoni lil ċerti operaturi ekonomiċi;

(*b*) ikun aċċessibbli għall-partijiet interessati kollha;

(*ċ*) id-*data* mitluba tista' tingħata bi sforz raġonevoli minn operaturi ekonomiċi normalment diliġenti, inklużi operaturi ekonomiċi minn pajjiżi terzi parti għall-FAP

jew ftehim internazzjonali oħra li l-Unjoni hija marbuta bihom.

(4) Kull meta metodu komuni għall-kalkolu tal-ispejjeż taċ-ċiklu tal-ħajja ikun sar obbligatorju minn att leġislattiv tal-Unjoni, dak il-metodu komuni għandu jiġi applikat għall-valutazzjoni tal-ispejjeż taċ-ċiklu tal-ħajja.

(5) Lista tal-metodi komuni ta' kalkolu msemmija fis-subregolament (4) hi stabbilita fl-Anness XIII tad-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist pubbliku.

Rapporti individwali dwar proċeduri għall-għoti ta' kuntratti.

241. (1) Dan ir-regolament għandu japplika għal kull kuntratt jew ftehim qafas kopert minn dawn ir-regolamenti, u kull darba li tiġi stabbilita sistema dinamika ta' xiri, fejn il-valur stmat ta' dawk il-proċeduri jaqa' taħt ir-regolament 9(1)(*b*).

(2) Għal kull kuntratt jew ftehim qafas kopert minn dawn ir-regolamenti, u kull darba li tiġi stabbilita sistema dinamika ta' xiri, l-awtoritajiet kontraenti għandhom ifasslu rapport bil-miktub li mill-anqas għandu jinkludi dan li ġej:

(*a*) l-isem u l-indirizz tal-awtorità kontraenti, is-suġġett u l-valur tal-kuntratt, il-ftehim qafas jew is-sistema dinamika ta' xiri;

(*b*) fejn applikabbli, ir-riżultati tal-għażla kwalitattiva u, jew it-tnaqqis ta' numri skont ir-regolamenti 237 u 238, jiġifieri:

(i) l-ismijiet tal-kandidati jew offerenti magħżula u r-raġunijiet għall-għażla tagħhom;

(ii) l-ismijiet tal-kandidati jew offerenti miċħuda u r-raġunijiet għaċ-ċaħda tagħhom;

(*ċ*) ir-raġunijiet għaċ-ċaħda ta' offerti meqjusa bħala baxxi wisq;

(*d*) isem l-offerent li jintgħażel u r-raġunijiet għalfejn intgħażlet l-offerta tiegħu u, fejn dan ikun magħruf, is-sehem tal-kuntratt jew tal-ftehim qafas li l-offerent li jintgħażel beħsiebu jagħti bħala subkuntratt lil partijiet terzi; u, fejn magħruf f'dan il-mument ta' żmien, l-ismijiet tas-subkuntratturi tal-kuntrattur prinċipali, jekk ikun hemm;

(*e*) għal proċeduri kompetittivi bin-negozjati u d-djalogi kompetittivi, iċ-ċirkustanzi kif stabbiliti fir-regolamenti 123 sa 127 u 140 sa 149 li jiġġustifikaw l-użu ta' dawn il-proċeduri;

(*f*) għal proċeduri negozjati mingħajr pubblikazzjoni minn qabel, iċ-ċirkustanzi msemmija fir-regolamenti 150 sa 156 li jiġġustifikaw l-użu ta' din il-proċedura;

(*g*) fejn applikabbli, ir-raġunijiet għalfejn l-awtorità kontraenti ddeċidiet li ma tagħtix kuntratt jew ftehim qafas jew li ma tistabbilixxix sistema dinamika ta' xiri;

(*h*) fejn applikabbli, ir-raġunijiet għalfejn intużaw mezzi oħra ta' komunikazzjoni minbarra dawk elettroniċi għat-tfigħ tal-offerti;

(*i*) fejn applikabbli, il-kunflitti ta' interess identifikati u l-miżuri sussegwenti meħuda.

(3) Dan ir-rapport ma għandux jintalab fir-rigward ta' kuntratti bbażati fuq ftehim qafas meta dawn jiġu konklużi f'konformità mar-regolamenti 171, 172 jew 173(1)(*a*).

(4) Sakemm l-avviż tal-għoti tal-kuntratt imfassal skont ir-regolament 49 jew ir-regolament 163(2) fih l-informazzjoni mitluba f'dan ir-regolament, l-awtoritajiet kontraenti jistgħu jirreferu għal dak l-avviż.

(5) L-awtoritajiet kontraenti għandhom jiddokumentaw il-progress tal-proċeduri ta' akkwist kollha, kemm jekk dawn isiru b'mezzi elettroniċi jew le. Għal dak il-għan, huma għandhom jiżguraw li jżommu dokumentazzjoni suffiċjenti biex jiġġustifikaw id-deċiżjonijiet meħuda fl-istadji kollha tal-proċedura tal-akkwist, bħad-dokumentazzjoni dwar il-komunikazzjoni ma' operaturi ekonomiċi u deliberazzjonijiet interni, it-tħejjija tad-dokumenti tal-akkwist, djalogu jew negozjati jekk ikun hemm, l-għażla u l-għoti tal-kuntratt. Id-dokumentazzjoni għandha tinżamm għall-anqas għal perijodu ta' tliet snin mid-data tal-għoti tal-kuntratt.

(6) Ir-rapport, jew l-elementi ewlenin tiegħu, għandu jiġu komunikat lill-Kummissjoni jew lill-awtoritajiet, korpi jew strutturi fejn dawn jitolbu li jsir hekk.

Informazzjoni lill-kandidati u offerenti.

242. (1) L-awtorità responsabbli għat-tmexxija tas-sejha għandha tgħarraf lil kull kandidat u offerent bid-deċiżjonijiet li ħadet rigward il-konklużjoni ta' ftehim qafas, l-għoti ta' kuntratt jew ammissjoni għal sistema dinamika ta' xiri, inklużi r-raġunijiet għal kull deċiżjoni li ma jiġix konkluż ftehim qafas, li ma jingħatax kuntratt li għalih saret sejħa għall-kompetizzjoni, li terġa' tinfetaħ il-proċedura jew li ma tiġix implimentata sistema dinamika ta' xiri.

(2) Fuq talba mill-kandidat jew offerent ikkonċernat, malajr kemm jista' jkun, u f'kull eventwalità fi żmien ħmistax-il jum mir-riċevuta ta' talba bil-miktub, l-awtorità responsabbli għat-tmexxija tas-sejha għandha tinforma:

(*a*) lil kull kandidat li ma ġiex aċċettat bir-raġunijiet għaċ-ċaħda tat-talba għall-parteċipazzjoni tiegħu;

(*b*) lil kull offerent li ma ġiex aċċettat bir-raġunijiet għaċ-ċaħda tal-offerta tiegħu, inklużi, għall-każijiet imsemmija fir-regolament 53(9) u (10), ir-raġunijiet għad-deċiżjoni tagħha ta' nuqqas ta' ekwivalenza jew għad-deċiżjoni tagħha li x-xogħlijiet, il-provvisti jew is-servizzi ma jissodisfawx ir-rekwiżiti ta' twettiq jew funzjonali;

(*ċ*) lil kull offerent li għamel offerta ammissibbli bil-karatteritsiċi u l-vantaġġi relattivi tal-offerta magħżula kif ukoll l-istess tal-offerenti jew il-partijiet għall-ftehim qafas li ntagħżlu;

(*d*) lil kull offerent li għamel offerta ammissibbli bit-twettiq u l-progress tan-negozjati u d-djalogu mal-offerenti;

(*e*) lil kull offerent li ma ntagħżilx dwar id-dritt tiegħu ta' appell rigward deċiżjoni meħuda skont is-subregolament (1).

(3) L-awtoritajiet kontraenti jistgħu jiddeċiedu li jżommu mistura ċerta informazzjoni msemmija fis-subregolamenti (1) u (2), rigward l-għoti ta' kuntratt, il-konklużjoni ta' ftehim qafas jew ammissjoni għal sistema dinamika ta' xiri, fejn l-għoti ta' din l-informazzjoni xxekkel l-infurzar tal-liġi, jew inkella tmur kontra l-interess pubbliku, tkun tippreġudika l-interessi kummerċjali leġittimi ta' operatur ekonomiku, pubbliku jew privat partikolari, jew tkun tista' tippreġudika l-kompetizzjoni ġusta bejn l-operaturi ekonomiċi.

Offerti Baxxi b'mod Mhux Normali u Soluzzjonijiet Varjanti

Offerti baxxi b'mod anormali; *Emendat: A.L. 196 tal-2020.*

243. (1) L-awtoritajiet kontraenti għandhom jesiġu li l-operaturi ekonomiċi jispjegaw il-prezz jew l-ispejjeż proposti fl-offerta meta l-offerti jkunu jidhru baxxi b'mod mhux normali fir-rigward tax-xogħlijiet, il-provvisti jew is-servizzi.

(2) L-ispjegazzjonijiet jistgħu jkunu relatati b'mod partikolari ma':

(*a*) l-ekonomija tal-proċess ta' manifattura jew tas-servizzi pprovduti jew tal-metodu tal-kostruzzjoni;

(*b*) is-soluzzjonijiet tekniċi magħżula jew kwalunkwe kondizzjonijiet eċċezzjonalment favorevoli disponibbli għall-offerent għall-forniment tal-prodotti jew servizzi jew għall-eżekuzzjoni tax-xogħol;

(*ċ*) l-oriġinalità tax-xogħol, provvisti jew servizzi proposti mill-offerent;

(*d*) konformità mal-obbligi msemmijin fir-regolamenti 13(*m*) u 16(*k*);

(*e*) konformità mal-obbligi msemmijin fir-regolament 60;

(*f*) il-possibbiltà li l-offerent jikseb għajnuna mill-Istat.

(3) Jekk l-operatur ekonomiku jonqos milli jibgħat l-ispegazzjonijiet tiegħu fi żmien il-limitu ta' żmien miktub impost mill-awtorità kontraenti, dan għandu jiġi intrepretat bħala aċċettazzjoni min-naħa tal-operatur ekonomiku li l-offerta tiegħu hi baxxa b'mod anormali.

(4) L-awtorità kontraenti għandha tivvaluta l-informazzjoni pprovduta billi tikkonsulta lill-offerent. Din tista' tiċħad l-offerta biss fejn il-provi pprovduti ma jispjegawx b'mod sodisfaċenti l-livell baxx tal-prezz jew tal-ispejjeż proposti, b'kont meħud tal-elementi msemmija fis-subregolament (2).

(5) L-awtoritajiet kontraenti għandhom jiċħdu l-offerta, fejn ikunu stabbilixxew li l-offerta hija baxxa wisq għax ma tikkonformax mal-obbligi applikabbli msemmija fir-regolamenti 13(*m*) u 16(*k*).

(6) Fejn awtorità kontraenti tistabbilixxi li offerta hija baxxa

wisq għax l-offerent kiseb għajnuna mill-Istat, l-offerta tista' tiġi miċħuda għal dik ir-raġuni waħedha biss wara konsultazzjoni mal-offerent fejn, fi ħdan limitu ta' żmien suffiċjenti stabbilit mill-awtorità kontraenti, dan tal-aħħar ma jistax juri li l-għajnuna inkwistjoni hija kompatibbli mas-suq intern skont it-tifsira tal-Artikolu 107 tat-TFUE. Fejn l-awtorità kontraenti tiċħad offerta f'dawk iċ-ċirkustanzi, din għandha tgħarraf lill-Kummissjoni dwar dan.

Varjanti.

244. (1) Għal offerti li jkollhom valur stmat li jaqa' taħt id-dispożizzjonijiet tar-regolament 9(1)(*b*), l-awtoritajiet kontraenti jistgħu jawtorizzaw jew jesiġu lill-offerenti sabiex jissottomettu varjanti. Fl-avviż dwar kuntratt għandhom jindikaw jekk jawtorizzawx jew jitolbux varjanti jew le. Il-varjanti ma għandhomx jiġu awtorizzati mingħajr indikazzjoni bħal din, u għandhom ikunu marbuta mas-suġġett tal-kuntratt.

(2) Fid-dokumenti tal-akkwist, l-awtoritajiet kontraenti li jawtorizzaw jew jesiġu varjanti għandhom jispeċifikaw ir-rekwiżiti minimi li għandhom jintlaħqu mill-varjanti u kwalunkwe rekwiżiti speċifiċi għall-preżentazzjoni tagħhom, b'mod partikolari, jekk il-varjanti jistgħux jiġu sottomessi biss fejn offerta, li ma tkunx varjant, tkun ukoll ġiet sottomessa. Dawn għandhom jiżguraw ukoll li l-kriterji tal-għoti magħżula jistgħu jiġu applikati għall-varjanti li jissodisfaw dawk ir-rekwiżiti minimi kif ukoll għal offerti li jikkonformaw li mhumiex varjanti.

(3) Huma biss dawk il-varjanti li jissodisfaw ir-rekwiżiti minimi stabbiliti mill-awtoritajiet kontraenti li għandhom jittieħdu f'kunsiderazzjoni.

(4) Fi proċeduri għall-għoti ta' kuntratti ta' provvista pubblika jew kuntratti ta' servizzi pubbliċi, l-awtoritajiet kontraenti li għandhom varjanti awtorizzati jew meħtieġa għandhom jiċħdu varjant fuq il-bażi unika li, jekk tintlaqa', dan iwassal jew għal kuntratt ta' servizz minflok kuntratt pubbliku ta' provvista jew kuntratt ta' provvista minflok kuntratt pubbliku ta' servizz.

Taqsima VIII
Twettiq tal-Kuntratti

Twettiq tal-Kuntratti u Modifiki

Kondizzjonijiet għat-twettiq ta' kuntratti.

245. L-awtoritajiet kontraenti jistgħu jistabbilixxu kondizzjonijiet speċjali relatati mat-twettiq ta' kuntratt, dment li huma marbutin mas-suġġett tal-kuntratt skont it-tifsira tar-regolament 239(4) u (5) u indikati fis-sejħa għall-kompetizzjoni jew fid-dokumenti ta' akkwist. Dawk il-kondizzjonijiet jistgħu jinkludu kunsiderazzjonijiet ekonomiċi, relatati mal-innovazzjoni, ambjentali, soċjali jew relatati mal-impjieg.

Modifika ta' kuntratti matul it-terminu tagħhom.

246. (1) Għal offerti b'valur stmat li jaqa fi ħdan ir-regolament 9(1)(*b*) u bl-approvazzjoni minn qabel tad-Direttur, awtorità kontraenti tista' li l-kuntratt jew il-ftehim qafas jiġu mmodifikati mingħajr proċedura ġdida tal-akkwist fi kwalunkwe wieħed minn dawn il-każijiet li ġejjin:

(*a*) fejn il-modifiki, irrispettivament mill-valur monetarju tagħhom, ikunu ġew previsti fid-dokumenti inizjali tal-

akkwist fi klawżoli ta' reviżjoni ċari, preċiżi u inekwivokabbli, li jistgħu jinkludi klawżoli ta' reviżjoni ta' prezzijiet, jew għażliet. Dawn il-klawżoli għandhom jiddikjaraw il-kamp ta' applikazzjoni u n-natura ta' modifiki jew għażliet possibbli kif ukoll il-kondizzjonijiet li taħthom dawn jistgħu jintużaw. Ma għandhomx jipprovdu għal modifiki jew għażliet li jibdlu n-natura ġenerali tal-kuntratt jew tal-ftehim qafas;

(*b*) għal xogħlijiet, servizzi jew provvisti addizzjonali mill-kuntrattur oriġinali li saru meħtieġa u li ma kinux inklużi fl-akkwist inizjali fejn bidla fil-kuntrattur:

(i) ma tistax issir għal raġunijiet ekonomiċi jew tekniċi bħalma huma r-rekwiżiti ta' interkambjalità jew interoperabbiltà mat-tagħmir, is-servizzi jew l-installazzjonijiet eżistenti akkwistati taħt l-akkwist inizjali; u

(ii) tikkawża inkonvenjenza sinifikanti jew duplikazzjoni sostanzjali tal-ispejjeż għall-awtorità kontraenti:

Madankollu, kwalunkwe żieda fil-prezz ma tistax taqbeż 50% tal-valur tal-kuntratt oriġinali;

(*ċ*) fejn jiġu sodisfatti l-kondizzjonijiet kollha li ġejjin:

(i) il-ħtieġa ta' modifika nġiebet minħabba ċirkustanzi li awtorità kontraenti diliġenti ma setgħetx tipprevedi;

(ii) il-modifika ma tibdilx in-natura ġenerali tal-kuntratt;

(iii) kwalunkwe żieda fil-prezz mhijiex ogħla minn 50% tal-valur tal-kuntratt oriġinali jew tal-ftehim qafas;

(*d*) fejn kuntrattur ġdid jissostitwixxi dak li inizjalment kien ingħata l-kuntratt mill-awtorità kontraenti bħala konsegwenza ta' wieħed minn dawn:

(i) klawżola ta' reviżjoni mhix ekwivoka jew għażla f'konformità mal-paragrafu (*a*); jew

(ii) suċċessjoni universali jew parzjali fil-pożizzjoni tal-kuntrattur inizjali, wara operazzjonijiet ta' ristrutturar korporattiv, inkluż it-teħid ta' pussess, amalgamazzjoni, akkwist jew insolvenza ta' operatur ekonomiku ieħor li jissodisfa l-kriterji tal-għażla kwalitattiva inizjalment stabbiliti, dejjem jekk din ma twassalx għal modifiki sostanzjali oħrajn għall-kuntratt u ma għandhiex l-għan li tevita l-applikazzjoni ta' dawn ir-regolamenti; jew

(iii) f'każ li l-awtorità kontraenti nnifisha tassumi l-obbligi tal-kuntrattur prinċipali lejn s-subkuntratturi tiegħu;

(*e*) fejn il-modifiki, irrispettivament mill-valur tagħhom, mhumiex sostanzjali skont it-tifsira tas-subregolament

(5).

(2) Id-Direttur jew l-awtoritajiet kontraenti li jkunu mmodifikaw kuntratt fil-każijiet stipulati taħt il-paragrafi (*b*) u (*ċ*) tas-subregolament (1) għandhom jippubblikaw avviż dwar dan fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea. Dan l-avviż għandu jkun fih l-informazzjoni stipulata fl-Iskeda 9 taqsima G u għandu jkun ppubblikat skont ir-regolament.

(3) Mingħajr l-ebda ħtieġa li jiġi vverifikat jekk il-kondizzjonijiet stipulati taħt il-paragrafi (*a*) sa (*d*) tas-subregolament (5) humiex sodisfatti jew tintalab l-approvazzjoni tad-Direttur, il-kuntratti jistgħu ugwalment jiġu mmodifikati mingħajr ma tkun meħtieġa proċedura ġdida ta' akkwist f'konformità ma' dawn ir-regolamenti fejn il-valur tal-modifika ikun anqas miż-żewġ valuri li ġejjin:

(*a*) il-limiti stipulati fl-Iskeda 5; u

(*b*) 10% tal-valur tal-kuntratt inizjali għall-kuntratti ta' servizz u ta' provvista u taħt il-15% tal-valur tal-kuntratt inizjali għall-kuntratti ta' xogħlijiet:

Iżda l-modifika ma tistax tibdel in-natura ġenerali tal-kuntratt jew ftehim qafas. Fejn isiru diversi modifiki suċċessivi, il-valur għandu jiġi valutat abbażi tal-valur kumulattiv nett tal-modifiki suċċessivi.

(4) Għall-finijiet tal-kalkolu tal-prezz imsemmi fis-subregolamenti (3) u (1)(*b*) u (*ċ*), il-prezz aġġornat għandu jkun il-valur ta' referenza meta l-kuntratt ikun jinkludi klawżola ta' indiċjar.

(5) Modifika ta' kuntratt jew ta' ftehim qafas matul it-terminu tiegħu għandha titqies bħala sostanzjali skont it-tifsira tas-subregolament (1)(*e*), fejn din tirrendi l-kuntratt jew il-ftehim qafas materjalment differenti fin-natura minn dak inizjalment konkluż. Fi kwalunkwe eventwalità, mingħajr ħsara għas-subregolamenti (1) u (3), modifika għandha titqies bħala sostanzjali fejn tkun sodisfatta waħda jew iktar mill-kondizzjonijiet li ġejjin:

(*a*) il-modifika tintroduċi kondizzjonijiet li, kieku kienu parti mill-proċedura ta' akkwist inizjali, kienu jippermettu d-dħul ta' kandidati oħra minbarra dawk inizjalment magħżula jew l-aċċettazzjoni ta' offerta oħra minbarra dik aċċettata oriġinarjament jew kienu jattiraw parteċipanti addizzjonali fil-proċedura ta' akkwist;

(*b*) il-modifika tibdel il-bilanċ ekonomiku tal-kuntratt jew tal-ftehim qafas favur il-kuntrattur b'tali mod li ma kienx previst fil-kuntratt inizjali jew il-ftehim qafas;

(*ċ*) il-modifika testendi l-kamp ta' applikazzjoni tal-kuntratt jew tal-ftehim qafas b'mod konsiderevoli;

(*d*) fejn kuntrattur ġdid jissostitwixxi dak li inizjalment kien ingħata l-kuntratt mill-awtorità kontraenti f'każijiet oħra minbarra dawk previsti taħt ils-subregolament (1)(*d*).

(6) Proċedura ġdida ta' akkwist f'konformità ma' dawn ir-regolamenti għandha tkun meħtieġa għal modifiki oħra tad-dispożizzjonijiet ta' kuntratt pubbliku jew ftehim qafas matul it-terminu tiegħu minbarra dawk previsti taħt is-subregolament (1) u (3).

Approvazzjoni tal-modifiki.

247. (1) Meta tintalab modifika, ripetizzjoni ta' xogħlijiet, servizzi jew konsenji addizzjonali ta' offerti b'valur stmat li jaqa' taħt ir-regolament 9(1)(*b*) li kumulattivament jkunu ser jeċċedu l-limiti stabbiliti fl-Iskeda 5 u jeċċedu l-10% tal-valur tal-kuntratt inizzjali għall-kuntratti ta' servizz u ta' provvista jew jeċċedu l-15% tal-valur tal-kuntratt inizzjali għall-kuntratti ta' xogħlijiet, skont il-każ, l-awtorità kontraenti, għandha tikseb l-approvazzjoni tad-Direttur qabel il-bidu tal-modifika.

(2) F'każijiet eċċezzjonali fejn in-natura urġenti tal-modifika hi tali li l-awtorità kontraenti ma tistax titlob l-approvazzjoni tad-Direttur prevista taħt is-subregolment (1), l-awtorità kontraenti tista' tipproċedi bil-modifika dment li tosserva l-kondizzjonijiet imsemmija f'dawn ir-regolamenti u tikseb mingħand id-Direttur għallinqas permess preliminari.

(3) L-awtorità kontraenti għandha, f'limitu ta' żmien speċifikat mid-Direttur, tibgħat lil dan tal-aħħar l-informazzjoni kollha rilevanti kif indikat fir-regolament 248 u n-nuqqas li jsir dan iwassal għar-revoka awtomatika tal-approvazzjoni preliminari kif ukoll għall-konsegwenzi msemmija fir-regolament 251.

(4) Wara s-sottomissjoni tat-talba skont ir-regolament 248, id-Direttur għandu jirrevedi l-informazzjoni sottomessa u jagħti l-approvazzjoni tiegħu fil-każ biss li l-modifika li twettqet tosserva l-kondizzjonijiet f'dawn ir-regolamenti.

Formula tat-talba għal modifika.

248. (1) It-talbiet għal modifiki ta' offerta b'valur stmat li jaqa' taħt ir-regolament 9(1)(*b*) għandhom jintbagħtu lid-Direttur mill-awtoritajiet kontraenti biss.

(2) Fit-talba tagħha l-awtorità kontraenti għandha tipprovdi dan li ġej:

(*a*) ir-raġunijiet li ġabu l-ħtieġa għal din il-modifika;

(*b*) l-effett fuq il-prezz totali tal-offerta u kull effett li jista' jinħoloq fuq l-ispiża rikorrenti;

(*ċ*) il-limitu ta' żmien mistenni għall-eżekuzzjoni tal-modifika;

(*d*) il-kunsens bil-miktub tal-kuntrattur biex iwettaq il-modifika;

(*e*) il-bażi legali għal talba bħal din jekk qed issir taħt ir-regolament 246 jew taħt ir-regolamenti 151, 152, 153 jew 154.

Deċiżjoni tad-Direttur.

249. Fl-għoti jew iċ-ċaħda ta' dik it-talba għal modifika, id-Direttur għandu jagħrbel jekk it-talba hi waħda minn dawk permessi taħt dawn ir-regolamenti. Id-Direttur għandu jistabbilixxi taħt liema regolament l-modifika qed tiġi approvata u fejn ikun possibbli għandu jiddetermina l-proċedura li għandha tiġi segwita mill-awtorità kontraenti fil-futur sabiex tiġi evitata l-ħtieġa ta'

modifiki.

Record tal-modifiki.

250. Id-Direttur għandu jżomm reġistru sħiħ ta' talbiet għal modifiki, inkuż l-isem tal-kuntrattur involut u dettalji tad-dokumenti speċifikati fir-regolament 248.

Modifika mingħajr approvazzjoni.

251. Meta titwettaq modifika mingħajr ma tintalab l-approvazzjoni minn qabel tad-Direttur, id-Direttur ma jistax jiġi mitlub li jagħti l-approvazzjoni tal-modifika b'effett retroattiv u għalhekk għandu jastjeni milli jieħu talba bħal dik f'konsiderazzjoni. Ir-responsabbiltà għal din il-modifika mhux approvata għandha tkun tal-kap ta' dik l-awtorità kontraenti f'konformità mal-Att dwar ir-responsabbiltà Fiskali.

Kap. 534.

Rifjut mid-Direttur.

252. Jekk id-Direttur jirrifjuta milli jagħti l-approvazzjoni tiegħu għal talba għal modifika, l-awtorità kontraenti għandha teżegwixxi l-kuntratt kif maħruġ fid-dokumenti tal-akkwist:

Iżda fejn dan ma jkunx possibbli l-kuntratt għandu jiġi terminat u jinbeda proċess ta' akkwisti ġdid f'konformità ma' dak li hu stabbilit taħt dawn ir-regolamenti.

Deċiżjoni tad-Direttur hi finali.

253. Id-deċiżjoni tad-Direttur rigward ir-rifjut ta' modifika hi finali u ma tistax tiġi kontestata mill-awtorità kontraenti f'qorti jew tribunal.

Modifiki illegali.

254. Kull modifika mwettqa kontra r-rifjut espress tad-Direttur titqies li hi msejsa fuq konsiderazzjoni illegali u l-kuntrattur ma jkollu l-ebda dritt għal kumpens fir-rigward ta' dik il-modifika sakemm ma jurix li ma kienx jaf bir-rifjut tad-Direttur.

Azzjoni biex jinġabru lura pagamenti.
Emendat: A.L. 212 tal-2023.

255. Fuq it-talba tad-Direttur, l-Avukat tal-Istat f'isem il-Gvern jista' jibda proċeduri ċivili f'qorti tal-ġustizzja biex jinġabru lura pagamenti li saru lil kuntrattur li kien *in mala fede* fir-rigward ta' modifiki li kienu ġew projbiti mid-Direttur. Azzjoni bħal din ma tkunx suġġetta għal ebda perijodu ta' preskrizzjoni.

Dmir fuq kuntratturi.

256. Kuntrattur għandu jieqaf milli jeżegwixxi modifika li teħtieġ l-approvazzjoni tad-Direttur sakemm l-awtorità kontraenti ma tagħtihx konferma bil-miktub tal-imsemmija approvazzjoni. Jekk il-kuntrattur iwettaq il-modifika xorta waħda, hu jitqies li jkun aġixxa *in mala fede* u għaldaqstant ma jkunx intitolat għal ebda kumpens fir-rigward ta' dik il-modifika, sakemm dik il-modifika ma kinitx approvata mid-Direttur jew meta l-awtorità kontraenti mxiet bil-modifika mingħajr ma kisbet l-approvazzjoni minn qabel tad-Direttur. Kull ħlas riċevut mill-kuntrattur f'dan ir-rigward jista' jiġi miġbur lura bl-istess mod kif previst fir-regolament 255.

Rata finanzjarja tal-modifika.

257. Meta japprova modifika, id-Direttur għandu jindika r-rata finanzjarja jew is-somma li għandha titħallas mill-awtorità kontraenti fir-rigward ta' dik il-modifika u l-limitu ta' żmien li fih dik il-modifika għandha tiġi eżegwita.

Tilwim rigward modifiki.

258. (1) Tilwim bejn l-awtorità kontraenti u l-kuntrattur dwar jekk biċċa xogħol partikolari tkun parti mill-kuntratt jew inkella tikkostitwixxix modifika għall-kuntratt oriġinali ma għandux

itawwal jew jissospendi l-kontinwazzjoni tal-kuntratt, iżda l-kuntrattur ikollu d-dritt li jisħaq l-pretensjoni tiegħu kontra l-awtorità kontraenti biex jirċievi ħlas addizzjonali għal dik il-biċċa xogħol jekk jirriżulta li din ma tagħmilx parti mill-kuntratt oriġinali.

(2) Dik l-azzjoni għal ħlas addizzjonali għandha tkun preskritta egħluq sentejn li jibdew jgħaddu mill-ġurnata meta l-kuntrattur jintebaħ jew seta' jintebaħ b'dik il-biċċa xogħol.

Żieda fil-prezzijiet.

259. Kuntrattur ma jistax jitlob ebda żieda tkun xi tkun fil-prezz ta' oġġetti li għandhom jintużaw f'kuntratt pubbliku jekk dan ma jkunx previst fid-dokument tal-akkwist.

Entitajiet elenkati fl-Iskeda 3 u awtoritajiet mniżżla fl-Iskeda 16.
Emendat: A.L.233 tal-2017; A.L. 56 tal-2021.

260. (1) Awtoritajiet kontraenti li jaqgħu taħt l-Iskeda 3 għandhom jiksbu l-approvazzjoni minn qabel tal-kap tal-awtorità kontraenti tagħhom, minflok dik tad-Direttur meta jwettqu modifika.

(2) Awtoritajiet kontraenti li jaqgħu taħt l-Iskeda 16 għandhom, safejn is-sejħa għall-offerti ġiet ippubblikata mid-Direttorat għall-Akkwist Settorjali, jiksbu l-approvazzjoni minn qabel ta', jew l-approvazzjoni preliminari minn, is-Segretarju Permanenti tagħhom, minflok dik tad-Direttur meta jwettqu modifika.

Terminazzjoni ta' Kuntratti

Terminazzjoni ta' kuntratti.
Emendat: A.L. 56 tal-2021.

261. (1) L-awtoritajiet kontraenti jistgħu *inter alia* jitterminaw kuntratt pubbliku matul it-terminu tiegħu, meta:

(*a*) il-kuntratt kien soġġett għal modifika sostanzjali, li kienet tkun teħtieġ proċedura ġdida ta' akkwist skont ir-regolament 246;

(*b*) il-kuntrattur kien, fil-ħin tal-għoti tal-kuntratt, f'waħda mis-sitwazzjonijiet imsemmija fir-regolament 192 u għalhekk kellu jiġi eskluż mill-proċedura ta' akkwist;

(*ċ*) il-kuntratt ma kellux jingħata lill-kuntrattur fid-dawl ta' ksur serju tal-obbligi skont it-Trattati u d-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist pubbliku u li tħassar id-Direttiva 2004/18/KE li ġie ddikjarat mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fi proċedura skont l-Artikolu 258 tat-TFUE;

(*d*) il-kuntrattur jonqos milli josserva xi obbligu li hu jkun daħal għalih.

(2) Jekk l-awtorità kontraenti ma għandhiex raġuni tajba għat-terminazzoni, hi għandha tħallas biss lill-kuntrattur għall-ispejjeż u xogħlijiet kollha tiegħu flimkien ma' somma li tiġi meqjusa mill-qorti, skont iċ-ċirkustanzi, iżda mhux iżjed mill-qligħ li l-kuntrattur seta' jagħmel mill-kuntratt.

(3) Jekk l-awtorità kontraenti għandha raġuni tajba għat-terminazzjoni, hi għandha tħallas lill-kuntrattur dik is-somma biss li ma tkunx iżjed mill-valur tal-ispejjez u x-xogħliijet tal-kuntrattur li attwalment huwa jagħti provi tagħhom.

(4) Kull ħlas magħmul bil-quddiem lill-kuntrattur qabel it-terminazzjoni tal-kuntratt għandu jiġi applikat għal somom dovuti skont is-subregolamenti (2) jew (3) u l-kuntrattur għandu jrodd luri kull ħlas żejjed li jirriżulta lill-awtorità kontraenti.

(5) Il-kuntratt jinħall minnufih malli l-awtorità kontraenti tinforma lill-kuntrattur, b'kull mezz li jkun, bid-deċiżjoni tagħha li tħoll il-kuntratt, u dan bla ħtieġa ta' aktar awtorità jew konferma mill-qorti jew bord.

(6) Awtoritajiet kontraenti li jaqgħu taħt l-Iskeda 16 għandhom, safejn is-sejħa għall-offerti ġiet ippubblikata mid-Direttorat għall-Akkwist Settorjali, jiksbu l-approvazzjoni tas-Segretarju Permanenti tagħhom qabel ma jitterminaw il-kuntratt.

(7) (*a*) Id-Direttur tal-Kuntratti għandu d-dritt ukoll li joħroġ deċiżjoni li biha jħassar kull kuntratt jew ftehim li seta' sar u ġie ffirmat ma' kuntrattur jekk jinstab illi l-għoti ta' dak il-kuntratt lil dak il-kuntrattur, ikun sar bi ksur ta' dawn ir-regolamenti jew inkella b'diskriminazzjoni bejn l-operaturi ekonomiċi.

(*b*) Id-deċiżjoni li twassal għat-tħassir tal-kuntratt skont dan is-subregolament għandha issir bil-miktub u jrid ikun fiha s-sejbiet u r-raġunijiet.

(*ċ*) Kopja ta' din id-deċiżjoni trid titwassal għand il-kuntrattur, li jkollu d-dritt li jikkontestha billi jressaq ilment quddiem il-Bord ta' Reviżjoni kif imfisser fir-regolament 283.

(*d*) Sakemm ikun għaddej iż-żmien sabiex jiġu ppreżentati lmenti quddiem il-Bord ta' Reviżjoni jew il-Qorti tal-Appell u sakemm idumu għaddejjin dawn il-proċeduri, id-deċiżjoni għat-tħassir tal-kuntratt tibqa' sospiża;

(*e*) Kuntrattur ma jkollu dritt għall-ebda kumpens għal telf attwali jew għal telf ta' qligħ f'każ li d-deċiżjoni tat-tħassir tal-kuntratt tiġi kkonfermata, għalkemm il-kuntrattur ikollu d-dritt li jirċievi l-kumpens li jistħoqqlu minħabba x-xogħol li huwa juri li jkun laħaq wettaq.

Taqsima IX
Rimedji

Rimedji qabel id-Data tal-Għeluq ta' Sejħa għal Kompetizzjoni

Rimedji qabel id-data tal-għeluq ta' sejħa għal kompetizzjoni. *Emendat: A.L. 301 tal-2019; A.L. 196 tal-2020.*

262. (1) Kandidati prospettivi u offerenti jistgħu, fl-ewwel żewġ terzi taż-żmien allokat fid-dokument tas-sejħa għat-tfigħ tal-offerti, jippreżentaw rikors b'raġunijiet quddiem il-Bord ta' Reviżjoni:

(*a*) sabiex iwarrbu jew jiżguraw li jitwarrbu deċiżjonijiet li jinkludu klawżoli li jkunu fid-dokument tal-akkwist u noti ta' kjarifika li jittieħu b'mod illegali f'dan l-istadju jew li dwarhom tingħata prova li jkun impossibbli li jitwettqu; jew

(*b*) biex jiddeterminaw kwistjonijiet li jirrigwardaw is-sottomissjoni ta' offerta permezz tal-pjattaforma tal-akkwist elettroniku tal-gvern; jew

(*ċ*) biex jitneħħew speċifikazzjonijiet tekniċi, ekonomiċi jew finanzjarji diskriminatorji li jkun hemm fis-sejħa għall-kompetizzjoni, fid-dokumenti tal-akkwist, f'noti ta' kjarifika jew f'xi dokument ieħor li jirriwarda l-proċedura dwar l-għoti ta' kuntratt; jew

(*d*) biex isewwu żbalji jew biex ineħħu ambigwitajiet ta' terminu jew klawżola partikolari mdaħħla f'sejħa għall-kompetizzjoni, fid-dokumenti tal-kuntratt, f'noti ta' kjarifika jew f'xi dokument ieħor li jirriwarda l-proċedura dwar l-għoti ta' kuntratt; jew

(*e*) biex jikkanċellaw is-sejħa għall-kompetizzjoni għar-raġuni li s-sejħa għall-kompetizzjoni tkun bi ksur ta' xi liġi jew x'aktarx tikser xi liġi partikolari jekk titkompla.

(2) Ir-rikors għandu jkun validu biss jekk ikollu miegħu depożitu ekwivalenti għal żero punt ħamsa fil-mija (0.50%) tal-valur stmat iffissat mill-awtorità kontraenti tal-offerta sħiħa jew jekk l-offerta hi maqsuma f'lottijiet skont il-valur stmat tal-offerta ffissat mill-awtorità kontraenti għal kull lott li jrid jiġi sottomess mill-offerent, dment li f'ebda każ ma għandu d-depożitu jkun iżjed minn ħamsin elf euro (€50,000) li jista' jintradd lura kif il-Bord ta' Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi jista' jiddeċiedi fid-deċiżjoni tiegħu.

Pubblikazzjoni tar-rkors.

263. (1) Ir-rikors ta' min jagħmel l-ilment għandu jitwaħħal fuq in-*notice board* tal-Bord ta' Reviżjoni u għandu wkoll jiġi ppubblikat fuq il-*website* tal-istess bord.

(2) Il-Bord ta' Reviżjoni għandu jinnotifika lill-awtorità kontraenti u, jew lid-Direttur dwar din it-talba.

(3) Il-kandidati prospettivi jew offerenti għandhom jidħlu fil-*website* tal-Bord ta' Reviżjoni u jżommu ruħhom infurmati dwar l-aħħar informazzjoni ppubblikata *online*.

Risposta għar-rikors.

264. L-awtorità kontraenti u kull parti interessata tista', fi żmien ħamest ijiem mid-data ta' meta r-rikors jiġi ppubblikat fuq il-*website* tal-Bord ta' Reviżjoni, tippreżenta risposta bil-miktub. Dawn ir-risposti għandhom jitwaħħlu fuq in-*notice board* tal-Bord ta' Reviżjoni u ppubblikati *online*.

Deċiżjoni mill-Bord ta' Reviżjoni.

265. Il-Bord ta' Reviżjoni għandu jiddeċiedi dwar ir-rikors b'urġenza wara li jisma' l-partijiet, dment li ma tiġix iffissata aktar minn seduta waħda għal dan il-għan. Id-deċiżjoni finali tal-Bord ta' Reviżjoni tista' tiġi appellata mill-parti li tħoss ruħha aggravata quddiem il-Qorti tal-Appell kif previst fir-regolamenti 284, 285, 286, 288 u 290.

Sospensjoni tal-proċess.

266. Sakemm tingħata d-deċiżjoni tal-Bord ta' Reviżjoni l-proċess tas-sejħa għall-offerti għandu jiġi sospiż.

Limitu ta' żmien ġdid għas-sottomissjoni ta' offerti.

267. Fid-deċiżjoni finali tiegħu l-Bord ta' Reviżjoni għandu dejjem jistabbilixxi limitu ta' żmien ġdid għas-sottomissjoni ta' offerti.

Implimentazzjoni.

268. L-awtorità kontraenti għandha tosserva d-deċiżjoni tal-

Bord ta' Reviżjoni fl-inqas ħin possibbli u meta l-awtorità kontraenti tonqos milli timplimenta d-deċiżjoni tal-Bord ta' Reviżjoni dan tal-aħħar jista' jirrapporta l-kwistjoni lill-Ministru responsabbli għal dik l-awtorità kontraenti.

269. *Imħassar bl-Avviż Legali 196 tal-2020.*

Imposti għal dan it-tip ta' rikors.

Appelli minn Deċiżjonijiet li jkunu ttieħdu wara d-Data tal-Għeluq għas-Sottomissjoni ta' Offerta

270. Fejn il-valur stmat ta' kuntratt pubbliku jilħaq jew jeċċedi ħamest elef euro (€5,000) kull offerent jew kandidat konċernat, jew kull persuna li għandha jew li kellha xi interess jew li sofriet dannu jew tirriskja li ssofri dannu b'xi allegat ksur jew b'xi deċiżjoni meħuda inkluż l-għoti propost fil-kisba ta' kuntratt, rifjut ta' offerta jew il-kanċellament ta' sejħa għal offerti wara li jiskadi l-perijodu tal-pubblikazzjoni, tista' tappella permezz ta' oġġezzjoni quddiem il-Bord ta' Reviżjoni, liema oġġezzjoni għandu jkun fiha r-raġunijiet għall-ilmenti tagħhom b'mod l-aktar ċar.

Appelli minn deċiżjonijiet meħuda wara d-data tal-għeluq għas-sottomissjoni ta' offerta.

271. L-oġġezzjoni għandha tiġi preżentata fi żmien għaxart ijiem kurrenti wara d-data li fiha l-awtorità responsabbli għat-tmexxija tas-sejħa tkunu, permezz ta' *fax* jew mezzi elettroniċi oħra, bagħtet id-deċiżjoni tal-għoti propost jew ir-rifjut ta' offerta jew il-kanċellament ta' sejħa għall-offerti wara li jagħlaq il-perijodu tal-pubblikazzjoni.

Preżentata tar-rikors.

272. Il-komunikazzjoni lil kull offerent jew kandidat konċernat tal-għoti propost jew tal-kanċellament tas-sejħa għall-offerti għandu jkun fiha sommarju tar-raġunijiet rilevanti li jirrigwardaw ir-rifjut tal-offerta kif imfisser fir-regolament 242 jew ir-raġunijiet li għalihom is-sejħa għall-offerti qed tiġi kanċellata wara li jagħlaq il-perijodu tal-pubblikazzjoni, u permezz ta' dikjarazzjoni preċiża dwar il-perijodu eżatt ta' waqfien.

Komunikazzjoni lill-offerent jew lill-kandidat.

273. L-oġġezzjoni tkun valida biss jekk ikollha magħha depożitu ekwivalenti għal 0.50 fil-mija tal-valur stmat iffissat mill-awtorità kontraenti tal-offerta sħiħa jew jekk l-offerta hi maqsuma f'lottijiet skont il-valur stmat tal-offerta ffissat mill-awtorità kontraenti għal kull lott li jrid jiġi sottomess mill-offerent, dment li f'ebda każ ma għandu d-depożitu jkun inqas minn erba' mitt euro (€400) jew iżjed minn ħamsin elf euro (€50,000) li jista' jintradd lura kif il-Bord ta' Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi jista' jiddeċiedi fid-deċiżjoni tiegħu.

Depożitu.

274. Is-Segretarju tal-Bord ta' Reviżjoni għandu minnufih jinnotifika lid-Direttur, lid-Direttorat għall-Akkwist Settorjali u, jew lill-awtorità kontraenti, kif ikun il-każ, li tkun ġiet preżentata oġġezzjoni taħt l-awtorità tagħhom u li għalhekk il-proċedura dwar l-għoti għandha tiġi minnufih sospiża.

Notifika lid-Direttur, lill-Unità Ministerjali għall-Akkwist u lill-awtorità kontraenti.
Emendat: A.L. 56 tal-2021.

275. Id-Dipartiment tal-Kuntratti, id-Direttorat għall-Akkwist Settorjali jew l-awtorità kontraenti involuta, kif ikun il-każ, ma jkunux jistgħu jikkonkludu l-kuntratt waqt perijodu ta' għaxart ijiem kurrenti stabbilit għas-sottomissjoni ta' appelli. Il-proċess

Sospensjoni tal-proċess.
Emendat: A.L. 56 tal-2021.

tal-għoti għandu jiġi kompletament sospiż jekk eventwalment jiġi preżentat appell.

Proċedura tal-appell. *Emendat: A.L. 56 tal-2021.*

276. Il-proċedura li għandha tiġi segwita fis-sottomissjoni u determinazzjoni ta' appelli kif ukoll il-kondizzjonijiet li taħthom jistgħu jiġu preżentati appelli jkunu dawn li ġejjin:

(*a*) kull deċiżjoni tal-Kumitat Ġenerali tal-Kuntratti, id-Direttorat għall-Akkwist Settorjali jew il-Kumitat Speċjali tal-Kuntratti jew tal-awtorità kontraenti għandha tkun pubblika permezz tat-twaħħil tagħha fuq in-*notice board* tad-Dipartiment tal-Kuntratti, l-Unità Ministerjali għall-Akkwist jew tal-uffiċċju tal-awtorità kontraenti, kif ikun il-każ, jew billi tiġi pubblikata fuq il-pjattaforma tal-akkwist elettroniku tal-gvern qabel l-għoti tal-kuntratt;

(*b*) l-appell ta' min jagħmel l-ilment jitwaħħal ukoll fuq in-*notice board* tal-Bord ta' Reviżjoni u għandu jintbagħat permezz ta' *fax* jew permezz ta' mezzi elettroniċi oħra lill-offerenti parteċipanti kollha;

(*ċ*) l-awtorità kontraenti u kull parti interessata tista', fi żmien għaxart ijiem kurrenti mill-ġurnata li fiha l-appell jitwaħħal fuq in-*notice board* tal-Bord ta' Reviżjoni u ppubblikata, meta jkun applikabbli, fuq il-pjattaforma tal-akkwist elettroniku tal-gvern, jistgħu jippreżentaw risposta bil-miktub għall-appell. Dawn ir-risposti wkoll għandhom jitwaħħlu fuq in-*notice board* tal-Bord ta' Reviżjoni u fejn ikun applikabbli għandhom ukoll jiġu ppubblikati fuq il-pjattaforma tal-akkwist elettroniku tal-gvern;

(*d*) l-awtorità responsabbli għat-tmexxija tas-sejħa għandha fi żmien għaxart ijiem tibgħat liċ-*chairman* tal-Bord ta' Reviżjoni d-dokumentazzjoni kollha li għandha x'taqsam mas-sejħa għall-offerti inkwistjoni inkluži fajls u offerti sottomessi;

(*e*) is-Segretarju tal-Bord ta' Reviżjoni għandu jinforma lill-parteċipanti kollha tas-sejħa għall-offerti, lid-Dipartiment tal-Kuntratti jew id-Direttorat għall-Akkwist Settorjali u lill-awtorità kontraenti dwar id-data jew dati, kif ikun il-każ, meta l-appell ser jinstema';

(*f*) Meta jintemm is-smigħ verbali, il-Bord ta' Reviżjoni, jekk ma jagħtix id-deċiżjoni fl-istess jum, għandu jħalli d-deċiżjoni għall-aktar data bikrija possibbli għal dak il-għan, iżda mhux aktar tard minn sitt ġimgħat mid-data tas-smigħ verbali:

Iżda għal raġunijiet serji u ġustifikati espressi bil-miktub permezz ta' ordni notifikat lill-partijiet kollha, il-Bord ta' Reviżjoni jista' jmexxi s-sentenza għal perijodu aktar tard;

(*g*) is-Segretarju tal-Bord ta' Reviżjoni għandu jżomm verbal tar-raġunijiet ta' kull aġġornament u ta' kull

ħaġa li ssir f'kull seduta;

(*h*) wara li jagħrbel l-evidenza kollha u wara li jikkunsidra s-sottomissjonijiet kollha mressqa mill-partijiet, il-Bord ta' Reviżjoni għandu jiddeċiedi dwar jekk għandux jilqa' jew jiċħad l-appell jew anke li jħassar is-sejħa jekk hekk ikun jidhirlu li jkun l-aħjar fiċ-ċirkostanzi tal-każ.

Ineffettività ta' Kuntratt

Ineffettività ta' kuntratt.

277. (1) Parti interessata jew offerent jistgħu jippreżentaw rikors quddiem il-Bord ta' Reviżjoni biex jiġi dikjarat li kuntratt b'valur stmat li jilħaq jew jeċċedi l-limitu stabbilit taħt l-Iskeda 5 hu ineffettiv.

(2) Parti interessata tista' titlob il-Bord ta' Reviżjoni biex jiddikjara kuntratt iffirmat ineffettiv biss jekk l-awtorità responsabbli għat-tmexxija tas-sejħa jew l-awtorità kontraenti tkun wettqet l-għoti tal-kuntratt mingħajr pubblikazzjoni minn qabel ta' avviż ta' kuntratt fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea bla ma dan kien konformi mad-Direttiva 2014/23/UE, id-Direttiva 2014/24/UE u d-Direttiva 2014/25/UE.

(3) Kull offerent jista' ukoll jitlob lill-Bord ta' Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi biex jiddikjara kuntratt ineffettiv fiż-żewġ każijiet li ġejjin:

(*a*) meta, minkejja li jiġi ppreżentat appell quddiem il-Bord ta' Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi, l-awtorità responsabbli għat-tmexxija tas-sejħa jew l-awtorità kontraenti jikkonkludu kuntratt qabel ma tingħata deċiżjoni finali mill-Bord ta' Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi; jew

(*b*) meta l-kuntratt jiġi konkluż mill-awtorità responsabbli għat-tmexxija tas-sejħa jew mill-awtorità kontraenti qabel ma jiskadi l-perjodu għall-preżentata ta' appell kif previst fir-regolament 271.

(4) Id-dispożizzjonijiet tas-subregolament (2) mgħandhomx japplikaw fejn:

(*a*) l-awtorità responsabbli għat-tmexxija tas-sejħa jew l-awtorità kontraenti tikkunsidra li l-għoti ta' kuntratt mingħajr pubblikazzjoni minn qabel ta' avviż ta' kuntratt fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jista' jsir b'konformità mad-Direttiva 2014/24/UE u d-Direttiva 2014/25/UE;

(*b*) l-awtorità responsabbli għat-tmexxija tas-sejħa jew l-awtorità kontraenti tkun ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea avviż kif imfisser fl-Artikolu 3a tad-Direttiva 89/665 jew fl-Artikolu 3a tad-Direttiva 92/13 li fih tesprimi l-intenzjoni tagħha li tikkonkludi l-kuntratt, u;

(*ċ*) il-kuntratt ma ġiex konkluż qabel ma skada l-perijodu ta' mill-anqas għaxart ijiem korrenti b'effett mill-ġurnata wara d-data tal-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż.

(5) Parti interessata jew offerent ma jistgħux imorru quddiem qorti jew tribunal sabiex jattakkaw l-għoti jew nuqqas ta' għoti ta' sejħa għall-offerti proċessata skont dawn ir-regolamenti u lanqas jitolbu li jitħallsu għad-danni, jekk huma ma jkunux l-ewwel inqdew bir-rimedji kollha mogħtija taħt dawn ir-regolamenti.

Talba għal kumpens.

278. Minbarra d-dikjarazzjoni għal ineffettività ta' kuntratt irrikorrent jista' jitlob lill-Bord ta' Reviżjoni biex jillikwida u jordna lill-l-awtorità responsabbli għat-tmexxija tas-sejħa u lill-awtorità kontraenti biex tikkumpensah għal danni attwali li jkun ġarrab.

Notifika.

279. Ir-rikors għandu jiġi notifikat lill-awtorità responsabbli għat-tmexxija tas-sejħa, lill-awtorità kontraenti u lill-firmatarji kollha tal-kuntratt li qed jintalab li jiġi dikjarat ineffettiv, li jkollhom għoxrin jum biex jippreżentaw risposta.

Deċiżjoni tal-Bord ta' Reviżjoni.

280. (1) Jekk il-Bord ta' Reviżjoni jiddikjara li kuntratt hu ineffettiv, hu għandu jimponi penalitajiet fuq l-awtorità responsabbli għat-tmexxija tas-sejħa u lill-awtorità kontraenti wara li jqis fid-deċiżjoni tiegħu l-fatturi rilevanti kollha, inkluża l-gravità tal-ksur u l-imġiba ta' dawk l-awtoritajiet.

(2) Il-Bord ta' Reviżjoni ma jistax jiddikjara kuntratt bħala ineffettiv, minkejja l-fatt li jkun ġie mogħti illegalment, għarraġunijiet imsemmija fir-regolament 277, jekk il-Bord ta' Reviżjoni jikkonkludi, wara li jeżamina l-aspetti kollha rilevanti, li r-raġunijiet aktar importanti li jirrigwardaw interess ġenerali jeħtieġu li l-effetti tal-kuntratt għandhom jinżammu fis-seħħ.

Penalitajiet.

281. Il-penalitajiet imposti mill-Bord ta' Reviżjoni huma:

(*a*) l-impożizzjoni ta' multi fuq l-awtorità responsabbli għat-tmexxija tas-sejħa u l-awtorità kontraenti, kif ikun il-każ, fl-ammont ta' ħmistax fil-mija tal-valur tal-offerta iżda li ma jeċċedix ħamsin elf euro (€50,000); jew

(*b*) it-tqassir tal-perijodu tal-kuntratt:

Iżda l-għoti ta' danni previst fir-regolament 278 ma għandux jitqies bħala alternattiva ta' penali xierqa għall-finijiet ta' dan ir-regolament.

Ammissibilità ta' rikorsi.

282. Rikorsi għall-ineffettività ta' kuntratt għall-finijiet ta' dan ir-regolament għandhom jitqiesu ammissibbli jekk isiru:

(*a*) qabel ma jgħaddu mill-anqas tletin jum kalendarji b'effett mill-ġurnata wara d-data li fiha:

(i) l-awtorità responsabbli għat-tmexxija tas-sejħa jew l-awtorità kontraenti ppubblikat avviż dwar l-għoti tal-kuntratt, hekk iżda li dan l-avviż ikun fih ġustifikazzjoni għad-deċiżjoni li jingħata l-kuntratt mingħajr pubblikazzjoni minn qabel ta' avviż ta' kuntratt fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea; jew

(ii) l-awtorità responsabbli għat-tmexxija tas-sejħa jew l-awtorità kontraenti infurmat lill-offerenti u

kandidati kkonċernati dwar l-iffirmar tal-kuntratt; u

(*b*) f'kull każ ieħor qabel ma jiskadi perijodu ta' għall-inqas sitt xhur b'effett mill-ġurnata wara d-data li fiha ġie ffirmat il-kuntratt.

Appell minn deċiżjoni li jitħassar kuntratt.

283. (1) Meta d-Direttur joħroġ deċiżjoni li biha jħassar kuntratt jew ftehim skont ir-regolament 261(7) huwa għandu jara li jwassal din id-deċiżjoni lill-kuntrattur milqut b'dak it-tħassir. Il-kuntrattur jkollu għaxart ijiem min-notifika ta' din id-deċiżjoni sabiex iressaq l-oġġezzjoni motivata tiegħu quddiem il-Bord ta' Reviżjoni.

(2) Din l-oġġezzjoni tkun valida biss jekk ikollha magħha depożitu ta' erba' mitt euro (€400), liema depożitu jista' jintilef jew jintradd lura kollu jew parzjalment skont kif jiddeċiedi l-Bord ta' Reviżjoni fid-deċiżjoni tiegħu.

(3) Is-Segretarju tal-Bord ta' Reviżjoni għandu minnufih jgħarraf lid-Direttur, li tkun ġiet preżentata oġġezzjoni taħt l-awtorità tagħhom u li għalhekk d-deċiżjoni li biha jkun tħassar il-kuntratt tkun minnufih sospiża.

(4) L-oġġezzjoni hekk ippreżentata għandha tiġi mwaħħla fuq in-*notice board* tal-Bord ta' Reviżjoni.

(5) Id-Direttur jkollu l-jedd li jressaq risposta bil-miktub għall-oġġezzjoni fi żmien għaxart ijiem mid-data li jirċievi kopja tal-oġġezzjoni, liema risposta wkoll għandha titwaħħal fuq in-*notice board* tal-Bord ta' Reviżjoni.

(6) Is-Segretarju tal-Bord ta' Reviżjoni għandu jgħarraf lill-partijiet interessati dwar id-data jew dati, kif ikun il-każ, meta l-oġġezzjoni ser tinstema'.

(7) Meta jintemm is-smigħ verbali, il-Bord ta' Reviżjoni, jekk ma jagħtix id-deċiżjoni fl-istess jum, għandu jħalli d-deċiżjoni għall-aktar data bikrija possibbli għal dak il-għan, iżda mhux aktar tard minn sitt ġimgħat mid-data tas-smigħ verbali:

Iżda għal raġunijiet serji u ġustifikati espressi bil-miktub permezz ta' ordni notifikat lill-partijiet kollha, il-Bord ta' Reviżjoni jista' jmexxi s-sentenza għal perijodu aktar tard.

(8) Is-Segretarju tal-Bord ta' Reviżjoni għandu jżomm verbal tar-raġunijiet ta' kull aġġornament u ta' kull ħaġa li ssir f'kull seduta.

(9) Wara li jagħrbel l-evidenza kollha u wara li jqis is-sottomissjonijiet kollha mressqa mill-partijiet, il-Bord ta' Reviżjoni għandu jiddeċiedi dwar jekk għandux jilqa' jew jiċħad l-oġġezzjoni kontra t-tħassir tal-kuntratt.

(10) Kull deċiżjoni meħuda skont dan ir-regolament hija suġġetta għal appell quddiem il-Qorti tal-Appell skont it-termini u obbligi stabbiliti f'dawn ir-regolamenti.

Qorti tal-Appell

Appell lill-Qorti tal-Appell.

Kap. 12.

284. Kull parti li tħoss ruħha aggravata minn deċiżjoni meħuda mill-Bord ta' Reviżjoni tista' tappella quddiem il-Qorti tal-Appell kif kostitwita skont l-artikolu 41(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili permezz ta' rikors ippreżentat fir-reġistru ta' dik il-qorti fi żmien għoxrin jum kurrenti mid-data li fiha d-deċiżjoni ssir pubblika.

Partijiet fl-appell.

285. Ir-rikors tal-appell għandu jkun indirizzat kontra l-awtorità responsabbli għat-tmexxija tas-sejħa, l-awtorità kontraenti, l-offerent rakkomandat, jekk ikun hemm, u kull parti oħra involuta fil-proċeduri quddiem il-Bord ta' Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi, li jistgħu jippreżentaw risposta bil-miktub fi żmien għoxrin jum mid-data tan-notifika:

Iżda jekk l-appellant jonqos milli jipprova jinnotifika r-rikors tal-appell lill-partijiet kollha fuq imsemmija fi żmien ġimgħatejn mill-preżentata tal-appell, il-Qorti, wara li tisma waqt l-ewwel seduta tal-appell ir-raġunijiet li għalihom ma tkunx saret in-notifika, tista' tiddikjara permezz ta' digriet mogħti fil-miftuħ li l-appell hu dežert bl-ispejjeż jitħallsu mill-applellant.

Smigħ.
Emendat: A.L. 360 tal-2022.

286. (1) Il-Qorti tal-Appell għandha tqiegħed il-kawża għas-smigħ f'data mill-aktar kmieni, u f'ebda każ aktar tard minn xahrejn mid-data li fiha l-appell jinġieb quddiemha u għandha tara li avviż ta' dik id-data jingħata lill-partijiet fil-kawża, li, min-naħa tagħhom, għandhom jassumu r-responsabbiltà li jżuru r-reġistru tal-qorti u jsiru jafu l-aħħar tagħrif dwar id-data għas-smigħ tal-każ.

(2) Wara li tappunta r-rikors għas-smigħ, u wara li tkun semgħet is-sottomissjonijiet bil-fomm magħmulin mill-partijiet kollha, il-Qorti għandha tiddeċiedi r-rikors fuq il-merti tiegħu, fl-inqas żmien possibbli iżda mhux aktar tard minn erba' xhur mill-ġurnata li ġie ppreżentat l-appell u l-partijiet ġew debitament notifikati. Sakemm id-deċiżjoni tal-Qorti tibqa' pendenti, il-proċess tas-sejħa għal offerti għandu jiġi sospiż.

(3) Fid-deċiżjoni tagħha l-Qorti għandha s-setgħa li tħassar il-proċess tas-sejħa jekk hija jidhirilha li din tkun l-aqwa soluzzjoni fiċ-ċirkostanzi tal-każ, b'dana li l-ebda parti ma jkollha jedd li titlob għad-danni minħabba tali deċiżjoni li tiġi mħassra s-sejħa.

(4) Il-Qorti tal-Appell għandu jkollha s-setgħa illi tordna li n-notifika ta' kwalunkwe att ġudizzjarju ssir permezz ta' posta elettronika. F'dak il-każ, id-data tan-notifika għandha tkun l-istess data ta' meta l-posta elettronika tkun intbagħtet.

Appell mid-Direttur jew mill-awtorità kontraenti.

287. Id-Dipartiment tal-Kuntratti u l-awtorità kontraenti jistgħu biss jirreferu kwistjoni quddiem il-Qorti tal-Appell fir-rigward ta' deċiżjoni meħuda mill-Bord ta' Reviżjoni li jkollha x'taqsam mal-ineffettività ta' kuntratt jew mal-għoti ta' danni.

Rikorsi frivoli u vessatorji.

288. Jekk, waqt is-smigħ tal-appell, il-Qorti jidhrilha li r-rikors hu fieragħ u vessatorju, il-Qorti tista' timponi fuq il-parti hekk ħatja penali, li għandha titħallas lill-awtorità kontraenti, ta' bejn elf euro (€1,000) u ħamest elef euro (€5,000).

Limiti ta' żmien estiżi.
L.S. 12.09

289. (1) Il-ferjat tal-Qrati msemmija fir-Regoli dwar il-Prattika u l-Proċeduri tal-Qrati u l-Bon Ordni m'għandhomx iżommu milli jinstemgħu fiż-żmien tal-ferjat appelli mressqa taħt dawn ir-regolamenti.

(2) F'kull żmien, il-Qorti tista', għal raġunijiet serji u neċessarji, permezz ta' digriet testendi għal perijodu raġonevoli ż-żminijiet li huma imposti fuqha skont dawn ir-regolamenti.

Smigħ mill-ġdid.

290. L-ebda rikors għar-ritrattazzjoni minn deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell ma jista' jsir jekk, wara li tkun ingħatat id-deċiżjoni finali, il-kuntratt pubbliku jkun laħaq ġie ffirmat bejn l-awtorità kontraenti u l-offerent rakkomandat u ma tkun saret l-ebda talba għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni.

Emendata:
A.L. 155 tal-2017;
A.L. 233 tal-2017;
A.L. 26 tal-2018;
A.L. 263 tal-2018;
XXVIII.2018.43;
A.L. 413 tal-2020.
Sostitwita:
A.L. 56 tal-2021.
Emendata:
XVII.2024.32;
A.L. 112 tal-2024;
A.L. 110 tal-2025.

Skeda 1
Lista ta' Awtoritajiet Kontraenti

- Uffiċċju tal-Prim Ministru/Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti/Dipartiment responsabbli għas-Servizzi Korporattivi
- Ministeru għas-Saħħa/Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti/ Dipartiment responsabbli għas-Servizzi Korporattivi
- Ministeru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej/Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti/Dipartiment responsabbli għasServizzi Korporattivi
- Ministeru għall-Anzjani u L-Anzjanità Attiva/Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti/ Dipartiment responsabbli għas-Servizzi Korporattivi
- Ministeru għar-Riċerka, l-Innovazzjoni u l-Kordinazzjoni tal-Istrateġija Wara Covid-19/Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti/Dipartiment responsabbli għas-Servizzi Korporattivi
- Ministeru għall-Inklużjoni u L-Kwalità tal-Ħajja/ Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti/Dipartiment responsabbli għas-Servizzi Korporattivi
- Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali/Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti/Dipartiment responsabbli għas-Servizzi Korporattivi
- Ministeru fi Ħdan l-Uffiċċju tal-Prim Ministru/Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti/Dipartiment responsabbli għas-Servizzi Korporattivi
- Ministeru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali/Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti/Dipartiment responsabbli għas-Servizzi Korporattivi
- Ministeru għas-Solidarjetà u l-Ġustizzja Soċjali, il-Familja u d-Drittijiet tat-Tfal/Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti/Dipartiment responsabbli għas-Servizzi Korporattivi
- Ministeru għall-Ġustizzja, l-Ugwaljanza u l-Governanza/ Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti/Dipartiment responsabbli għas-Servizzi Korporattivi
- Ministeru għall-Agrikoltura, Sajd u Drittijiet tal-Annimali/ Uffiċċju tas-

Segretarju Permanenti/Dipartiment responsabbli għas-Servizzi Korporattivi

- Ministeru għall-Akkomodazzjoni Soċjali/Uffiċċju tasSegretarju Permanenti/Dipartiment responsabbli għas-Servizzi Korporattivi

  Ministeru għall-Edukazzjoni/Uffiċċju tasSegretarju Permanenti/ Dipartiment responsabbli għas-Servizzi Korporattivi

- Ministeru għall-Ekonomija u l-Industrija/ Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti/Dipartiment responsabbli għas-Servizzi Korporattivi

- Ministeru għall-Ambjent, it-Tibdil fil-Klima u l-Ippjanar/ Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti/Dipartiment responsabbli għas-Servizzi Korporattivi

- Ministeru għal Għawdex/Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti/Dipartiment responsabbli għas-Servizzi Korporattivi

- Ministeru għall-Intern, is-Sigurtà Nazzjonali u l-Infurzar tal-Liġi/ Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti/Dipartiment responsabbli għas-Servizzi Korporattivi

- Ministeru għat-Turiżmu u Protezzjoni tal-Konsumatur/ Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti/Dipartiment responsabbli għas-Servizzi Korporattivi

- Ministeru għall-Enerġija, l-Intrapriża, u l-Iżvilupp Sostenibbli/ Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti/Dipartiment responsabbli għas-Servizzi Korporattivi

- Ministeru għall-Finanzi u x-Xogħol/Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti/ Dipartiment responsabbli għas-Servizzi Korporattivi

- Aġenzija Appoġġ

- Aġenzija dwar il-Fond għall-Iżvilupp Nazzjonali u Soċjali

- Aġenzija dwar is-Servizzi tal-Qrati

- Aġenzija dwar Visa u Residenza f'Malta

- Aġenzija Festivals Malta

- Aġenzija għal Ħarsien ta' Persuni li jkunu qed ifittxu Asil

- Aġenzija għall-Enerġija u l-Ilma

- Aġenzija għall-Irkupru tar-Riżorsi u Riċiklaġġ

- Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali

- Aġenzija għar-Reġistrazzjoni tal-Artijiet

- Aġenzija għas-Servizzi Korrettivi
- Aġenzija għas-Sistema ta' Infurzar Lokali
- Aġenzija Identità Malta
- Aġenzija Komunità Malta
- Aġenzija Kulturali għall-Belt Valletta
- Aġenzija Malta-EU Steering and Action Committee
- Aġenzija Malta Food
- Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu
- Aġenzija Sapport
- Aġenzija Servizz.gov
- Aġenzija ta' Programmi tal-Unjoni Ewropea
- Aġenzija taċ-Ċentru Nazzjonali għal Aerospace
- Aġenzija tal-Bini u tal-Kostruzzjoni
- Aġenzija tal-Għajnuna Legali
- Aġenzija tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni ta' Malta
- Aġenzija Żgħażagħ
- Akkademja tal-Mediterran għal Studji Diplomatiċi
- Arkivji Nazzjonali
- Automated Revenue Management Services Ltd.
- Avukat Ġenerali
- Avukat tal-Istat
- Awtorità dwar il-Mediċini
- Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi
- Awtorità għall-Protezzjoni ta' Embrijuni
- Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol
- Awtorità għat-Trasport f'Malta
- Awtorità Maltija dwar il-Logħob

- Awtorità Nazzjonali dwar l-Impjiegi
- Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni
- Awtorità ta' Malta dwar it-Turiżmu
- Awtorità ta' Malta dwar l-Istatistika
- Awtorità ta' Malta dwar Servizzi Finanzjarji
- Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur
- Awtorità ta' Standards ta' Ħarsien Soċjali
- Awtorità tad-Djar
- Awtorità tal-Artijiet
- Awtorità tal-Innovazzjoni Diġitali ta' Malta
- Awtorità tal-Ippjanar
- Awtorità tax-Xandir
- Bank Ċentrali ta' Malta
- Bank Malti ta' Żvilupp
- Biċċerja Pubblika
- Bord li Jirregola l-Bini
- Bord ta' Reviżjoni dwar il-Kuntratti Pubbliċi
- Bord tal-Benneja
- Bord tal-Immaniġġjar u l-Amministrazzjoni tal-Uffiċċju tal-Arbitru għas-Servizzi Finanzjarji
- Bord tal-Koperattivi
- Borża ta' Malta
- Bureau dwar l-Investigazzjoni ta' Inċidenti tal-Ajru
- Casma Ltd
- Ċentru Mediterran għal Konferenzi
- Ċentru ta' Malta dwar Arbitraġġ
- Ċentru ta' Malta dwar il-Medjazzjoni
- Conventions Malta

- Dipartiment dwar is-Sigurtà Soċjali
- Dipartiment għall-Affarijiet Rurali
- Dipartiment għall-Gvern Lokali
- Dipartiment għat-Trattament Xieraq tal-Annimali
- Dipartiment responsabbli mill-Blata Kontinentali
- Dipartiment tad-Dwana
- Dipartiment tal-Anzjanità Attiva u Servizzi fil-Komunità
- Dipartiment tal-Ġustizzja
- Dipartiment tal-Indafa u Manutenzjoni
- Dipartiment tal-Informazzjoni
- Dipartiment tal-Kummerċ
- Dipartiment tal-Kuntratti
- Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili
- Dipartiment tal-Pulizija
- Dipartiment tas-Sajd u Akwakultura
- Dipartiment tat-Teżor
- Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi
- Direttorat dwar ir-Restawr
- Direttorat dwar Proġetti u Żvilupp (Għawdex)
- Direttorat għad-Drittijiet tal-Bniedem
- Direttorat għall-Affarijiet Rurali (Għawdex)
- Direttorat għall-Akkwist Settorjali
- Direttorat għall-Awditjar Intern u Investigazzjonijiet
- Direttorat għall-Iżvilupp Reġjonali EkoGħawdex
- Direttorat għall-Osservanza ta' Benefiċċji
- Direttorat għal-protezzjoni tal-pjanti
- Direttorat għas-Servizzi (Għawdex)

- Direttorat għat-Trattament Xieraq tal-Annimali
- Direttorat għat-Turiżmu u l-Iżvilupp Ekonomiku
- Diviżjoni għas-Support tad-dħul u Osservanza
- Diviżjoni ta' Strateġija u Servizzi ta' Sapport
- Diviżjoni tal-Fondi u l-Programmi
- Diviżjoni tal-Ippjanar u l-Koordinazzjoni tal-Prijoritajiet
- Diviżjoni tal-Operat (Għawdex)
- Engineering Resources Ltd.
- Esplora
- EuroMedITI Ltd
- Eżamijiet
- Film Finance Malta Ltd
- Finance Malta
- Fondazzjoni Ċentru għal Kreattività
- Fondazzjoni Education Malta
- Fondazzjoni eSkills Malta
- Fondazzjoni GamingMalta
- Fondazzjoni għac-Ċelebrazzjonijiet Nazzjonali Maltin
- Fondazzjoni għas-Servizzi fil-Welfare Soċjali
- Fondazzjoni għall-Aċċessibbiltà tal-ICT
- Fondazzjoni għall-Iskejjel ta' Għada
- Fondazzjoni għall-Iżvilupp taż-Żoni Turistiċi
- Fondazzjoni għal-Logħob Responsabbli
- Fondazzjoni għan-Negozju fid-Distrett Ċentrali
- Fondazzjoni għas-Servizzi Edukattivi
- Fondazzjoni għas-Servizzi Mediċi
- Fondazzjoni Kottonera

- Fondazzjoni Patrimonju Malti
- Fondazzjoni Property Malta
- Fondazzjoni Start-up Malta
- Forzi Armati ta' Malta
- Gozo Channel (Holdings) Ltd
- Gozo Channel (Operations) Ltd.
- Gozo Fibre Optic Cable Co Ltd
- Gozo Heliport Limited
- Grand Harbour Regeneration Corporation p.l.c.
- Heritage Malta
- Housing Maintenance and Embellishment Co Ltd
- Il-Fondazzjoni Maltija għall-Benesseri tas-Soċjetà
- INDIS Malta Ltd
- Infrastruttura Malta
- International Energy Service Centre
- International Engineering Services Ltd
- Intrapriża Malta
- IP Holding
- Istitut dwar Studji Turistiċi
- Istitut għall-Edukazzjoni
- Istitut għas-Servizzi Pubbliċi
- Jobs Plus
- Junior College
- Kordin Grain Terminal
- Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja
- Kulleġġ ta' Malta tal-Arti, Xjenza u Teknoloġija
- Kumitat ta' Kordinament Nazzjonali biex jiġi Miġġieled *Money Laundering* u Finanzjar tat-Terroriżmu

- Kumitat tal-Welfare
- Kummissarju għall-Protezzjoni tal-Informazzjoni u d-Data
- Kummissarju għar-Rifuġjati
- Kummissarju tat-Taxxi
- Kummissjoni dwar il-Vjolenza abbażi tal-Ġeneru u Vjolenza Domestika
- Kummissjoni Ċinematografika ta' Malta
- Kummissjoni għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità
- Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku
- Kummissjoni Nazzjonali għal Anzjanità Attiva
- Kummissjoni Nazzjonali għal Edukazzjoni Ogħla
- Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni ta' Ugwaljanza bejn Irġiel u Nisa
- Kummissjoni Nazzjonali Maltija għall-UNESCO
- Kummissjoni Permanenti Kontra l-Korruzzjoni
- Kummissjoni tal-Impjiegi
- Kunsill Fiskali Konsultattiv
- Kunsill għat-Tagħlim tal-Ingliż
- Kunsill Konsultattiv dwar l-Industrija tal-Bini
- Kunsill Malti għall-Arti
- Kunsill Malti għall-Arti u l-Kultura
- Kunsill Malti għall-Iżvilupp Ekonomiku u Soċjali
- Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb
- Kunsilli Lokali
- Leap
- Libreriji Maltin
- Malpro Ltd
- Malta Air Traffic Services Ltd
- Malta International Contemporary Art

- Malta Electronic Certification Services Ltd
- Malta Government Investments Ltd
- Malta Government Technology Investment Ltd
- Malta Investment Management Co Ltd
- Mediterranean Offshore Bunkering Co. Ltd.
- Melita TransGas Co Ltd
- National Blockchain Strategy Foundation
- National Orchestra Ltd
- Nutar tal-Gvern
- Petromal Ltd
- Projects Malta Ltd
- Projects Plus Ltd.
- Property Management Services Ltd
- Public Broadcasting Services Ltd.
- Reġistru dwar in-Negozju ta' Malta
- Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma
- Resource Support Services Ltd
- Relazzjonijiet Industrijali u Impjiegi
- Riżorsi Agrikoli Malta
- Riżorsi Akkwatiċi Malta
- RSS Ltd
- Safe City Ltd
- San Vinċenz de Paul (SVP)
- Sedqa
- Sezzjoni tal-Privatizzazzjoni
- Social Project Management Ltd
- Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali

- SportMalta
- Sptar Ġenerali ta' Għawdex
- Sptar Mater Dei
- Stamperija tal-Gvern
- Taskforce Maltija dwar l-Ispazju
- Teatru Manoel
- Tisbiħ Malta
- TradeMalta Ltd
- Tribunal għas-Servizzi Finanzjarji
- Uffiċċju Elettorali
- Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi
- Uffiċċju Konġunt
- Uffiċċju tal-Kummissarju għall-Persuni Anzjani
- Uffiċċju tal-Kummissarju għall-Organizzazzjonijiet Volontarji
- Uffiċċju tal-Kummissarju għas-Saħħa Mentali
- Uffiċċju tal-Kummissarju għat-Tfal
- Uffiċċju tal-Uffiċjal Ewlieni tal-Informazzjoni (Għawdex)
- Uffiċċju tal-Uffiċjal Ewlieni tal-Informazzjoni (MAFA)
- Uffiċċju tal-Uffiċjal Ewlieni tal-Informazzjoni (MTIP)
- Uffiċċju tar-Regolamentazzjoni tal-Bini
- Uffiċċju tar-Regolatur IIP
- Unità Ċentrali ta' Akkwist u Provvisti
- Unità tal-Effiċjenza ta' Tmexxija
- Università ta' Malta
- WasteServ (Malta) Ltd
- Xjenza Malta
- Yachting Malta Ltd

- ŻFIN Malta

Skeda 2
Awtoritajiet Kontaenti li jaqgħu taħt il-Kompetenza tad-Dipartiment tal-Kuntratti

Emendata:
A.L. 155 tal-2017;
A.L. 233 tal-2017;
A.L. 26 tal-2018;
A.L. 263 tal-2018;
A.L. 413 tal-2020;
A.L. 446 tal-2020.
Sostitwit
A.L. 56 tal-2021.
Emendata:
A.L. 110 tal-2025.

- Ministeru għas-Saħħa/Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti/ Dipartiment responsabbli għas-Servizzi Korporattivi
- Awtorità dwar il-Mediċini
- Awtorità għall-Protezzjoni ta' Embrijuni
- Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol
- Dipartiment tal-Kuntratti
- Fondazzjoni għas-Servizzi Mediċi
- Sptar Ġenerali ta' Għawdex
- Sptar Mater Dei
- Uffiċċju tal-Kummissarju għas-Saħħa Mentali
- Unità Ċentrali ta' Akkwist u Provvisti

Emendata:
XXVIII.2018.43.
A.L. 446 tal-2020.
Sostitwit
A.L. 56 tal-2021.
Emendata:
X.2023.13;
A.L. 227 tal-2023;
A.L. 112 tal-2024.

Skeda 3
Lista ta' Awtoritajiet Kontraenti li jamministraw l-akkwist pubbbliku tagħhom

- EuroMedITI Ltd.
- Grand Harbour Regeneration Corporation P.L.C.
- INDIS Malta Ltd
- Malta Information Technology Agency (MITA)
- Malta Government Technology Investments Limited (MGTIL).
- MGI/MIMCOL
- Kunsilli Lokali
- Infrastruttura Malta
- Awtorità tad-Djar
- Enemalta plc
- Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma
- Xjenza Malta.

Skeda 4
List of Korpi ta' Xiri Ċentrali

- Dipartiment tal-Kuntratti
- Malta Information Technology Agency (MITA)

Emendata:
A.L. 26 tal-2018;
A.L. 196 tal-2020;
A.L. 26 tal-2022;
A.L. 361 tal-2024.

Skeda 5
Valuri ta' Limiti
(Regolament 9)

Il-valur stmat tal-limiti barra t-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT), applikabbli għal kuntratti pubbliċi, hu:

(*a*) €5,538,000 għal kuntratti pubbliċi ta' xogħlijiet;

(*b*) €143,000 għal kuntratti ta' provvisti u ta' servizzi pubbliċi mogħtija minn awtoritajiet tal-gvern ċentrali u l-kompetizzjonijiet ta' disinn organizzati minn awtoritajiet bħal dawn; fejn jingħataw kuntratti pubbliċi ta' provvista minn awtoritajiet kontraenti li joperaw fil-qasam tad-difiża, dak il-limitu stabbilit għandu japplika biss għall-kuntratti li jikkonċernaw prodotti koperti mill-Iskeda 7;

(*ċ*) €221,000 għal kuntratti pubbliċi ta' provvisti u ta' servizzi mogħtija minn awtoritajiet kontraenti subċentrali u għall-kompetizzjonijiet ta' disinn organizzati minn tali awtoritajiet; dak il-limitu stabbiliti għandu japplika wkoll għall-kuntratti pubbliċi ta' provvisti mogħtija minn awtoritajiet tal-gvern ċentrali li joperaw fil-qasam tad-difiża, fejn dawk il-kuntratti jinvolvu prodotti mhux koperti mill-Iskeda 7;

(*d*) €750,000 għal kuntratti pubbliċi ta' servizzi għal servizzi soċjali u servizzi speċifiċi oħra elenkati fl-Iskeda.

Skeda 6

Awtoritajiet tal-Gvern Ċentrali

Dipartiment tal-Kuntratti

Skeda 7

Lista ta' Prodotti msemmija fl-Iskeda 5 paragrafu (B) fir-rigward ta' Kuntratti Mogħtija mill-Awtoritajiet Kontraenti fil-Qasam tad-Difiża

Din il-lista għandha tirrifletti l-Anness 1 punt 3 tal-GPA

Kapitolu 25:	Melħ, kubrit, prodotti ta' trab u ġebel, materjal ta' tikħil, ġir u siment
Kapitolu 26:	Minerali metalliċi, skart u rmied
Kapitolu 27:	Karburanti minerali, żjut minerali u prodotti li jiġu mid-distillazzjoni tagħhom, sustanzi li fihom il-qatran, xemgħat minerali minbarra: ex 27.10: karburanti speċjali tal-magni
Kapitolu 28:	Sustanzi kimiċi inorganiċi, komponenti ta' metalli prezzjuži organiċi u inorganiċi, ta' metalli ta' rare-earth, ta' elementi radjuattivi u ta' isotopi minbarra: ex 28.09: splussivi; ex 28.13: splussivi; ex 28.14: gas tad-dmugħ; ex 28.28: splussivi; ex 28.32: splussivi; ex 28.39: splussivi; ex 28.50: prodotti tossiċi; ex 28.51: prodotti tossiċi; ex 28.54: splussivi
Kapitolu 29:	Sustanzi kimiċi organiċi minbarra: ex 29.03: splussivi; ex 29.04: splussivi; ex 29.07: splussivi; ex 29.08: splussivi; ex 29.11: splussivi; ex 29.12: splussivi; ex 29.13: prodotti tossiċi; ex 29.14: prodotti tossiċi; ex 29.15: prodotti tossiċi; ex 29.21: prodotti tossiċi; ex 29.22: prodotti tossiċi; ex 29.23: prodotti tossiċi; ex 29.26: splussivi; ex 29.27: prodotti tossiċi; ex 29.29: splussivi
Kapitolu 30:	Prodotti farmaċewtiċi
Kapitolu 31:	Fertilizzanti
Kapitolu 32:	Estratti ta' smurija u ta' żebgħa, affarijiet li jintużaw għas-smurija u d-derivattivi tagħhom, żebgħa, kuluri, żebgħa u vernič, stokk, fillers u stoppings, inka
Kapitolu 33:	Żjut essenzjali u resinoids, fwieħa, prodotti kosmetiċi u preparamenti tat-twaletta
Kapitolu 34:	Sapun, aġenti organiċi li huma attivi fis-superfiċje, preparamenti tal-ħasil, preparamenti tal-lubrikanti, xemgħat artifiċjali, xemgħat ippreparati, preparamenti ta' ppolixxjar u tibrix, xemgħat u oġġetti simili, taħlit tal-immudellar u 'xemgħat dentali'
Kapitolu 35:	Sustanzi albuminojdjali, kolla, enżimi
Kapitolu 37:	Oġġetti tal-fotografija u ċ-ċinematografija
Kapitolu 38:	Prodotti kimiċi mixxellanji, minbarra: ex 38.19: prodotti tossiċi
Kapitolu 39:	Raži artifiċjali u materjali tal-plastik, esteri u eteri ta' ċellulosi, oġġetti magħmula minnhom, minbarra: ex 39.03: splussivi
Kapitolu 40:	Gomma, gomma sintetika, *factice* u oġġetti magħmula minnhom, minbarra: ex 40.11: tajers li huma *bullet-proof*
Kapitolu 41:	Ġild tal-annimali mhux maħdum u ġilda tal-ġisem (minbarra ġild bil-pil) u ġilda
Kapitolu 42:	Oġġetti tal-ġilda, sarġ u riedni, oġġetti relatati mal-ivvjaġġar, basktijiet tal-idejn u kontenituri simili, oġġetti magħmula mill-istonku tal-annimali (minbarra l-istonku tad-dudu tal-ħarir)
Kapitolu 43:	Ġild bil-pil u pil artifiċjali, manifatturi tagħhom

Kapitolu 44:	Injam u oġġetti tal-injam, faħam magħmul mill-injam
Kapitolu 45:	Sufra u oġġetti magħmula mis-sufra
Kapitolu 46:	Manifatturi ta' tiben tal-esparto u materjali oħra ta' immaljar, xogħol tat-tiben u xogħol tal-qasab
Kapitolu 47:	Materjal użat għall-manifattura tal-karti
Kapitolu 48:	Karti u kartonċin, oġġetti magħmula mill-polpa tal-karti, mill-karti jew mill-kartonċin
Kapitolu 49:	Kotba stampati, gazzetti, stampi u prodotti oħrajn tal-industrija tal-istampar, manuskritti, tiposkritti u pjanti
Kapitolu 65:	Armar tar-ras u partijiet tagħhom
Kapitolu 66:	Umbrelel, *sunshades*, bsaten, frosti, *riding-crops* u partijiet tagħhom
Kapitolu 67:	Rix u pil ippreparati u oġġetti magħmula minn rix u minn pil, fjuri artifiċjali, oġġetti magħmula minn xagħar uman
Kapitolu 68:	Oġġetti magħmula mill-ġebel, mill-ġibs, mis-siment, mill-asbestos, mill-majka u minn materjali simili
Kapitolu 69:	Prodotti taċ-ċeramika
Kapitolu 70:	Ħġieġ u affarijiet magħmula mill-ħġieġ
Kapitolu 71:	Perli, ħaġar prezzjuż u semi-prezzjuż, metalli prezzjużi, metalli prezzjuži rromblati, u artikoli magħmulin minnhom, ġojellerija finta
Kapitolu 73:	Ħadid u azzar u oġġetti magħmula minnhom
Kapitolu 74:	Ramm u oġġetti magħmula minnu
Kapitolu 75:	Nikil u oġġetti magħmula minnu
Kapitolu 76:	Aluminju u oġġetti magħmula minnu
Kapitolu 77:	Manjesju u berilljum u oġġetti magħmula minnhom
Kapitolu 78:	Ċomb u oġġetti magħmula minnu
Kapitolu 79:	Żingu u oġġetti magħmula minnu
Kapitolu 80:	Landa u oġġetti magħmula minnha
Kapitolu 81:	Metalli ta' bażi oħra li jintużaw fil-ħidma tal-metalli u oġġetti magħmula minnhom
Kapitolu 82:	Għodda, biċċiet tal-għodda, pożati, imgħaref u frieket, magħmula minn metall ta' bażi, u partijiet tagħhom, minbarra: ex 82.05: għodod; ex 82.07: għodod, partijiet
Kapitolu 83:	Oġġetti mixxellanji ta' metall ta' bażi
Kapitolu 84:	Bojlers, makkinarju u *appliances* mekkaniċi, partijiet tagħhom, minbarra: ex 84.06: magni; ex 84.08: magni oħra; ex 84.45: makkinarju; ex 84.53: magni awtomatiċi għall-ipproċessar tad-*data*; ex 84.55: partijiet minn magni taħt l-intestatura Nru 84.53; ex 84.59: reatturi nukleari
Kapitolu 85:	Makkinarju u tagħmir tal-elettriku, partijiet tagħhom, minbarra: ex 85.13: apparat tat-telekomunikazzjoni; ex 85.15: apparat tat-trasmissjoni
Kapitolu 86:	Lokomottivi tal-linji tal-ferrovija u tal-linji tat-tramm, vaguni u partijiet tagħhom, linji fissi u muntaġġi tal-ferrovija u tat-tramm, apparat ta' sinjalar tat-traffiku ta' kull tip (mhux imħaddma bl-elettriku), minbarra: ex 86.02: lokomottivi armati, tal-elettriku; ex 86.03: lokomottivi armati oħrajn; ex 86.05: vaguni armati; ex 86.06: vaguni tat-tiswija; ex 86.07: vaguni
Kapitolu 87:	Vetturi, minbarra vaguni tal-ferrovija jew tramm, u partijiet tagħhom, minbarra: ex 87.08: tankijiet u vetturi armati oħrajn; ex 87.01: tratturi; ex 87.02: vetturi militari; ex 87.03: trakkijiet tal-irmunkar; ex 87.09: muturi; ex 87.14: *trailers*

Kapitolu 89:	Vapuri, dgħajjes u strutturi li jżommu f'wiċċ l-ilma, minbarra: ex 89.01A: vapuri tal-gwerra
Kapitolu 90:	Strumenti u apparat ottiċi, fotografiċi, ċinematografiċi, għall-kejl, għall-kontroll, għall-preċiżjoni u li jintużaw fil-mediċina u fl-operazzjonijiet, partijiet tagħhom, minbarra: ex 90.05: trombi; ex 90.13: strumenti mixxellanji, *lasers*; ex 90.14: telemetri; ex 90.28: strumenti elettriċi u elettroniċi għall-kejl; ex 90.11: mikroskopji; ex 90.17: strumenti mediċi; ex 90.18: apparat tat-terapija mekkanika; ex 90.19: apparat tal-ortopedija; ex 90.20: apparat tal-*X-ray*
Kapitolu 91:	Il-manifattura ta' arloġġi tal-polz u ta' arloġġi
Kapitolu 92:	Strumenti mużikali, apparat li jirrekordja jew jirriproduċi l-ħsejjes, apparat li jirrekordja jew jirriproduċi immaġini jew ħsejjes tat-televiżjoni, partijiet u aċċessorji ta' dawn l-oġġetti
Kapitolu 94:	Għamara u partijiet tal-għamara, sodod, saqqijiet, affarijiet li jagħtu sostenn lis-saqqijiet, kuxxini u arredamenti mimlija simili, minbarra: ex 94.01A: sits tal-inġenji tal-ajru
Kapitolu 95:	Oġġetti u manifatturi ta' materjal ta' skultura jew immudellar
Kapitolu 96:	Xkupi, xkupilji, *powder-puffs* u passaturi
Kapitolu 98:	Oġġetti manifatturati mixxellanji

Skeda 8

Rekwiżiti relatati mal-Għodod u l-Istrumenti għar-Riċevuta Elettronika ta' Offerti, Talbiet għal Parteċipazzjoni kif ukoll Pjanijiet u Proġetti f'Kompetizzjonijiet tad-Disinn

L-għodod u l-istrumenti għar-riċevuta elettronika ta' offerti, talbiet għal parteċipazzjoni kif ukoll pjanijiet u proġetti f'kompetizzjonijiet tad-disinn għandhom jiggarantixxu, b'mezzi tekniċi u proċeduri xierqa, li:

(*a*) jkunu jistgħu jiġu determinati bi preċiżjoni l-ħin u d-data eżatti tar-riċevuta tal-offerta, tat-talbiet għal parteċipazzjoni u s-sottomissjoni ta' pjanijiet u proġetti;

(*b*) jkun jista' jiġi raġonevolment żgurat li, qabel il-limiti ta' żmien stabbiliti, ħadd ma jkollu aċċess għad-data trasmessa taħt dawn ir-rekwiżiti;

(*ċ*) persuni awtorizzati biss jistgħu jfasslu jew jibdlu d-dati għall-ftuħ tad-*data* riċevuta;

(*d*) matul l-istadji differenti tal-proċedura ta' akkwist jew tal-kompetizzjoni tad-disinn, l-aċċess għad-*data* kollha sottomessa, jew għal parti minnha, irid ikun possibbli biss għal persuni awtorizzati;

(*e*) persuni awtorizzati biss għandhom jagħtu aċċess għal *data* li tkun ġiet trasmessa u wara d-data preskritta biss;

(*f*) *data* riċevuta u miftuħa skont dawn ir-rekwiżiti trid tibqa' aċċessibbli biss għal dawk il-persuni awtorizzati li jistgħu jarawha;

(*g*) fejn ikun hemm ksur tal-projbizzjoni mill-aċċess jew tal-kondizzjonijiet imsemmija taħt il-punti (*b*), (*ċ*), (*d*), (*e*) u (*f*) jew ikun hemm tentattiv biex isir dan, jista' jiġi żgurat b'mod raġonevoli li dak il-ksur jew dawk it-tentattivi jkunu jistgħu jiġu identifikati b'mod ċar.

Skeda 9

Informazzjoni li għandha tiġi inkluża fl-Avviżi

TAQSIMA A

Informazzjoni li għandha tiġi inkluża fl-avviżi tal-pubblikazzjoni ta' avviż informattiv minn qabel fuq profil ta' xerrej

1. L-isem, in-numru ta' identifikazzjoni (fejn speċifikat fil-leġislazzjoni nazzjonali), l-indirizz inkluż il-kodiċi NUTS, it-telefon, in-numru tal-*fax*, l-indirizz tal-posta elettronika u l-indirizz fuq l-internet tal-awtorità kontraenti u, fejn dan ikun differenti, tas-servizz li minnu tista' tinkiseb informazzjoni addizjonali.

2. It-tip ta' awtorità kontraenti u l-attività ewlenija mwettqa.

3. Fejn din tkun xierqa, indikazzjoni li l-awtorità kontraenti hija korp ċentralizzat tal-akkwisti jew li hija jew jista' jkun hemm involuta xi forma oħra ta' akkwist konġunt.

4. Il-kodiċi CPV.

5. L-indirizz fuq l-internet tal-"profil ta' xerrej" (URL).

6. Id-data ta' meta ntbagħat l-avviż tal-pubblikazzjoni tal-avviż informattiv minn qabel fuq il-profil ta' xerrej.

TAQSIMA B

Informazzjoni li għandha tiġi inkluża fl-avviżi informattivi minn qabel (kif imsemmi fir-regolament 41)

I. Informazzjoni li għandha tiġi tiddaħħal fil-każijiet kollha

1. L-isem, in-numru ta' identifikazzjoni (fejn speċifikat fil-leġislazzjoni nazzjonali), l-indirizz inkluż il-kodiċi NUTS, it-telefon, in-numru tal-*fax*, l-indirizz tal-posta elettronika u l-indirizz fuq l-Internet tal-awtorità kontraenti u, fejn dan ikun differenti, tas-servizz li minnu tista' tinkiseb informazzjoni addizjonali.

2. L-indirizz tal-posta elettronika jew l-indirizz fuq l-internet li fuqhom ser ikunu disponibbli d-dokumenti ta' akkwist għal aċċess mingħajr restrizzjonijiet, sħiħ u dirett, mingħajr ħlas.

Meta aċċess mhux mingħajr restrizzjonijiet, sħiħ u dirett, mingħajr ħlas mhuwiex disponibbli għar-raġunijiet stabbiliti fir-regolament 49(1), indikazzjoni kif id-dokumenti ta' akkwisti jistgħu jiġu aċċessati.

3. It-tip ta' awtorità kontraenti u l-attività ewlenija mwettqa.

4. Fejn din tkun xierqa, indikazzjoni li l-awtorità kontraenti hija korp ċentralizzat tal-akkwisti jew li hija jew jista' jkun hemm involuta xi forma oħra ta' akkwist konġunt.

5. Il-kodiċi CPV; fejn il-kuntratt jinqasam f'lottijiet, din l-informazzjoni għandha tingħata għal kull lott.

6. Il-kodiċi NUTS għall-post ewlieni tax-xogħlijiet fil-każ ta' kuntratti ta' xogħlijiet jew il-kodiċi NUTS għall-post ewlieni ta' twassil jew twettiq f'kuntratti ta' provvista u ta' servizzi; fejn il-kuntratt jinqasam f'lottijiet, din l-informazzjoni għandha tingħata għal kull lott.

7. Deskrizzjoni qasira tal-akkwist: in-natura u sa fejn jestendu x-xogħlijiet, in-natura u l-kwantità jew il-valur tal-provvisti, in-natura u sa fejn jestendu s-servizzi.

8. Fejn dan l-avviż ma jintużax bħala mezz sabiex isejjaħ għall-kompetizzjoni, id-data/i stmati għall-pubblikazzjoni ta' avviż dwar kuntratt jew avviżi dwar kuntratti fir-rigward tal-kuntratt(i) msemmija f'dan l-avviż informattiv minn qabel.

9. Data ta' meta ntbagħat l-avviż.

10. Kwalunkwe informazzjoni rilevanti oħra.

11. Indikazzjoni dwar jekk il-kuntratt huwiex kopert mill-FAP.

II. Informazzjoni addizzjonali li għandha tiġi pprovduta meta l-avviż jintuża bħala mezz sabiex isejjaħ għal kompetizzjoni

1. Referenza għall-fatt li l-operaturi ekonomiċi interessati għandhom jgħarrfu lill-awtorità bl-interess tagħhom fil-kuntratt jew kuntratti.

2. Tip ta' proċedura tal-għoti (proċeduri ristretti, li jinvolvu sistema dinamika ta' xiri jew le, jew proċeduri kompetittivi man-negozjar).

3. Meta xieraq, indikazzjoni jekk hemm involut ftehim qafas.

4. Sa fejn dan ikun diġà magħruf, il-perijodu għat-twassil jew għall-forniment tal-prodotti, xogħlijiet jew servizzi u d-dewmien tal-kuntratt.

5. Sa fejn dawn ikunu diġà magħrufa, il-kondizzjonijiet għall-parteċipazzjoni, inklużi:

(*a*) fejn din tkun xierqa, indikazzjoni dwar jekk il-kuntratt pubbliku huwiex ristrett għal *workshops* protetti jew jekk it-twettiq tiegħu huwiex ristrett għall-qafas ta' programmi ta' impjiegi protetti;

(*b*) fejn dik tkun xierqa, indikazzjoni dwar jekk l-għoti tas-servizz huwiex riżervat mil-liġi, minn regolament jew dispożizzjoni amministrattiva għal professjoni partikolari;

(*ċ*) deskrizzjoni qasira tal-kriterji tal-għażla.

6. Sa fejn dawn ikunu diġà magħrufa, deskrizzjoni qasira tal-kriterji li għandhom jintużaw għall-għoti tal-kuntratt.

7. Sa fejn dan ikun diġà magħruf, il-kobor totali stmat tal-kuntratt(i); fejn il-kuntratt jinqasam f'lottijiet, din l-informazzjoni għandha tingħata għal kull lott.

8. Limiti ta' żmien għar-riċevuta tal-espressjonijiet ta' interess.

9. Indirizz fejn għandhom jiġu trasmessi l-espressjonijiet ta' interess.

10. Lingwa jew lingwi awtorizzati għall-preżentazzjoni ta' kandidaturi jew offerti.

11. Fejn din tkun xierqa, indikazzjoni dwar jekk:

(*a*) hijiex ser tkun meħtieġa/aċċettata sottomissjoni elettronika ta' offerti jew talbiet għal parteċipazzjoni,

(*b*) hijiex ser tintuża ordni elettronika,

(*ċ*) huwiex ser jintuża fatturar elettroniku,

(*d*) jekk huwiex ser ikun aċċettat il-ħlas elettroniku.

12. Informazzjoni dwar jekk il-kuntratt huwiex relatat ma' proġett u/jew programm iffinanzjat minn fondi tal-Unjoni.

13. L-isem u l-indirizz tal- korp responsabbli mir-reviżjoni u, fejn dawn ikunu xierqa, il-proċeduri ta' medjazzjoni. Informazzjoni preċiża rigward il-limiti ta' żmien għall-proċeduri ta' reviżjoni jew, jekk ikun hemm bżonn, l-isem, l-indirizz, in-numru tat-telefon, in-numru tal-fax u l-indirizz tal-posta elettronika tas-servizz li

minnu tista' tinkiseb din l-informazzjoni.

TAQSIMA Ċ

Informazzjoni li għandha tiġi inkluża fl-avviżi dwar kuntratti (kif imsemmi fir-regolament 42

1. L-isem, in-numru ta' identifikazzjoni (fejn speċifikat fil-leġislazzjoni nazzjonali), l-indirizz inkluż il-kodiċi NUTS, it-telefon, in-numru tal-*fax*, l-indirizz tal-posta elettronika u l-indirizz fuq l-Internet tal-awtorità kontraenti u, fejn dan ikun differenti, tas-servizz li minnu tista' tinkiseb informazzjoni addizjonali.

2. L-indirizz tal-posta elettronika jew l-indirizz fuq l-internet li fuqhom ser ikunu disponibbli d-dokumenti ta' akkwist għal aċċess mingħajr restrizzjonijiet, sħiħ u dirett, mingħajr ħlas.

Meta aċċess mhux mingħajr restrizzjonijiet, sħiħ u dirett, mingħajr ħlas mhuwiex disponibbli għar-raġunijiet stabbiliti fir-regolament 49, indikazzjoni kif id-dokumenti ta' akkwisti jistgħu jiġu aċċessati.

3. It-tip ta' awtorità kontraenti u l-attività ewlenija mwettqa.

4. Fejn din tkun xierqa, indikazzjoni li l-awtorità kontraenti hija korp ċentrali għall-akkwist jew li hemm involuta xi forma oħra ta' akkwist konġunt.

5. Il-kodiċi CPV; fejn il-kuntratt jinqasam f'lottijiet, din l-informazzjoni għandha tingħata għal kull lott.

6. Il-kodiċi NUTS għall-post ewlieni tax-xogħlijiet fil-każ ta' kuntratti ta' xogħlijiet jew il-kodiċi NUTS għall-post ewlieni ta' twassil jew twettiq f'kuntratti ta' provvista u ta' servizzi; fejn il-kuntratt jinqasam f'lottijiet, din l-informazzjoni għandha tingħata għal kull lott.

7. Deskrizzjoni qasira tal-akkwist: in-natura u sa fejn huma estiżi x-xogħlijiet, in-natura u l-kwantità jew il-valur tal-provvisti, in-natura u sa fejn jestendu s-servizzi. Meta l-kuntratt jinqasam f'lottijiet, din l-informazzjoni għandha tkun ipprovduta għal kull lott. Fejn xieraq, deskrizzjoni ta' kwalunkwe għażla.

8. L-ordni tal-kobor totali stmat tal-kuntratt(i); fejn il-kuntratt jinqasam f'lottijiet, din l-informazzjoni għandha tingħata għal kull lott.

9. Ammissjoni jew projbizzjoni ta' varjanti.

10. Il-perijodu għat-twassil jew il-forniment tal-provvisti, xogħlijiet jew servizzi u, sa fejn ikun possibbli, id-dewmien tal-kuntratt:

(*a*) fil-każ ta' ftehim qafas, indikazzjoni tad-dewmien ippjanat tal-ftehim qafas, li tiddikjara, fejn dan ikun xieraq, ir-raġunijiet għal kwalunkwe dewmien li jaqbeż l-erba' snin; sa fejn din tkun possibbli, indikazzjoni tal-valur jew l-ordni tal-kobor u l-frekwenza tal-kuntratti li għandhom jingħataw, in-numru u, fejn dan ikun xieraq, in-numru massimu propost ta' operaturi ekonomiċi li għandhom jieħdu sehem;

(*b*) fil-każ ta' sistema dinamika ta' xiri, indikazzjoni tad-dewmien ippjanat ta' dik is-sistema; sa fejn tkun possibbli, indikazzjoni tal-valur jew l-ordni tal-kobor u l-frekwenza tal-kuntratti li għandhom jingħataw.

11. Kondizzjonijiet għall-parteċipazzjoni, inklużi:

(*a*) fejn din tkun xierqa, indikazzjoni dwar jekk il-kuntratt pubbliku huwiex ristrett għal workshops protetti jew jekk it-twettiq tiegħu huwiex ristrett għall-qafas ta' programmi ta' impjiegi protetti;

(*b*) fejn adatt, indikazzjoni dwar jekk it-twettiq tas-servizz huwiex riżervat mil-liġi, minn regolament jew dispożizzjoni amministrattiva għal professjoni partikolari; referenza għal-liġi, ir-regolament jew id-dispożizzjoni amministrattiva rilevanti;

(*ċ*) lista u deskrizzjoni qasira tal-kriterji rigward is-sitwazzjoni personali tal-operaturi ekonomiċi li tista' twassal għall-esklużjoni tagħhom u tal-kriterji tal-għażla; livelli minimi ta' standards possibilment meħtieġa; indikazzjoni tal-informazzjoni meħtieġa (dikjarazzjonijiet proprji, dokumentazzjoni).

12. Tip ta' proċedura tal-għoti; fejn xierqa, raġunijiet għall-użu ta' proċedura aktar imħaffa (fi proċeduri miftuħa u ristretti u proċeduri kompetittivi permezz tan-negozjar).

13. Fejn din tkun xierqa, indikazzjoni dwar jekk:

(*a*) huwiex involut ftehim qafas,

(*b*) hijiex involuta sistema dinamika ta' xiri,

(*ċ*) huwiex involut irkant elettroniku (fil-każ ta' proċeduri miftuħa jew ristretti jew proċeduri kompetittivi permezz tan-negozjar).

14. Fejn il-kuntratt għandu jinqasam f'lottijiet, indikazzjoni tal-possibbiltà li jsiru offerti għal lott waħda, għal diversi jew għal-lottijiet kollha; indikazzjoni dwar kwalunkwe limitazzjoni possibbli tan-numru ta' lottijiet li jistgħu jingħataw lil offerent wieħed. Fejn il-kuntratt ma jinqasamx f'lottijiet, indikazzjoni tar-raġunijiet għal dan, sakemm din l-informazzjoni ma tingħatax fir-rapport individwali.

15. Fil-każ ta' proċedura ristretta, proċedura kompetittiva permezz tan-negozjar, djalogu kompetittiv jew sħubija għall-innovazzjoni, fejn sar rikors għall-għażla ta' tnaqqis tan-numru ta' kandidati li għandhom jiġu mistiedna jissottomettu offerti, jinnegozjaw jew jieħdu sehem fid-djalogu: numru minimu u, fejn xieraq, massimu propost ta' kandidati u kriterji oġġettivi li għandhom jintużaw sabiex jintgħażlu l-kandidati inkwistjoni.

16. Fil-każ ta' proċedura kompetittiva permezz tan-negozjar, djalogu kompetittiv jew sħubija għall-innovazzjoni, indikazzjoni, fejn din tkun xierqa, tar-rikors għal proċedura maqsuma fi stadji sabiex jitnaqqas b'mod gradwali n-numru ta' offerti li għandhom jiġu negozjati jew in-numru ta' soluzzjonijiet li għandhom jiġu diskussi.

17. Fejn xieraq, kondizzjonijiet partikolari li t-twettiq tal-kuntratt huwa soġġett għalihom.

18. Il-kriterji li għandhom jintużaw għall-għoti ta' kuntratt jew kuntratti. Ħlief fejn tiġi identifikata l-aktar offerta ekonomikament vantaġġuża abbażi tal-prezz biss, għandhom jiġu indikati l-kriterji li jirrappreżentaw l-aktar offerta ekonomikament vantaġġjuża kif ukoll l-ippeżar tagħhom fejn dawn ma jidhrux fl-ispeċifikazzjonijiet jew, fil-każ ta' djalogu kompetittiv, fid-dokument deskrittiv.

19. Limitu ta' żmien biex jaslu l-offerti (proċeduri miftuħa) jew talbiet għall-parteċipazzjoni (proċeduri ristrtti, proċeduri kompetittivi permezz tan-negozjar, sistemi ta' xiri dinamiku, djalogi kompetittivi, sħubijiet ta' innovazzjoni).

20. L-indirizz fejn għandhom jibagħtu l-offerti jew it-talbiet għal parteċipazzjoni.

21. Fil-każ ta' proċeduri miftuħa:

(*a*) il-perijodu ta' żmien li matulu l-offerent irid iżomm l-offerta tiegħu,

(*b*) id-data, il-ħin u l-post għall-ftuħ tal-offerti,

(*ċ*) il-persuni awtorizzati li jkunu preżenti f'dan il-ftuħ.

22. Il-lingwa jew lingwi li biha/bihom iridu jinkitbu l-offerti jew it-talbiet għal parteċipazzjoni.

23. Fejn din tkun xierqa, indikazzjoni dwar jekk:

(*a*) hijiex ser tkun aċċettata sottomissjoni elettronika ta' offerti jew talbiet għal parteċipazzjoni,

(*b*) hijiex ser tintuża ordni elettronika,

(*ċ*) huwiex ser jintuża fatturar elettroniku,

(*d*) jekk huwiex ser ikun aċċettat il-ħlas elettroniku.

24. Informazzjoni dwar jekk il-kuntratt huwiex relatat ma' proġett u/jew programm iffinanzjat minn fondi tal-Unjoni.

25. L-isem u l-indirizz tal- korp responsabbli mir-reviżjoni u, fejn dawn ikunu xierqa, il-proċeduri ta' medjazzjoni. Informazzjoni preċiża rigward id-dati ta' skadenza għall-proċeduri ta' reviżjoni, jew jekk ikun hemm bżonn, l-isem, l-indirizz, in-numru tat-telefon, in-numru tal-*fax* u l-indirizz tal-posta elettronika tas-servizz li minnu tista' tinkiseb din l-informazzjoni.

26. Data/i u referenza/i ta' pubblikazzjonijiet preċedenti fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea rilevanti għall-kuntratt(i) reklamati f'dan l-avviż.

27. Fil-każ ta' akkwist rikorrenti, l-iskeda ta' żmien stmata sabiex jiġu ppubblikati avviżi ulterjuri.

28. Data ta' meta ntbagħat l-avviż.

29. Indikazzjoni dwar jekk il-kuntratt huwiex kopert mill-FAP.

30. Kwalunkwe informazzjoni rilevanti oħra.

TAQSIMA D

Informazzjoni li għandha tiġi inkluża fl-avviżi tal-għoti tal-kuntratt (kif imsemmi fir-regolament 43)

1. L-isem, in-numru ta' identifikazzjoni (fejn speċifikat fil-leġislazzjoni nazzjonali), l-indirizz inkluż il-kodiċi NUTS, it-telefon, in-numru tal-*fax*, l-indirizz tal-posta elettronika u l-indirizz fuq l-Internet tal-awtorità kontraenti u, fejn dan ikun differenti, tas-servizz li minnu tista' tinkiseb informazzjoni addizjonali.

2. It-tip ta' awtorità kontraenti u l-attività ewlenija mwettqa.

3. Fejn din tkun xierqa, indikazzjoni dwar jekk l-awtorità kontraenti hijiex korp ċentrali għall-akkwisti jew li hemm involuta xi forma oħra ta' akkwist konġunt.

4. Il-kodiċi CPV.

5. Il-kodiċi NUTS għall-post ewlieni tax-xogħlijiet fil-każ ta' kuntratti ta' xogħlijiet jew il-kodiċi NUTS għall-post ewlieni ta' twassil jew twettiq f'kuntratti ta' provvista u ta' servizzi.

6. Deskrizzjoni qasira tal-akkwist: in-natura u sa fejn huma estiżi x-xogħlijiet, in-natura u l-kwantità jew il-valur tal-provvisti, in-natura u sa fejn jestendu s-servizzi. Meta l-kuntratt jinqasam f'lottijiet, din l-informazzjoni għandha tkun ipprovduta għal kull lott. Fejn xieraq, deskrizzjoni ta' kwalunkwe għażla.

7. Tip ta' proċedura talgħoti; fil-każ ta' proċedura negozjata mingħajr

pubblikazzjoni minn qabel, ġustifikazzjoni.

8. Fejn din tkun xierqa, indikazzjoni dwar jekk:

(*a*) kienx involut ftehim qafas,

(*b*) kinitx involuta sistema dinamika ta' xiri.

9. Il-kriterji msemmija fl-Artikolu 67 li ntużaw għall-għoti tal-kuntratt jew kuntratti. Fejn din tkun xierqa, indikazzjoni dwar jekk kinitx inovluta l-organizzazzjoni ta' irkant elettroniku (fil-każ ta' proċeduri miftuħa jew ristretti jew proċeduri kompetittivi permezz tan-negozjar b'pubblikazzjoni minn qabel).

10. Id-data tal-konklużjoni tal-kuntratt(i) jew il-ftehim(iet) qafas wara d-deċiżjoni li jingħata(w) jew jiġi/u konkluż(i).

11. In-numru ta' offerti riċevuti fir-rigward ta' kull għoti, inkluż:

(*a*) in-numru ta' offerti riċevuti minn operaturi ekonomiċi li huma impriżi żgħar u medji,

(*b*) numru ta' offerti riċevuti minn Stat Membru ieħor jew minn pajjiż terz,

(*ċ*) in-numru ta' offerti riċevuti b'mod elettroniku.

12. Għal kull għoti, l-isem, l-indirizz inkluż il-kodiċi NUTS, it-telefon, in-numru tal-*fax*, l-indirizz tal-posta elettronika u l-indirizz fuq l-internet tal-offerenti li ntgħażlu, inkluża:

(*a*) informazzjoni dwar jekk l-offerent li ntgħażel huwiex impriża żgħira u medja,

(*b*) informazzjoni dwar jekk il-kuntratt ingħatax lil grupp ta' operaturi ekonomiċi (impriża konġunta, konsorzju jew oħrajn).

13. Il-valur tal-offerta (offerti) li ntgħażlu jew l-ogħla offerta u l-inqas offerta li ttieħdu f'kunsiderazzjoni għall-għoti jew għotjiet ta' kuntratti.

14. Fejn dawn ikunu xierqa, għal kull għoti, il-valur u l-proporzjon tal-kuntratt li aktarx li jingħata bħala subkuntratt lil partijiet terzi.

15. Informazzjoni dwar jekk il-kuntratt huwiex relatat ma' proġett u/jew programm iffinanzjat minn fondi tal-Unjoni.

16. L-isem u l-indirizz tal- korp responsabbli mir-reviżjoni u, fejn dawn ikunu xierqa, il-proċeduri ta' medjazzjoni. Informazzjoni preċiża rigward id-data ta' skadenza għall-proċeduri ta' reviżjoni, jew jekk ikun hemm bżonn, l-isem, l-indirizz, in-numru tat-telefon, in-numru tal-*fax* u l-indirizz tal-posta elettronika tas-servizz minn fejn tista' tinkiseb din l-informazzjoni.

17. Data/i u referenza/i ta' pubblikazzjonijiet preċedenti fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea rilevanti għall-kuntratt(i) reklamati f'dan l-avviż.

18. Data ta' meta ntbagħat l-avviż.

19. Kwalunkwe informazzjoni rilevanti oħra.

TAQSIMA E

Informazzjoni li għandha tiġi inkluża fit-tfassil tal-avviżi tal-kompetizzjoni (kif imsemmi fir-regolament 46)

1. L-isem, in-numru ta' identifikazzjoni (fejn speċifikat fil-leġislazzjoni nazzjonali), l-indirizz inkluż il-kodiċi NUTS, it-telefon, in-numru tal-*fax*, l-indirizz tal-posta elettronika u l-indirizz fuq l-Internet tal-awtorità kontraenti u, fejn dan ikun differenti, tas-servizz li minnu tista' tinkiseb informazzjoni addizjonali.

2. L-indirizz tal-posta elettronika jew l-indirizz fuq l-internet li fuqhom ser ikunu disponibbli d-dokumenti ta' akkwist għal aċċess mingħajr restrizzjonijiet, sħiħ u dirett, mingħajr ħlas.

Meta aċċess mhux mingħajr restrizzjonijiet, sħiħ u dirett, mingħajr ħlas mhuwiex disponibbli għar-raġunijiet stabbiliti fir-regolament 49, indikazzjoni kif id-dokumenti ta' akkwisti jistgħu jiġu aċċessati.

3. It-tip ta' awtorità kontraenti u l-attività ewlenija mwettqa.

4. Fejn din tkun xierqa, indikazzjoni dwar jekk l-awtorità kontraenti hijiex korp ċentrali għall-akkwisti jew li hemm involuta xi forma oħra ta' akkwist konġunt.

5. Il-kodiċi CPV; fejn il-kuntratt jinqasam f'lottijiet, din l-informazzjoni għandha tingħata għal kull lott.

6. Deskrizzjoni tal-karatteristiċi prinċipali tal-proġett.

7. In-numru u l-valur ta' kwalunkwe premju.

8. It-tip ta' kompetizzjoni tad-disinn (miftuħa jew ristretta).

9. Fil-każ ta' kompetizzjoni miftuħa tad-disinn, il-limitu ta' żmien għas-sottomissjoni ta' proġetti.

10. Fil-każ ta' kompetizzjoni ristretta tad-disinn:

(*a*) in-numru ta' parteċipanti ppjanati,

(*b*) l-ismijiet tal-parteċipanti li diġà ntgħażlu, jekk ikun hemm,

(*ċ*) il-kriterji għall-għażla tal-parteċipanti,

(*d*) il-limitu ta' żmien għat-talbiet għal parteċipazzjoni.

11. Fejn din tkun xierqa, indikazzjoni li l-parteċipazzjoni hija ristretta għal professjoni speċifika.

12. Il-kriterji li għandhom jiġu applikati fl-evalwazzjoni tal-proġetti.

13. Indikazzjoni dwar jekk id-deċiżjoni tal-ġurija torbotx fuq l-awtorità kontraenti.

14. Il-ħlasijiet li jridu jsiru lill-parteċipanti kollha, jekk ikun hemm.

15. Indikazzjoni dwar jekk wara l-kompetizzjoni tad-disinn humiex ser jingħataw xi kuntratti lir-rebbieħ jew rebbieħa tal-kompetizzjoni tad-disinn.

16. Data ta' meta ntbagħat l-avviż.

17. Kwalunkwe informazzjoni rilevanti oħra.

TAQSIMA F

Informazzjoni li għandha tiġi inkluża fl-avviżi tar-riżultati tal-kompetizzjoni (kif imsemmi fir-regolament 46(3) u (4))

1. L-isem, in-numru ta' identifikazzjoni (fejn speċifikat fil-leġislazzjoni nazzjonali), l-indirizz inkluż il-kodiċi NUTS, it-telefon, in-numru tal-*fax*, l-indirizz tal-posta elettronika u l-indirizz fuq l-internet tal-awtorità kontraenti u, fejn dan ikun differenti, tas-servizz li minnu tista' tinkiseb informazzjoni addizjonali.

2. It-tip ta' awtorità kontraenti u l-attività ewlenija mwettqa.

3. Fejn din tkun xierqa, indikazzjoni dwar jekk l-awtorità kontraenti hijiex korp ċentrali għall-akkwisti jew li hemm involuta xi forma oħra ta' akkwist konġunt.

4. Il-kodiċi CPV.

5. Deskrizzjoni tal-karatteristiċi prinċipali tal-proġett.

6. Valur tal-premji.

7. It-tip ta' kompetizzjoni (miftuħa jew ristretta) tad-disinn.

8. Kriterji li ġew applikati fl-evalwazzjoni tal-proġetti.

9. Id-data tad-deċiżjoni tal-ġurija.

10. In-numru ta' parteċipanti.

(*a*) in-numru ta' parteċipanti li huma SMEs.

(*b*) in-numru ta' parteċipanti minn barra l-pajjiż.

11. L-isem, l-indirizz inkluż il-kodiċi NUTS, it-telefon, in-numru tal-*fax*, l-indirizz tal-posta elettronika u l-indirizz fuq l-internet tar-rebbieħ(a) tal-kompetizzjoni u indikazzjoni dwar jekk ir-rebbieħ(a) huwiex/humiex impriżi żgħar u medji.

12. Informazzjoni dwar jekk il-kompetizzjoni ta' disinn hijiex relatata ma' proġett jew programm iffinanzjat minn fondi tal-Unjoni.

13. Data/i u refereza/i ta' pubblikazzjonijiet preċedenti f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea rilevanti għall-proġett(i) kkonċernati minn dan l-avviż.

14. Data ta' meta ntbagħat l-avviż.

15. Kwalunkwe informazzjoni rilevanti oħra.

TAQSIMA G

Informazzjoni li għandha tiġi inkluża f'avviżi ta' modifiki ta' kuntratt matul it-terminu tiegħu (kif imsemmi fir-regolament 246 (1) u (2))

1. L-isem, in-numru ta' identifikazzjoni (fejn speċifikat fil-leġislazzjoni nazzjonali), l-indirizz inkluż il-kodiċi NUTS, it-telefon, in-numru tal-*fax*, l-indirizz tal-posta elettronika u l-indirizz fuq l-internet tal-awtorità kontraenti u, fejn dan ikun differenti, tas-servizz li minnu tista' tinkiseb informazzjoni addizjonali.

2. Il-kodiċi CPV.

3. Il-kodiċi NUTS għall-post ewlieni tax-xogħlijiet fil-każ ta' kuntratti ta' xogħlijiet jew il-kodiċi NUTS għall-post ewlieni ta' twassil jew twettiq f'kuntratti ta' provvista u ta' servizzi.

4. Deskrizzjoni tal-akkwist qabel u wara l-modifika: in-natura u sa fejn huma estiżi x-xogħlijiet, in-natura u l-kwantità jew il-valur tal-provvisti, in-natura u sa fejn jestendu s-servizzi.

5. Fejn applikabbli, iż-żieda fil-prezz ikkawżata mill-modifika.

6. Deskrizzjoni taċ-ċirkustanzi li rendew il-modifika neċessarja.

7. Id-data tad-deċiżjoni ta' għoti tal-kuntratt.

8. Fejn applikabbli, l-isem, l-indirizz inkluż il-kodiċi NUTS, it-telefon, in-numru tal-fax, l-indirizz tal-posta elettronika u l-indirizz fuq l-Internet tal-attur ekonomiku jew tal-operaturi l-ġodda.

9. Informazzjoni dwar jekk il-kuntratt huwiex relatat ma' proġett u/jew programm iffinanzjat minn fondi tal-Unjoni.

10. Informazzjoni dwar jekk il-kuntratt huwiex relatat ma' proġett u/jew programm iffinanzjat minn fondi tal-Unjoni Ewropea. Informazzjoni preċiża dwar id-data ta' skadenza għall-proċedura ta' reviżjoni, jekk ikun hemm bżonn, l-isem, l-indirizz, in-numru

tat-telefon, in-numru tal-*fax* u l-indirizz tal-posta elettronika tas-servizz li minnu tista' tinkiseb din l-informazzjoni.

11. Data/i u referenza/i ta' pubblikazzjonijiet preċedenti fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea rilevanti għall-kuntratt(i) kkonċernat(i) minn dan l-avviż.

12. Data ta' meta ntbagħat l-avviż.

13. Kwalunkwe informazzjoni rilevanti oħra.

TAQSIMA H

Informazzjoni li għandha tiġi inkluża fl-avviżi dwar għoti ta' kuntratt li jikkonċernaw kuntratti għal servizzi soċjali u servizzi speċifiċi oħra (kif imsemmi fir-regolament 163(1))

1. L-isem, in-numru ta' identifikazzjoni (fejn speċifikat fil-leġislazzjoni nazzjonali), l-indirizz inkluż il-kodiċi NUTS, l-indirizz tal-posta elettronika u l-indirizz fuq l-Internet tal-awtorità kontraenti.

2. Il-kodiċi NUTS għall-post ewlieni tax-xogħlijiet fil-każ ta' xogħlijiet jew il-kodiċi NUTS għall-post ewlieni ta' twassil jew twettiq fil-każ ta' provvista u ta' servizzi.

3. Deskrizzjoni qasira tal-kuntratt inkwistjoni inklużi l-kodiċi CPV.

4. Kondizzjonijiet għall-parteċipazzjoni, inklużi:

- fejn din tkun xierqa, indikazzjoni dwar jekk il-kuntratt huwiex ristrett għal workshops protetti, jew jekk l-eżekuzzjoni tiegħu hijiex ristretta għal programmi ta' impjiegi protetti,
- fejn din tkun xierqa, indikazzjoni dwar jekk it-twettiq tas-servizz huwiex riżervat mil-liġi, minn regolament jew dispożizzjoni amministrattiva għal professjoni partikolari.

5. Limitu/i ta' żmien sabiex tiġi kkuntattjata l-awtorità kontraenti rigward il-parteċipazzjoni.

6. Deskrizzjoni qasira tal-karatteristiċi ewlenin tal-proċedura ta' għoti li ser tkun applikata.

TAQSIMA I

Informazzjoni li għandha tiġi inkluża fl-avviżi minn qabel għal servizzi soċjali u servizzi speċifiċi (kif imsemmi fir-regolament 163(1))

1. L-isem, in-numru ta' identifikazzjoni (fejn speċifikat fil-leġislazzjoni nazzjonali), l-indirizz inkluż il-kodiċi NUTS, l-indirizz tal-posta elettronika u l-indirizz fuq l-internet tal-awtorità kontraenti.

2. Deskrizzjoni qasira tal-kuntratt inkwistjoni inkluż il-valur totali stmat tal-kuntratt u l-kodiċi CPV.

3. Sa fejn dan ikun diġà magħruf:

(*a*) il-kodiċi NUTS għall-post ewlieni tax-xogħlijiet fil-każ ta' xogħlijiet jew il-kodiċi NUTS għall-post ewlieni ta' twassil jew twettiq fil-każ ta' provvista u ta' servizzi;

(*b*) il-perijodu għat-twassil jew għall-forniment ta' prodotti, xogħlijiet jew servizzi u t-tul tal-kuntratt;

(*ċ*) kondizzjonijiet għall-parteċipazzjoni, inklużi:

- fejn din tkun xierqa, indikazzjoni dwar jekk il-kuntratt pubbliku

huwiex ristrett għal *workshops* protetti jew jekk it-twettiq tiegħu huwiex ristrett għall-qafas ta' programmi ta' impjiegi protetti;

- fejn dik tkun xierqa, indikazzjoni dwar jekk it-twettiq tas-servizz huwiex riżervat mil-liġi, minn regolament jew dispożizzjoni amministrattiva għal professjoni partikolari;

(*d*) deskrizzjoni qasira tal-karatteristiċi ewlenin tal-proċedura ta' għoti li għandha tiġi applikata.

4. Referenza għall-fatt li l-operaturi ekonomiċi interessati għandhom javżaw lill-awtorità kontraenti dwar l-interess fil-kuntratt jew il-kuntratti u l-perijodu u limiti ta' żmien biex jirċievu l-espressjonijiet ta' interess u l-indirizz fejn għandhom jintbagħtu l-espressjonijiet ta' interess.

TAQSIMA J

Informazzjoni li għandha tiġi inkluża fl-avviżi dwar għoti ta' kuntratt li jikkonċernaw kuntratti għal servizzi soċjali u servizzi speċifiċi oħra (kif imsemmi fir-regolament 163(2))

1. L-isem, in-numru ta' identifikazzjoni (fejn speċifikat fil-leġislazzjoni nazzjonali), l-indirizz inkluż il-kodiċi NUTS, l-indirizz tal-posta elettronika u l-indirizz fuq l-internet tal-awtorità kontraentii.

2. Deskrizzjoni qasira tal-kuntratt inkwistjoni inklużi l-kodiċi CPV.

3. Il-kodiċi NUTS għall-post ewlieni tax-xogħlijiet fil-każ ta' xogħlijiet jew il-kodiċi NUTS għall-post ewlieni ta' twassil jew twettiq fil-każ ta' provvista u ta' servizzi.

4. In-numru ta' offerti riċevuti.

5. Il-prezz jew il-firxa ta' prezzijiet (massimi/minimi) mħallsa.

6. Għal kull għotja, l-isem, l-indirizz inkluż il-kodiċi NUTS, it-telefon, in-numru tal-*fax* l-indirizz tal-posta elettronika u l-indirizz fuq l-internet tal-operatur ekonomiku jew l-operaturi li ntgħażlu.

7. Kwalunkwe informazzjoni rilevanti oħra.

Skeda 10

Informazzjoni li għandha tiġi inkluża fid-Dokumenti tal-Akkwist li għandhom x'jaqsmu ma' Irkanti Elettroniċi

(Regolament 185)

Meta l-awtoritajiet konraenti jiddeċiedu li jagħmlu rkant elettroniku, id-dokumenti tal-akkwist għandhom jinkludu għall-inqas id-dettalji li ġejjin:

(*a*) il-karatteristiċi, li l-valuri tagħhom ser ikunu s-suġġett tal-irkant elettroniku, dejjem jekk dawn il-karatteristiċi jkunu kwantifikabbli u jistgħu jingħataw f'ċifri jew perċentwali;

(*b*) kwalunkwe limitu fuq il-valuri li jista' jiġi sottomess, peress li jirriżulta mill-ispeċifikazzjonijiet relatati mas-suġġett tal-kuntratt;

(*ċ*) l-informazzjoni li ser titqiegħed għad-dispożizzjoni tal-offerenti matul l-irkant elettroniku u, fejn dan ikun xierqa, meta ser titqiegħed għad-dispożizzjoni tagħhom;

(*d*) l-informazzjoni rilevanti li tikkonċerna l-proċess tal-irkant elettroniku;

(*e*) il-kondizzjonijiet li skonthom l-offerenti ser ikunu jistgħu jagħmlu l-offerti tagħhom u, b'mod partikolari, id-differenzi minimi li, fejn dawn ikunu xierqa, ser ikunu meħtieġa għal meta jsiru l-offerti;

(*f*) l-informazzjoni rilevanti li tikkonċerna t-tagħmir elettroniku użat u l-arranġamenti u l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għall-konnessjoni.

Skeda 11

Karatteristiċi li jikkonċernaw il-Pubblikazzjoni

1. Pubblikazzjoni ta' avviżi

L-avviżi msemmija fir-regolamenti 41, 42, 43, 46 u 169 għandhom jintbagħtu mill-awtoritajiet kontraenti lill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea u ppubblikati skont ir-regoli li ġejjin:

L-avviżi msemmija fir-regolamenti 41, 42, 43, 46 u 169 għandhom jiġu ppubblikati mill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mill-awtoritajiet kontraenti fil-każ ta' avviż informattiv minn qabel ippubblikat fuq profil ta' xerrej skont ir-regolament 41.

Barra minn hekk, l-awtoritajiet kontraenti jistgħu jippubblikaw din l-informazzjoni fuq l-internet fuq 'profil ta' xerrej' kif imsemmi fil-paragrafu 2(*b*).

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea għandu jagħti lill-awtorità kontraenti l-konferma msemmija fir-regolament 44(4).

2. Pubblikazzjoni ta' informazzjoni komplimentarja jew addizzjonali

(*a*) ħlief meta previst mod ieħor fir-regolament 49(2) u (3), l-awtoritajiet konraenti għandhom jippubblikaw id-dokumenti tal-akkwist fit-totalità tagħhom fuq l-internet;

(*b*) il-profil ta' xerrej jista' jinkludi avviżi informattivi minn qabel kif stipulat fir-regolament 41, informazzjoni dwar stediniet kurrenti għal offerti, xiri skedat, kuntratti konklużi, proċeduri kkanċellati u kwalunkwe informazzjoni ġenerali utli, bħal punt ta' kuntatt, telefon u numru tal-*fax*, indirizz postali u indirizz tal-posta elettronika. Il-profil tax-xerrej jista' jinkludi wkoll avviżi ta' informazzjoni minn qabel użati bħala mezz ta' sejħa għall-kompetizzjoni, li huma ppubblikati fil-livell nazzjonali skont ir-regolament 45.

3. Il-format u l-proċeduri sabiex jintbagħtu avviżi b'mod elettroniku

Il-format u l-proċedura sabiex jintbagħtu l-avviżi b'mod elettroniku kif stabbilit mill-Kummissjoni huma aċċessibbli fl-indirizz fuq l-internet 'http://simap.europa.eu'.

Skeda 12

Kontenuti tal-Istediniet għas-sottomissjoni ta' Offerta, għal Parteċipazzjoni fid-Djalogu jew għal Konferma tal-Interess
(Regolament 242)

1. Bħala minimu, l-istedina għas-sottomissjoni ta' offerta jew għal parteċipazzjoni fi djalogu stipulati fir-regolament 242 irid ikun fihom:

(*a*) referenza għas-sejħa għall-kompetizzjoni ppubblikata;

(*b*) id-data ta' skadenza għar-riċevuta ta' offerti, l-indirizz li fuqhom iridu

jintbagħtu l-offerti u l-lingwa jew il-lingwi li jridu jinkitbu bihom;

(*ċ*) fil-każ ta' djalogu kompetittiv, id-data u l-indirizz stabbiliti għall-bidu tal-konsultazzjoni u l-lingwa jew il-lingwi użati;

(*d*) referenza għal kwalunkwe dokument mehmuż possibbli li għandu jiġi sottomess, jew bħala prova ta' dikjarazzjonijiet verifikabbli mill-offerent skont ir-regolamenti 225, u 230 to 232 u, fejn dan ikun applikabbli, ir-regolament 234 jew inkella bħala suppliment tal-informazzjoni msemmija f'dawk ir-regolamentil-Artikoli, u skont il-kondizzjonijiet stabbiliti fir-regolamenti 225, u 230 to 232 u r-regolament 234;

(*e*) l-ippeżar relattiv tal-kriterji għall-għoti tal-kuntratt jew, fejn dan ikun xieraq, l-ordni dixxendenti ta' importanza għal dawn il-kriterji, fejn dawn ma jingħatawx fl-avviż dwar kuntratt, fl-istedina għall-konferma tal-interess, fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi jew fid-dokument deskrittiv.

Madankollu, fil-każ ta' kuntratti mogħtija permezz ta' djalogu kompetittiv jew sħubija għall-innovazzjoni, l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu (*b*) ma għandhiex tidher fl-istedina għal parteċipazzjoni fid-djalogu jew għan-negozjar, iżda għandha tidher fl-istedina għas-sottomissjoni ta' offert.

Skeda 13

Lista ta' Konvenzjonijiet Internazzjonali Soċjali u Ambjentali

- il-Konvenzjoni 87 tal-ILO dwar il-Libertà ta' Assoċjazzjoni u l-Protezzjoni tad-Dritt għall-Organizzazzjoni;
- il-Konvenzjoni 98 tal-ILO dwar id-Dritt għall-Organizzazzjoni u n-Negozjar Kollettiv;
- il-Konvenzjoni 29 tal-ILO dwar ix-Xogħol Furzat;
- il-Konvenzjoni 105 tal-ILO dwar l-Abolizzjoni tax-Xogħol Furzat;
- il-Konvenzjoni 138 tal-ILO dwar l-Età Minima;
- il-Konvenzjoni 111 tal-ILO dwar id-Diskriminazzjoni (Impjieg u Xogħol);
- il-Konvenzjoni 100 tal-ILO dwar Remunerazzjoni Ugwali;
- il-Konvenzjoni 182 tal-ILO dwar l-Aġħar Forom ta' Tħaddim tat-Tfal;
- il-Konvenzjoni ta' Vjenna għall-Protezzjoni tal-Faxx tal-Ożonu u l-Protokoll ta' Montreal tagħha dwar sustanzi li jeżawrixxu l-Faxx tal-Ożonu;
- il-Konvenzjoni ta' Basel dwar il-Kontroll tal-Movimenti Transkonfinali ta' Skart Perikoluż u r-Rimi tiegħu (il-Konvenzjoni ta' Basel);
- il-Konvenzjoni ta' Stokkolma dwar Sustanzi Organiċi Persistenti li Jniġġsu (il-Konvenzjoni POPs ta' Stokkolma);
- il-Konvenzjoni dwar il-Proċedura ta' Kunsens Infurmat minn Qabel għal Ċerti Kimiċi u Pestiċidi Perikoluży fil-Kummerċ Internazzjonali (UNEP/FAO) (il-Konvenzjoni PIC) Rotterdam, 10 ta' Settembru 1998 u t-tliet (3) Protokolli reġjonali tagħha.

Skeda 14
Servizzi

(Regolament 162)

Kodiċi CPV	Deskrizzjoni
75200000-8; 75231200-6; 75231240-8; 79611000-0; 79622000-0 [Servizzi ta' provvista ta' persunal għal għajnuna domestika]; 79624000-4 [Servizzi ta' provvista għall-infermiera] u 79625000-1 [Servizzi ta' provvista għal persunal mediku] minn 85000000-9 sa 85323000-9; 98133100-5, 98133000-4; 98200000-5; 98500000-8 [Familji privati b'persuni impjegati] u 98513000-2 sa 98514000-9 [Servizzi ta' xogħol għall-familji, Servizzi minn persunal ta' aġenzija għall-familji, Servizzi minn persunal klerikali għall-familji, Persunal temporanju għall-familji, Servizzi ta' għajnuna għall-familji u Servizzi domestiċi]	Saħħa, servizzi soċjali u dawk relatati
85321000-5 u 85322000-2, 75000000-6 [Servizzi amministrattivi, tad-difiża u tas-sigurtà soċjali], 75121000-0, 75122000-7, 75124000-1; minn 79995000-5 sa 79995200-7; minn 80000000-4 Servizzi edukattivi u ta' taħriġ sa 80660000-8; minn 92000000-1 sa 92700000-8; 79950000-8 [Servizzi ta' esibizzjonijiet, fieri u ta' organizzazzjoni ta' kungressi], 79951000-5 [Servizzi ta' organizzazzjoni ta' *seminars*], 79952000-2 [Servizzi ta' avvenimenti], 79952100-3 [Servizzi ta' organizzazzjoni ta' avvenimenti kulturali], 79953000-9 [Servizzi ta' organizzazzjoni ta' *festivals*], 79954000-6 [Servizzi ta' organizzazzjoni ta' festini], 79955000-3 [Servizzi ta' organizzazzjoni ta' sfilati tal-moda], 79956000-0 [Servizzi ta' organizzazzjoni ta' fieri u esibizzjonijiet]	Servizzi amministrattivi soċjali, edukattivi, ta' kura tas-saħħa u kulturali
75300000-9	Servizzi tas-sigurtà soċjali obbligatorjali mhumiex koperti b'dawn ikr-regolamenti fejn dawn huma organizzati bħala servizzi mhux ekonomiċi ta' interess ġenerali. Awtorità kontraenti hi libera li torganizza l-għoti ta' servizzi soċjali obbligatorji jew ta' servizzi oħra bħala servizzi ta' interess ġenerali jew bħala servizzi mhux ekonomiċi ta' interess ġenerali.
75310000-2, 75311000-9, 75312000-6, 75313000-3, 75313100-4, 75314000-0, 75320000-5, 75330000-8, 75340000-1	Servizzi tal-benefiċċji

Kodiċi CPV	Deskrizzjoni
98000000-3; 98120000-0; 98132000-7; 98133110-8 u 98130000-3	Servizzi komunitarji, soċjali u personali oħrajn inkluż servizzi mogħtija minn *trade unions*, organizzazzjonijiet politiċi, assoċjazzjonijiet taż-żgħażagħ u servizzi ta' organizzazzjoni bi sħubiji oħrajn.
98131000-0	Servizzi reliġjużi
55100000-1 sa 55410000-7; 55521000-8 sa 55521200-0 [55521000-8 Servizzi ta' forniment tal-ikel għal familji privat, 55521100-9 Servizzi ta' *Meals-on-wheels*, 55521200-0 Servizzi ta' twassil ta' ikel fid-djar]. 55520000-1 Servizzi ta' forniment tal-ikel, 55522000-5 Servizzi ta' forniment tal-ikel għal impriżi tat-trasport, 55523000-2 Servizzi ta' forniment tal-ikel għal impriżi oħrajn u istituzzjonijiet oħrajn, 55524000-9 Servizzi ta' forniment tal-ikel għall-iskejjel, 55510000-8 Servizzi ta' kantins, 55511000-5 Servizzi ta' kantins u ta' kafetteriji għal klijentela ristretta, 55512000-2 Servizzi ta' ġestjoni ta' kantins, 55523100-3 Servizzi ta' ikel għall-iskejjel	Servizzi ta' lukandi u ristoranti
79100000-5 sa 79140000-7; 75231100-5	Servizzi legali, sakemm mhux esklużi skont ir-regolament 18(1)(ċ) to (g), 21(ċ)
75100000-7 sa 75120000-3; 75123000-4; 75125000-8 sa 75131000-3	Servizzi amministrattivi oħra u servizzi tal-gvern
75200000-8 sa 75231000-4	Provvista ta' servizzi lill-komunità
75231210-9 sa 75231230-5; 75240000-0 sa 75252000-7; 794300000-7; 98113100-9	Servizzi relatati mal-ħabs, is-sigurtà pubblika u servizzi ta' salvataġġ sa fejn mhumiex esklużi skont ir-regolament 18(1)
79700000-1 sa 79721000-4 [Servizzi ta' investigazzjoni u ta' sigurtà, Servizzi ta' monitoraġġ ta' allarm, Servizzi ta' sigurtà, Servizzi ta' għassa, Servizzi ta' sorveljanza, Servizzi ta' sistemi ta' traċċar, Servizzi ta' traċċar ta' maħrubin, Servizzi ta' rondi, Servizzi ta' rilaxx ta' badges ta' identifikazzjoni, Servizzi ta' investigazzjoni u Servizzi ta' aġenziji ta' detektivs] 79722000-1[Servizzi ta' grafoloġija], 79723000-8 [Servizzi ta' analiżi tal-iskart]	Servizzi ta' investigazzjoni u ta' sigurtà
98900000-2 [Servizzi pprovduti minn organizzazzjonijiet u korpi extraterritorjali] u 98910000-5 [Servizzi speċifiċi għal organizzazzjonijiet u korpi internazzjonali]	Servizzi internazzjonali
64000000-6 [Servizzi postali u tat-telekomunikazzjoni], 64100000-7 [Servizzi tal-posta u ta' kurriera], 64110000-0 [Servizzi postali], 64111000-7 [Servizzi postali relatati ma' gazzetti u perjodiċi], 64112000-4 [Servizzi postali relatati ma' ittri], 64113000-1 [Servizzi postali relatati ma' pakketti], 64114000-8 [Servizzi tal-bank tal-uffiċċju postali], 64115000-5 [Kiri ta' kaxxi tal-ittri], 64116000-2 [Servizzi ta' posta li għandha tinġabar mill-posta], 64122000-7 [Posta interna tal-uffiċċji u servizzi ta' messaġġiera]	Servizzi postali

Kodiċi CPV	Deskrizzjoni
50116510-9 [Servizzi ta' ffurmar mill-ġdid ta' tajers], 71550000-8 [Servizzi ta' ħaddied]	Servizzi oħrajn

---

Skeda 15
Lista ta' Attvitajiet imsemmija taħt il-paragrafu (a) tat-tifsira ta' kuntratti għal xogħlijiet pubbliċi fir-regolament 2

Fil-każ ta' kwalunkwe differenza fl-interpretazzjoni bejn is-CPV u l-NACE, għandha tapplika n-nomenklatura tas-CPV.

		NACE Rev[1]			Kodiċi CVP
Sezzjoni F		KOSTRUZZJONI			
Diviżjoni	Grupp	Klassi	Suġġett	Noti	
45			Kostruzzjoni	Din id-diviżjoni tinkludi: il-kostruzzjoni ta' bini ġdid u xogħlijiet, restawr u tiswijiet komuni.	45000000
	45.1		Preparazzjoni tas-sit		45100000
		45.11	Demolizzjoni u tifrik ta' bini; ċaqliq tal-art	Din il-klassi tinkludi: - demolizzjoni ta' bini u strutturi oħrajn, - tindif ta' siti tal-bini, - ċaqliq tal-art: skavar, *landfill*, livellar u kklassifikar ta' siti ta' kostruzzjoni, tħaffir ta' trinek, tneħħija ta' blat, titjir, eċċ. - preparazzjoni ta' sit għal tħaffir fil-minjieri: - tneħħija ta' ġebel u żviluppi u preparazzjonijiet oħrajn ta' proprjetajiet u siti minerali Din il-klassi tinkludi wkoll: - drenaġġ tas-sit tal-bini. - drenaġġ ta' art agrikola jew imsaġġra.	45110000

		NACE Rev[1]			Kodiċi CVP
Sezzjoni F		KOSTRUZZJONI			
Diviżjoni	Grupp	Klassi	Suġġett	Noti	
		45.12	*Drilling* bi prova u tħaffir	Din il-klassi tinkludi: *drilling* bi prova, tħaffir bi prova u *core sampling* għal skopijiet ta' kostruzzjoni, ġeofiżiċi, ġeoloġiċi jew simili. Din il-klassi teskludi: - *drilling* ta' produzzjoni tal-bjar taż-żejt jew tal-gass, ara 11.20. - *drilling* tal-bjar tal-ilma, ara 45.25, - tħaffir ta' xaft, ara 45.25, - esplorazzjoni tal-art fejn jinsabu ż-żejt u l-gassijiet, kejl ġeofiżiku, ġeoloġiku u sismiku, ara 74.20.	45120000
	45.2		Bini ta' kostruzzjonijiet kompleti jew partijiet minnhom; inġinerija ċivili		45200000

		NACE Rev[1]			Kodiċi CVP
Sezzjoni F		KOSTRUZZJONI			
Diviżjoni	Grupp	Klassi	Suġġett	Noti	
		45.21	Kostruzzjoni ġenerali tal-bini u xogħlijiet tal-inġinerija ċivili	Din il-klassi tinkludi: - il-kostruzzjoni ta' bini ta' kull tip, kostruzzjonijiet tal-inġinerija ċivili, - pontijiet, inklużi dawk għal toroq prinċipali elevati, vjadotti, mini u passaġġi taħt it-triq, - *pipelines* f'distanzi twal, komunikazzjoni u kondutturi li jfornu forza elettrika, - *pipelines* urbani, komunikazzjoni u kondutturi li jfornu forza elettrika fl-ibliet, - xogħlijiet urbani anċillari, - immuntar u twaqqif ta' kostruzzjonijiet prefabbrikati fuq is-sit. Din il-klassi teskludi: - attivitajiet ta' servizz inċidentali għall-estrazzjoni taż-żejt u l-gass, ara 11.20, - twaqqif ta' kostruzzjonijiet prefabbrikati kompleti minn partijiet awtomanifatturati mhux tal-konkrit, ara d-diviżjonijiet 20, 26 u 28,	45210000 Għajr: - 45213316 45220000 45231000 45232000

		NACE Rev[1]			Kodiċi CVP
Sezzjoni F		KOSTRUZZJONI			
Diviżjoni	Grupp	Klassi	Suġġett	Noti	
				- xogħol ta' kostruzzjoni, minbarra bini, għal stadji, pixxini tal-għawm, ġinnasji, kampijiet tat-tennis, korsi tal-golf u installazzjonijiet sportivi oħrajn, ara 45.23, - installazzjoni ta' bini, ara 45.3, - tlestija ta' bini, ara 45.4, - attivitajiet tal-arkitettura u l-inġinerija, ara 74.20, - ġestjoni tal-proġetti għal kostruzzjoni, ara 74.20.	
		45.22	Twaqqif ta' kisi tal-bjut u oqfsa	Din il-klassi tinkludi: - bini ta' soqfa, - kisi tal-bjut, - trattament biex ma jgħaddix l-ilma.	45261000
		45.23	Kostruzzjoni ta' toroq prinċipali, toroq, ajruporti u faċilitajiet sportivi	Din il-klassi tinkludi: - kostruzzjoni ta' toroq prinċipali, toroq, toroq oħra għall-vetturi u toroq pedonali, - kostruzzjoni ta' linji ferrovjarji, - kostruzzjoni ta' *runways* tal-ajruporti, - xogħol ta' kostruzzjoni, minbarra bini, għal stadji, pixxini tal-għawm, ġinnasji, kampijiet tat-tennis, korsi tal-golf u installazzjonijiet sportivi oħra, - żebgħa tas-sinjali tat-toroq fuq il-wiċċ tat-toroq u l-parkeġġi.	45212212 u DA03 45230000 għajr: - 45231000 - 45232000 - 45234115

		NACE Rev[1]			Kodiċi CVP
Sezzjoni F		KOSTRUZZJONI			
Diviżjoni	Grupp	Klassi	Suġġett	Noti	
				Din il-klassi teskludi: - ċaqliq tal-art preliminari, ara 45.11.	
		45.24	Kostruzzjoni ta' proġetti tal-ilma	Din il-klassi tinkludi - il-kostruzzjoni ta': - passaġġi tal-ilma, xogħlijiet fil-portijiet u fix-xmajjar, portijiet li jintużaw għal skopijiet ta' pjaċir (*marinas*), *locks*, eċċ., - digi u *dykes*, - tindif mill-ħama, - xogħlijiet fis-sottosuperfiċje.	45240000
		45.25	Xogħol ieħor ta' kostruzzjoni li jinvolvi snajja' speċjali	Din il-klassi tinkludi: - attivitajiet ta' kostruzzjoni li jispeċjalizzaw f'aspett wieħed komuni għal tipi differenti ta' strutturi, li jeħtieġu ħiliet jew apparat speċjalizzati, - kostruzzjoni ta' pedamenti, inkluż il-battipali (*pile driving*), - *drilling* ta' bjar tal-ilma u tħaffir ta' xaftijiet, - twaqqif ta' elementi tal-azzar mhux awtomanifatturati, - tgħawwiġ tal-azzar, - tqegħid tal-briks u ssettjar tal-ġebel, - armar u żarmar ta' scaffolds u pjattaformi tax-xogħol, inkluż kiri ta' *scaffolds* u pjattaformi tax-xogħol, - kostruzzjoni ta' ċumnijiet u fran industrijali.	45250000 45262000

		NACE Rev[1]			Kodiċi CVP
Sezzjoni F		KOSTRUZZJONI			
Diviżjoni	Grupp	Klassi	Suġġett	Noti	
				- il-kiri ta' *scaffolds* mingħajr l-armar u ż-żarmar, ara 71.32.	
	45.3		Installazzjoni ta' bini		45300000
		45.31	Installazzjoni ta' sistemi ta' wajers u tagħmir tal-elettriku	Din il-klassi tinkludi: installazzjoni f'bini jew fi proġetti oħrajn ta' kostruzzjoni ta': - wajering u *fittings* tal-elettriku - sistemi ta' telekomunikazzjoni, - sistemi ta' tisħin bl-elettriku, - antenni u *aerials* residenzjali - allarm tan-nar, - sistemi ta' allarm kontra s-serq, - lifts u *escalators*, - kalamiti tas-sajjetti, eċċ.	45213316 45310000 Għajr: - 45316000
		45.32	Attivitajiet ta' xogħol ta' iżolazzjoni	Din il-klassi tinkludi: - installazzjoni f'bini jew fi proġetti oħrajn ta' kostruzzjoni ta' iżolament termali, tal-ħoss jew tal-vibrazzjoni. Din il-klassi teskludi: - trattament biex ma jgħaddix l-ilma, ara 45.22.	45320000

		NACE Rev[1]			Kodiċi CVP
Sezzjoni F		KOSTRUZZJONI			
Diviżjoni	Grupp	Klassi	Suġġett	Noti	
		45.33	Sistema ta' pajpijiet tal-ilma	Din il-klassi tinkludi: - installazzjoni f'bini jew fi proġetti oħrajn ta' kostruzzjoni ta': - tagħmir tal-ilma u tal-kmamar tal-banju, - *fittings* tal-gass, - apparat u tubi ta' tisħin, ventilazzjoni, tkessiħ jew kondizzjonar tal-arja, - sistemi ta' *sprinklers*. Din il-klassi teskludi: - installazzjoni ta' sistemi ta' tisħin bl-elettriku, ara 45.31.	45330000
		45.34	Installazzjoni oħra fil-bini	Din il-klassi tinkludi: - installazzjoni ta' sistemi ta' illuminazzjoni u sinjalar għat-toroq, il-linji ferrovarji, l-ajruporti u l-portijiet, - installazzjonijiet f'bini jew fi proġetti oħrajn ta' kostruzzjoni ta' *fittings* u *fixtures* n.e.c.	45234115 45316000 45340000
	45.4		Tlestija tal-bini		45400000
		45.41	Tikħil	Din il-klassi tinkludi: - applikazzjoni f'bini jew fi proġetti oħrajn ta' kostruzzjoni ta' ġibs ta' ġewwa u ta' barra u *stucco*, inklużi materjali tat-torn relatati.	45410000

		NACE Rev[1]			Kodiċi CVP
Sezzjoni F		KOSTRUZZJONI			
Diviżjoni	Grupp	Klassi	Suġġett	Noti	
		45.42	Installazzjonijiet mill-mastrudaxxa	Din il-klassi tinkludi: - installazzjoni ta' bibien, twieqi, oqfsa tal-bibien u tat-twieqi, kċejjen tal-qies, turġien, tagħmir tal-ħwienet u ta' dik ix-xorta, mhux awtomanifatturati, tal-injam jew ta' materjal ieħor, - tlestija tal-partijiet interni bħas-soqfa, kisi tal-ħitan bl-injam, *partitions* mobbli, eċċ. Din il-klassi teskludi: - tqegħid ta' *parquet* u kisi ieħor tal-injam għall-art, ara 45.43.	45420000
		45.43	Kisi tal-art u tal-ħajt	Din il-klassi tinkludi: tqegħid, kisi bil-madum, dendil jew fittings fil-bini jew proġetti oħrajn ta' kostruzzjoni ta': - madum tal-ħajt jew tal-art magħmula minn ċeramika, konkrit jew ġebel għall-bini, - kisi tal-art bil-*parquet* u b'injam ieħor u kisi tal-art bil-linolju, - inkluż bil-gomma jew plastik, - terrazzo, irħam, granit jew lavanja għall-kisi tal-art jew tal-ħajt, - *wallpaper*.	45430000

		NACE Rev[1]			Kodiċi CVP
Sezzjoni F		KOSTRUZZJONI			
Diviżjoni	Grupp	Klassi	Suġġett	Noti	
		45.44	Tibjid u tqegħid tal-ħġieġ fit-twieqi	Din il-klassi tinkludi: - tibjid tal-bini minn ġewwa u minn barra, - tibjid ta' strutturi tal-inġinerija ċivili, - installazzjoni ta' ħġieġ, mirja, eċċ. Din il-klassi teskludi: - installazzjoni ta' twieqi, ara 45.42.	45440000
		45.45	Tlestija oħra ta' bini	Din il-klassi tinkludi: - installazzjoni ta' pixxini privati tal-għawm, - tindif bil-fwar, sand blasting u attivitajiet simili għall-parti ta' barra tal-bini, - tlestija ta' bini ieħor u xogħol ta' rfinar n.e.c. Din il-klassi teskludi: - tindif minn ġewwa ta' bini u strutturi oħrajn, ara 74.70.	45212212 u DA04 45450000
	45.5		Kiri ta' apparat tal-kostruzzjoni jew tad-demolizzjoni bl-operatur		45500000
		45.50	Kiri ta' apparat tal-kostruzzjoni jew tad-demolizzjoni bl-operatur	Din il-klassi teskludi: - il-kiri ta' makkinarju għall-kostruzzjoni u għad-demolizzjoni mingħajr operaturi, ara 71.32.	45500000

Emendata:
A.L. 155 tal-2017;
A.L. 233 tal-2017;
A.L. 26 tal-2018;
A.L. 263 tal-2018.
Sostitwit:
A.L. 56 tal-2021.
Emendata:
XVII.2024.33;
A.L. 112 tal-2024;
A.L. 110 tal-2025.

Skeda 16

Lista ta' Awtoritajiet Kontraenti li jamministraw l-akkwist pubbliku tagħhom skont id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti.

- Uffiċċju tal-Prim Ministru/Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti/Dipartiment responsabbli għas-Servizzi Korporattivi
- Ministeru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej/Uffiċċju tasSegretarju Permanenti/Dipartiment responsabbli għasServizzi Korporattivi
- Ministeru għall-Anzjani u L-Anzjanità Attiva/Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti/ Dipartiment responsabbli għas-Servizzi Korporattivi
- Ministeru għar-Riċerka, l-Innovazzjoni u l-Kordinazzjoni tal-Istrateġija Wara Covid-19/Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti/Dipartiment responsabbli għas-Servizzi Korporattivi
- Ministeru għall-Inklużjoni u l-Kwalità tal-Ħajja, l-Arti u l-Gvern Lokali/ Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti/Dipartiment responsabbli għas-Servizzi Korporattivi
- Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u Gvern Lokali/Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti/Dipartiment responsabbli għas-Servizzi Korporattivi
- Ministeru fi Ħdan l-Uffiċċju tal-Prim Ministru/Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti/Dipartiment responsabbli għas-Servizzi Korporattivi
- Ministeru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali/Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti/Dipartiment responsabbli għas-Servizzi Korporattivi
- Ministeru għas-Solidarjeta' u l-Ġustizzja Soċjali, il-Familja u d-Drittijiet tat-Tfal/Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti/Dipartiment responsabbli għas-Servizzi Korporattivi
- Ministeru għall-Ġustizzja, l-Ugwaljanza u l-Governanza/Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti/Dipartiment responsabbli għas-Servizzi Korporattivi
- Ministeru għall-Agrikoltura, Sajd u Drittijiet tal-Annimali/Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti/Dipartiment responsabbli għas-Servizzi

Korporattivi

- Ministeru għall-Akkomodazzjoni Soċjali/Uffiċċju tasSegretarju Permanenti/Dipartiment responsabbli għas-Servizzi Korporattivi
- Ministeru għall-Edukazzjoni/Uffiċċju tasSegretarju Permanenti/ Dipartiment responsabbli għas-Servizzi Korporattivi
- Ministeru għall-Ekonomija u l-Industrija/ Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti/Dipartiment responsabbli għas-Servizzi Korporattivi
- Ministeru għall-Ambjent, it-Tibdil fil-Klima u l-Ippjanar/Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti/Dipartiment responsabbli għas-Servizzi Korporattivi
- Ministeru għal Għawdex/Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti/Dipartiment responsabbli għas-Servizzi Korporattivi
- Ministeru għall-Interna, is-Sigurtà Nazzjonali u l-Infurzar tal-Liġi/ Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti/Dipartiment responsabbli għas-Servizzi Korporattivi
- Ministeru għat-Turiżmu u Protezzjoni tal-Konsumatur/Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti/Dipartiment responsabbli għas-Servizzi Korporattivi
- Ministeru għall-Enerġija, l-Intrapriża, u l-Iżvilupp Sostenibbli/Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti/Dipartiment responsabbli għas-Servizzi Korporattivi
- Ministeru għall-Finanzi u x-Xogħol/Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti/ Dipartiment responsabbli għas-Servizzi Korporattivi
- Aġenzija Appoġġ
- Aġenzija dwar il-Fond għall-Iżvilupp Nazzjonali u Soċjali
- Aġenzija dwar is-Servizzi tal-Qrati
- Aġenzija dwar Visa u Residenza f'Malta
- Aġenzija Festivals Malta
- Aġenzija għal Ħarsien ta' Persuni li jkunu qed ifittxu Asil
- Aġenzija għall-Enerġija u l-Ilma
- Aġenzija għall-Irkupru tar-Riżorsi u Riċiklaġġ
- Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali
- Aġenzija għar-Reġistrazzjoni tal-Artijiet

- Aġenzija għas-Servizzi Korrettivi
- Aġenzija għas-Sistema ta' Infurzar Lokali
- Aġenzija Identità Malta
- Aġenzija Komunità Malta
- Aġenzija Kulturali għall-Belt Valletta
- Aġenzija Malta-EU Steering and Action Committee
- Aġenzija Malta Food
- Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu
- Aġenzija Sapport
- Aġenzija Servizz.gov
- Aġenzija ta' Programmi tal-Unjoni Ewropea
- Aġenzija taċ-Ċentru Nazzjonali għal Aerospace
- Aġenzija tal-Bini u tal-Kostruzzjoni
- Aġenzija tal-Għajnuna Legali
- Aġenzija tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni ta' Malta
- Aġenzija Żgħażagħ
- Akkademja tal-Mediterran għal Studji Diplomatiċi
- Arkivji Nazzjonali
- Automated Revenue Management Services Ltd.
- Avukat Ġenerali
- Avukat tal-Istat
- Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi
- Awtorità għat-Trasport f'Malta
- Awtorità Maltija dwar il-Logħob
- Awtorità Nazzjonali dwar l-Impjiegi
- Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni
- Awtorità ta' Malta dwar it-Turiżmu

- Awtorità ta' Malta dwar l-Istatistika
- Awtorità ta' Malta dwar Servizzi Finanzjarji
- Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur
- Awtorità ta' Standards ta' Ħarsien Soċjali
- Awtorità tad-Djar
- Awtorità tal-Artijiet
- Awtorità tal-Innovazzjoni Diġitali ta' Malta
- Awtorità tal-Ippjanar
- Awtorità tax-Xandir
- Bank Ċentrali ta' Malta
- Bank Malti ta' Żvilupp
- Biċċerja Pubblika
- Bord li Jirregola l-Bini
- Bord ta' Reviżjoni dwar il-Kuntratti Pubbliċi
- Bord tal-Benneja
- Bord tal-Immaniġġjar u l-Amministrazzjoni tal-Uffiċċju tal-Arbitru għas-Servizzi Finanzjarji
- Bord tal-Koperattivi
- Borża ta' Malta
- Bureau dwar l-Investigazzjoni ta' Inċidenti tal-Ajru
- Casma Ltd
- Ċentru Mediterran għal Konferenzi
- Ċentru ta' Malta dwar Arbitraġġ
- Ċentru ta' Malta dwar il-Medjazzjoni
- Conventions Malta
- Direttorat għall-Osservanza ta' Benefiċċji
- Dipartiment dwar is-Sigurtà Soċjali
- Dipartiment għall-Gvern Lokali

- Dipartiment għall-Affarijiet Rurali
- Dipartiment għat-Trattament Xieraq tal-Annimali
- Dipartiment responsabbli mill-Blata Kontinentali
- Dipartiment tad-Dwana
- Dipartiment tal-Anzjanità Attiva u Servizzi fil-Komunità
- Dipartiment tal-Ġustizzja
- Dipartiment tal-Indafa u Manutenzjoni
- Dipartiment tal-Informazzjoni
- Dipartiment tal-Kummerċ
- Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili
- Dipartiment tal-Pulizija
- Dipartiment tas-Sajd u Akwakultura
- Dipartiment tat-Teżor
- Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi
- Direttorat dwar ir-Restawr
- Direttorat dwar Proġetti u Żvilupp (Għawdex)
- Direttorat għad-Drittijiet tal-Bniedem
- Direttorat għall-Affarijiet Rurali (Għawdex)
- Direttorat għall-Akkwist Settorjali
- Direttorat għall-Awditjar Intern u Investigazzjonijiet
- Direttorat għall-Iżvilupp Reġjonali EkoGħawdex
- Direttorat għal-protezzjoni tal-pjanti
- Direttorat għas-Servizzi (Għawdex)
- Direttorat għat-Trattament Xieraq tal-Annimali
- Direttorat għat-Turiżmu u l-Iżvilupp Ekonomiku
- Diviżjoni għas-Support tad-dħul u Osservanza
- Diviżjoni ta' Strateġija u Servizzi ta' Sapport

- Diviżjoni tal-Fondi u l-Programmi
- Diviżjoni tal-Ippjanar u l-Koordinazzjoni tal-Prijoritajiet
- Diviżjoni tal-Operat (Għawdex)
- Engineering Resources Ltd.
- Esplora
- EuroMedITI Ltd
- Eżamijiet
- Film Finance Malta Ltd
- Finance Malta
- Fondazzjoni Ċentru għal Kreattività
- Fondazzjoni Education Malta
- Fondazzjoni eSkills Malta
- Fondazzjoni GamingMalta
- Fondazzjoni għac-Ċelebrazzjonijiet Nazzjonali Maltin
- Fondazzjoni għas-Servizzi fil-Welfare Soċjali
- Fondazzjoni għall-Aċċessibbiltà tal-ICT
- Fondazzjoni għall-Iskejjel ta' Għada
- Fondazzjoni għall-Iżvilupp taż-Żoni Turistiċi
- Fondazzjoni għal-Logħob Responsabbli
- Fondazzjoni għan-Negozju fid-Distrett Ċentrali
- Fondazzjoni għas-Servizzi Edukattivi
- Fondazzjoni Kottonera
- Fondazzjoni Patrimonju Malti
- Fondazzjoni Property Malta
- Fondazzjoni Start-up Malta
- Forzi Armati ta' Malta
- Gozo Channel (Holdings) Ltd

- Gozo Channel (Operations) Ltd.
- Gozo Fibre Optic Cable Co Ltd
- Gozo Heliport Limited
- Grand Harbour Regeneration Corporation p.l.c.
- Heritage Malta
- Housing Maintenance and Embellishment Co Ltd
- Il-Fondazzjoni Maltija għall-Benesseri tas-Soċjetà
- Infrastruttura Malta
- International Energy Service Centre
- International Engineering Services Ltd
- Intrapriża Malta
- IP Holding
- Istitut dwar Studji Turistiċi
- Istitut għall-Edukazzjoni
- Istitut għas-Servizzi Pubbliċi
- Jobs Plus
- Junior College
- Kordin Grain Terminal
- Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja
- Kulleġġ ta' Malta tal-Arti, Xjenza u Teknoloġija
- Kumitat ta' Kordinament Nazzjonali biex jiġi Miġġieled Money Laundering u Finanzjar tat-Terroriżmu
- Kumitat tal-Welfare
- Kummissarju għall-Protezzjoni tal-Informazzjoni u d-Data
- Kummissarju għar-Rifuġjati
- Kummissarju tat-Taxxi
- Kummissjoni dwar il-Vjolenza abbażi tal-Ġeneru u Vjolenza Domestika
- Kummissjoni Ċinematografika ta' Malta

- Kummissjoni għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità
- Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku
- Kummissjoni Nazzjonali għal Anzjanità Attiva
- Kummissjoni Nazzjonali għal Edukazzjoni Ogħla
- Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni ta' Ugwaljanza bejn Irġiel u Nisa
- Kummissjoni Nazzjonali Maltija għall-UNESCO
- Kummissjoni Permanenti Kontra l-Korruzzjoni
- Kummissjoni tal-Impjiegi
- Kunsill Fiskali Konsultattiv
- Kunsill għat-Tagħlim tal-Ingliż
- Kunsill Konsultattiv dwar l-Industrija tal-Bini
- Kunsill Malti għall-Arti
- Kunsill Malti għall-Arti u l-Kultura
- Kunsill Malti għall-Iżvilupp Ekonomiku u Soċjali
- Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb
- Kunsilli Lokali
- Leap
- Libreriji Maltin
- Malpro Ltd
- Malta Air Traffic Services Ltd
- Malta International Contemporary Art
- Malta Electronic Certification Services Ltd
- Malta Government Investments Ltd
- Malta Government Technology Investment Ltd
- Malta Investment Management Co Ltd
- Mediterranean Offshore Bunkering Co. Ltd.
- Melita TransGas Co Ltd

- National Blockchain Strategy Foundation
- National Orchestra Ltd
- Nutar tal-Gvern
- Petromal Ltd
- Projects Malta Ltd
- Projects Plus Ltd.
- Property Management Services Ltd
- Public Broadcasting Services Ltd.
- Reġistru dwar in-Negozju ta' Malta
- Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma
- Resource Support Services Ltd
- Relazzjonijiet Industrijali u Impjiegi
- Riżorsi Agrikoli Malta
- Riżorsi Akkwatiċi Malta
- RSS Ltd
- Safe City Ltd
- San Vinċenz de Paul (SVP)
- Sedqa
- Sezzjoni tal-Privatizzazzjoni
- Social Project Management Ltd
- Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali
- SportMalta
- Stamperija tal-Gvern
- Taskforce Maltija dwar l-Ispazju
- Teatru Manoel
- Tisbiħ Malta
- TradeMalta Ltd

- Tribunal għas-Servizzi Finanzjarji
- Uffiċċju Elettorali
- Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi
- Uffiċċju Konġunt
- Uffiċċju tal-Kummissarju għall-Persuni Anzjani
- Uffiċċju tal-Kummissarju għall-Organizzazzjonijiet Volontarji
- Uffiċċju tal-Kummissarju għat-Tfal
- Uffiċċju tal-Uffiċjal Ewlieni tal-Informazzjoni (Għawdex)
- Uffiċċju tal-Uffiċjal Ewlieni tal-Informazzjoni (MAFA)
- Uffiċċju tal-Uffiċjal Ewlieni tal-Informazzjoni (MTIP)
- Uffiċċju tar-Regolamentazzjoni tal-Bini
- Uffiċċju tar-Regolatur IIP
- Unità tal-Effiċjenza ta' Tmexxija
- Università ta' Malta
- WasteServ (Malta) Ltd
- Yachting Malta Ltd
- ŻFIN Malta